

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/894

tal-4 ta' April 2023

li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formoli għas-sottomissjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji tagħhom ta' informazzjoni meħtieġa għas-superviżjoni tagħhom u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2450

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-25 ta' Novembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 35(10), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 244(6), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 245(6), it-tieni subparagrafu, tagħha,

Billi:

- (1) L-informazzjoni riċevuta permezz tar-rapportar hija essenzjali għas-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju u għall-protezzjoni tad-detenturi ta' polza. Għal dan il-għan, is-superviżuri jeħtieġ li jirċievu data sinifikanti fi żmien raġonevoli. Sabiex jiġi żgurat li r-reqwiżiti ta' rapportar jibqgħu aġġornati u jkunu jirriflettu r-riskji emerġenti u l-prattiki li qegħdin jevolvu, huwa meħtieġ li jiġu riveduti b'mod sostanzjali l-formoli ta' rapportar ipprovduti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2450. Dan jeħtieġ bidliet f'bosta formoli, iż-żieda ta' formoli ġodda u t-tneħħija ta' dawk li ma għadhomx jintużaw. Minħabba l-firxa tal-bidliet, huwa xieraq li jitħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2450.
- (2) In-negozju transfruntier ma huwiex intrinsikament aktar riskjuż, iżda jżid saff ieħor ta' kumplesità. Jenħtieġ li superviżjoni effettiva tiżgura li d-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji kollha jirċievu trattament ugwali, irrispettivament min-nazzjonalità jew mill-post tar-residenza tagħhom. Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-kisba ta' dan l-objettiv, il-formoli transfruntiera eżistenti huma sostitwiti b'formoli ta' rapportar ġodda li jikkonsolidaw ir-reqwiżit ta' informazzjoni li jkopri informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż kemm skont il-post tas-sottoskrizzjoni kif ukoll il-post tar-riskju.
- (3) Huwa meħtieġ ukoll li jiġi stabbilit ċertu reqwiżit legali minimu fir-rigward tal-firxa tal-informazzjoni dwar ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima rrapportati lill-awtoritajiet superviżorji. Jenħtieġ li l-impriżi jipprovdur ħarsa ġenerali lejn is-sehem rispettiv tagħhom ta' investimenti esposti għal tranżizzjoni relatata mat-tibdil fil-klima u riskju fiżiku għall-awtoritajiet superviżorji.
- (4) Hemm nuqqas ta' granularità fir-rigward tal-informazzjoni għal prodotti ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja, li hija detrimental għall-protezzjoni tad-detentur ta' polza. Għalhekk, jenħtieġ li s-superviżuri jkollhom informazzjoni ċara dwar il-kategorija tal-livell tal-prodott. Għal dan il-għan, qiegħda tiġi introdotta formola ġdida dwar l-analiżi tal-obbligi mhux tal-ħajja għar-rapportar skont il-linja tan-negozju bi ffit eċċezzjonijiet irrapportati skont il-kategoriji tal-prodotti.

⁽¹⁾ ĠUL 335, 17.12.2009, p. 1.

- (5) Billi l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jistgħu jissottoskrivu dejjem aktar ir-riskju ċibernetiku, jenħtieġ li s-superviżuri jinkorporaw kunsiderazzjonijiet dwar dan ir-riskju emerġenti fl-attivitajiet superviżorji tagħhom. Sabiex jiġu ffaċilitati tali attivitajiet, hija inkluża formola ġdida ta' rapportar dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni ċibernetika.
- (6) Bħala parti mill-proċess ta' rieżami superviżorju, huwa importanti li l-awtoritajiet superviżorji jkunu jistgħu jimmonitorjaw l-adegwatezza tal-mudelli interni. Il-mudelli interni parzjali u sħaħ jippermettu li jiġi kopert aħjar ir-riskju individwali ta' kumpanija u d-Direttiva 2009/138/KE tippermetti lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużawhom għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti kapitali mingħajr limitazzjonijiet li joħorġu mill-formula standard. Madankollu, il-valutazzjonijiet ibbażati fuq informazzjoni mhux standardizzata jagħmlu s-superviżjoni aktar diffiċli. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jibbenefikaw minn formoli ġodda u struzzjonijiet iċċarati, li jappoġġaw il-produzzjoni ta' data sensibbli.
- (7) Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' rapportar ma jkunux onerużi żżejjed għall-impriżi. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat kif diversi rekwiżiti ta' rapportar japplikaw b'mod proporzjonat mingħajr ma tiġi pperikolata l-kwalità tad-data li għandha tiġi pprovduta mill-impriżi.
- (8) L-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u l-impriżi tar-riassigurazzjoni "captive" li jkopru biss ir-riskji assoċjati mal-grupp industrijali jew kummerċjali li jappartjenu għalih, jippreżentaw profil ta' riskju partikolari li jenħtieġ li jitqies meta jiġu ddefiniti r-rekwiżiti ta' rapportar. Għalhekk, jenħtieġ li l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u l-impriżi tar-riassigurazzjoni "captive" jkunu jistgħu jibbenefikaw minn arranġamenti speċifiċi ta' rapportar abbażi tar-riskju.
- (9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma marbuta ma' xulxin mill-qrib, peress li kollha jitrattaw is-sottomissjoni tal-informazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-gruppi lill-awtoritajiet superviżorji. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn daww id-dispożizzjonijiet, li jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, jiġi ffaċilitat fehim komprensiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet u jiġi żġurat aċċess faċli għalihom mill-persuni soġġetti għall-obbligi ta' rapportar, inklużi investituri mhux stabbiliti fl-Unjoni, huwa mixtieq li l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa mill-Artikolu 35(10), l-Artikolu 244(6) u l-Artikolu 245(6) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu inklużi f'Regolament wieħed.
- (10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.
- (11) L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (12) Jenħtieġ li l-impriżi jingħataw żmien biżżejjed sabiex jimplimentaw ir-rekwiżiti ta' rapportar aġġornati. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

FORMOLI TA' RAPPORTAR SUPERVIŻORJU

Artikolu 1

Formati ta' rapportar superviżorju

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive", l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu l-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-data ddeterminati mill-awtoritajiet superviżorji jew mis-superviżur tal-grupp u f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-punti tad-data bit-tip ta' data "monetarja" għandhom jiġu espressi f'unitajiet mingħajr deċimali, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-formoli S.06.02, S.08.01 u S.11.01 tal-Annessi I u III ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni li għandhom jiġu espressi f'unitajiet b'żewġ deċimali;

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

- (b) il-punti tad-data bit-tip ta' data "perċentwal" għandhom ikunu espressi skont l-unità b'erba' deċimali;
- (c) il-punti tad-data bit-tip ta' data "numru sħiħ" għandhom jiġu espressi f'unitajiet mingħajr ċifri deċimali;
- (d) il-punti tad-data kollha għandhom jiġu espressi b'hal valuri pożittivi ħliet fil-każijiet li ġejjin:
 - (i) il-punti tad-data huma ta' natura opposta mill-ammont naturali tal-oġġett;
 - (ii) in-natura tal-punt tad-data tippermetti li jiġu rrapportati valuri pożittivi u negattivi;
 - (iii) ikun meħtieġ format ta' rrapportar differenti mill-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness ikkonċernat.

Artikolu 2

Munita tar-rapportar

1. Sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-munita tar-rapportar għandha tkun il-munita li ġejja:

- (a) għar-rapportar individwali, il-munita użata għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;
- (b) għar-rapportar ta' grupp, il-munita użata għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji konsolidati.

2. Il-punti tad-data bit-tip ta' data "monetarja" għandhom jiġu rrapportati fil-munita tar-rapportar, li teħtieġ il-konverżjoni ta' kwalunkwe munita oħra fil-munita tar-rapportar, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

3. Meta jiġi espress il-valur ta' kwalunkwe assi jew obligazzjoni denominati f'munita oħra għajr il-munita tar-rapportar, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive", l-impriżi parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jikkonvertu l-valur fil-munita tar-rapportar bħallikieku l-konverżjoni kienet seħħet bir-rata tal-għeluq tal-aħħar jum li għalih kienet disponibbli r-rata xierqa fil-perjodu ta' rrapportar li għalih jirrelataw l-assi jew l-obbligazzjoni.

4. Meta jiġi espress il-valur ta' kwalunkwe introjtu jew spiża, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive", l-impriżi parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jikkonvertu dak il-valur fil-munita tar-rapportar billi jużaw l-istess bażi ta' konverżjoni bħal dik użata għal finijiet ta' kontabilità.

5. Meta jiġu espressi l-valuri tad-data storika denominata f'munita għajr il-munita tar-rapportar, tali valuri relatati ma' perjodi ta' rrapportar preċedenti għandhom jiġu kkonvertiti fil-munita tar-rapportar abbażi tar-rata tal-għeluq fl-aħħar jum tal-perjodu li jkun qiegħed jiġi rrapportat li għalih tkun disponibbli r-rata ta' konverżjoni.

6. Sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja, il-konverżjoni fil-munita tar-rapportar għandha tiġi kkalkolata billi tiġi applikata r-rata tal-kambju mill-istess sors bħal dak użat għar-rapporti finanzjarji tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-każ ta' rrapportar individwali, jew l-istess sors użat għar-rapporti finanzjarji konsolidati fil-każ ta' rrapportar ta' grupp

Artikolu 3

Is-sottomissjoni mill-ġdid tal-informazzjoni

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive" u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom ikunu responsabbli għall-kwalità tal-informazzjoni rrapportata.

Huma għandhom jerġgħu jissottomettu kemm jista' jkun malajr l-informazzjoni rrapportata bl-użu tal-formoli msemmija f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, fejn:

- (a) l-informazzjoni rrapportata oriġinarjament tkun inbidlet b'mod materjali b'rabta mal-istess perjodu ta' rapportar wara s-sottomissjoni ta' dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji jew lis-superviżur tal-grupp; jew
- (b) l-awtoritajiet superviżorji jew is-superviżur tal-grupp jitolbu dan minħabba kwistjonijiet materjali tal-kwalità tad-data.

Artikolu 4

Limiti ta' rapportar ibbażati fuq ir-riskju

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive", l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin ma għandhomx ikunu meħtieġa mill-awtoritajiet superviżorji jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/138/KE li għaliha japplika limitu ta' rapportar ibbażat fuq ir-riskju meta dak il-limitu ma jinqabiżx kemm fis-sena ta' rapportar kurrenti kif ukoll f'dik preċedenti.
2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive", l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin li ma jaqbūx il-limiti applikabbli ta' rapportar ibbażat fuq ir-riskju kif definiti fil-paragrafu preċedenti għandhom jiġu eżentati milli jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/138/KE li għaliha jiġu identifikati limiti bbażati fuq ir-riskju f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għas-sena ta' rapportar kurrenti u ta' wara.
3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive", l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin li jaqbū l-limiti applikabbli ta' rapportar ibbażat fuq ir-riskju kif definiti fil-paragrafu 1 għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/138/KE li għaliha jiġu identifikati limiti bbażati fuq ir-riskju f'dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni għas-sena ta' rapportar kurrenti u jivvalutaw mill-ġdid jekk il-limiti ma jinqabiżx fis-sena ta' rapportar ta' wara.
4. L-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin għandhom jużaw il-formoli kif stabbiliti fl-Artikoli 7, 9, 11, 13, 14, 16, 18, 20, 22, 24 u 25 ta' dan ir-Regolament:
 - (a) b'rabta mal-obbligi tal-assigurazzjoni, dawk kollha assigurati u l-benefiċjarji huma entitajiet legali tal-grupp li għalih tappartjeni l-impriża tal-assigurazzjoni "captive" jew huma persuni fiżiċi eliġibbli li jkun koperti taħt il-poloż tal-assigurazzjoni tal-grupp, sakemm in-negozju li jkopri l-persuni fiżiċi jibqa' taħt il-5 % tad-dispożizzjonijiet tekniċi;
 - (b) l-obbligi tal-assigurazzjoni u l-kuntratti tal-assigurazzjoni sottostanti għall-obbligi tar-riassigurazzjoni ma jirrelataw ma' ebda assigurazzjoni obligatorja tar-responsabbiltà ta' terzi.
5. L-impriżi tar-riassigurazzjoni "captive" li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin għandhom jużaw il-formoli kif stabbiliti fl-Artikoli 7, 9, 12, 15, 17, 19, 21, 22 u 25 ta' dan ir-Regolament:
 - (a) il-kundizzjonijiet fil-punti a) u b) tal-paragrafu preċedenti;
 - (b) is-self fis-seħħ mal-kumpanija omm jew ma' kwalunkwe kumpanija tal-grupp, inkluż l-ippuljar ta' flus kontanti, ma jaqbūx l-20 % tal-Assi Totali miżmuma mill-impriża tar-riassigurazzjoni kaptiva;
 - (c) it-telf massimu li jirriżulta mill-provvedimenti tekniċi grossi jkun jista' jiġi vvalutat b'mod deterministiku mingħajr l-użu ta' metodi stokastiċi.

KAPITOLU II

FORMOLI KWANTITATTIVI TA' RAPPORTAR GĦAL IMPRIŻI INDIVIDWALI

Artikolu 5

Formoli kwantitattivi trimestrali għall-impriżi individwali

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jissottomettu fuq bażi trimestrali, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni jew il-frekwenza tar-rapportar ma jkun limitati f'konformità mal-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.01.01.02 tal-Anness I, li tispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.01.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-formola S.01.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni bażika dwar l-impriża u l-kontenut tar-rappurtar inġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.01.02 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.02.01.02 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni tal-karta bilanċjali bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni msemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.02.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (d) il-formola S.05.01.02 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonossiment użati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża għal kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.05.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (e) il-formola S.06.02.01 tal-Anness I, li tipprovdi lista tal-assi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.02 tal-Anness II u bl-użu tal-kodiċi ta' Identifikazzjoni Komplementari ("il-kodiċi CIC") kif stabbilit fl-Anness V u speċifikat fl-Anness VI;
- (f) meta l-proporzjon tal-investimenti kollettivi miżmuma mill-impriża għall-investimenti totali jkun ogħla minn 30 %, il-formola S.06.03.01 tal-Anness I, li tipprovdi informazzjoni dwar it-trasparenza tal-investimenti kollettivi kollha miżmuma mill-impriża, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.03 tal-Anness II;
- (g) il-formola S.08.01.01 tal-Anness I, li tipprovdi lista tal-pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.08.01 tal-Anness II u bl-użu tal-kodiċi CIC kif stabbilit fl-Anness V u speċifikat fl-Anness VI;
- (h) il-formola S.12.01.02 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-provvedimenti tekniċi relatati mal-assigurazzjoni tal-ħajja u l-assigurazzjoni tas-saħħa segwiti fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja ("SLT tas-saħħa") għal kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.12.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (i) il-formola S.17.01.02 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja għal kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.17.01 tal-Anness II;
- (j) il-formola S.23.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.23.01 tal-Anness II;
- (k) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu jwettqu attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-ħajja biss jew inkella mhux tal-ħajja biss, il-formola S.28.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali Minimu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.28.01 tal-Anness II;
- (l) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jkunu involuti f'attività ta' assigurazzjoni kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja, il-formola S.28.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali Minimu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.28.02 tal-Anness II.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (f), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiddeterminaw il-proporzjon ta' investimenti kollettivi miżmuma mill-impriża mal-investimenti totali billi jieħdu s-somma tal-entrati C0010/R0180, l-impriżi ta' investiment kollettiv inklużi fl-entrata C0010/R0220 u l-impriżi ta' investiment kollettiv inklużi fl-entrata C0010/R0090 tal-formola S.02.01.02 u jiddividu dak l-ammont bis-somma tal-entrati C0010/R0070 u C0010/R0220 tal-formola S.02.01.02.

Artikolu 6

Formoli kwantitattivi trimestrali għall-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni kaptiva

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jissottomettu fuq bażi trimestrali, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni jew il-frekwenza tar-rappurtar ma jkunux limitati f'konformità mal-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola SR.01.01.02 tal-Anness I, li tispesifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.01.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.01.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni bażika dwar l-impriża u l-kontenut tar-rappurtar inġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.01.02 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.02.01.02 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni tal-karta bilanċjali bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni msemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.02.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (d) il-formola S.05.01.02 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonoxximent użati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża għal kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.05.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (e) il-formola S.12.01.02 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-provvedimenti tekniċi relatati mal-assigurazzjoni tal-ħajja u l-assigurazzjoni tas-saħħa segwiti fuq bażi teknika simili għal dik tal-assigurazzjoni tal-ħajja ("SLT tas-saħħa") għal kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.12.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (f) il-formola S.17.01.02 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja għal kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.17.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (g) il-formola S.23.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.23.01 tal-Anness II;
- (h) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive" jkunu involuti f'attività ta' assicurazzjoni u riassigurazzjoni tal-ħajja biss jew mhux tal-ħajja biss, il-formola S.28.01.01 tal-Anness I, li tispesifika r-Rekwiżit Kapitali Minimu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.28.01 tal-Anness II;
- (i) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" jkunu involuti f'attività ta' assicurazzjoni kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja, il-formola S.28.02.01 tal-Anness I, li tispesifika r-Rekwiżit Kapitali Minimu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.28.02 tal-Anness II.

Artikolu 7

Simplifikazzjonijiet permessi fuq ir-rapportar trimestrali għal impriżi individwali u impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni kaptiva

1. Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punt (c), u fl-Artikolu 6, il-punt (c), il-valwazzjoni tad-data tista' tiddependi fuq estimi u metodi ta' stima aktar mill-valwazzjoni tad-data finanzjarja annwali. Il-valwazzjoni għar-rapportar trimestrali għandha titfassal sabiex tiżgura li l-informazzjoni li tirriżulta tkun affidabbli u tikkonforma mal-istandards stipulati fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u li l-informazzjoni materjali kollha li tkun rilevanti għall-fehim tad-data tiġi rrapportata f'konformità mal-Artikolu 305 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.
2. Meta jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (h) u (i), u fl-Artikolu 6, il-punti (e) u (f), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive" jistgħu japplikaw metodi ssimplifikati fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi.

Artikolu 8

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive" — Informazzjoni bażika u kontenut tas-sottomissjoni

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" u tar-riassigurazzjoni "captive" għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.01.01.01 tal-Anness I, li tispesifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.01.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.01.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni bażika dwar l-impriża u l-kontenut tar-rappurtar inġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.01.02 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.01.03.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni bażika dwar il-fondi delimitati u l-portafolli tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.01.03 tal-Anness II.

Artikolu 9

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali — Informazzjoni tal-karta bilanċjali u informazzjoni ġenerali oħra

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.02.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni tal-karta bilanċjali bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni msemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u tal-valwazzjoni skont ir-rapporti finanzjarji tal-impriża, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.02.01 tal-Anness II;
- (b) sakemm munita waħda ma tirrappreżentax aktar minn 80 % tal-obbligazzjonijiet totali, il-formola S.02.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet skont il-munita, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.02.02 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.03.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni ġenerali dwar entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.03.01 tal-Anness II, fejn japplika (i) jew (ii):

(i) l-ammont ta' kwalunkwe wieħed mill-valuri li ġejjin huwa ogħla minn 2 % tal-Assi Totali:

1. il-valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Garanziji pprovduti mill-impriża, inklużi ittri ta' kreditu (C0020/R0010) flimkien mal-Valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Kollateral totali mirhun (C0020/R0300) flimkien mal-Valur massimu — Obligazzjonijiet Kontinġenti totali (C0010/R0400); jew
2. il-valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Garanziji riċevuti mill-impriża, inklużi ittri ta' kreditu (C0020/R0030) flimkien mal-Valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Kollateral totali miżmum (C0020/R0200);

(ii) l-impriża tkun ipprovdiet jew irċeviet kwalunkwe garanzija mhux limitata;

- (d) il-formola S.04.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-klassi 10 fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE, eskluża r-responsabbiltà tat-trasportatur, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.04.02 tal-Anness II;
- (e) il-formola S.04.03.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar Informazzjoni Bażika – Lista ta' entitajiet ta' sottoskrizzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.04.03 tal-Anness II;
- (f) il-formola S.04.04.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar l-attività skont il-pajjiż – il-post tas-sottoskrizzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.04.04 tal-Anness II;
- (g) il-formola S.04.05.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar l-Attività skont il-pajjiż – il-post tar-riskju, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.04.05 tal-Anness II;
- (h) il-formola S.05.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonoxximent użati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża għal kull linja ta' negozju kif spjegat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.05.01 tal-Anness II.

Artikolu 10

Formoli kwantitattivi annwali għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” — Informazzjoni tal-karta bilanċjali u informazzjoni ġenerali oħra

L-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.02.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni tal-karta bilanċjali bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni msemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u tal-valwazzjoni skont ir-rapporti finanzjarji tal-impriża, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.02.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.03.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni ġenerali dwar entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.03.01 tal-Anness II, fejn japplika (i) jew (ii):
 - (i) l-ammont ta' kwalunkwe wieħed mill-valuri li ġejjin huwa ogħla minn 2 % tal-Assi Totali:
 1. il-valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Garanziji pprovduti mill-impriża, inklużi ittri ta' kreditu (C0020/R0010) flimkien mal-Valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Kollateral totali mirhun (C0020/R0300) flimkien mal-Valur massimu — Obbligazzjonijiet Kontinġenti totali (C0010/R0400); jew
 2. il-valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Garanziji riċevuti mill-impriża, inklużi ittri ta' kreditu (C0020/R0030) flimkien mal-Valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Kollateral totali miżmum (C0020/R0200);
 - (ii) l-impriża tkun ipprovdiet jew irċeviet kwalunkwe garanzija mhux limitata;
- (c) il-formola S.04.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-klassi 10 fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE, eskluża r-responsabbiltà tat-trasportatur, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.02 tal-Anness II;
- (d) il-formola S.04.03.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar Informazzjoni Bażika – Lista ta' entitajiet ta' sottoskrizzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.03 tal-Anness II;
- (e) il-formola S.04.04.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-Attività skont il-pajjiż – il-post tas-sottoskrizzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.04 tal-Anness II;
- (f) il-formola S.04.05.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-Attività skont il-pajjiż – il-post tar-riskju, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.05 tal-Anness II;
- (g) il-formola S.05.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonoxximent użati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.05.01 tal-Anness II.

Artikolu 11

Formoli kwantitattivi annwali għall-impriżi tar-riassigurazzjoni “captive” — Informazzjoni tal-karta bilanċjali u informazzjoni ġenerali oħra

L-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.02.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni tal-karta bilanċjali bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni msemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE u tal-valwazzjoni skont ir-rapporti finanzjarji tal-impriża, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.02.01 tal-Anness II;

- (b) il-formola S.04.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-klassi 10 fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE, eskluża r-responsabbiltà tat-trasportatur, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.02 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.04.03.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar Informazzjoni Bażika – Lista ta' entitajiet ta' sottoskrizzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.03 tal-Anness II tar-Regolament;
- (d) il-formola S.04.04.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar l-Attività skont il-pajjiż – il-post tas-sottoskrizzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.04 tal-Anness II;
- (e) il-formola S.04.05.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar l-Attività skont il-pajjiż – il-post tar-riskju, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.04.05 tal-Anness II;
- (f) il-formola S.05.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonoxximent użati fir-rapporti finanzjarji tal-impriża għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.05.01 tal-Anness II.

Artikolu 12

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar l-investimenti

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena, sakemm ma jkunux eżentati skont l-Artikolu 35(7) tad-Direttiva 2009/138/KE b'rabta ma' formola speċifika, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-impriża tkun eżentata milli tirrapporta l-formola S.06.02.01 b'rabta mal-aħħar trimestru f'konformità mal-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-formola S.06.02.01 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li tipprovdi lista tal-assi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.02 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament u bl-użu tal-kodiċi CIC kif stabbilit fl-Anness V u speċifikat fl-Anness VI;
- (b) meta l-impriża tkun eżentata milli tirrapporta l-formola S.06.03.01 b'rabta mal-aħħar trimestru f'konformità mal-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE jew ma tkunx irrapporjata b'mod trimestrali minħabba li l-proporzjon tal-investimenti kollettivi miżmuma mill-impriża għall-investimenti totali, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament, ma jkunx ogħla minn 30 %, il-formola S.06.03.01 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li tipprovdi informazzjoni dwar it-trasparenza tal-investimenti kollettivi kollha miżmuma mill-impriżi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.03 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.06.04.01 tal-Anness I, li tispesifika l-informazzjoni dwar ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima għall-investimenti, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.04 tal-Anness II;
- (d) meta l-valur tal-prodotti strutturati, iddeterminat bħala s-somma tal-assi kklassifikati fil-kategoriji 5 u 6, kif definit fl-Anness V, ikun jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-investimenti totali kif irrapporjat fl-entrati C0010/R0070 u C0010/R0220 tal-formola S.02.01.01, il-formola S.07.01.01 tal-Anness I, li tipprovdi lista tal-prodotti strutturati, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.07.01 tal-Anness II;
- (e) meta l-impriżi jkunu eżentati milli jirrapportaw il-formola S.08.01.01 b'rabta mal-aħħar trimestru f'konformità mal-Artikolu 35(6) tad-Direttiva 2009/138/KE, il-formola S.08.01.01 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li tipprovdi lista tal-pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.08.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament u bl-użu tal-kodiċi CIC kif stabbilit fl-Anness V u definit fl-Anness VI;
- (f) il-formola S.09.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar introjtu, qligħ u telf tul il-perjodu ta' rappurtar skont il-kategoriji tal-assi kif definiti fl-Anness IV, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.09.01 tal-Anness II;

- (g) meta l-valur tat-titoli sottostanti, li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, involuti fi ftehimiet ta' self jew ta' riakkwist, għal kuntratti b'dati ta' maturità li jaqgħu wara d-data ta' referenza tar-rapportar, ikun jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-investimenti totali kif irrapportat fl-entrati C0010/R0070 u C0010/RC0220 tal-formola S.02.01.01, il-formola S.10.01.01 tal-Anness I, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, ta' ftehimiet ta' self ta' titoli u ta' riakkwist, li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.10.01 tal-Anness II;
- (h) meta l-proporzjon tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral għall-karta bilanċjali totali kif irrapportat fl-entrati C0010/RO500 tal-formola S.02.01.01 jaqbeż l-10 %, il-formola S.11.01.01 tal-Anness I, li tipprovdi lista, entrata wara entrata, ta' assi miżmuma bħala kollateral, li jikkonsistu fit-tipi kollha ta' kategoriji ta' assi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali miżmuma bħala kollateral, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.11.01 tal-Anness II.

Artikolu 13

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” — Provvedimenti tekniċi u informazzjoni dwar ir-riskji

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.12.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika, skont il-linja tan-negozju speċifikata fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, informazzjoni dwar il-provvedimenti tekniċi SLT tal-ħajja u tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.12.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.12.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi SLT tal-ħajja u tas-saħħa skont il-pajjiż, fejn il-provvedimenti tekniċi SLT tal-ħajja u tas-saħħa rigward il-pajjiż ta' domiċilju ma jirrappreżentawx 100 % tas-somma tal-provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala l-aħjar stima sħiħa u grossa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.12.02 tal-Anness II;
- (c) sakemm l-impriża ma tużax simplifikazzjonijiet għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, li għalihom ma tiġix ikkal-kolata stima tal-flussi ta' flus futuri mistennija li jirriżultaw mill-kuntratti, il-formola S.13.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-projezzjoni tal-aħjar stima tal-flussi ta' flus futuri tan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.13.01 tal-Anness II;
- (d) il-formola S.14.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-analiżi tal-obbligi tal-ħajja, inklużi kuntratti u annwalitajiet tal-assigurazzjoni tal-ħajja li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja, skont il-prodott maħruġ mill-impriża, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.14.01 tal-Anness II;
- (e) il-formola S.14.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-analiżi tal-obbligi mhux tal-ħajja, skont il-linja tan-negozju u l-kategoriji ta' prodotti speċifiċi maħruġa mill-impriża, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.14.02 tal-Anness II;
- (f) il-formola S.14.03 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni ċibernetika, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.14.03 tal-Anness II, fejn tapplika kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (i) is-somma tal-primjums miksuba għal poloz ċibernetiċi awtonomi u poloz b'kopertura ċibernetika bħala supplementazzjoni, fejn għandhom jitqiesu biss il-primjums stmati miksuba għar-riskju ċibernetiku, tkun akbar minn 5 % tan-negozju ġenerali tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja segwit mill-impriża, jew akbar minn EUR 5 miljun;
- (ii) in-numru ta' poloz li jinkludu kopertura tar-riskju ċibernetiku jirrappreżentaw aktar minn 3 % tan-numru totali ta' poloz tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja;

- (g) il-formola S.16.01.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar l-annwalitajiet li joħorġu mill-obbligi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja maħruġa mill-impriża taħt annwalitajiet li joriġinaw minn negozju tal-assigurazzjoni diretta, fir-rigward tal-linji kollha tan-negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35;
- (h) il-formola S.17.01.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont il-linji tan-negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.17.01 tal-Anness II;
- (i) il-formola S.17.03.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja msemmija għan-negozju tal-assigurazzjoni diretta skont il-pajjiż, fejn il-provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja fir-rigward tal-pajjiż tad-domiċilju ma jirrappreżentawx 100 % tas-somma tal-provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala l-aħjar stima sħiħa u grossa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.17.03 tal-Anness II;
- (j) sakemm l-impriża ma tużax simplifikazzjonijiet għall-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi, li għalihom ma tiġix ikkalkolata stima tal-flussi ta' flus futuri mistennija li jirriżultaw mill-kuntratti, il-formola S.18.01.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar il-projezzjoni tal-flussi ta' flus futuri abbażi tal-aħjar stima tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, għal-linji tan-negozju li jirrappreżentaw kopertura ta' 90 % tas-somma tal-provvedimenti tekniċi kkalkolati bħala l-aħjar stima sħiħa u grossa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.18.01 tal-Anness II;
- (k) il-formola S.19.01.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja fil-format ta' triangoli tal-iżvilupp, għat-total ta' kull linja tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35;
- (l) il-formola S.20.01.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar l-iżvilupp tad-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet imġarrba fi tmiem is-sena finanzjarja għal linji materjali tan-negozju li jirrappreżentaw kopertura ta' 90 % tal-provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.20.01 tal-Anness II;
- (m) il-formola S.21.01.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar il-profil tar-riskju tad-distribuzzjoni tat-telf tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja għal-linja materjali tan-negozju li tirrappreżenta kopertura ta' 90 % tal-provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.21.01 tal-Anness II;
- (n) il-formola S.21.02.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar ir-riskji tas-sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.21.02 tal-Anness II;
- (o) il-formola S.21.03.01 tal-Anness I, li tispjefika informazzjoni dwar ir-riskji ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont is-somma assicurata skont il-linja materjali tan-negozju li tirrappreżenta kopertura ta' 90 % tal-provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet f'S.21.03 tal-Anness II.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (g), għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għajr l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" jew tar-riassigurazzjoni "captive", l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata wkoll skont il-munita, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.16.01 tal-Anness II. L-informazzjoni skont il-munita għandha tiġi rrapportata biss meta l-aħjar stima għall-provvedimenti tal-pretensjonijiet tal-annwalità fuq bażi skontata minn linja tan-negozju waħda tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja tkun tirrappreżenta aktar minn 3 % tal-aħjar stima totali għall-provvedimenti kollha tal-pretensjonijiet tal-annwalità, bil-qasma li ġejja:

- (i) ammont għall-munita tar-rappurtar;
- (ii) ammont għal kwalunkwe munita li jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-aħjar stima għall-provvedimenti tal-pretensjonijiet tal-annwalità fuq bażi skontata fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta' negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja;
- (iii) ammont għal kwalunkwe munita li tirrappreżenta anqas minn 25 % tal-aħjar stima għall-provvedimenti tal-pretensjonijiet tal-annwalità (fuq bażi skontata) fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta' negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, iżda aktar minn 5 % tal-aħjar stima totali għall-provvedimenti kollha tal-pretensjonijiet tal-annwalità.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (k), għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għajr l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” jew tar-riassigurazzjoni “captive”, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata wkoll skont il-munita, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.19.01 tal-Anness II ta’ dan ir-Regolament. L-informazzjoni skont il-munita għandha tiġi rrapportata biss meta l-aħjar stima grossa totali għal linja ta’ negozju waħda tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja tkun tirrappreżenta aktar minn 10 % tal-aħjar stima grossa totali tal-provvedimenti tal-pretensjonijiet, bil-qasma li ġejja:

- (i) ammont għal kwalunkwe munita li tirrappreżenta aktar minn 25 % tal-aħjar stima grossa tal-provvedimenti tal-pretensjonijiet fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta’ negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja;
- (ii) ammont għal kwalunkwe munita li tirrappreżenta anqas minn 25 % tal-aħjar stima grossa tal-provvedimenti tal-pretensjonijiet fil-munita oriġinali minn dik il-linja ta’ negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, iżda aktar minn 5 % tal-aħjar stima grossa totali tal-provvedimenti tal-pretensjonijiet fil-munita oriġinali.

Artikolu 14

Formoli kwantitattivi annwali għall-impriżi tar-riassigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar il-provvedimenti tekniċi

L-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.12.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-provvedimenti tekniċi SLT tal-ħajja u tas-saħħa skont il-linja tan-negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.12.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.19.01.21 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja fil-format ta’ triangoli tal-iżvilupp, għat-total ta’ kull linja tan-negozju tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.

Artikolu 15

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar il-garanziji fit-tul

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.22.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri ta’ garanziji fit-tul u tranżizzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.22.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.22.04.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-miżura tranżizzjonali tar-rata tal-imgħax, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.22.04 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.22.05.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-miżura tranżizzjonali tar-rata tal-imgħax, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.22.05 tal-Anness II;
- (d) il-formola S.22.06.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-aħjar stima soġġetta għal aġġustament għall-volatilità skont il-pajjiż u skont il-munita, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.22.06 tal-Anness II.

Artikolu 16

Formoli kwantitattivi annwali għall-impriżi tar-riassigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar il-garanziji fit-tul

L-impriżi tar-riassigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formola S.22.01.01 tal-Anness I, filwaqt li jispeċifikaw l-informazzjoni dwar l-impatt tal-garanziji fit-tul u tal-miżuri tranżizzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.22.01 tal-Anness II.

*Artikolu 17***Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar il-fondi proprji u l-parteċipazzjonijiet**

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.23.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.23.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.23.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dettaljata dwar il-fondi proprji skont il-grad, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.23.02 tal-Anness II;
- (c) meta l-fondi proprji jammontaw għal kwalunkwe bidla fil-livell ta' aktar minn 5 % meta mqabbla mas-sena preċedenti, il-formola S.23.03.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar movimenti annwali fuq il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.23.03 tal-Anness II;
- (d) meta l-fondi proprji jammontaw għal kwalunkwe bidla fil-livell ta' aktar minn 5 % meta mqabbla mas-sena preċedenti, il-formola S.23.04.01 tal-Anness I, li tipprovdi lista ta' entrati fuq il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.23.04 tal-Anness II;
- (e) il-formola S.24.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-parteċipazzjonijiet tal-impriżi u deskrizzjoni ġenerali tal-kalkolu għat-tnaqqis mill-fondi proprji relatati ma' parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.24.01 tal-Anness II.

*Artikolu 18***Formoli kwantitattivi annwali għall-impriżi tar-riassigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar il-fondi proprji u l-parteċipazzjonijiet**

L-impriżi tar-riassigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formola S.23.01.01 tal-Anness I, filwaqt li jispesifikaw l-informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.23.01 tal-Anness II.

*Artikolu 19***Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza**

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-impriża tuża l-formula standard għall-ikkalkular tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola S.25.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.25.01 tal-Anness II;
- (b) meta l-impriża tuża mudell intern parzjali jew mudell intern sħiħ għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola S.25.05.01 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.25.05 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.26.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju tas-suq, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.01 tal-Anness II;
- (d) il-formola S.26.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.02 tal-Anness II;

- (e) il-formola S.26.03.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.03 tal-Anness II;
- (f) il-formola S.26.04.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.04 tal-Anness II;
- (g) il-formola S.26.05.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.05 tal-Anness II;
- (h) il-formola S.26.06.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju operazzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.06 tal-Anness II;
- (i) il-formola S.26.07.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar is-simplifikazzjonijiet użati fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.07 tal-Anness II;
- (j) il-formola S.26.08.01 tal-Anness I, li tispeċifika aktar informazzjoni dwar il-mudell intern użat għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, għall-impriżi li jużaw mudell intern parzjali jew mudell intern sħiħ, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.08 tal-Anness II;
- (k) il-formola S.26.09.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar is-suq tal-mudelli interni u r-riskju ta' kreditu għall-istrumenti finanzjarji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.09 tal-Anness II;
- (l) il-formola S.26.10.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar id-dettalji tad-dehra tal-portafoll tal-mudell intern tar-riskju ta' event ta' kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.10 tal-Anness II;
- (m) il-formola S.26.11.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar id-dettalji tal-mudell intern għall-istrumenti finanzjarji ta' riskju ta' kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.11 tal-Anness II;
- (n) il-formola S.26.12.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar mudell intern għall-istrumenti mhux finanzjarji ta' riskju ta' kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.12 tal-Anness II;
- (o) il-formola S.26.13.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-mudell intern għar-riskju ta' sottoskrizzjoni NSLT tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.13 tal-Anness II;
- (p) il-formola S.26.14.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-mudell intern dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.14 tal-Anness II;
- (q) il-formola S.26.15.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-mudell intern għar-riskju operazzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.15 tal-Anness II;
- (r) il-formola S.26.16.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-mudell intern għall-bidliet, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.16 tal-Anness II;
- (s) il-formola S.27.01 li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.27.01 tal-Anness II kif ġej:
 - (i) għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għajr l-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" jew tar-riassigurazzjoni "captive", il-formola S.27.01.01 tal-Anness I,
 - (ii) għall-impriżi tal-assigurazzjoni "captive" jew tar-riassigurazzjoni "captive", informazzjoni fil-qosor u informazzjoni dwar is-simplifikazzjonijiet użati fuq ir-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja u tas-saħħa.

2. Fil-każ ta' fondi delimitati jew portafolli tal-aġġustament ta' korrisondenza, l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (s), ma għandhiex tiġi rrapportata għall-entità kollha kemm hi.

3. Meta jintuża mudell intern parzjali, l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (s), għandha tiġi rrapportata biss b'rabta mar-riskji koperti mill-formula standard u l-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (j) sa (r), għandhom jiġu rrapportati biss b'rabta mar-riskji koperti mill-mudell intern.

4. Meta jintuża mudell intern sħiħ, l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (s), ma għandhiex tiġi rrapportata u l-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (j) sa (r), għandhom jiġu rrapportati.

Artikolu 20

Formoli kwantitattivi annwali għall-impriża tar-riassigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304 (1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-impriża tuża l-formula standard għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola S.25.01.21 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.25.01 tal-Anness II;
- (b) meta l-impriża tuża mudell intern parzjali jew mudell intern sħiħ għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola S.25.05.21 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.25.05 tal-Anness II.

Artikolu 21

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” u tar-riassigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar ir-rekwiżit kapitali minimu

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” u tar-riassigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkunu jwettqu attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tal-ħajja biss jew inkella mhux tal-ħajja biss, il-formola S.28.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali Minimu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.28.01 tal-Anness II;
- (b) meta l-impriżi tal-assigurazzjoni jkunu involuti f'attività ta' assigurazzjoni kemm tal-ħajja kif ukoll mhux tal-ħajja, il-formola S.28.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika r-Rekwiżit Kapitali Minimu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.28.02 tal-Anness II.

Artikolu 22

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali — Informazzjoni dwar l-analiżi tal-varjazzjoni

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.29.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-varjazzjoni tal-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet matul is-sena ta' rappurtar filwaqt li tipprovi ġabra fil-qosor tas-sorsi prinċipali ta' din il-varjazzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.29.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.29.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-parti tal-varjazzjoni tal-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet matul is-sena ta' rappurtar spjegata permezz tal-investimenti u l-obbligazzjonijiet finanzjarji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.29.02 tal-Anness II;
- (c) il-formoli S.29.03.01 u S.29.04.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-parti tal-varjazzjoni tal-eċċess ta' assi fuq l-obbligazzjonijiet matul is-sena ta' rappurtar spjegata permezz provvedimenti tekniċi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.29.03 u S.29.04 tal-Anness II;

Artikolu 23

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar ir-riassigurazzjoni u l-entitajiet bi skop speċjali

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-ammonti rekuperabbli tar-riassigurazzjoni jkunu ogħla minn 10 % tal-aħjar stima totali kkalkolata separatament għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, il-formola S.30.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-kopertura fakultattiva fis-sena tar-rapportar li jmiss li tkopri informazzjoni dwar l-akbar 20 skopertura ta' riassigurazzjoni fakultattiva u l-akbar 2 f'kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, sa fejn ma jkunux koperti mill-akbar 20, li għalihom tintuża riassigurazzjoni fakultattiva, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.30.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (b) meta l-ammonti rekuperabbli tar-riassigurazzjoni jkunu ogħla minn 10 % tal-aħjar stima totali kkalkolata separatament għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, il-formola S.30.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-ishma tar-riassiguraturi ta' kopertura fakultattiva fis-sena tar-rapportar li jmiss li tkopri informazzjoni dwar l-akbar 20 skopertura ta' riassigurazzjoni fakultattiva u l-akbar 2 f'kull linja ta' negozju kif speċifikat fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, sa fejn ma jkunux koperti mill-akbar 20, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.30.02 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (c) meta l-ammonti rekuperabbli tar-riassigurazzjoni jkunu ogħla minn 10 % tal-aħjar stima totali kkalkolata separatament għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, il-formola S.30.03.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-programm ta' riassigurazzjoni li jintemm fis-sena tar-rapportar li jmiss li tkopri informazzjoni prospettiva dwar it-trattati tar-riassigurazzjoni li l-perjodu ta' validità tagħhom jinkludi jew jikkoinċidi mas-sena tar-rapportar li jmiss, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.30.03 tal-Anness II;
- (d) meta l-ammonti rekuperabbli tar-riassigurazzjoni jkunu ogħla minn 10 % tal-aħjar stima totali kkalkolata separatament għan-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, il-formola S.30.04.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-programm ta' riassigurazzjoni li jintemm fis-sena tar-rapportar li jmiss li tkopri informazzjoni prospettiva dwar it-trattati tar-riassigurazzjoni li l-perjodu ta' validità tagħhom jinkludi jew jikkoinċidi mas-sena tar-rapportar li jmiss, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.30.04 tal-Anness II;
- (e) il-formola S.31.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar is-sehem tar-riassiguraturi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.31.01 tal-Anness II;
- (f) il-formola S.31.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-entitajiet bi skop speċjali mill-perspettiva tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tittrasferixxi r-riskju lill-entitajiet bi skop speċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.31.02 tal-Anness II.

Artikolu 24

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali u għall-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” u tar-riassigurazzjoni “captive” — Informazzjoni dwar fondi delimitati, portafolli materjali tal-aġġustamenti ta' korrispondenza u l-parti li jifdal

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni “captive” u tar-riassigurazzjoni “captive” għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 b'rabta ma' kull fond delimitat materjali, kull portafoll materjali tal-aġġustamenti ta' korrispondenza u l-parti li jifdal, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola SR.01.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.01.01 tal-Anness II;
- (b) għal kull fond delimitat materjali u għall-parti li jibqa', il-formola SR.02.01.01 tal-Anness I li tispeċifika informazzjoni dwar il-karta bilanċjali permezz kemm tal-valwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE kif ukoll tal-valwazzjoni skont ir-rapporti finanzjarji tal-impriża, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.02.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

- (c) il-formola SR.12.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi SLT tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.12.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (d) il-formola SR.17.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja għal kull linja operatorja (linja ta' negozju) kif definita fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.17.01 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (e) il-formola SR.22.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-projezzjoni tal-flussi ta' flus tal-ġejjieni għall-kalkolu tal-aħjar stima skont kull portafoll materjali tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.22.02 tal-Anness II;
- (f) il-formola SR.22.03.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-portafolli tal-aġġustamenti ta' korrispondenza skont kull portafoll materjali tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.22.03 tal-Anness II;
- (g) meta l-impriża tuża l-formula standard għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola SR.25.01.01 tal-Anness I, li tispesifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.25.01 tal-Anness II;
- (h) meta l-impriża tuża mudell intern parzjali jew mudell intern sħiħ għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola SR.25.05.01 tal-Anness I, li tispesifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.25.05 tal-Anness II;
- (i) il-formola SR.26.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju tas-suq, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.01 tal-Anness II;
- (j) il-formola SR.26.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.02 tal-Anness II;
- (k) il-formola SR.26.03.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.03 tal-Anness II;
- (l) il-formola SR.26.04.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.04 tal-Anness II;
- (m) il-formola SR.26.05.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.05 tal-Anness II;
- (n) il-formola SR.26.06.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju operazzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.06 tal-Anness II;
- (o) il-formola SR.26.07.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar is-simplifikazzjonijiet użati fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.26.07 tal-Anness II;
- (p) għall-impriżi li jużaw mudell intern parzjali jew mudell intern sħiħ, il-formola SR.26.08.01 tal-Anness I, li tispesifika aktar informazzjoni dwar il-mudell intern użat għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.08 tal-Anness II;
- (q) il-formola SR.27.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.27.01 tal-Anness II;

2. Meta jintuża mudell intern parzjali, l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (i) sa (o) u (q), għandha tiġi rrapportata biss b'rabta mar-riskji koperti mill-formula standard u l-informazzjoni fil-formola msemmija fil-paragrafu 1; il-punt (p), għandha tiġi rrapportata b'rabta mar-riskji koperti mill-mudell intern.

3. Meta jintuża mudell intern sħiħ, l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (i) sa (o) u (q), ma għandhiex tiġi rrapportata u għandha tiġi rrapportata l-informazzjoni fil-formola msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (p).

Artikolu 25

Formoli kwantitattivi annwali għal impriżi individwali — Informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet intragrupp

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma humiex parti minn grupp kif imsemmi fl-Artikolu 213(2), il-punti (a), (b) jew (c), tad-Direttiva 2009/138/KE u li l-impriża omm tagħhom hija kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'attivitajiet imħallta għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 245(2), it-tieni subparagrafu, ta' dik id-Direttiva, flimkien mal-Artikolu 265 ta' dik id-Direttiva, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.36.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, li jinvolvu tranżazzjonijiet tip ta' ekwità, trasferiment ta' dejn u ta' assi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.36.01 tal-Anness II;
- (b) il-formola S.36.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti dwar id-derivattivi, inklużi l-garanzji li jsostnu kwalunkwe strument derivattiv, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.36.02 tal-Anness II;
- (c) il-formola S.36.03.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti dwar l-obbligazzjonijiet kontinġenti u entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.36.03 tal-Anness II;
- (d) il-formola S.36.04.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti dwar l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.36.04 tal-Anness II;
- (e) il-formola S.36.05.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti dwar il-profit u t-telf, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.36.05 tal-Anness II.

Artikolu 26

Formoli kwantitattivi għal impriżi individwali — Informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet intragrupp

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li ma humiex parti minn grupp kif imsemmi fl-Artikolu 213(2), il-punti (a), (b) jew (c), tad-Direttiva 2009/138/KE u li l-impriża omm tagħhom hija kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'attivitajiet imħallta għandhom jirrapportaw it-tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti ħafna msemmija fl-Artikolu 245(2), it-tieni subparagrafu, ta' dik id-Direttiva u t-tranżazzjonijiet intragrupp li għandhom jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha msemmija fl-Artikolu 245(3) ta' dik id-Direttiva, kemm jista' jkun malajr billi jużaw il-formoli rilevanti fost il-formoli S.36.00.01 sa S.36.05.01 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.36.00 sa S.36.05 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

FORMOLI GħAR-RAPPORTAR KWANTITATTIV GħALL-GRUPPI

Artikolu 27

Formoli kwantitattivi trimestrali għall-gruppi

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu fuq bażi trimestrali, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni jew il-frekwenza tar-rapportar ma jkunx limitati f'konformità mal-Artikolu 254(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.01.01.05 tal-Anness I, li tispesifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.01.01 tal-Anness III;
- (b) il-formola S.01.02.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni bażika dwar il-grupp u l-kontenut tar-rapportar inġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimi S.01.02 tal-Anness III;

- (c) meta, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, il-grupp juża l-metodu 1 kif speċifikat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 kif speċifikat fl-Artikolu 233 ta' dik id-Direttiva, il-formola S.02.01.02 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li tispeċifika l-informazzjoni tal-karta bilanċjali, bl-użu tal-metodu ta' valwazzjoni msemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.02.01 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (d) il-formola S.05.01.02 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 bl-użu tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonossiment użati fir-rapporti finanzjarji konsolidati, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.05.01 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (e) il-formola S.06.02.04 tal-Anness I, li tipprovdi lista tal-assi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.06.02 tal-Anness III u permezz tal-kodiċi CIC kif stabbilit fl-Anness V u definit fl-Anness VI;
- (f) meta l-proporzjon tal-investimenti kollettivi miżmuma mill-grupp għall-investimenti totali jkun ogħla minn 30 %, il-formola S.06.03.04 tal-Anness I, li tipprovdi informazzjoni dwar it-trasparenza tal-investimenti kollettivi kollha miżmuma mill-grupp, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.03 tal-Anness III;
- (g) il-formola S.08.01.04 tal-Anness I, li tipprovdi lista tal-pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.08.01 tal-Anness III u permezz tal-kodiċi CIC kif stabbilit fl-Anness V u definit fl-Anness VI;
- (h) il-formola S.23.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.23.01 tal-Anness III.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (f), fejn għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp jintuża esklussivament il-metodu 1 kif speċifikat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-proporzjon tal-investimenti kollettivi miżmuma mill-grupp għall-investimenti totali għandu jiġi ddeterminat mis-somma tal-entrati C0010/R0180, l-impriżi ta' investment kollettiv inklużi fl-entrata C0010/R0220 u l-impriżi ta' investment kollettiv inklużi fl-entrata C0010/R0090 tal-formola S.02.01.02, diviża bis-somma tal-entrati C0010/R0070 u C0010/R0220 tal-formola S.02.01.02. Meta, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp jintuża l-metodu 1 flimkien mal-metodu 2 kif speċifikat fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew jintuża l-metodu 2 esklussivament, il-proporzjon għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu u għandu jiġi aġġustat sabiex ikopri l-entrati meħtieġa tal-entitajiet kollha inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-formola S.06.02.04.

Artikolu 28

Simplifikazzjonijiet permessi fir-rappurtar trimestrali għall-gruppi

Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(1), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament, il-kejl fuq bażi trimestrali jista' jiddependi fuq estimi u metodi ta' stima sa punt akbar mill-kejl tad-data finanzjarja annwali. Il-proċeduri tal-kejl għar-rappurtar trimestrali għandhom jiffasslu sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni li tirriżulta tkun affidabbli u tikkonforma mal-istandards stipulati fid-Direttiva 2009/138/KE u li l-informazzjoni materjali kollha ta' rilevanza għal komprensjoni tad-data tkun irrappurtata.

Artikolu 29

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni bażika u kontenut tas-sottomissjoni

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, flimkien mal-Artikolu 372(1) ta' dak ir-Regolament Delegat, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.01.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika l-kontenut tas-sottomissjoni, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.01.01 tal-Anness III;

- (b) il-formola S.01.02.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni bażika dwar l-imprezza u l-kontenut tar-rappurtar inġenerali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.01.02 tal-Anness III;
- (c) meta, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, il-grupp juża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 ta' dik id-Direttiva, il-formola S.01.03.04 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li tispeċifika informazzjoni bażika dwar il-fondi delimitati u l-portafolli tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.01.03 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 30

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni tal-karta bilanċjali u informazzjoni ġenerali oħra

1. L-imprezzi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, flimkien mal-Artikolu 372(1) ta' dak ir-Regolament Delegat, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.02.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika l-informazzjoni tal-karta bilanċjali bl-użu kemm tal-metodu ta' valwazzjoni msemmi fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE kif ukoll tal-valwazzjoni skont ir-rapporti finanzjarji konsolidati, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.02.01 tal-Anness III;
- (b) sakemm munita waħda ma tirrappreżentax aktar minn 80 % tal-obbligazzjonijiet totali, il-formola S.02.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet skont il-munita, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.02.02 tal-Anness III;
- (c) il-formola S.03.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni ġenerali dwar entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.03.01 tal-Anness III, fejn japplika (i) jew (ii):

(i) l-ammont ta' kwalunkwe wieħed mill-valuri li ġejjin huwa ogħla minn 2 % tal-Assi Totali:

1. il-valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Garanziji pprovduti mill-imprezza, inklużi ittri ta' kreditu (C0020/R0010) flimkien mal-Valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Kollateral totali mirhun (C0020/R0300) flimkien mal-Valur massimu — Obligazzjonijiet Kontinġenti totali (C0010/R0400); jew
2. il-valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Garanziji riċevuti mill-imprezza, inklużi ittri ta' kreditu (C0020/R0030) flimkien mal-Valur tal-garanzija/kollateral/obbligazzjonijiet kontinġenti — Kollateral totali miżmum (C0020/R0200);

(ii) l-imprezza tkun ipprovdiet jew irċeviet garanzija bla limitu;

- (d) il-formola S.05.01.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż għal kull linja ta' negozju kif definita fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonoxximent użati fir-rapporti finanzjarji konsolidati, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimha S.05.01 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (e) il-formola S.05.02.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar primjums, pretensjonijiet u spejjeż skont il-pajjiż, bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' valwazzjoni u ta' rikonoxximent użati fir-rapporti finanzjarji konsolidati, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.05.02 tal-Anness III.

2. Il-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), għandhom jiġu sottomessi biss mill-imprezzi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, mill-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u mill-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin li, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, jużaw il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 31

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni dwar l-investimenti

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom, sakemm ma jkunux eżentati skont l-Artikolu 254(2), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE b'rabta ma' formola speċifika, jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-grupp ikun eżentat milli jirrapporta l-formola S.06.02.04 b'rabta mal-aħħar trimestru f'konformità mal-Artikolu 254(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE, il-formola S.06.02.04 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li ttiprovdi lista ta' assi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.02 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (b) meta l-grupp ikun eżentat milli jirrapporta l-formola S.06.03.04 b'rabta mal-aħħar trimestru f'konformità mal-Artikolu 254(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE, jew ma jkunx irrapportaha fuq bażi trimestrali minħabba li l-proporzjon tal-investment kollettiv miżmum mill-grupp għall-investimenti totali, kif imsemmi fl-Artikolu 27(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament, ma jkunx ogħla minn 30 %, il-formola S.06.03.04 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li ttiprovdi informazzjoni dwar it-trasparenza tal-investimenti kollettivi kollha miżmuma mill-impriżi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.06.03 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (c) meta l-proporzjon tal-valur tal-prodotti strutturati miżmuma mill-grupp għall-investimenti totali jkun ogħla minn 5 %, il-formola S.07.01.04 tal-Anness I, li ttiprovdi lista ta' prodotti strutturati, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.07.01 tal-Anness III;
- (d) meta l-grupp ikun eżentat milli jirrapporta l-formola S.08.01.04 b'rabta mal-aħħar trimestru f'konformità mal-Artikolu 254(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2009/138/KE, il-formola S.08.01.04 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li ttiprovdi lista ta' pożizzjonijiet miftuħa tad-derivattivi, entrata wara entrata, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.08.01 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (e) il-formola S.09.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar introjtu, qligħ u telf tul il-perjodu ta' rappurtar skont il-kategoriji tal-assi kif definiti fl-Anness IV, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.09.01 tal-Anness III;
- (f) meta l-proporzjon tal-valur tat-titoli sottostanti, li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali, involuti fil-ftehimiet ta' self u ta' riakkwist, għall-kuntratti b'data ta' maturità li tiġi wara d-data ta' referenza tar-rappurtar, mal-investimenti totali jkun ogħla minn 5 %, il-formola S.10.01.04 tal-Anness I, li ttiprovdi lista, entrata wara entrata, ta' ftehimiet ta' self ta' titoli u ta' riakkwist, li jidhru u li ma jidhru fil-karta bilanċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.10.01 tal-Anness III;
- (g) meta l-proporzjon tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral għall-karta bilanċjali totali kif irrapportat fl-entrati C0010/R0500 tal-formola S.02.01.01 jaqbeż l-10 %, il-formola S.11.01.04 tal-Anness I, li ttiprovdi lista, entrata wara entrata, ta' assi miżmuma bħala kollateral, li jikkonsistu fit-tipi kollha ta' kategoriji ta' assi li ma jidhru fuq il-karta bilanċjali miżmuma bħala kollateral, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.11.01 tal-Anness III.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), fejn għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp jintuża esklussivament il-metodu 1 kif speċifikat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-proporzjon tal-valur tal-prodotti strutturati miżmuma mill-grupp għall-investimenti totali għandu jiġi ddeterminat mis-somma tal-assi kklassifikati fil-kategoriji 5 u 6, kif definit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, diviża bis-somma tal-entrati C0010/R0070 u C0010/R0020 tal-formola S.02.01.01. Meta, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp jintuża l-metodu 1 flimkien mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew jintuża esklussivament il-metodu 2, il-proporzjon għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu u għandu jiġi aġġustat sabiex ikopri l-entrati meħtieġa tal-entitajiet kollha inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-formola S.06.02.04.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (f), fejn għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp jintuża esklussivament il-metodu 1 kif speċifikat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, il-proporzjon għandu jiġi ddeterminat mis-somma tat-titoli sottostanti, li jidhru u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, involuti fi ftehimiet ta' self u ta' riakkwist, għall-kuntratti b'dati ta' maturità li jaqgħu wara d-data ta' referenza tar-rapportar, diviża bis-somma tal-entrati C0010/R0070 u C0010/R0220 tal-formola S.02.01.01. Meta, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp jintuża l-metodu 1 flimkien mal-metodu 2 kif speċifikat fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew jintuża l-metodu 2 esklussivament, il-proporzjon għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu u għandu jiġi aġġustat sabiex ikopri l-entrati meħtieġa tal-entitajiet kollha inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-formola S.06.02.04.

Artikolu 32

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni dwar il-garanziji fit-tul

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, flimkien mal-Artikolu 372(1) ta' dak ir-Regolament Delegat, billi jużaw il-formola S.22.01.04 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li tispeċifika informazzjoni dwar l-impatt tal-miżuri tranżizzjonali u ta' garanziji fit-tul, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.22.01 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 33

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni dwar il-fondi proprji

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, flimkien mal-Artikolu 372(1) ta' dak ir-Regolament Delegat, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.23.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.23.01 tal-Anness III;
- (b) il-formola S.23.02.04 tal-Anness I, li tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-fondi proprji skont il-grad, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.23.02 tal-Anness III;
- (c) meta l-fondi proprji jammontaw għal kwalunkwe bidla fil-livell ta' aktar minn 5 % meta mqabbla mas-sena preċedenti, il-formola S.23.03.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar movimenti annwali fuq il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.23.03 tal-Anness III;
- (d) meta l-fondi proprji jammontaw għal kwalunkwe bidla fil-livell ta' aktar minn 5 % meta mqabbla mas-sena preċedenti, il-formola S.23.04.04 tal-Anness I, li tipprovdi lista ta' entrati fuq il-fondi proprji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.23.04 tal-Anness III.

Għall-finijiet tal-punt (d), il-formola għandha tiġi rrapportata fil-preżenza ta' entrati ta' fondi proprji mhux disponibbli, irrispettivament mil-limitu.

2. Il-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandhom jiġu sottomessi biss mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, mill-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u mill-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin li, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, jużaw il-metodu 1 kif speċifikat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 kif speċifikat fl-Artikolu 233 ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 34

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni dwar ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin li, għall-kalkolu tas-solvenza tal-grupp, jużaw il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 kif speċifikat fl-Artikolu 233 ta' dik id-Direttiva, għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) meta l-grupp juża l-formula standard għall-ikkalkular tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola S.25.01.04 tal-Anness I, li tispesifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.25.01 tal-Anness III;
- (b) meta l-grupp juża mudell intern parzjali jew mudell intern sħiħ għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, il-formola S.25.05.04 tal-Anness I, li tispesifika r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.25.05 tal-Anness III;
- (c) il-formola S.26.01.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju tas-suq, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.01 tal-Anness III;
- (d) il-formola S.26.02.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.02 tal-Anness III;
- (e) il-formola S.26.03.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.03 tal-Anness III;
- (f) il-formola S.26.04.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.04 tal-Anness III;
- (g) il-formola S.26.05.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.05 tal-Anness III;
- (h) il-formola S.26.06.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar ir-riskju operazzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.06 tal-Anness III;
- (i) il-formola S.26.07.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar is-simplifikazzjonijiet użati fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.07 tal-Anness III;
- (j) il-formola S.26.08.04 tal-Anness I, li tispesifika aktar informazzjoni dwar il-mudell intern użat għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, għall-impriżi li jużaw mudell intern parzjali jew mudell intern sħiħ, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.08 tal-Anness III;
- (k) il-formola S.26.09.04 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar is-suq tal-mudelli interni u r-riskju ta' kreditu għall-istrumenti finanzjarji, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.09 tal-Anness III;
- (l) il-formola S.26.10.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar id-dettalji tad-dehra tal-portafoll tal-mudell intern tar-riskju ta' event ta' kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.10 tal-Anness III;
- (m) il-formola S.26.11.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar id-dettalji tal-mudell intern għall-istrumenti finanzjarji ta' riskju ta' kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.11 tal-Anness III;
- (n) il-formola S.26.12.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar mudell intern għall-istrumenti mhux finanzjarji ta' riskju ta' kreditu, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.12 tal-Anness III;
- (o) il-formola S.26.13.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-mudell intern għar-riskju ta' sottoskrizzjoni NSLT tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.13 tal-Anness III;
- (p) il-formola S.26.14.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-mudell intern dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.14 tal-Anness III;
- (q) il-formola S.26.15.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar il-mudell intern għar-riskju operazzjonali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsimha S.26.15 tal-Anness III;

- (r) il-formola S.26.16.01 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar il-mudell intern għall-bidliet, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.26.16 tal-Anness III;
- (s) il-formola S.27.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.27.01 tal-Anness III;
2. Fil-każ ta' fondi delimitati jew portafolli tal-aġġustamenti ta' korrispondenza, l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (i) u (s), u (j) sa (r), ma għandhiex tiġi rrapportata għall-grupp kollu kemm hu.
3. Meta jintuża mudell intern parzjali, l-informazzjoni msemmija fil-mudelli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (i) u (s), għandha tiġi rrapportata biss b'rabta mar-riskji koperti mill-formula standard, u l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (j) sa (r), għandha tiġi rrapportata biss għar-riskji koperti mill-mudell intern.
4. Meta jintuża mudell intern sħiħ, ma għandhiex tiġi rrapportata l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (c) sa (i) u (s), u għandha tiġi rrapportata l-informazzjoni fil-formoli msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (j) sa (r).

Artikolu 35

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni dwar ir-riassiguraturi u l-entitajiet bi skop speċjali

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, flimkien mal-Artikolu 372(1) ta' dak ir-Regolament Delegat, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.31.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar is-sehem tar-riassiguraturi, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.31.01 tal-Anness III;
- (b) il-formola S.31.02.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-entitajiet bi skop speċjali mill-perspettiva tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tittrasferixxi r-riskju lill-entitajiet bi skop speċjali, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.31.02 tal-Anness III.

Artikolu 36

Formoli kwantitattivi annwali għall-gruppi — Informazzjoni speċifika għall-gruppi

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni parteċipanti, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u l-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin għandhom jissottomettu kull sena l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 304(1), il-punt (d), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, flimkien mal-Artikolu 372(1) ta' dak ir-Regolament Delegat, billi jużaw il-formoli li ġejjin u jikkonformaw mal-istruzzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-formola S.32.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.32.01 tal-Anness III;
- (b) il-formola S.33.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar ir-reqwiziti tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.33.01 tal-Anness III;
- (c) il-formola S.34.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar impriżi finanzjarji għajr impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u dwar l-impriżi li ma humiex regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 1, il-punt (52), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.34.01 tal-Anness III;
- (d) il-formola S.35.01.04 tal-Anness I, li tispeċifika informazzjoni dwar provvedimenti tekniċi tal-impriżi tal-grupp, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.35.01 tal-Anness III;

- (e) il-formola S.36.01.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti li jinvolvu tranżazzjonijiet tat-tip ta' ekwità, trasferiment ta' dejn u ta' assi, 'il fuq mil-limitu ddeterminat mis-superviżur tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 245(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.36.01 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (f) il-formola S.36.02.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti dwar id-derivattivi, inklużi l-garanziji li jsostnu kwalunkwe strument derivattiv, 'il fuq mil-limitu determinat mis-superviżur tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 245(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-taqsima S.36.02 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (g) il-formola S.36.03.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti dwar obbligazzjonijiet kontinġenti u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, 'il fuq mil-limitu ddeterminat mis-superviżur tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 245(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.36.03 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (h) il-formola S.36.04.01 tal-Anness I, li tispesifika informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti dwar l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, 'il fuq mil-limitu ddeterminat mis-superviżur tal-grupp f'konformità mal-Artikolu 245(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima S.36.04 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
C0210 sa C0280/R2110	Spejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet — Gross	<p>L-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet huma l-ispejjeż li se jiġġarbu fl-ipproċessar u r-risoluzzjoni tal-pretensjonijiet, inklużi t-tariffi legali u tas-surveyor u kostijiet interni tal-ipproċessar tal-pagamenti tal-pretensjonijiet. Xi wħud minn dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu assenjati lil pretensjoni individwali (eż. tariffi legali u tas-surveyor), oħrajn huma riżultat ta' attivitajiet li jkopru aktar minn pretensjoni waħda (pereżempju s-salarji tal-persunal tad-dipartiment tal-maniġġ tal-pretensjonijiet).</p> <p>L-ammont jirrigwarda l-operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni grossi.</p> <p>Dan għandu jinkludi l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.</p>
C0210 sa C0280/R2120	Spejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet — Sehem tar-riassiguraturi	<p>L-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet huma l-ispejjeż li se jiġġarbu fl-ipproċessar u r-risoluzzjoni tal-pretensjonijiet, inklużi t-tariffi legali u tas-surveyor u kostijiet interni tal-ipproċessar tal-pagamenti tal-pretensjonijiet. Xi wħud minn dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu assenjati lil pretensjoni individwali (eż. tariffi legali u tas-surveyor), oħrajn huma riżultat ta' attivitajiet li jkopru aktar minn pretensjoni waħda (pereżempju s-salarji tal-persunal tad-dipartiment tal-maniġġ tal-pretensjonijiet).</p> <p>Dan l-ammont huwa relatat mas-sehem tar-riassiguraturi.</p> <p>Dan għandu jinkludi l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.</p> <p>Is-sehem tar-riassiguraturi għandu jiġi allokat b'mod prestabbilit, skont it-tip ta' spejjeż, jekk dan mhux possibbli għandu jiġi rapportat bħala spejjeż tal-akkwiżizzjoni.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210 sa C0280/R2200	Spejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet— Nett	<p>L-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet huma l-ispejjeż li se jiġġarbu fl-ipproċessar u r-riżoluzzjoni tal-pretensjonijiet, inklużi t-tariffi legali u tas-surveyor u kostijiet interni tal-ipproċessar tal-pagamenti tal-pretensjonijiet. Xi wħud minn dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu assenjati lil pretensjoni individwali (eż. tariffi legali u tas-surveyor), oħrajn huma riżultat ta' attivitajiet li jkopru aktar minn pretensjoni waħda (pereżempju s-salarji tal-persunal tad-dipartiment tal-maniġġ tal-pretensjonijiet).</p> <p>L-ispejjeż netti tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet jirrappreżentaw it-total tal-operazzjonijiet diretti u operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni.</p> <p>Dan għandu jinkludi l-moviment fil-provvedimenti fl-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.</p>
C0210 sa C0280/R2210	Spejjeż tal-akkwiżizzjoni — Gross	<p>L-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni jinkludu spejjeż li jistgħu jiġu identifikati fil-livell ta' kuntratt tal-assigurazzjoni individwali u li ġew imġarrba minħabba li l-impriża tkun ħarġet dak il-kuntratt partikolari. Dawn huma l-kostijiet ta' kummissjoni, il-kostijiet ta' bejgħ, is-sottoskrizzjoni u l-bidu ta' kuntratt ta' assigurazzjoni li jkun inħareġ. Tinkludi l-movimenti fil-kostijiet tal-akkwiżizzjoni diferiti. Għal impriżi tar-riassigurazzjoni, id-definizzjoni tiġi applikata mutatis mutandis.</p> <p>L-ammont jirrigwarda l-operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni grossi.</p>
C0210 sa C0280/R2220	Spejjeż tal-akkwiżizzjoni — Sehem tar-riassiguraturi	<p>L-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni jinkludu spejjeż li jistgħu jiġu identifikati fil-livell ta' kuntratt tal-assigurazzjoni individwali u li ġew imġarrba minħabba li l-impriża tkun ħarġet dak il-kuntratt partikolari. Dawn huma l-kostijiet ta' kummissjoni, il-kostijiet ta' bejgħ, is-sottoskrizzjoni u l-bidu ta' kuntratt ta' assigurazzjoni li jkun inħareġ. Tinkludi l-movimenti fil-kostijiet tal-akkwiżizzjoni diferiti. Għal impriżi tar-riassigurazzjoni, id-definizzjoni tiġi applikata mutatis mutandis.</p> <p>Dan l-ammont huwa relatat mas-sehem tar-riassiguraturi.</p> <p>Is-sehem tar-riassiguraturi għandu jiġi allokat b'mod prestabbilit, skont it-tip ta' spejjeż, jekk dan mhux possibbli għandu jiġi rapportat bħala spejjeż tal-akkwiżizzjoni.</p>
C0210 sa C0280/R2300	Spejjeż tal-akkwiżizzjoni — Nett	<p>L-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni jinkludu spejjeż li jistgħu jiġu identifikati fil-livell ta' kuntratt tal-assigurazzjoni individwali u li ġew imġarrba minħabba li l-impriża tkun ħarġet dak il-kuntratt partikolari. Dawn huma l-kostijiet ta' kummissjoni, il-kostijiet ta' bejgħ, is-sottoskrizzjoni u l-bidu ta' kuntratt ta' assigurazzjoni li jkun inħareġ. Tinkludi l-movimenti fil-kostijiet tal-akkwiżizzjoni diferiti. Għal impriżi tar-riassigurazzjoni, id-definizzjoni tiġi applikata mutatis mutandis.</p> <p>L-ispejjeż tal-akkwiżizzjoni netti jirrappreżentaw it-total tal-operazzjonijiet diretti u l-operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni.</p>
C0210 sa C0280/R2310	Spejjeż ġenerali — Gross	<p>L-ispejjeż ġenerali jinkludu s-salarji tal-maniġers ġenerali, il-kostijiet tal-awditjar u l-kostijiet regolari ta' kuljum, jiġifieri l-kont tad-dawl, kera għall-akkomodazzjoni, kostijiet tal-IT. Dawn l-ispejjeż ġenerali jinkludu wkoll l-ispejjeż relatati mal-iżvilupp ta' operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ġodda, ir-reklamar ta' prodotti tal-assigurazzjoni, it-titjib tal-proċessi interni bħal investiment f'sistemi meħtieġa biex isostni l-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (pereż. xiri ta' sistemi ġodda tal-IT u l-iżvilupp ta' softwer).</p> <p>L-ammont jirrigwarda l-operazzjonijiet diretti u ta' riassigurazzjoni grossi.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210 sa C0280/R2320	Spejjeż ġenerali — Sehem tar-riassiguraturi	<p>L-ispejjeż ġenerali jinkludu s-salarji tal-manigġers ġenerali, il-kostijiet tal-awditjar u l-kostijiet regolari ta' kuljum, jiġifieri l-kont tad-dawl, kera għall-akkomodazzjoni, kostijiet tal-IT. Dawn l-ispejjeż ġenerali jinkludu wkoll l-ispejjeż relatati mal-iżvilupp ta' operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ġodda, ir-reklamar ta' prodotti tal-assigurazzjoni, it-titjib tal-proċessi interni bħal investiment f'sistemi meħtieġa biex isostni l-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (pereż. xiri ta' sistemi ġodda tal-IT u l-iżvilupp ta' softwer).</p> <p>Dan l-ammont huwa relatat mas-sehem tar-riassiguraturi.</p> <p>Is-sehem tar-riassiguraturi għandu jiġi allokati b'mod prestabbilit, skont it-tip ta' spejjeż, jekk dan mhux possibbli għandu jiġi rapportat bħala spejjeż tal-akkwiżizzjoni.</p>
C0210 sa C0280/R2400	Spejjeż ġenerali — Nett	<p>L-ispejjeż ġenerali jinkludu s-salarji tal-manigġers ġenerali, il-kostijiet tal-awditjar u l-kostijiet regolari ta' kuljum, jiġifieri l-kont tad-dawl, kera għall-akkomodazzjoni, kostijiet tal-IT. Dawn l-ispejjeż ġenerali jinkludu wkoll l-ispejjeż relatati mal-iżvilupp ta' operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ġodda, ir-reklamar ta' prodotti tal-assigurazzjoni, it-titjib tal-proċessi interni bħal investiment f'sistemi meħtieġa biex isostni l-operazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (pereż. xiri ta' sistemi ġodda tal-IT u l-iżvilupp ta' softwer).</p> <p>L-ispejjeż ġenerali netti jirrappreżentaw it-total tal-operazzjonijiet diretti u operazzjonijiet tar-riassigurazzjoni aċċettati bit-tnaqqis tal-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni.</p>
C0300/R1410–R2400	Total	Total għal entrati differenti għal-linji operatorji tal-ħajja kollha, kif definit fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.
C0300/R2510	Bilanċ — spejjeż/introjtu tekniċi oħrajn	<p>Spejjeż/introjtu tekniċi netti mhux koperti mill-ispejjeż/introjtu msemmija hawn fuq u mnaqqsa bl-ammont ċedut lil impriżi tar-riassigurazzjoni. Spejjeż/introjtu tekniċi oħrajn ma għandhomx jinqasmu skont il-linji operatorji.</p> <p>Ma għandhiex tinkludi bidla fi provvedimenti tekniċi oħra u spejjeż/introjtu mhux tekniċi bħal taxxa, spejjeż tal-imgħax, telf fuq disponimenti, eċċ.</p> <p>L-ammont ta' spejjeż/introjtu tekniċi netti għandu jiġi rrapportat negattiv jekk l-ammont ta' introjtu tekniċu jkun akbar mill-ammont ta' spejjeż tekniċi.</p>
C0300/R2600	Spejjeż totali	Ammont tal-ispejjeż tekniċi kollha
C0210 sa C0280/R2700	Ammont totali ta' ċedimenti	<p>Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont totali ta' ċedimenti li sehew matul is-sena.</p> <p>Dan l-ammont jiġi rrapportat ukoll taħt pretensjonijiet imġarrba (entrata R1610).</p>

S.06.02 — Lista ta' assi

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni trimestrali u annwali għall-entitajiet individwali.

Il-kategoriji tal-assi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-Kodiċi ta' Identifikazzjoni Komplementari ("CIC") jirreferu għall-Anness VI — it-tabella CIC ta' dan ir-Regolament.

Din il-formola għandha tirrifletti l-lista tal-assi kollha inklużi fil-Karta bilanċjali klassifikabbli bħala kategoriji tal-assi 0 sa 9 tal-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari fil-każ ta' self ta' titoli u ftehimiet ta' riakkwiż, it-titoli sottostanti li jinżammu fil-Karta bilanċjali għandhom jiġu rrapportati f'din il-formola.

Din il-formola fiha lista, entrata b'entrata tal-assi miżmuma direttament mill-impriża (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza), klassifikabbli b'hal kategoriji ta' assi 0 sa 9 (fil-każ ta' prodotti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi ġestiti mill-impriża ta' (ri)assigurazzjoni, l-assi li għandhom jiġu rappurtati huma wkoll biss dawk koperti mill-kategoriji ta' assi 0 sa 9, pereżempju rikuperabbli u l-obbligazzjonijiet relatati ma' dawn il-prodotti ma għandhomx jiġu rappurtati), bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- Flus għandhom jiġu rappurtati fringiela waħda għal kull munita, għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080 u C0090;
- Depożiti trasferibbli (ekwivalenti ta' flus) u depożiti oħra b'maturità ta' inqas minn sena għandhom jiġu rappurtati fringiela waħda għal kull par ta' bank u munita, għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080, C0090 u C0290;
- Ipoteki u self lil individwi, inkluż self fuq poloz, għandhom jiġu rappurtati f'żewġ ringieli, waħda dwar self lil korp amministrattiv, ta' ġestjoni u superviżorju, għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080, C0090 u C0290 u oħra dwar self lil persuni fiżiċi oħra, għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080, C0090 u C0290;
- Depożiti lil ċedenti għandhom jiġu rappurtati flinja waħda għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080 u C0090;
- Impjanti u tagħmir għall-użu proprju mill-impriża għandhom jiġu rappurtati flinja waħda għal kull kombinazzjoni tal-entrati C0060, C0070, C0080 u C0090;

L-entrati kollha għandhom jiġu rrapportati, ħlief meta jkun iddikjarat mod ieħor f'dawn l-istruzzjonijiet. L-entrati C0110, C0120, C0121, C0122, C0130, C0140, C0200, C0230, C0270, C0280, C0310, C0370, u C0380 ma humiex applikabbli għal CIC 09 - Investimenti oħrajn.

Din il-formola fiha żewġ tabelli: Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma u informazzjoni dwar l-assi.

Fit-tabella tal-Infommazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma, kull assi għandu jiġi rrapportat separatament f'kemm linji hemm b'żonn biex jintlew sew il-varjabbli mhux monetarji kollha bl-eċċezzjoni tal-entrata "Kwantità", mitluba f'dik it-tabella. Jekk għall-istess assi jkun jistgħu jiġu attribwiti żewġ valuri għal varjabbli wieħed, allura dan l-assi għandu jiġi rrapportat f'fiktur minn linja waħda.

Fit-tabella tal-infommazzjoni dwar l-assi, kull assi għandu jiġi rrapportat separatament, b'ringiela waħda għal kull assi u għandhom jintlew il-varjabbli applikabbli kollha mitluba f'dik it-tabella.

L-infommazzjoni dwar il-klassifikazzjoni esterna (C0320) u l-Istituzzjonijiet Esterni tal-Valutazzjoni tal-Kreditu (ECAI) nominati (C0330) jistgħu ikunu limitati (mhux rappurtati) fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- b'deċiżjoni tal-awtorità superviżorja nazzjonali ("NSA") skont l-Artikolu 35(6) u (7) tad-Direttiva 2009/138/KE; jew
- b'deċiżjoni tal-awtorità superviżorja nazzjonali fil-każijiet fejn l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom stabbilti arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fil-qasam tal-investimenti li jwasslu biex din l-infommazzjoni speċifika ma tkunx disponibbli direttament għall-impriża.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
--	---------	----------------

Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma

C0040	Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Kodiċi tal-ID tal-Assi skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — il-Kodiċi attribwit mill-impriża meta l-għażliet t'hawn fuq ma jkunux disponibbli. Dan il-kodiċi għandu jkun uniku u għandu jinżamm konsistenti maż-żmien. <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jkun jeħtiġlu jiġi rrapportat għal assi li jkun maħruġ f'żewġ muniti differenti jew aktar, ikun meħtieġ li jiġi speċifikat il-kodiċi tal-ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, b'hal fl-eżempju li ġej: "kodiċi+EUR".</p>
-------	------------------------	--

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — ISO 6166 għall-kodiċi ISIN 2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi) 3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg) 7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters) 8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju) 9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innummerar 99 — Kodiċi attribwit mill-impriża <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jeħtieġlu jiġi rapportat għal assi wieħed li jinħareġ f'żewġ muniti differenti jew aktar u l-kodiċi f'C0040 ikun definit permezz tal-kodiċi ta' ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, il-Kodiċi tat-Tip ta' ID tal-Assi għandu jirreferi għall-għażla 99 u l-għażla tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi oriġinali, bħal fl-eżempju li ġej li għalih il-kodiċi rapportat kien Kodiċi ISIN + munita: "99/1".</p>
C0060	Portafoll	<p>Distinzjoni bejn tal-ħajja, mhux tal-ħajja, fondi tal-azzjonisti, fondi interni oħrajn, ġenerali (l-ebda qsim) u fondi delimitati.</p> <p>L-assi sottostanti tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll tal-ħajja u l-assi sottostanti ta' provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll mhux tal-ħajja (billi tiġi applikata l-aktar qasma preċiża disponibbli). Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Tal-ħajja 2 — Mhux tal-ħajja 3 — Fondi delimitati 4 — Fondi interni oħrajn 5 — Fondi tal-azzjonisti 6 — Ġenerali <p>Il-qasma ma hijiex obligatorja, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali, ħliet għall-identifikazzjoni ta' fondi delimitati, iżda għandha tiġi rapportata jekk l-impriża tużaha internament. Meta impriża ma tapplikax qasma għandha tintuża "ġenerali".</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0070	Numru tal-fond	<p>Applikabbli għal assi miżmuma f'fondi separati jew fondi interni oħrajn definiti fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' fondi (portafolli tal-assi) li jappoġġaw il-prodotti tal-ħajja.</p> <p>Numru jew kodiċi li huwa attribwit mill-impriża, li jikkorrispondi man-numru jew kodiċi uniku assenjat lil kull fond. Dan in-numru għandu jkun konsistenti matul iż-żmien u għandu jintuża biex jiġu identifikati l-fondi f'formoli oħrajn (pereżempju f'S.08.01, S.14.01). Ma għandux jerġa' jintuża għal xi fond ieħor.</p> <p>In-numru tal-fond ma huwiex obbligatorju, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali.</p>
C0080	Numru ta' portafoll ta' korrisondenza	<p>Numru jew kodiċi li huwa attribwit mill-impriża, li jikkorrispondi għan-numru jew kodiċi uniku assenjat lil kull portafoll ta' aġġustament ta' korrisondenza kif preskritt fl-Artikolu 77b(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan in-numru jew kodiċi għandu jkun konsistenti matul iż-żmien u għandu jintuża biex jidentifika l-portafoll tal-aġġustamenti ta' korrisondenza f'formoli oħrajn. Ma għandux jerġa' jintuża għal portafoll ta' aġġustament ta' korrisondenza differenti.</p>
C0090	Assi miżmum f'kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi	<p>Identifika l-assi li huma miżmuma minn kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi 2 — La marbuta ma' unitajiet u lanqas marbuta ma' indiċi
C0100	Assi mirhuna bħala kollateral	<p>Identifika l-assi miżmuma fil-karta bilanċjali tal-impriża li huma mirhuna bħala kollateral. Għal assi mirhuna parzjalment għandhom jiġu rappurtati żewġ ringieli għal kull assi, wieħed għall-ammont mirhun u l-ieħor għall-parti li jifdal. Għall-assi, għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Assi fil-karta bilanċjali li huma mirhuna bħala kollateral 2 — Kollateral għal riasigurazzjoni aċċettata 3 — Kollateral għal titoli meħuda b'self 4 — Repos 9 — Mhux kollateral
C0110	Pajjiż ta' kustodja	<p>Kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż fejn l-assi tal-impriża jinżammu f'kustodja. Għall-identifikazzjoni ta' kustodji internazzjonali, bħal Euroclear, il-pajjiż ta' kustodja se jkun dak fejn is-servizz tal-kustodja kien definit kuntrattwalment.</p> <p>F'każ li l-istess assi jkun miżmum f'kustodja faktar minn pajjiż wieħed, kull assi għandu jiġi rappurtat separatament f'kemm linji huma meħtieġa sabiex jiġu identifikati tajjeb il-pajjiżi ta' kustodja kollha.</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, CIC 71, CIC 75 u għal CIC 95 — Impjanti u tagħmir.</p> <p>Fir-rigward tal-Kategorija CIC 9, minbarra CIC 95 — Impjanti u tagħmir (għall-użu proprju), il-pajjiż tal-kustodja jikkorrispondi għall-pajjiż emittenti, li huwa valutat skont l-indirizz tal-proprjetà.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0120	Kustodju	<p>Isem l-istituzzjoni finanzjarja li hija l-kustodju.</p> <p>F'każ li l-istess assi jkun miżmum f'kustodja ma' aktar minn kustodju wieħed, kull assi għandu jiġi rappurtat separatament f'kemm ringieli huma meħtieġa sabiex jiġu identifikati sew il-kustodji kollha.</p> <p>Għall-assi maħżuna internament, l-impriża tal-assigurazzjoni għandha tiġi rrapportata bħala l-kustodju.</p> <p>Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta dan ma jkunx disponibbli tkun tikkorrispondi għall-isem legali.</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, CIC 71, CIC 75, CIC 09 u għall-kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà u għal kwalunkwe assi ieħor li, minħabba n-natura tiegħu, ma huwiex miżmum f'kustodja.</p> <p>Għal assi fejn ma jkun hemm l-ebda kustodju jew meta din l-entrata ma tkunx applikabbli, għandha tiġi rrapportata "Ebda kustodju".</p>
C0121	Kodiċi tal-kustodju	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi tal-kustodju bl-użu tal-LEI jekk disponibbli.</p> <p>Jekk mhux disponibbli din l-entrata ma tiġix rrapportata.</p>
C0122	Tip ta' kodiċi tal-kustodju	<p>Identifikazzjoni tat-tip ta' kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-kustodju". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 – LEI</p> <p>9 – L-ebda</p>
C0130	Kwantità	<p>Għadd ta' assi, għal assi rilevanti.</p> <p>Din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata jekk hija rrapportata l-entrata ammont Par (C0140).</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 71, u 09 u kategorija 9 tas-CIC - Proprjetà.</p>
C0140	Ammont par	<p>L-ammont pendenti mkejjejl bl-ammont par, għall-assi kollha meta din l-entrata tkun rilevanti, u bl-ammont nominali għal CIC 72, 73, 74, 75, 79 u Kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self. Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 09 u kategorija 9 tas-CIC - Proprjetà. Din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata jekk hija rrapportata l-entrata Kwantità (C0130).</p>
C0145	Investimenti fekwità fit-tul	<p>Applikabbli biss għall-kategoriji 3 tas-CIC – Ekwità u 4 – Impriżi ta' Investiment Kollettiv.</p> <p>Identifika jekk impriża ta' ekwità jew ta' investiment kollettiv hijiex ikklassifikata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 171a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 - Iva</p> <p>2 – Le</p> <p>9 – Mhux applikabbli</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150	Metodu ta' valwazzjoni	<p>Identifika l-metodu ta' valwazzjoni użat għal valwar tal-assi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — prezz ikkwotat fis-suq fi swieq attivi għall-istess assi</p> <p>2 — prezz ikkwotati fis-suq fi swieq attivi għal assi simili</p> <p>3 — metodi alternattivi ta' valwazzjoni</p> <p>4 — metodi tal-ekwità aġġustata (applikabbli għall-valwazzjoni tal-parteċipazzjonijiet)</p> <p>5 — metodi tal-ekwità IFRS (applikabbli għall-valwazzjoni tal-parteċipazzjonijiet)</p> <p>6 — Valwazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35</p>
C0160	Valur tal-akkwiżizzjoni	<p>Il-valur totali tal-akkwiżizzjoni tal-assi miżmuma, valur nadif, mingħajr imgħax dovut. Mhux applikabbli għall-kategoriji CIC 7 - Flus u depożiti u 8 — Ipoteki u self.</p>
C0170	Ammont totali tas-Solvibbiltà II	<p>Il-valur ikkalkolat kif iddefinit mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, li jikkorrispondi għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-multiplikazzjoni tal-“Ammont b'parità” (l-ammont prinċipali pendenti mkejjejl bl-ammont b'parità jew l-ammont nominali) bil-“Perċentwal tal-unità tal-prezz tas-Solvenza II b'ammont b'parità” miżjud bl-“Imgħax dovut”, għal assi fejn l-ewwel żewġ entrati jkunu rilevanti; — il-multiplikazzjoni tal-“Kwantità” bil-“Prezz unitarju ta' Solvenza II”, għal assi fejn dawn iż-żewġ entrati jkunu rilevanti (kif ukoll “Imgħax dovut” jekk applikabbli); — Il-valur tas-solvenza II tal-assi għall-assi klassifikabbli taħt is-CIC 71 u l-kategorija 9 tas-CIC - Proprjetà.
C0180	Imgħax dovut	<p>Ikkwantifika l-ammont tal-imgħax dovut wara l-aħħar data tal-kupun għal assi li jrendu l-imgħax. Innota li dan il-valur huwa wkoll parti mill-entrata ammont totali tas-Solvibbiltà II.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONI
--	---------	------------

Informazzjoni dwar l-assi

C0040	Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Kodiċi tal-ID tal-Assi skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — il-Kodiċi attribwit mill-impriża meta l-għażliet t'hawn fuq ma jkunux disponibbli. Dan il-kodiċi għandu jkun uniku u għandu jinżamm konsistenti maż-żmien. <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jkun jeħtiġlu jiġi rappurtat għal assi li jkun maħruġ f'żewġ muniti differenti jew aktar, ikun meħtieġ li jiġi speċifikat il-kodiċi tal-ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, bħal fl-eżempju li ġej: “kodiċi+EUR”.</p>
-------	------------------------	--

	ENTRATA	STRUZZJONI
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — ISO 6166 għall-kodiċi ISIN</p> <p>2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi)</p> <p>3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra)</p> <p>4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)</p> <p>5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)</p> <p>6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg)</p> <p>7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters)</p> <p>8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju)</p> <p>9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumerar</p> <p>99 — Kodiċi attribwit mill-impriża</p> <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jeħtieġu jiġi rrapportat għal assi wieħed li jinħareġ f'żewġ muniti differenti jew aktar u l-kodiċi f'C0040 ikun definit permezz tal-kodiċi ta' ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, il-Kodiċi ta' Tip ta' ID tal-Assi għandu jirreferi għall-għażla 99 u l-għażla tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi oriġinali, bħal fl-eżempju li ġej li għalih il-kodiċi rrapportat kien Kodiċi ISIN +munita: "99/1".</p>
C0190	Titolu tal-Entrata	<p>Identifika l-entrata rrapportata billi timla l-isem tal-assi (jew l-indirizz f'każ ta' proprjetà), skont id-dettall stipulat mill-impriża.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward CIC 87 u CIC 88, din l-entrata għandu jkun fiha "Self lill-membri AMSB" jiġifieri self lill-Korp ta' Amministrazzjoni, Ġestjoni u Superviżjoni ("AMSB") jew "Self lil persuni fiżiċi oħra", skont in-natura tiegħu, peress li dawk l-assi ma humiex meħtieġa li jkunu individwalizzati. Għoti ta' self lil oħrajn li mhumiex persuni fiżiċi għandu jiġi rrapportat linja linja. — Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 95 — Impjanti u tagħmir (għal użu proprju) peress li dawk l-assi ma humiex meħtieġa li jkunu individwalizzati, CIC 71 u CIC 75, sakemm ma jkunux meħtieġa mill-awtorità superviżorja nazzjonali. — Għall-proprjetà, għandu jiġi rrapportat il-pajjiż ISO Alfa-2 + kodiċi postali + belt + isem it-triq + numru tat-triq tal-proprjetà miżmuma jew il-latitudni u l-lonġitudni jew ir-reġjun CRESTA/NUTS tal-investiment fil-proprjetà: il-konfini amministrattivi (eż. il-konfini tal-provinċja jew tal-kontea, eż. il-livell ta' NUTS 3) jew iż-żoni tal-kodiċi postali magħquda (eż. iż-żoni tal-kodiċi postali bl-ewwel żewġ ċifri, simili għaż-żoni ta' riżoluzzjoni baxxa CRESTA 2019[2]).

	ENTRATA	STRUZZJONI
C0200	Isem l-emittent	<p>Isem l-emittent, definit bħala l-entità li toħroġ assi għall-investituri.</p> <p>Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta dan ma jkunx disponibbli jkun jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-kategorija 4 tas-CIC — Impriżi ta' Investimenti Kollettivi, isem l-emittent huwa l-isem il-manijer tal-fond (entità). Il-kumpanija manijerjali awtorizzata li tista' tkun responsabbli u hija responsabbli għall-ġestjoni tal-fond hija dik li għandha tiġi rrapportata irrispettivament minn jekk xi attivitajiet ikunux ġew esternalizzati, inkluża l-ġestjoni attwali tal-portafoll, jiġifieri d-deċiżjoni dwar ix-xiri/il-bejgħ; — Rigward il-Kategorija 7 tas-CIC — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), isem l-emittent huwa isem l-entità depożitarja; — Rigward is-CIC 87 u CIC 88, din l-entrata għandu jkun fiha "Self lil membri AMSB" jew "Self lil persuni fiżiċi oħra", skont in-natura tiegħu, peress li daww l-assi ma humiex meħtieġa li jkunu individwalizzati; — Fir-rigward tal-kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self, minbarra CIC 87 u CIC 88, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà.
C0210	Kodiċi tal-emittent	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi tal-emittent permezz tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI), jekk disponibbli.</p> <p>Jekk mhux disponibbli din l-entrata ma tiġix rrapportata.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-kategorija 4 tas-CIC — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, il-kodiċi tal-emittent huwa l-kodiċi tal-manijer tal-fond (entità). Il-kumpanija manijerjali awtorizzata li tista' tkun responsabbli u hija responsabbli għall-ġestjoni tal-fond hija dik li għandha tiġi rrapportata irrispettivament minn jekk xi attivitajiet ikunux ġew esternalizzati, inkluża l-ġestjoni attwali tal-portafoll, jiġifieri d-deċiżjoni dwar ix-xiri/il-bejgħ; — Rigward il-Kategorija 7 tas-CIC — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), il-kodiċi tal-emittent huwa l-kodiċi tal-entità depożitarja — Fir-rigward tal-kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self, minbarra CIC 87 u CIC 88, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà; — Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 87 u CIC 88.
C0220	Tip ta' kodiċi tal-emittent	<p>Identifikazzjoni tat-tip ta' kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Emittent". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — LEI</p> <p>9 — L-ebda</p> <p>Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 87 u CIC 88.</p> <p>Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONI
C0230	Settur tal-emittent	<p>Identifika s-settur ekonomiku tal-emittent abbażi tal-aħħar verżjoni tal-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-kodiċi tal-Komunità Ewropea ("NACE") (kif pubblikat f'Regolament tal-KE). Għat-taqsimiet A sa N tan-NACE huwa meħtieġ rappurtar sħiħ b'erba' ċifri tal-kodiċijiet tan-NACE, jiġifieri għandha tintuża l-ittra li tidentifika t-Taqsima segwita mill-kodiċi b'4 ċifri għall-klassi (eż. "K6411"). Għat-taqsimiet li jifdal, ir-referenza tal-ittra tal-kodiċi NACE li tidentifika t-Taqsima għandha tintuża bħala minimu għall-identifikazzjoni tas-setturi (eż. "P" jew "P8501" ikunu aċċettabbli).</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Fir-rigward tal-kategorija 4 tas-CIC — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, is-settur tal-emittent huwa s-settur tal-manijer tal-fond; — Fir-rigward tal-kategorija 7 tas-CIC — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), is-settur tal-emittent huwa s-settur tal-entità depożitarja; — Fir-rigward tal-kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self, minbarra CIC 87 u CIC 88, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75, CIC 09 u kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà; — Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 87 u CIC 88.
C0240	Grupp Emittenti	<p>Isem l-entità prinċipali aħħarija tal-emittent. Għal impriżi ta' investiment kollettiv, għandha tiġi rrapportata l-kumpanija omm aħħarija tal-manijer tal-fond (entità).</p> <p>Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta dan ma jkunx disponibbli jkun jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Fir-rigward tal-kategorija 4 tas-CIC — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, għandha tiġi rrapportata l-kumpanija omm aħħarija tal-manijer tal-fond (entità); — Fir-rigward tal-kategorija 7 tas-CIC — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-entità depożitarja; — Fir-rigward tal-kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self, minbarra CIC 87 u CIC 88, ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 71 u CIC 88; — Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 71, CIC 75, CIC 09 u kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà; — Din l-entrata ma tapplikax għal bonds maħruġa minn: <ul style="list-style-type: none"> — gvern ċentrali, — gvern lokali, — aġenzija tal-gvern, — bank ċentrali, — il-grupp/entità nnifisha, — organizzazzjoni supranazzjonali (dment li ma jkun jeżisti l-ebda grupp ta' emittent).

	ENTRATA	STRUZZJONI
C0250	Kodiċi tal-Grupp Emittenti	<p>Identifikazzjoni tal-grupp tal-emittent bl-użu tal-LEI jekk disponibbli.</p> <p>Jekk mhux disponibbli din l-entrata ma tiġix rapportata.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Fir-rigward tal-kategorija 4 tas-CIC — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, għandha tiġi rrapportata l-kumpanija omm aħħarija tal-manigġer tal-fond (entità); — Fir-rigward tal-kategorija 7 tas-CIC — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-entità depożitarja; — Fir-rigward tal-kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self, minbarra CIC 87 u CIC 88, ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 71 u 88; — Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 71, CIC 75, CIC 09 u kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà; — Din l-entrata ma tapplikax għal bonds maħruġa minn: <ul style="list-style-type: none"> — gvern ċentrali — gvern lokali, — aġenzija tal-gvern, — bank ċentrali, — il-grupp/entità nnifisha, — organizzazzjoni supranazzjonali (dment li ma jkun jeżisti l-ebda grupp ta' emittent).
C0260	Tip ta' kodiċi tal-grupp emittent	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Grupp Emittenti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — LEI</p> <p>9 — L-ebda</p>
C0270	Pajjiż Emittent	<p>Kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż fejn jinsab l-emittent.</p> <p>Fejn jinsab l-emittent jiġi valutat skont l-indirizz tal-entità li toħroġ l-assi.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Fir-rigward tal-kategorija 4 tas-CIC — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, il-pajjiż emittent huwa l-pajjiż tal-manigġer tal-fond (entità); — Fir-rigward tal-kategorija 7 tas-CIC — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), il-pajjiż emittent huwa l-pajjiż tal-entità depożitarja; — Fir-rigward tal-kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self, minbarra CIC 87 u CIC 88, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 87 u CIC 88; — Din l-entrata ma hijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75, CIC 09 u l-kategorija 9 tas-CIC — Proprjetà.

	ENTRATA	STRUZZJONI
		<p>Għandha tintuża waħda minn dawn l-għażliet:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-kodiċi ISO 3166-1 alfa-2; — XA: Emittenti supranazzjonali (istituzzjonijiet pubbliċi stabbiliti permezz ta' impenn bejn stati nazzjonali, eż. Titoli maħruġa minn bank multilaterali tal-iżvilupp imsemmi fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 117 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew titoli maħruġa minn organizzazzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bl-eżenzjoni tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea); — EU: Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (kif definiti fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
C0280	Munita	<p>Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-ħruġ.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 87 u CIC 88, peress li dawk l-assi ma humiex meħtieġa li jkunu individwalizzati), CIC 75, CIC 09 u għal CIC 95 — Impjanti u tagħmir (għall-użu proprju) għall-istess raġuni; — Fir-rigward tal-Kategorija 9 tas-CIC - Proprjetà, minbarra CIC 95 Impjanti u tagħmir (għall-użu proprju), il-munita tikkorrispondi għal munita li biha sar l-investment.
C0290	CIC	<p>Kodiċi ta' Identifikazzjoni Komplementari użat għall-klassifikazzjoni tal-assi, kif stabbilit fl-Anness VI — Tabella CIC ta' dan ir-Regolament. Meta assi jiġi klassifikat bl-użu tat-tabella CIC, l-impriżi għandhom iqisu l-aktar riskju rappreżentattiv li l-assi jkun skopert għalih.</p>
C0292	Approċċ għall-kalkolu tas-SCR għas-CIU	<p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1- CIUs li għalihom ġiet applikata trasparenza sħiħa għall-finijiet tal-kalkolu tas-SCR f'konformità mal-Artikolu 84(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35; 2- CIUs li għalihom ġiet applikata trasparenza "simplifikata" fuq il-bażi tal-allokazzjoni tal-assi sottostanti fil-mira jew tal-aħħar allokazzjoni tal-assi rappurtata u li għalihom il-gruppi tad-<i>data</i> jintużaw f'konformità mal-Artikolu 84(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35; 3- CIUs li għalihom ġiet applikata trasparenza "simplifikata" fuq il-bażi tal-allokazzjoni tal-assi sottostanti fil-mira jew tal-aħħar allokazzjoni tal-assi rappurtata u li għalihom ma jintużawx gruppi tad-<i>data</i> f'konformità mal-Artikolu 84(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35; 4- CIUs li għalihom ġie applikat ir-"riskju ta' ekwità tat-tip 2" f'konformità mal-Artikolu 168(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35; 9- Mhux applikabbli. <p>L-għażliet ta' trasparenza ta' din l-entrata għandhom jirriflettu l-approċċ meħud għall-kalkolu tas-SCR. Għall-finijiet tar-rapportar tal-informazzjoni dwar it-trasparenza meħtieġa fil-formola S.06.03 l-informazzjoni dwar it-trasparenza hija meħtieġa meta jitqiesu l-limiti definiti fil-kummenti ġenerali ta' dik il-formola.</p> <p>Din l-entrata hija applikabbli biss għall-kategorija 4 tas-CIC - Impriżi ta' Investment Kollektiv.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONI
C0293	Regoli ta' rikapitalizzazzjoni interna	<p>Identifika jekk l-assi huwiex soġġett għal regoli ta' rikapitalizzazzjoni interna, f'konformità mal-Artikoli 43 u 44 tad-Direttiva 2014/59/UE (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek - BRRD).</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 – Iva; 2 – Le; 9 – Mhux applikabbli.
C0294	Gvernijiet Reġjonali u Awtoritajiet Lokali (RGLA)	<p>Identifika l-assi maħruġa jew iggarantiti mill-Gvernijiet Reġjonali u mill-Awtoritajiet Lokali (RGLA) elenkati u mhux elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011, fir-rigward tal-assi klassifikabbli b'CIC 13 u 14.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 – Elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011; 2 – Mhux elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2011; 9 – Mhux applikabbli.
C0295	Kriptoassi	<p>Identifika l-assi marbuta mal-kriptoassi.</p> <p>Kriptoassi tfisser rappreżentazzjoni diġitali ta' valur jew drittijiet li jistgħu jiġu ttrasferiti u maħżuna elettronikament, bl-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit jew teknoloġija simili.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 – Token tal-flus elettroniċi - tip ta' kriptoassi li l-għan ewlieni tiegħu jkun li jintuża bħala mezz ta' skambju u li jkollu l-għan li jżomm valur stabbli billi jirreferi għall-valur ta' munita ta' kors legali li tkun munita legali; 2 – Token irreferenzjat ma' assi - tip ta' kriptoassi li jkollu l-għan li jżomm valur stabbli billi jirreferi għall-valur ta' diversi muniti ta' kors legali li jkunu munita legali, komodità waħda jew diversi jew kriptoassi wieħed jew aktar, jew taħlita ta' tali assi; 3- Token ta' utilità - tip ta' kriptoassi li huwa maħsub sabiex jipprovdi aċċess diġitali għal oġġett jew għal servizz, disponibbli fuq id-DLT, u li huwa aċċettat biss mill-emittent ta' dak it-token; 4 – Kriptoassi oħrajn 5 - Nru.
C0296	Tip ta' proprjetà	<p>Identifika t-tip ta' proprjetà, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-BERS tal-21 ta' Marzu 2019 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2016/14 dwar l-għeluq ta' lakuni fid-<i>data</i> dwar il-proprjetà immobbli.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Residenzjali, eż. binjiet għal għadd ta' unitajiet domestiċi; 2 - Imnut, eż. lukandi, ristoranti, ċentri kummerċjali; 3 - Uffiċċji, eż. proprjetà li tintuża primarjament bħala uffiċċji professjonali jew ta' negozju; 4 - Industrijali, eż. proprjetà użata għall-iskopijiet ta' produzzjoni, distribuzzjoni u loġistika;

	ENTRATA	STRUZZJONI
		<p>5 - Tipi oħrajn ta' proprjetà kummerċjali;</p> <p>9 – Mhux applikabbli.</p> <p>F'każ li proprjetà jkollha użu mħallat, għandha titqies bħala proprjetajiet differenti (pereżempju abbażi tal-erja tas-superfiċje ddedikata għal kull użu) kull meta jkun fattibbli li jsir dak it-tqassim; inkella, il-proprjetà tista' tiġi kklassifikata skont l-użu dominanti tagħha;</p> <p>Din l-entrata tapplika biss għall-kategorija 9 tas-CIC - Proprjetà</p>
C0297	Post tal-proprjetà	<p>Identifika l-post tal-proprjetà, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-BERS tal-21 ta' Marzu 2019 li temenda r-Rakkomandazzjoni BERS/2016/14 dwar l-ghelug ta' lakuni fid-<i>data</i> dwar il-proprjetà immobbli.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 - Prinċipali;</p> <p>2 – Mhux prinċipali;</p> <p>9 – Mhux applikabbli.</p> <p>Din l-entrata hija applikabbli biss għall-kategorija 9 tas-CIC - Proprjetà</p>
C0300	Investiment fl-infrastruttura	<p>Identifika jekk l-assi huwiex investiment finfrastruttura kif definit fl-Artikolu 1 (55a) u (55b) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Mhux investiment finfrastruttura;</p> <p>2 — Infrastruttura, mhux kwalifikanti: Garanzija tal-Gvern (Gvern, Bank ċentrali, Gvern reġjonali jew awtorità lokali);</p> <p>3 — Infrastruttura, mhux kwalifikanti: Appoġġ mill-Gvern inkluż inizjattiva ta' Finanzjament Pubbliku (Gvern, Bank ċentrali, Gvern reġjonali jew awtorità lokali);</p> <p>4 — Infrastruttura, mhux kwalifikanti: Garanzija/Appoġġ Supranazzjonali (BĊE, Bank multilaterali tal-iżvilupp, Organizzazzjoni internazzjonali);</p> <p>9 — Infrastruttura, mhux kwalifikanti: Self jew investimenti finfrastruttura oħra mhux kwalifikanti, mhux ikklassifikata taħt il-kategoriji ta' hawn fuq;</p> <p>12 – Infrastruttura kwalifikanti: Garanzija tal-Gvern (Gvern, Bank ċentrali, Gvern reġjonali jew awtorità lokali);</p> <p>13 – Infrastruttura kwalifikanti: Appoġġ mill-Gvern inkluż inizjattiva ta' Finanzjament Pubbliku (Gvern, Bank ċentrali, Gvern reġjonali jew awtorità lokali);</p> <p>14 – Infrastruttura kwalifikanti: Garanzija/Appoġġ Supranazzjonali (BĊE, Bank multilaterali tal-iżvilupp, Organizzazzjoni internazzjonali)</p> <p>19 – Infrastruttura kwalifikanti: Investimenti finfrastruttura kwalifikanti oħra, mhux ikklassifikata taħt il-kategoriji ta' hawn fuq.</p> <p>20 — Fond Ewropew tal-Investiment fuq Termini Twil (ELTIF li jinvesti f'assi ta' infrastruttura u ELTIF li jinvesti f'assi oħrajn li mhumiex infrastrutturali).</p>

	ENTRATA	STRUZZJONI
C0310	Holdings f'impriżi relatati, inklużi parteċipazzjonijiet	<p>Applikabbli biss għall-kategoriji 3 - Ekwità u 4 - Impriżi ta' Investiment Kollettiv tas-CIC.</p> <p>Identifika jekk ekwità u sehem ieħor humiex parteċipazzjoni. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 – Ma hijiex parteċipazzjoni;</p> <p>2 – Hija parteċipazzjoni li fiha jiġi applikat l-approċċ ta' trasparenza f'konformità mal-Artikolu 84 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35;</p> <p>3 – Hija parteċipazzjoni li fiha ma jiġix applikat l-approċċ ta' trasparenza f'konformità mal-Artikolu 84 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35;</p>
C0320	Klassifikazzjoni esterna	<p>Applikabbli mill-inqas għall-kategoriji tas-CIC 1 - Bonds tal-Gvern, 2 – Bonds korporattivi, 5 - Noti strutturati, 6 - Titoli kollateralizzati, CIC 87 u CIC 88, fejn disponibbli.</p> <p>Din hija l-klassifikazzjoni tal-ħruġ tal-assi fid-data tar-referenza tar-rapportar kif mogħtija mill-istituzzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu nominata (ECAI).</p> <p>Jekk il-klassifikazzjoni tal-ħruġ ma tkunx disponibbli, l-entrata għandha titħalla vojta.</p>
C0330	ECAI nominata	<p>Identifika l-istituzzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) li tagħti l-klassifikazzjoni esterna f'C0320, billi tuża isem l-ECAI kif pubblikat fis-sit web tal-ESMA. F'każ ta' klassifikazzjonijiet maħruġa minn sussidjarji tal-ECAI, jekk jogħġbok irrapporta l-ECAI prinċipali (ir-referenza hija għal-lista tal-ESMA tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu).</p> <p>Applikabbli mill-inqas għall-kategoriji tas-CIC 1 - Bonds tal-gvern, 2 – Bonds korporattivi, 5 - Noti strutturati, 6 - Titoli kollateralizzati u 8 - Ipoteki u Self, (għajr CIC 87 u CIC 88), fejn disponibbli.</p> <p>Din l-entrata għandha tiġi rappurtata meta tiġi rappurtata l-Klassifikazzjoni esterna (C0320). Fil-każ li "L-ebda ECAI ma ġiet innominata u qed tintuża simplifikazzjoni għall-kalkolu tas-SCR", il-Klassifikazzjoni esterna (C0320) għandha titħalla vojta u fl-iskala tal-kwalità kreditizja (C0340) għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin: 2a; 3a jew 3b.</p>
C0340	Skala tal-kwalità kreditizja	<p>Applikabbli għal kwalunkwe assi li għalih għandha tiġi attribwita l-iskala tal-kwalità kreditizja għall-iskop tal-kalkolu SCR.</p> <p>Identifika l-iskala tal-kwalità kreditizja attribwita għall-assi, kif definit mill-Artikolu 109a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE, billi tapplika t-tabella tal-immappjar stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800.</p> <p>L-iskala tal-kwalità kreditizja għandha b'mod partikolari tirrifletti kwalunkwe riaġġustament fil-kwalità kreditizja li sar internament mill-impriżi li jużaw il-formula standard.</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għal assi li għalihom l-impriżi li jużaw mudell intern jużaw klassifikazzjonijiet interni. Jekk l-impriżi li jużaw mudell intern ma jużawx klassifikazzjoni interna, din l-entrata għandha tiġi rappurtata.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>0 – Skala tal-kwalità kreditizja 0;</p> <p>1 – Skala tal-kwalità kreditizja 1;</p>

	ENTRATA	STRUZZJONI
		<p>2 – Skala tal-kwalità kreditizja 2;</p> <p>2a – Skala tal-kwalità kreditizja 2 minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 176a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għal bonds u self mhux ikklassifikati;</p> <p>3 – Skala tal-kwalità kreditizja 3;</p> <p>3a – Skala tal-kwalità kreditizja 3 minħabba l-applikazzjoni tal-kalkolu ssimplifikat skont l-Artikolu 105a tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35</p> <p>3b – Skala tal-kwalità kreditizja 3 minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 176a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għal bonds u self mhux ikklassifikati;</p> <p>4 – Skala tal-kwalità kreditizja 4;</p> <p>5 – Skala tal-kwalità kreditizja 5;</p> <p>6 – Skala tal-kwalità kreditizja 6;</p> <p>9 – L-ebda klassifikazzjoni disponibbli.</p>
C0350	Klassifikazzjoni interna	<p>Applikabbli mill-inqas għall-kategoriji tas-CIC 1- Bonds tal-Gvern, 2 – Bonds korporattivi, 5 - Noti strutturati, 6 - Titoli kollateralizzati u 8 - Ipoteki u Self, (għajr CIC 87 u CIC 88), fejn disponibbli.</p> <p>Klassifikazzjoni interna tal-assi għall-impriżi li jużaw klassifikazzjonijiet interni.</p> <p>Għall-impriżi li japplikaw aġġustament ta' korrispondenza, l-entrata għandha tiġi rrapportata sa fejn jintużaw il-klassifikazzjonijiet interni biex tiġi kkalkolata l-firxa fundamentali msemmija fl-Artikolu 77c (2) tad-Direttiva 2009/138/KE.</p>
C0360	Durata	<p>Applikabbli biss għall-kategoriji tas-CIC 1 – Bonds tal-Gvern, 2 – Bonds korporattivi, 4 – Impriżi ta' Investiment Kollettiv (fejn applikabbli, eż. għal impriża ta' investiment kollettiv li prinċipalment tkun investiet f'bonds), 5 – Noti strutturati u 6 – Titoli kollateralizzati.</p> <p>Id-durata ta' assi, definita bħala “durata residwa modifikata” (durata modifikata kalkulata fuq il-bażi taż-żmien li jibqa' għall-maturità tat-titolu, magħduda mid-data ta' referenza tar-rappurtar). Għal assi mingħajr maturità fissa għandha tintuża l-ewwel data ta' sejħa iżda għandha titqies il-probabbiltà li tiġi eżerċitata l-opzjoni ta' xiri. Id-durata għandha tiġi kalkulata abbażi tal-valur ekonomiku.</p>
C0370	Prezz tas-Solvibbiltà II tal-Unità	<p>Ammont fil-munita tar-rappurtar għall-assi, jekk rilevanti.</p> <p>Din l-entrata għandha tiġi rrapportata jekk tkun ingħatat “kwantità” (C0130) fl-ewwel parti tal-formola (“Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma”).</p> <p>Din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata jekk l-entrata Perċentwal tal-unità tal-prezz tal-ammont par tas-Solvibbiltà II (C0380) tkun rrapportata.</p>
C0380	Perċentwal tal-unità tal-prezz tal-ammont par tas-Solvibbiltà II	<p>Ammont f'perċentwali tal-valur par, prezz nadif mingħajr imgħax dovut, għall-assi, jekk rilevanti.</p> <p>Din l-entrata għandha tiġi rrapportata jekk tkun ġiet ipprovduta informazzjoni dwar l-“ammont b'parità” (C0140) fl-ewwel parti tal-formola (“Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma”) ħlief għal CIC 71 u l-kategorija 9 tas-CIC - Proprietà.</p> <p>Din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata jekk l-entrata Prezz tal-Unità tas-Solvibbiltà II (C0370) tkun rrapportata.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONI
C0390	Data ta' maturità	<p>Applikabbli biss għall-kategoriji tas-CIC 1 – Bonds tal-Gvern, 2 – Bonds korporattivi, 5 – Noti strutturati, 6 – Titoli kollateralizzati, u 8 – Ipoteki u Self, CIC 74 u CIC 79.</p> <p>Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-maturità.</p> <p>Dan jikkorrispondi dejjem għad-data ta' maturità, anke għal titoli eżerċitabbli.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal titoli perpetwi uża "9999-12-31"; — Għal CIC 87 u CIC 88, għandha tiġi rappurtata l-maturità li jifdal ponderata (abbażi tal-ammont tas-self).

S.06.03 — Impriżi ta' investiment kollettiv — approċċ ta' trasparenza

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni trimestrali u annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formula fiha informazzjoni dwar it-trasparenza ta' impriżi ta' investiment kollettiv jew investimenti aggregati bħala fondi, inkluż meta dawn ikunu parteċipazzjonijiet, skont il-kategorija tal-assi sottostanti, il-pajjiż emittenti u l-munita. Meta jitqiesu l-proporzjonalità u l-istruzzjonijiet speċifiċi tal-mudell, il-look-through għandu jitwettaq sakemm jiġu identifikati l-kategoriji tal-assi, il-pajjiżi u l-muniti. Fil-każ ta' fondi ta' fondi t-trasparenza għandha ssegwi l-istess approċċ.

Il-formola għandha tinkludi informazzjoni li tikkorrispondi għal 100 % tal-valur investit f'impriżi ta' investiment kollettiv. Madankollu, għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi, it-trasparenza għandha tiġi implimentata sabiex tidentifika l-iskoperturi ta' 90 % tal-valur totali tal-fondi bit-tnaqqis tal-ammonti relatati mas-CIC 8 u 9, u għall-identifikazzjoni tal-muniti, it-trasparenza għandha tiġi implimentata sabiex tidentifika l-iskoperturi ta' 90 % tal-valur totali tal-fondi. L-impriżi għandhom jiżguraw li l-10 % mhux identifikat skont il-pajjiż ikun diversifikat minn żona ġeografika għall-oħra, pereżempju li mhux aktar minn 5 % ikun jinsab f'pajjiż wieħed biss. It-trasparenza għandha tiġi applikata mill-impriżi, mill-akbar fond uniku, skont l-ammont investit, sal-anqas fond uniku u l-approċċ għandu jinżamm konsistenti matul iż-żmien.

Informazzjoni trimestrali għandha tiġi rapportata biss meta l-proporzjon tal-impriżi ta' investiment kollettiv miżmuma mill-impriża mal-investimenti totali mkejla bħala l-proporzjon bejn l-entrata C0010/R0180 tal-formola S.02.01 flimkien mal-impriżi ta' investiment kollettiv inklużi fl-entrata C0010/R0220 tal-formola S.02.01 flimkien mal-impriżi ta' investiment kollettiv inklużi fl-entrata C0010/R0090 u s-somma tal-entrata C0010/R0070 u C0010/RC0220 tal-formola S.02.01 ikun ogħla minn 30 %.

L-entrati għandhom jiġu rapportati b'valuri pożittivi sakemm l-istruzzjonijiet rispettivi ma jgħidux mod ieħor.

Il-kategoriji tal-assi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għall-Anness VI — tabella CIC ta' dan ir-Regolament.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010	Kodiċi tal-ID tal-Impriża ta' Investiment Kollettiv	<p>Kodiċi tal-ID tal-Assi skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jridu jkunu konsistenti maż-żmien
C0020	Tip tal-kodiċi tal-ID tal-Impriża ta' Investiment Kollettiv	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — ISO 6166 għall-kodiċi ISIN</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi)</p> <p>3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra)</p> <p>4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)</p> <p>5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)</p> <p>6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg)</p> <p>7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters)</p> <p>8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju)</p> <p>9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumerar</p> <p>99 — Kodiċi attribwit mill-impreza</p>
C0030	Kategorija ta' assi sottostanti	<p>Identifika l-kategoriji tal-assi, riċevibbli u derivattivi fl-impreza ta' investiment kollettiv. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Bonds tal-Gvern</p> <p>2 — Bonds Korporattivi</p> <p>3L — Ekwità elenkata</p> <p>3X — Ekwità mhux elenkata</p> <p>4 — Impriżi ta' Investiment Kollettiv</p> <p>5 — Noti strutturati</p> <p>6 — Titoli kollateralizzati</p> <p>7 — Flus u depożiti</p> <p>8 — Ipoteki u self</p> <p>9 — Proprjetajiet</p> <p>0 — Investimenti oħra (inklużi riċevibbli)</p> <p>A — Futuri</p> <p>B-Opzjonijiet Eżerċitabbli</p> <p>C — Opzjonijiet Put</p> <p>D — Swaps</p> <p>E — Forwards</p> <p>F — Derivattivi ta' kreditu</p> <p>L — Obligazzjonijiet</p> <p>“Kategorija “4 - Impriżi ta' Investiment Kollettiv” għandha tintuża biss għall-valuri residwi mhux materjali kemm għall-“fondi ta' fondi” kif ukoll għal kwalunkwe fond ieħor.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0040	Pajjiż tal-ħruġ	<p>Tqassim ta' kull kategorija ta' assi identifikata f'C0030 skont il-pajjiż emittent. Identifika l-pajjiż tal-lokalizzazzjoni tal-emittent.</p> <p>Il-lokalizzazzjoni tal-emittent tiġi valutata skont l-indirizz tal-entità li toħroġ l-assi. Għandha tintuża waħda minn dawn l-għażliet:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 — XA: Emittenti supranazzjonali — EU: Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea — AA: pajjiżi aggregati minħabba l-applikazzjoni ta' limitu <p>Din l-entrata ma tapplikax għall-Kategoriji 7, 8 u 9 kif rappurtat f'C0030.</p>
C0050	Munita	<p>Identifika jekk il-munita tal-kategorija tal-assi hijiex il-munita tar-rappurtar jew munita barranija. Il-muniti l-oħra kollha għajr il-munita tar-rappurtar jissejħu muniti barranin. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Munita tar-rappurtar 2 — Munita barranija 3 — Muniti aggregati minħabba l-applikazzjoni tal-livell limitu
C0060	Ammont totali	<p>L-ammont totali investit skont il-kategorija tal-assi, il-pajjiż u l-munita permezz ta' impriżi ta' investment kollettiv.</p> <p>Għall-obbligazzjonijiet, għandu jiġi rappurtat ammont pożittiv, sakemm l-entrata ma tkunx obbligazzjoni derivattiva.</p> <p>Għal derivattivi l-ammont totali jista' jkun pożittiv (jekk assi) jew negattiv (jekk obbligazzjoni).</p>

S.06.04 - Riskji relatati mat-tibdil fil-klima għall-investimenti

Kummenti ġenerali:

Din il-formola għandha tiġi rappurtata f'każ ta' rappurtar regolari anki jekk ma jkun ipprovdut l-ebda KPI. F'każ li ma jiġi rappurtat l-ebda KPI, ikun jeħtieġ li tiġi pprovduta ġustifikazzjoni f'R0040/C0010 u/jew R0050/C0010.

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola fiha informazzjoni dwar is-sehem tal-investimenti esposti għat-tranżizzjoni relatata mat-tibdil fil-klima u r-riskju fiżiku. Bħala input għall-komputazzjoni tas-sehem tal-investimenti esposti għar-riskju ta' tranżizzjoni, l-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw kodiċijiet NACE ta' livell b'erba' ċifri għat-taqsimiet A sa N tan-NACE fil-Lista tal-assi S.06.02. Għar-riskju fiżiku, l-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw b'mod standardizzat dwar il-post tal-proprietajiet fil-Lista tal-assi S.06.02.

R0010/C0010	Riskju ta' tranżizzjoni relatat mat-tibdil fil-klima - KPI	Il-proporzjon tal-valur tas-Solvibbiltà II tal-investimenti esposti għar-riskju ta' tranżizzjoni, fir-rigward tat-total tal-investimenti. L-impriżi jistgħu jużaw il-metodoloġija tagħhom stess biex jikkalkolaw il-KPI. L-identifikazzjoni tal-investimenti esposti għar-riskju ta' tranżizzjoni għandha tkun konsistenti mal-klassifikazzjoni magħmula u rappurtata permezz tal-kodiċijiet tan-NACE tal-livell b'erba' ċifri għat-taqsimiet A sa N tan-NACE, kif preskritt f'S.06.02.
-------------	--	---

R0020/C0010	Riskju fiżiku relatat mat-tibdil fil-klima - KPI	Il-proporzjon tal-valur tas-Solvibbiltà II tal-proprjetà esposta għar-riskju fiżiku, fir-rigward tat-total tal-proprjetà. L-impriżi jistgħu jużaw il-metodoloġija tagħhom stess biex jikkalkolaw il-KPI. L-identifikazzjoni tal-proprjetajiet esposti għar-riskju fiżiku għandha tkun konsistenti mal-identifikazzjoni li ssir, f'C0190 Titolu tal-Entrata f'S.06.02.
R0030/C0010	Ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' rappurtar tar-riskju ta' tranżizzjoni relatat mat-tibdil fil-klima - KPI	Spjegazzjoni tar-raġuni għaliex il-KPI dwar ir-riskju ta' tranżizzjoni relatat mat-tibdil fil-klima ma ġiex irrappurtat (eż. mhux materjali).
R0040/C0010	Ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' rappurtar tar-riskju fiżiku relatat mat-tibdil fil-klima - KPI	Spjegazzjoni tar-raġuni għaliex il-KPI dwar ir-riskju fiżiku relatat mat-tibdil fil-klima ma ġiex irrappurtat (eż. mhux materjali).

S.07.01 — *Prodotti strutturati*

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Il-kategoriji tal-assi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għall-Anness VI — tabella CIC ta' dan ir-Regolament.

Din il-formola tinkludi lista entrata b'entrata ta' prodotti strutturati miżmuma direttament mill-impriża fil-portafoll tagħha (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza). Prodotti strutturati huma definiti bħala assi li jaqgħu fil-kategoriji tal-assi 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli kollateralizzati).

Din il-formola għandha tiġi rappurtata biss meta l-ammont ta' prodotti strutturati, imkejla bħala proporzjon bejn assi klassifikati bħala assi tal-kategoriji 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli kollateralizzati) kif definiti fl-Anness IV — Kategoriji tal-Assi ta' dan ir-Regolament u s-somma tal-entrati C0010/R0070 u C0010/R0220 tal-formola S.02.01, ikun ogħla minn 5 %.

F'xi każijiet it-tipi ta' prodotti strutturati (C0070) jidentifikaw id-derivattiv inkorporat fil-prodott strutturat. F'dan il-każ, din il-klassifikazzjoni għandha tintuża meta prodott strukturat ikollu d-derivattiv imsemmi inkorporat.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0040	Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-prodott strukturat, kif rappurtat f'S.06.02. skont din il-prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — il-Kodiċi attribwit mill-impriża meta l-għażliet t'hawn fuq ma jkunux disponibbli. Il-kodiċi użati għandhom jinżamm konsistenti matul iż-żmien u m'għandux jerġa' jintuża għal prodotti oħra. <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jkun jeħtiġlu jiġi rappurtat għal assi li jkun maħruġ f'żewġ muniti differenti jew aktar, ikun meħtieġ li jiġi speċifikat il-kodiċi tal-ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, bħal fl-eżempju li ġej: "kodiċi+EUR".</p>
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — ISO/6166 għall-ISIN 2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi) 3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra)

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)</p> <p>5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)</p> <p>6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg)</p> <p>7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters)</p> <p>8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju)</p> <p>9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumrar</p> <p>99 — Kodiċi attribwit mill-impriża</p> <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jeħtieġu jiġi rapportat għal assi wieħed li jinħareġ f'żewġ muniti differenti jew aktar u l-kodiċi fC0040 ikun definit permezz tal-kodiċi ta' ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, il-Kodiċi tat-Tip ta' ID tal-Assi għandu jirreferi għall-għażla 99 u l-għażla tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi oriġinali, bħal fl-eżempju li ġej li għalih il-kodiċi rapportat kien Kodiċi ISIN +munita: "99/1".</p>
C0060	Tip ta' kollateral	<p>Identifika t-tip ta' kollateral, bl-użu tal-kategoriji tal-assi definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Bonds tal-Gvern</p> <p>2 — Bonds Korporattivi</p> <p>3 — Ekwità</p> <p>4 — Impriżi ta' Investiment Kollettiv</p> <p>5 — Noti strutturati</p> <p>6 — Titoli kollateralizzati</p> <p>7 — Flus u depożiti</p> <p>8 — Ipoteki u self</p> <p>9 — Proprjetajiet</p> <p>0 — Investimenti oħrajn</p> <p>3 — L-ebda kollateral</p> <p>Meta teżisti aktar minn kategorija waħda ta' kollateral għal prodott strutturat wieħed, għandu jiġi rapportat l-aktar wieħed rappreżentattiv.</p>
C0070	Tip ta' prodott strutturat	<p>Identifika t-tip tal-istruttura tal-prodott. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Noti marbuta mal-Kreditu</p> <p>Titolu jew depożitu b'derivattiv tal-kreditu inkorporat (pereż. swaps tal-inadempjenza tal-kreditu jew opzjonijiet tal-inadempjenza tal-kreditu)</p> <p>2 — Swaps tal-maturità konstanti</p> <p>(titolu bi swap tar-rata ta' imgħax ("IRS") inkorporata, fejn il-porzjon tal-imgħax varjabbli jiġi risettjat perijodikament skont rata fissa tal-maturità tas-suq.)</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>3 — Titoli garantiti b'assi (titolu li jkollu assi bħala kollateral.)</p> <p>4 — Titoli garantiti b'ipoteka (titolu li jkollu proprjetà immobbli bħala kollateral.)</p> <p>5 — Titoli garantiti b'ipoteka kummerċjali (titolu li jkollu proprjetà immobbli bħala kollateral bħal ħwienet, uffiċċji, proprjetà industrijali, abitazzjoni multifamiljari u lukandi.)</p> <p>6 — Obbligi ta' dejn kollateralizzat (titolu ta' dejn strutturat garantit b'portafoll li jikkonsisti minn bonds garantiti jew mhux garantiti maħruġa minn obbliganti korporattivi jew sovrani, jew self garantit u mhux garantit mogħti lill-konsumaturi korporattivi kummerċjali u industrijali ta' banek tas-self.)</p> <p>7 — Obbligi kollateralizzati ta' self (titolu li jkollu sottotanti fiduċjarja ta' portfoġl ta' self fejn il-flussi tal-flus mit-titolu huma derivati mill-portfoġl.)</p> <p>8 — Obbligi kollateralizzati ipotekarji (titolu bi grad ta' investment garantit minn pula ta' bonds, self u assi oħra.)</p> <p>9 — Noti u depożiti marbuta ma' rata tal-imgħax</p> <p>10 — Noti u depożiti marbuta ma' Ekwitajiet u ma' Indiċi ta' Ekwità</p> <p>11 — Noti u depożiti FX u marbuta ma' komodità</p> <p>12 — Noti u depożiti marbuta ma' ibridi (dan jinkludi proprjetà immobbli u titoli ta' ekwità)</p> <p>13 — Noti u depożiti marbuta ma' suq</p> <p>14 — Noti u depożiti marbuta ma' assigurazzjoni, inklużi noti li jkopru Riskji ta' Katastrofu u t-Temp kif ukoll Riskji ta' Mortalità</p> <p>99 — Oħrajn mhux koperti mill-għażliet t'hawn fuq</p>
C0080	Protezzjoni tal-kapital	<p>Identifika jekk il-prodott għandux protezzjoni tal-kapital. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Protezzjoni tal-kapital sħiħa</p> <p>2 — Protezzjoni tal-kapital parzjali</p> <p>3 — Bla protezzjoni tal-kapital</p>
C0090	Titolu/indiċi/portafoll sottostanti	<p>Iddeskrivi t-tip ta' sottostanti. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Ekwità u Fondi (grupp magħżul jew basket ta' ekwitajiet)</p> <p>2 — Munita (grupp magħżul jew basket ta' muniti)</p> <p>3 — Rata tal-imgħax u rendimenti (indiċi ta' bonds, kurvi ta' rendiment, differenzi fir-rati tal-imgħax prevalenti fuq maturitajiet iqsar jew itwal, firxiet tal-kreditu, rati tal-inflazzjoni u bażijiet ta' riferiment għal rati tal-imgħax oħrajn jew rendiment)</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>4 — Komoditajiet (prodott bażiku jew grupp ta' prodotti magħżula)</p> <p>5 — Indiċi (prestazzjoni ta' indiċi magħżul)</p> <p>6 — Multi (tippermetti taħlita tat-tipi kollha possibbli elenkati hawn fuq)</p> <p>9 — Oħrajn mhux koperti mill-għażliet t'hawn fuq (eż. indikaturi ekonomiċi oħrajn)</p>
C0100	Eżerċitabbli jew Puttable	<p>Identifika jekk il-prodott għandux karatteristiċi eżerċitabbli u/jew put, jew it-tnejn, jekk applikabbli. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Eżerċitabbli mix-xerrej</p> <p>2 — Eżerċitabbli mill-bejjiegħ</p> <p>3 — Put mix-xerrej</p> <p>4 — Put mill-bejjiegħ</p> <p>5 — Kwalunkwe taħlita ta' dawn l-għażliet</p> <p>6 — Mhux applikabbli</p>
C0110	Prodott strutturati sintetiku	<p>Identifika jekk humiex prodotti strutturati mingħajr l-ebda trasferiment ta' assi (eż. prodotti li ma jirriżultawx f'xi konsenja ta' assi, ħliet flus, jekk iseħħ event avvers/favorevoli). Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Prodott strutturat mingħajr l-ebda trasferiment ta' assi</p> <p>2 — Prodott strutturat bi trasferiment ta' assi</p>
C0120	Prodott ta' prepagament strutturat	<p>Identifika jekk huwiex prodott strutturat li għandu l-possibbiltà ta' prepagament, meqjus bħala ritorn bikri mhux skedat tal-kapital. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Prodott ta' prepagament strutturat</p> <p>2 — Mhux prodott ta' prepagament strutturat</p>
C0130	Valur tal-kollateral	<p>L-ammont totali ta' kollateral marbut ma' prodott strutturat minkejja n-natura tal-kollateral.</p> <p>Fil-każ ta' kollateralizzazzjoni fuq bażi ta' portafoll, irid jiġi rappurtat biss il-valur marbut mal-kuntratt uniku u mhux it-total.</p>
C0140	Portafoll ta' kollateral	<p>Din l-entrata tgħarraf jekk il-kollateral tal-prodott strutturat ikoprix prodott strutturat wieħed biss jew aktar minn prodott strutturat wieħed miżmum mill-impriża. Il-pożizzjonijiet netti jirreferu għall-pożizzjonijiet miżmuma fuq prodotti strutturati. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Kollateral kalkulat fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet netti li jirriżultaw minn sett ta' kuntratti</p> <p>2 — Kollateral kalkulat fuq il-bażi ta' kuntratt uniku</p> <p>3 — L-ebda kollateral</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150	Reddito annwal fiss	Identifika l-kupun (rappurtat bħala deċimali), jekk applikabbli, għall-kategoriji CIC 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli kollateralizzati).
C0160	Reddito annwali varjabbli	Identifika r-rata varjabbli tar-redditu, jekk applikabbli, għal CIC kategoriji 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli kollateralizzati). Ħafna drabi jiġi identifikat bħala rata normattiva tas-suq flimkien ma' firxa, jew bħala dipendenti fuq il-prestazzjoni ta' portafoll jew indiċi (dipendenti fuq is-sottostanti) jew redditi aktar kumplessi stabbiliti mill-perkors tal-prezz tal-assi sottostanti (dipendenti fuq il-perkors), fost oħrajn. Meta jkun meħtieġ, din l-entrata tista' tiġi rrapportata bħala "string" biex jiġi rifless kif ser jiġi kkalkulat ir-redditu.
C0170	Telf fil-każ ta' inadempjenza	Il-perċentwal (rappurtat bħala ċifra deċimali) tal-ammont investit li mhux se jiġi rkuprat wara inadempjenza, jekk applikabbli, għall-kategoriji tas-CIC 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli kollateralizzati). Jekk l-informazzjoni ma tkunx definita fil-kuntratt din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata. Din l-entrata ma tapplikax għal prodotti strutturati mhux tal-kreditu.
C0180	Punt tal-involviment (attachment point)	Il-perċentwal ta' telf definit kuntrattwalment (rappurtat bħala deċimali) li telf ogħla minnu jaffettwa l-prodott strutturat, jekk applikabbli, għall-kategoriji CIC 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli Kollateralizzati). Din l-entrata ma tapplikax għal prodotti strutturati mhux tal-kreditu.
C0190	Punt tad-distakk (detachment point)	Perċentwal ta' telf definit kuntrattwalment (rappurtat bħala deċimali) li telf ogħla minnu ma jibqax jaffettwa l-prodott strutturat, jekk applikabbli, għall-kategoriji CIC 5 (Noti strutturati) u 6 (Titoli Kollateralizzati). Din l-entrata ma tapplikax għal prodotti strutturati mhux tal-kreditu.

S.08.01 — Derivattivi miftuħa

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni trimestrali u annwali għall-entitajiet individwali.

Il-kategoriji tad-derivattivi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għall-Anness VI — tabella CIC ta' dan ir-Regolament. Din il-formola tinkludi lista entrata entrata ta' derivattivi miżmuma direttament mill-impriża (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza), klassifikabbli bħala assi tal-kategoriji A sa F.

Din il-formola tkopri derivattivi nnegożjati f'borża jew f'suq ċentralizzati ekwivalenti, kif ukoll derivattivi nnegożjati barra l-borża.

Meta derivattivi jiġi nnegożjat f'borża jew f'suq ċentralizzati ekwivalenti, il-kontroparti tkun dik il-borża jew dak is-suq ċentralizzati ekwivalenti u mhux il-kontroparti finali, kif inhu l-każ għal derivattivi nnegożjati barra l-borża.

Id-derivattivi jitqiesu assi jekk il-valur tas-Solvibbiltà II tagħhom ikun pożittiv jew zero. "Jitqiesu obligazzjonijiet jekk il-valur tas-Solvibbiltà II tagħhom ikun negattiv. Għandhom jiġu inklużi kemm derivattivi meqjusa bħala assi kif ukoll dawk meqjusa bħala obbligazzjonijiet.

L-informazzjoni għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivattivi kollha li kienu jeżistu matul il-perjodu tar-rappurtar u ma li kinux magħluqa qabel id-data ta' referenza ta' rappurtar.

Jekk ikun hemm negozju frekwenti fuq l-istess derivattiv, li jirriżulta f'diversi pożizzjonijiet miftuħa, id-derivattiv jista' jiġi rrapportat fuq bażi aggregat jew netta, dment li l-karatteristiċi rilevanti kollha jkunu komuni u skont l-istruzzjoni speċifika għal kull entrata rilevanti.

L-entrati għandhom jiġu rrapportati b'valuri pożittivi sakemm l-istruzzjonijiet rispettivi ma jgħidux mod ieħor.

Derivattiv huwa strument finanzjarju jew kuntratt ieħor li jissodisfa t-tliet karatteristiki kollha li ġejjin:

- Il-valur tiegħu jinbidel b'reazzjoni għall-bidla frata tal-imgħax speċifika, prezz ta' strument finanzjarju, prezz ta' komodità, rata tal-kambju, indiċi jew rati tal-prezzijiet, klassifikazzjoni tal-kreditu jew indiċi tal-kreditu jew varjabbli ieħor, sakemm, fil-każ ta' varjabbli mhux finanzjarju, dak il-varjabbli ma jkunx speċifiku għal parti kontraenti (xi kultant imsejjaħ "sottostanti").
- Ma jeħtieġx investiment inizjali nett jew investiment inizjali nett li hu iżgħar minn dak li jkun meħtieġ għal tipi oħra ta' kuntratti li jkun mistenni li jkollhom reazzjoni simili għal bidliet f'fatturi tas-suq.
- Jiġi saldat f'data fil-futur.

Din il-formola fiha żewġ tabelli: Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma u informazzjoni dwar id-derivattivi.

Fit-tabella Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma, kull derivattiv għandu jiġi rrapportat separatament f'kemm ringieli huma meħtieġa biex jimtew kif xieraq il-varjabbli nonmonetarji kollha, mitluba f'dik it-tabella. Jekk għall-istess derivattiv jkunu jistgħu jiġu attribwiti żewġ valuri għal varjabbli wieħed, allura dan id-derivattiv għandu jiġi rrapportat fiktur minn linja waħda.

B'mod partikolari, għal derivattivi li jkollhom aktar minn par muniti, għandu jinqasam f'żewġ komponenti u rrapportat fringieli differenti.

Fit-tabella tal-informazzjoni dwar id-derivattiv, kull derivattiv għandu jiġi rrapportat separatament, b'ringiela waħda għal kull derivattiv u għandhom jimtew il-varjabbli kollha mitluba f'dik it-tabella.

L-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni Esterna (C0290) u l-ECAI Nominata (C0300) jistgħu ikunu limitati (mhux rrapportati) fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

- b'deċiżjoni tal-awtorità superviżorja nazzjonali skont l-Artikolu 35 (6) u (7) tad-Direttiva 2009/138/KE; jew
- permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità superviżorja nazzjonali fil-każijiet fejn l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom fis-seħħ arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fil-qasam tal-investimenti li jwasslu biex din l-informazzjoni speċifika ma tkunx disponibbli direttament għall-impriża.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
<i>Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma</i>		
C0040	Kodiċi tal-ID tad-derivattivi	Kodiċi tal-ID tad-derivattivi skont din il-prijorità: <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jridu jkunu konsistenti maż-żmien
C0041	Identifikatur uniku tat-tranżazzjoni	Identifika l-IDs tat-Tranżazzjonijiet użati fir-rapporti tat-tranżazzjonijiet lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 dwar id-derivattivi OTC, il-kontropartijiet ċentrali u r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. <p>F'din l-entrata għandhom jiġu rrapportati kemm hemm b'żonn IDs tat-Tranżazzjonijiet sabiex tinbena l-pożizzjoni li qed tiġi rrapportata. L-IDs tat-Tranżazzjonijiet għandhom jiġu rrapportati separati b'virgoli.</p> <p>Din l-entrata għandha tiġi rrapportata b'"Nru ID" meta d-derivattiv ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.</p>
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tad-derivattivi	Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tad-Derivattivi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: <ol style="list-style-type: none"> 1 — ISO/6166 għall-ISIN 2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi) 3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra)

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)</p> <p>5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)</p> <p>6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg)</p> <p>7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters)</p> <p>8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju)</p> <p>9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumrar</p> <p>99 — Kodiċi attribwit mill-impriża</p>
C0060	Portafoll	<p>Distinzjoni bejn tal-ħajja, mhux tal-ħajja, fondi tal-azzjonisti, ġenerali (l-ebda qsim) u fondi delimitati.</p> <p>Id-derivattivi sottostanti tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll tal-ħajja u d-derivattivi sottostanti ta' provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll mhux tal-ħajja (billi tiġi applikata l-aktar qasma preċiża disponibbli).</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Tal-ħajja 2 — Mhux tal-ħajja 3 — Fondi delimitati 4 — Fond intern ieħor 5 — Fondi tal-azzjonisti 6 — Ġenerali <p>Il-qasma ma hijiex obligatorja, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali, ħlief għall-identifikazzjoni ta' fondi delimitati, iżda għandha tiġi rappurtata jekk l-impriża tużaha internament. Meta impriża ma tapplikax qasma għandha tintuża "ġenerali".</p>
C0070	Numru tal-fond	<p>Applikabbli għal derivattivi miżmuma f'fondi delimitati jew fondi interni oħra, definiti fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' fondi (portafolli tal-assi) li jappoġġaw il-prodotti tal-ħajja.</p> <p>Numru jew kodiċi li huwa attribwit mill-impriża, li jikkorrispondi man-numru jew kodiċi uniku assenjat lil kull fond. Dan in-numru għandu jkun konsistenti matul iż-żmien u għandu jintuża biex jiġu identifikati l-fondi f'formoli oħrajn (pereżempju f'S.06.02, S.14.01). Ma għandux jerġa' jintuża għal fond differenti.</p>
C0080	Derivattivi miżmuma f'kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet	<p>Identifika d-derivattivi li huma miżmuma minn kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Marbuta ma' unitajiet jew marbuta ma' indiċi 2 — La marbuta ma' unitajiet u lanqas marbuta ma' indiċi

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0090	Strumenti sottostanti d-derivattivi	<p>Kodiċi ID tal-istrument (assi jew obbligazzjoni) sottostanti l-kuntratt tad-derivattivi. Din l-entrata għandha timtela biss għal derivattivi li jkollhom strument sottostanti wieħed jew aktar fil-portafoll tal-impriża. Indiċi huwa meqjus bħala strument wieħed u għandu jiġi rapportat. Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument sottostanti d-derivattiv, skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Il-kodiċi attribwit mill-impriża għall-istrument sottostanti meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jrid ikun uniku u konsistenti matul iż-żmien għal dak l-istrument; — "Diversi assi/obbligazzjonijiet", jekk l-assi jew l-obbligazzjonijiet sottostanti jkunu aktar minn wieħed. <p>Fil-każ li l-istrument sottostanti jkun indiċi, għandu jiġi rapportat il-kodiċi tal-indiċi.</p>
C0100	Tip ta' kodiċi tal-assi jew l-obbligazzjoni sottostanti d-derivattiv.	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Strument sottostanti tad-derivattivi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — ISO/6166 għall-ISIN 2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli Numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz CUSIP għall-kumpaniji tal-Istati Uniti u tal-Kanada) 3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 — BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 — Reuters RIC (Kodiċi tal-istrumenti ta' Reuters) 8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrumenti Finanzjarji) 9 — Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tan-Numerazzjoni 99 — Kodiċi attribwit mill-impriża meta l-ebda opzjoni minn dawn ta' hawn fuq ma tkun disponibbli. Din l-opzjoni għandha tintuża wkoll għall-każijiet ta' "Diversi assi/obbligazzjonijiet" u indiċijiet
C0110	Użu tad-derivattiv	<p>Iddeskrivi l-użu tad-derivattiv (ħeġġ mikro/makro, ġestjoni effiċjenti tal-portafoll). Ħeġġ mikro jirreferi għal derivattivi li jkopru strument finanzjarju wieħed (assi jew obbligazzjoni), tranżazzjoni prevista jew obbligazzjoni oħra.</p> <p>Ħeġġ makro jirreferi għal derivattivi li jkopru sett ta' strumenti finanzjarji (assi jew obbligazzjonijiet), tranżazzjonijiet previsti jew obbligazzjonijiet oħra.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>Ġestjoni effiċjenti tal-portafoll normalment tirreferi għal operazzjonijiet meta l-maniġer ikun jixtieq itejjeb l-introjtu ta' portafoll billi jiskambja xejra (aktar baxxa) ta' fluss ta' flus ma' oħra b'valur ogħla, billi juża derivattiv jew sett ta' derivattivi, mingħajr ma jbidel il-kompożizzjoni tal-assi tal-portafoll, b'ammont aktar baxx ta' investiment u inqas kostijiet tat-tranżazzjonijiet.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Ħeġġ mikro 2 — Ħeġġ makro 3 — Pariġġar tal-flussi tal-flus tal-assi u l-obbligazzjonijiet użati fil-kuntest ta' portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza 4 — Ġestjoni effiċjenti ta' portafoll, minbarra "Pariġġar tal-flussi tal-flus tal-assi u l-obbligazzjonijiet użati fil-kuntest ta' portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza"
C0131	Ammont nozzjonali tad-derivattivi	<p>L-ammont kopert jew espost għad-derivattivi, rappurtat fil-munita oriġinali.</p> <p>Għal futuri u opzjonijiet jikkorrispondu għad-daqs tal-kuntratt multiplikati bil-valur skattanti u bl-għadd ta' kuntratti rappurtati f'dik il-linja. Għal swaps u forwards jikkorrispondu għall-ammont tal-kuntratti rappurtati f'dik il-linja. Meta l-valur skattanti jikkorrispondu għal firxa, għandu jintuża l-valur medju tal-firxa.</p> <p>L-ammont nozzjonali jirreferi għall-ammont li qed jiġi ħħeġġjat/investit (meta ma jkunx qed ikopri riskji). Jekk iseħħ ħafna negozju, dan għandu jkun l-ammont nett fid-data tar-rapportar.</p>
C0140	Xerrej/bejjiegħ	<p>Għal futuri u opzjonijiet, swaps u kuntratti ta' derivattivi ta' kreditu biss.</p> <p>Identifika jekk il-kuntratt tad-derivattivi nxtarax jew inbiegħx.</p> <p>Il-pożizzjoni tax-xerrej u l-bejjiegħ għal swaps hija definita b'mod relattiv għat-titolu jew l-ammont nozzjonali u l-flussi tal-iswap.</p> <p>Bejjiegħ ta' swap huwa s-sid ta' titolu jew ammont nozzjonali fil-bidu tal-kuntratt u jaqbel li jikkonsenja matul it-terminu tal-kuntratt dak it-titolu jew l-ammont nozzjonali, inkluż kwalunkwe ħruġ ieħor relatat mal-kuntratt, meta applikabbli.</p> <p>Xerrej ta' swap se jsir sid it-titolu jew l-ammont nozzjonali fi tmiem il-kuntratt tad-derivattivi u se jirċievi matul it-terminu tal-kuntratt dak it-titolu jew l-ammont nozzjonali, inkluż kwalunkwe ħruġ ieħor relatat mal-kuntratt, meta applikabbli.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa, bl-eċċezzjoni għall-iswaps tar-Rata tal-Imgħax:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Xerrej 2 — Bejjiegħ <p>Għall-iswaps tar-rata tal-imgħax għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 3 — FX-FL: Jikkonsenja fiss-għal-varjabbli 4 — FX-FX: Jikkonsenja fiss-għal-fiss 5 — FL-FX: Jikkonsenja varjabbli-għal-fiss 6 — FL-FL: Jikkonsenja varjabbli-għal-varjabbli

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150	Primjum imħallas sal-lum	Il-ħlas li jkun sar (jekk mixtri), għall-għażliet kif ukoll għal ammonti primjum bil-quddiem jew perjodiċi mħallsa għal swaps, mill-mument li l-impriża tkun daħlet fil-kuntratt derivattiv.
C0160	Primjum irċevut sal-lum	Il-ħlas li jkun wasal (jekk mibjugħ), għall-għażliet kif ukoll għal ammonti primjum bil-quddiem u perjodiċi riċevuti għal swaps, mill-mument li l-impriża tkun daħlet fil-kuntratt derivattiv.
C0170	Għadd ta' kuntratti	Għadd ta' kuntratti derivattivi simili rappurtati fil-linja. Għandu jkun l-għadd ta' kuntratti ffirmati. Għal derivattivi Barra l-Borża, eż. kuntratt wieħed ta' swap, għandu jiġi rapportat "1", jekk għaxar swaps bl-istess karatteristiċi, għandu jiġi rapportat "10". L-għadd ta' kuntratti jista' ma jkunx numru sħiħ, meta jkun hemm bżonn li l-kuntratti jinqasmu. L-għadd ta' kuntratti għandu jkun ta' dawk pendenti fid-data tar-rappurtar.
C0180	Daqs tal-kuntratt	L-għadd ta' assi sottostanti fil-kuntratt (pereżempju għal futuri ta' ekwità huwa l-għadd ta' ekwitajiet li għandhom jiġu konsenjati għal kull kuntratt ta' derivattivi fil-maturità, għall-futuri tal-bonds huwa l-ammont ta' referenza sottostanti kull kuntratt). Il-mod li bih id-daqs tal-kuntratt huwa definit ivarja skont it-tip ta' strument. Għall-futuri tal-ekwitajiet huwa komuni li wieħed isib id-daqs tal-kuntratt definit bħala funzjoni tal-għadd ta' ishma sottostanti l-kuntratt. Għal futuri tal-bonds, huwa l-ammont nominali tal-bond sottostanti l-kuntratt. Applikabbli biss għal futuri u opzjonijiet.
C0190	Telf massimu favveniment ta' stralċ	Ammont massimu ta' telf f'każ ta' avveniment ta' stralċ Applikabbli għall-Kategorija CIC F. Meta derivattiv ta' kreditu jkun kollateralizzat 100 %, it-telf massimu fevent ta' riżoluzzjoni jkun żero.
C0200	Ammont ta' ħruġ ta' swap	Ammont konsenjat taħt il-kuntratt ta' swap (minbarra primjums), matul il-perjodu ta' rappurtar. Jikkorrispondi għal imgħax imħallas għal IRS u l-ammonti konsenjati għal swaps tal-munita, swaps tal-kreditu, swaps tar-redditu totali u swaps oħra. Fil-każijiet fejn is-saldu jsir fuq bażi netta allura waħda biss mill-entrati C0200 u C0210 għandha tiġi rappurtata.
C0210	Ammont ta' influż ta' swap	Ammont riċevut taħt il-kuntratt ta' swap (minbarra primjums), matul il-perjodu ta' rappurtar. Jikkorrispondi għal imgħax irċevut għal IRS u l-ammonti riċevuti għal swaps ta' munita, swaps tal-kreditu, swaps tar-redditu totali u swaps oħra. Fil-każijiet fejn is-saldu jsir fuq bażi netta allura waħda biss mill-entrati C0200 u C0210 għandha tiġi rappurtata.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0220	Data inizjali	<p>Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-ji) tad-data ta' meta l-obbligi taħt il-kuntratt jidħlu fis-seħħ.</p> <p>Meta jseħħu diversi dati għall-istess derivattiv, irrappurta biss dik li tirrigwarda l-ewwel data ta' negozju tad-derivattiv u ringiela waħda biss għal kull derivattiv (mhux ringiela differenti għal kull negozju) u rrifletti l-ammont totali investit f'dak id-derivattiv b'konsiderazzjoni tad-dati differenti ta' negozju.</p> <p>F'każ ta' novazzjoni, id-data tan-novazzjoni ssir id-data tan-negozju għal dak id-derivattiv.</p>
C0230	Durata	<p>Durata ta' derivattiv, definita bħala d-durata residwa modifikata, għal derivattivi li għalihom hija applikabbli miżura ta' durata.</p> <p>Kalkulata bħala d-durata netta bejn l-influssi u l-ħruġ mid-derivattiva, meta applikabbli.</p>
C0240	Valur tas-Solvibbiltà II	Valur tad-derivattiv fid-data tar-rappurtar kalkulat kif definit mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE. Jista' jkun pożittiv, negattiv jew zero.
C0250	Metodu ta' valwazzjoni	<p>Identifika l-metodu ta' valwazzjoni użat biex jiġu valwati d-derivattivi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — prezz ikkwotat fis-suq fi swieq attivi għall-istess assi jew obligazzjonijiet 2 — prezz ikkwotat fis-suq fi swieq attivi għal assi jew obligazzjonijiet simili 3 — metodi alternattivi ta' valwazzjoni <p>6 — valwazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
--	---------	----------------

Informazzjoni dwar derivattivi

C0040	Kodiċi tal-ID tad-derivattivi	<p>Kodiċi tal-ID tad-derivattivi skont din il-prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jridu jkunu konsistenti maż-żmien
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tad-derivattivi	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tad-Derivattivi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — ISO/6166 għall-ISIN 2 — CUSIP (Il-Kumitat dwar il-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi) 3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg) 7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters)

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju)</p> <p>9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumerar</p> <p>99 — Kodiċi attribwit mill-impriża</p>
C0260	Isem il-Kontroparti	<p>Isem il-kontroparti tad-derivattiv. Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta mhux disponibbli, jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Isem is-suq tal-kambju għal derivattivi nnegożjati fil-borża; jew — Isem il-Kontroparti Ċentrali (“CCP”) għal derivattivi Barra l-Borża fejn jiġu kklerjati permezz ta’ CCP; jew — Isem il-kontroparti kuntrattwali għad-derivattivi l-oħrajn barra l-borża.
C0270	Kodiċi tal-kontroparti	<p>Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-kontroparti, permezz tal-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — LEI, meta disponibbli — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta LEI ma jkunx disponibbli, li għandu jkun konsistenti maż-żmien <p>Din l-entrata hija applikabbli għall-kontropartijiet kollha, inkluż għal derivattivi kklerjati permezz ta’ kontroparti ċentrali, f’liema każ il-kodiċi tal-Kontroparti jirreferi għal dik il-kontroparti ċentrali.</p>
C0280	Tip ta’ kodiċi tal-kontroparti	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata “Kodiċi tal-Kontroparti”. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f’din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 — LEI 2 — Kodiċi speċifiku
C0290	Klassifikazzjoni esterna	<p>Applikabbli biss għal derivattivi barra l-borża.</p> <p>Il-klassifikazzjoni tal-kontroparti tad-derivattiv fid-data ta’ referenza tar-rapportar kif ipprovduta mill-istituzzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) nominata.</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għal derivattivi li għalihom l-impriża li jużaw mudell intern jużaw klassifikazzjonijiet interni. Jekk l-impriża li jużaw mudell intern ma jużawx klassifikazzjoni interna, din l-entrata għandha tiġi rappurtata.</p> <p>Jekk il-klassifikazzjoni tal-emittent ma tkunx disponibbli, l-entrata għandha titħalla vojta.</p>
C0300	ECAI nominata	<p>Identifika l-istituzzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) li tagħti l-klassifikazzjoni esterna f’C0290, billi tuża isem l-ECAI kif publikat fis-sit web tal-ESMA. F’każ ta’ klassifikazzjonijiet maħruġa minn sussidjarji tal-ECAI, jekk jogħġbok irrapporta l-ECAI prinċipali (ir-referenza hija għal-lista tal-ESMA tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu).</p> <ul style="list-style-type: none"> — Din l-entrata għandha tiġi rappurtata meta tiġi rappurtata l-entrata Klassifikazzjoni esterna (C0290).
C0310	Skala tal-kwalità kreditizja	<p>Identifika l-iskala tal-kwalità kreditizja attribwita lill-kontroparti tad-derivattiv, kif definit mill-Artikolu 109a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. L-iskala tal-kwalità kreditizja għandha tirrifletti kwalunkwe riaġġustament fil-kwalità tal-kreditu li sar internament mill-impriża li jużaw il-formula standard.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>Din l-entrata ma tapplikax għal derivattivi li għalihom l-impriżi li jużaw mudell intern jużaw klassifikazzjonijiet interni. Jekk l-impriżi li jużaw mudell intern ma jużawx klassifikazzjoni interna, din l-entrata għandha tiġi rappurtata.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>0 — Skala tal-kwalità kredizja 0</p> <p>1 – Skala tal-kwalità kredizja 1</p> <p>2 – Skala tal-kwalità kredizja 2</p> <p>3 – Skala tal-kwalità kredizja 3</p> <p>4 – Skala tal-kwalità kredizja 4</p> <p>5 – Skala tal-kwalità kredizja 5</p> <p>6 – Skala tal-kwalità kredizja 6</p> <p>9 — Ebda klassifikazzjoni disponibbli</p>
C0320	Klassifikazzjoni interna	<p>Klassifikazzjoni interna tad-derivattivi għall-impriżi li jużaw klassifikazzjonijiet interni.</p> <p>Għall-impriżi li japplikaw aġġustament ta' korrispondenza, il-klassifikazzjoni interna għandha tiġi rrapportata sa fejn jintużaw il-klassifikazzjonijiet interni biex tiġi kkalkolata l-firxa fundamentali msemmija fl-Artikolu 77c (2) tad-Direttiva 2009/138/KE.</p>
C0330	Grupp tal-kontroparti	<p>Applikabbli biss għal derivattivi barra l-borża, fir-rigward ta' kontropartijiet kuntrattwali oħra minbarra suq tal-kambju u Kontroparti Ċentrali (CCP).</p> <p>Isem l-entità prinċipali aħħarija ta' kontroparti. Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta mhux disponibbli, jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p>
C0340	Kodiċi tal-Grupp tal-kontroparti	<p>Applikabbli biss għal derivattivi barra l-borża, fir-rigward ta' kontropartijiet kuntrattwali oħra minbarra suq tal-kambju u Kontroparti Ċentrali (CCP).</p> <p>Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kontroparti, permezz tal-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — LEI, meta disponibbli — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta LEI ma jkunx disponibbli, li għandu jkun konsistenti maż-żmien <p>Meta ma tkunx applikabbli, din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata.</p>
C0350	Tip ta' kodiċi tal-grupp tal-kontroparti	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-grupp tal-Kontroparti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 — LEI 2 — Kodiċi speċifiku
C0360	Isem il-kuntratt	Isem il-kuntratt tad-derivattivi.
C0370	Munita	<p>Identifika l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita tad-derivattiv, jiġifieri l-munita tal-ammont nozzjonali tad-derivattivi (pereż.: opzjoni li għandha bħala sottostanti ammont f'USD, munita li għaliha l-ammont nozzjonali huwa espress kuntratt-walment għal swap FX, eċċ.).</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0371	Munita tal-prezz	Għandu jiġi identifikat il-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-prezz tad-derivattiv, jiġifieri l-munita tal-ammont skambjat mal-ammont nozzjonali tad-derivattiv. Pereżempju, jekk l-impriża tkun qed tħallas (jew tirċievi) il-munita A għall-ammont nozzjonali (munita B), il-munita tal-prezz hija A. Il-munita tal-ammont nozzjonali hija B, rappurtata f'(C0370).
C0380	CIC	Kodiċi ta' Identifikazzjoni Komplementari użat għall-klassifikazzjoni tal-assi, kif stabbilit fl-Anness — V Tabella CIC ta' dan ir-Regolament. Meta derivattivi jiġu klassifikat bl-użu tat-tabella CIC, l-impriżi għandhom iqisu l-aktar riskju rappreżentattiv li d-derivattiv ikun skopert għalih.
C0390	Valur skattanti	Prezz ta' referenza għal futuri, prezz tal-eżerċitar għall-opzjonijiet (għall-bonds, il-prezz għandu jkun perċentwali tal-ammont par), rata tal-kambju tal-munita jew rata tal-imgħax għal forwards, eċċ. Mhux applikabbli għal CIC D3 — Rata tal-imgħax u swaps tal-munita. Għal CIC F1 — Swaps tal-inadampjenza tal-kreditu din ma għandhiex timtela jekk mhux possibbli. Fil-każ ta' aktar minn skattatur wieħed matul iż-żmien, irrapporta l-iskattatur li jmiss. Meta d-derivattiv ikollu medda ta' valuri skattaturi, irrapporta s-sett separat b'virgola “,” jekk il-medda ma tkunx kontinwa, u rrapporta l-medda separata bi “-” jekk tkun kontinwa.
C0400	Skattatur tal-istralċ tal-kuntratt	Għandu jiġi identifikat l-event li jikkawża r-riżoluzzjoni tal-kuntratt, lil hinn mill-iskadenza regolari jew it-termini u kundizzjonijiet. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Falliment tal-entità sottostanti jew referenzjarja 2 — Waqgħa avversa fil-valur tal-assi ta' referenza sottostanti 3 — Bidla avversa fil-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-assi jew l-entità sottostanti 4 — Novazzjoni, jiġifieri l-att ta' bdil ta' obbligu skont id-derivattiv ma' obbligu ġdid, jew bidla ta' parti fid-derivattiv ma' parti ġdida 5 — Eventi multipli jew taħlita ta' eventi 6 — Eventi oħra mhux koperti minn l-għażliet preċedenti 9 — Ma hemmx skattatur tar-riżoluzzjoni
C0430	Data ta' maturità	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj), definit kuntrattwalment tad-data tal-għeluq tal-kuntratt tad-derivattiv, jekk hux fid-data tal-maturità, data tal-iskadenza tal-opzjonijiet (Ewropea jew Amerikana), eċċ.
C0440	Swap imwassal	Identifika dak li l-impriża tikkonsenja skont il-kuntratt ta' swap (Eż. Euribor +0.5 %; 2,3 %; EUR).
C0450	Swap riċevut	Identifika dak li l-impriża tirċievi skont il-kuntratt ta' swap (Eż. Euribor+0.5 %; 2,3 % EUR).

S.09.01 — Informazzjoni dwar il-qligħ/introjtu u telf fil-perjodu

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola fiha informazzjoni fuq il-qligħ/introjt u telf skont il-kategorija tal-assi (inklużi derivattivi). Jiġifieri mhux meħtieġ rappurtar entrata b'entrata. Il-kategoriji tal-assi kkunsidrati f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi.

L-entrati għandhom jiġu rappurtati b'valuri pożittivi sakemm l-istruzzjonijiet rispettivi ma jgħidux mod ieħor.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0040	Kategorija tal-assi	Identifika l-kategoriji tal-assi preżenti fil-portfoġl. Uża l-kategoriji definiti fl-Anness IV — Kategoriji tal-Assi.
C0050	Portafoll	Distinzjoni bejn tal-ħajja, mhux tal-ħajja, fondi tal-azzjonisti, fondi interni oħrajn, ġenerali (l-ebda qsim) u fondi delimitati. Il-qligħ/l-introjt u t-telf fir-rigward tal-assi sottostanti tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll tal-ħajja u l-qligħ/introjt u t-telf fir-rigward tal-assi sottostanti tal-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll mhux tal-ħajja (billi tiġi applikata l-aktar qasma preċiża disponibbli). Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Tal-ħajja 2 — Mhux tal-ħajja 3 — Fondi delimitati 4 — Fondi interni oħra 5 — Fondi tal-azzjonisti 6 — Ġenerali Il-qasma ma hijiex obligatorja, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali, ħliet għall-identifikazzjoni ta' fondi delimitati, iżda għandha tiġi rappurtata jekk l-impriża tużaha internament. Meta impriża ma tapplikax qasma għandha tintuża "ġenerali".
C0060	Assi miżmum f'kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi	Identifika l-assi li huma miżmuma minn kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Marbuta ma' unitajiet jew marbuta ma' indiċi 2 — La marbuta ma' unitajiet u lanqas marbuta ma' indiċi
C0070	Dividendi	L-ammont ta' dividendi gwadanjati matul il-perjodu tar-rappurtar, jiġifieri dividendi rċevuti bit-tnaqqis tad-dritt li tirċievi dividend diġà rikonoxxut fil-bidu tal-perjodu tar-rappurtar, bl-addizzjoni tad-dritt li tirċievi dividend rikonoxxuti fi tmiem il-perjodu tar-rappurtar. Applikabbli għal assi li jrendu dividendi bħal ekwità, titoli privileġġati u impriżi ta' investment kollettiv. Tinkludi wkoll dividendi rċevuti minn assi li ġew mibjugħa jew li mmaturaw.
C0080	Imgħax	L-ammont ta' imgħax gwadanjat, jiġifieri l-imgħax irċevut bit-tnaqqis tal-imgħax dovut fil-bidu tal-perjodu bl-addizzjoni tal-imgħax dovut fi tmiem il-perjodu tar-rappurtar. Jinkludi l-imgħax irċevut meta l-assi nbiegħ/immatura jew meta ġie rċevut il-kupun. Applikabbli għall-kupuni u l-assi li jrendu imgħax bħal bonds, self u depożiti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0090	Kera	L-ammont ta' kera gwadanjat, jiġifieri l-kera rċevuta bit-tnaqqis tal-kera dovuta fil-bidu tal-perjodu bl-addizzjoni tal-kera dovuta fi tmiem il-perjodu tar-rappurtar. Tinkludi wkoll kirjiet irċevuti meta l-assi nbiegħ jew immatura. Applikabbli biss għal proprjetajiet, irrispettivament mill-funzjoni.
C0100	Qligħ u telf nett	Qligħ u telf nett li jirriżulta minn assi mibjugħa jew li mmaturaw matul il-perjodu tar-rappurtar. Il-qligħ u t-telf huma kalkolati bħala d-differenza bejn il-bejgħ jew valur tal-maturità u l-valur skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE fi tmiem is-sena tar-rappurtar ta' qabel (jew, fil-każ ta' assi akkwistati matul il-perjodu tar-rappurtar, il-valur tal-akkwiżizzjoni). Il-valur nett jista' jkun pożittiv, negattiv jew żero. Dan il-kalkolu għandu jsir mingħajr l-imgħax dovut.
C0110	Qligħ u telf mhux realizzati	Qligħ u telf mhux realizzati li jirriżulta minn assi la mibjugħa u li lanqas ma mmaturaw matul il-perjodu tar-rappurtar. Il-qligħ u t-telf mhux realizzati huma kalkolati bħala d-differenza bejn il-valur skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE fi tmiem is-sena tar-rappurtar ta' qabel u l-valur skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE fi tmiem is-sena tar-rappurtar ta' qabel (jew, fil-każ ta' assi akkwistati matul il-perjodu tar-rappurtar, il-valur tal-akkwiżizzjoni). Il-valur nett jista' jkun pożittiv, negattiv jew żero. Dan il-kalkolu għandu jsir mingħajr l-imgħax dovut.

S.10.01 — Self ta' titoli u repos

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formula tinkludi lista entrata b'entrata ta' kuntratti ta' tranżazzjonijiet ta' għoti self ta' titoli u ftehimiet ta' riakkwist (xerrej u bejjiegħ), miżmuma direttament mill-impriża (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza), li tinkludi wkoll l-iswaps tal-likwidità msemmija fl-Artikolu 309(2)(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.

Għandha tiġi rapportata biss meta l-valur tat-titoli sottostanti tal-karta bilanċjali u barra l-karta bilanċjali involuti fi ftehimiet ta' għoti b'self jew ta' riakkwist, b'data ta' maturità li tiġi wara d-data ta' referenza tar-rappurtar jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-investimenti totali kif rappurtat f'C0010/R0070 u C0010/R0220 tal-formula S.02.01.

Għandhom jiġu rapportati l-kuntratti kollha li huma fil-karta bilanċjali jew barra l-karta bilanċjali. L-informazzjoni għandha tinkludi l-kuntratti kollha fil-perjodu ta' rappurtar irrispettivament minn jekk kinux miftuħa jew magħluqa fid-data tar-rappurtar. Għal kuntratti li huma parti minn strateġija ta' riportament, meta dawn sostanzjalment ikunu l-istess tranżazzjoni, il-pożizzjonijiet miftuħa biss għandhom jiġu rapportati.

Ftehim ta' riakkwist (repo) huwa definit bħala l-bejgħ ta' titoli flimkien ma' ftehim li l-bejjiegħ jixtri lura t-titoli f'data aktar tard. Is-self ta' titoli huwa definit bħala self ta' titoli minn parti waħda lil oħra, li jirrikjeđi li l-mutwatarju jipprovi lill-mutwanti b'kollateral.

L-entrati għandhom jiġu rapportati b'valuri pożittivi sakemm l-istruzzjonijiet rispettivi ma jgħidux mod ieħor.

Il-kategoriji tal-assi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għall-Anness VI — tabella CIC ta' dan ir-Regolament.

Kull kuntratt ta' self repo u ta' titoli għandu jiġi rappurtat f'kemm ringieli huma meħtieġa biex tingħata l-informazzjoni mitluba. Jekk għal entrata waħda, għażla waħda tkun tgħodd għal parti waħda tal-istrument li jkun qed jiġi rapportat, u għażla differenti tkun tgħodd għall-parti l-oħra, allura l-kuntratt ikun jeħtieġ li jiġi diżaggregat sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-istruzzjonijiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0040	Portafoll	<p>Distinzjoni bejn tal-ħajja, mhux tal-ħajja, fondi tal-azzjonisti, ġenerali (l-ebda qsim) u fondi delimitati. L-assi sottostanti tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll tal-ħajja u l-assi sottostanti ta' provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll mhux tal-ħajja (billi tiġi applikata l-aktar qasma preċiża disponibbli).</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Tal-ħajja 2 — Mhux tal-ħajja 3 — Fondi delimitati 4 — Fond intern ieħor 5 — Fondi tal-azzjonisti 6 — Ġenerali <p>Il-qasma ma hijiex obligatorja, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali, ħliet għall-identifikazzjoni ta' fondi delimitati, iżda għandha tiġi rappurtata jekk l-impriża tużaha internament. Meta impriża ma tapplikax qasma għandha tintuża "ġenerali".</p> <p>Għal assi miżmuma barra l-karta bilanċjali din l-entrata ma għandhiex tiġi rappurtata.</p>
C0050	Numru tal-fond	<p>Applikabbli għal assi miżmuma f'fondi delimitati jew fondi interni oħra, definiti skont is-swieq nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' fondi (portafolli tal-assi) li jappoġġaw il-prodotti tal-ħajja.</p> <p>Numru jew kodiċi li huwa attribwit mill-impriża, li jikkorrispondi man-numru jew kodiċi uniku assenjat lil kull fond. Dan in-numru għandu jkun konsistenti matul iż-żmien u għandu jintuża biex jiġu identifikati l-fondi f'formoli oħrajn (pereżempju f'S.06.02, S.14.01). Ma għandux jerġa' jintuża għal fond differenti.</p> <p>In-Numru tal-Fond ma huwiex obligatorju, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali.</p>
C0060	Kategorija tal-assi	<p>Identifika l-kategorija tal-assi sottostanti misluf/provdut bħala parti minn tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli jew ftehimiet ta' riakkwist.</p> <p>Uża l-kategoriji definiti fl-Anness IV — Kategoriji tal-Assi ta' dan ir-Regolament.</p>
C0070	Isem il-Kontroparti	<p>Isem il-kontroparti tal-kuntratt.</p> <p>Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta mhux disponibbli, jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p>
C0080	Kodiċi tal-kontroparti	<p>Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kontroparti permezz tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI), jekk disponibbli.</p> <p>Jekk mhux disponibbli din l-entrata ma tiġix rappurtata.</p>
C0090	Tip ta' kodiċi tal-kontroparti	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Kontroparti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — LEI 9 — L-ebda

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0100	Kategorija ta' assi tal-kontroparti	Identifika l-kategorija l-aktar sinifikanti tal-assi misluf/provdut bħala parti minn tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli jew ftehimiet ta' riakkwist. Uża l-kategoriji tal-assi definiti fl-Anness IV — Kategoriji tal-Assi ta' dan ir-Regolament.
C0110	Assi miżmuma f'kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet	Identifika jekk l-assi sottostanti identifikati f'C0060 humiex miżmuma minn kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Marbuta ma' unitajiet jew marbuta ma' indiċi 2 — La marbuta ma' unitajiet u lanqas marbuta ma' indiċi
C0120	Pożizzjoni fil-kuntratt	Identifika jekk l-impriża hiex xerrej jew bejjiegħ frepo jew mutwatarju jew mutwanti fis-self ta' titoli. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Xerrej frepo 2 — Bejjiegħ frepo 3 — Mutwanti f'self ta' titoli 4 — Mutwatarju f'self ta' titoli
C0130	Ammont tal-komponent prosimu (near leg)	Jirrappreżenta l-ammonti li ġejjin: — Xerrej frepo: ammont irċevut fil-bidu tal-kuntratt — Bejjiegħ frepo: ammont ċedut fil-bidu tal-kuntratt — Mutwanti f'self ta' titoli: ammont irċevut bħala garanzija fil-bidu tal-kuntratt — Mutwatarju f'self ta' titoli: ammont jew valur tas-suq tat-titoli rċevut fil-bidu tal-kuntratt inizjali
C0140	Ammont tal-komponent 'il bogħod	Din l-entrata hija applikabbli biss għal repos u tirrappreżenta l-ammonti li ġejjin: — Xerrej frepo: ammont ċedut fil-maturità tal-kuntratt — Bejjiegħ frepo: ammont irċevut fil-maturità tal-kuntratt
C0150	Data tal-bidu	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-bidu tal-kuntratt. Id-data tal-bidu tal-kuntratt tirreferi għad-data meta l-obbligji fil-kuntratt isru effettivi.
C0160	Data ta' maturità	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-għeluq tal-kuntratt. Anke jekk il-kuntratt ikun fuq bażi eżerċitabbli miftuħa, normalment ikun hemm data meta jiskadi l-kuntratt. F'dawn il-każijiet din id-data trid tiġi rappurtata jekk ma jiġix eżerċitat qabel. Ftehim huwa meqjus magħluq meta jimmatura, jiġi eżerċitat jew il-ftehim jiġi kkanċellat. Għal kuntratti mingħajr data definita ta' maturità rrapporta "9999-12-31".
C0170	Valur tas-Solvibilità II	Din l-entrata hija applikabbli biss għal kuntratti li jkunu għadhom miftuħa fid-data tar-rappurtar. Il-valur tal-kuntratt repo jew ta' self ta' titoli, skont ir-regoli tal-valwazzjoni ta' kuntratti fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan il-valur jista' jkun pożittiv, negattiv jew zero.

S.11.01 — Assi miżmumin bħala kollateral

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola għandha tiġi rappurtata kull sena biss meta l-proporzjon tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral għall-karta bilanċjali totali jaqbeż l-10 %.

L-aggregazzjoni ta' assi li jggarantixxu l-investment (eż. l-aggregazzjoni ta' assi li huma kollateral għal bonds koperti) ma għandhiex tiġi rappurtata f'din il-formola. Il-kollateral li jkopri r-riċevibbli tar-riassigurazzjoni għandu jiġi rappurtat fil-formola S.11.01.

Din il-formola tinkludi lista ta' entrata b'entrata ta' assi barra l-karta bilanċjali miżmuma bħala kollateral biex ikopru assi fil-karta bilanċjali miżmuma direttament mill-impriża (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza) fit-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar. Il-kollaterali jitqiesu "miżmuma" meta l-impriża jkollha d-"dritt ta' aċċess dirett għall-kollateral", u għalhekk il-kollateral ikun ġie impenjat lill-entità u jkun identifikabbli individwalment.

Din tikkonsisti f'informazzjoni dettaljata mill-perspettiva tal-assi miżmuma bħala kollateral u mhux mill-perspettiva tal-arranġament kollaterali.

Jekk ikun hemm pula ta' kollaterali jew arranġamenti kollaterali li jinkludi assi multipli, għandhom jiġu rappurtati ringieli daqs kemm hemm assi fil-pula jew l-arranġament.

Din il-formola fiha żewġ tabelli: Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma u informazzjoni dwar l-assi.

Fit-tabella tal-informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma, kull assi miżmum bħala kollateral għandu jiġi rappurtat separatament f'kemm ringieli huma meħtieġa biex jimtew kif xieraq il-varjabbli kollha mitluba f'dik it-tabella. Jekk għall-istess assi jkun jistgħu jiġu attribwiti żewġ valuri għal varjabbli wieħed, allura dan l-assi għandu jiġi rappurtat fiktur minn linja waħda. Proprjetà immobbli miżmuma bħala kollateral ta' ipoteki relatati ma' individwi għandha tiġi rappurtata flinja waħda unika.

Fit-tabella tal-informazzjoni dwar l-assi, kull assi miżmum bħala kollateral għandu jiġi rappurtat separatament, b'ringieli waħda għal kull assi u għandhom jimtew il-varjabbli kollha mitluba f'dik it-tabella.

L-entrati kollha minbarra l-entrati "Tip ta' assi li għalih huwa miżmum kollateral" (C0140), "Isem il-kontroparti li tirhan il-kollateral" (C0060) u "Isem il-grupp tal-kontroparti li jirhan il-kollateral" (C0070) huma relatati ma' informazzjoni dwar l-assi miżmuma bħala kollateral. L-entrata C0140 tikkonċerna l-assi fil-karta bilanċjali li għalih huwa miżmum il-kollateral filwaqt li entrati C0060 u C0070 jirrigwardaw il-kontroparti li tirhan il-kollateral.

Il-kategoriji tal-assi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għall-Anness VI — tabella CIC ta' dan ir-Regolament.

Il-formola S.001 tinkludi l-assi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali miżmuma bħala kollateral biex jiġu koperti l-assi tal-karta bilanċjali miżmuma direttament mill-impriża u dawn l-ammonti għandhom jiġu rrapportati wkoll f'S.03.01 f'C0020/R0100 sa R0130.

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
<i>Informazzjoni dwar pożizzjonijiet miżmuma</i>		
C0040	Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Kodiċi tal-ID tal-Assi skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonnoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jridu jkun konsistenti maż-żmien <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jkun jeħtiġlu jiġi rappurtat għal assi li jkun maħruġ f'żewġ muniti differenti jew aktar, ikun meħtieġ li jiġi speċifikat il-kodiċi tal-ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, bħal fl-eżempju li ġej: "kodiċi+EUR"</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — ISO/6166 għall-ISIN</p> <p>2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi)</p> <p>3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra)</p> <p>4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)</p> <p>5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)</p> <p>6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg)</p> <p>7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters)</p> <p>8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju)</p> <p>9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innummerar</p> <p>99 — Kodiċi attribwit mill-impriża</p> <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jeħtieġli jiġi rrapportat għal assi wieħed li jinħareġ f'żewġ muniti differenti jew aktar u l-kodiċi f'C0040 ikun definit permezz tal-kodiċi ta' ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, il-Kodiċi ta' Tip ta' ID tal-Assi għandu jirreferi għall-għażla 99 u l-għażla tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi oriġinali, bħal fl-eżempju li ġej li għalih il-kodiċi rrapportat kien Kodiċi ISIN +munita: "99/1".</p>
C0060	Isem il-kontroparti li tirhan il-kollateral	<p>Isem il-kontroparti li qed tirhan il-kollateral. Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta dan ma jkunx disponibbli jkun jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Meta l-assi fil-karta bilanċjali li għalihom ikun miżmum il-kollateral ikunu self fuq poloz, "Detentur tal-polza" għandu jiġi rrapportat.</p>
C0070	Isem il-grupp tal-kontroparti li tirhan il-kollateral	<p>Identifika l-grupp ekonomiku tal-kontroparti li tirhan il-kollateral. Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta dan ma jkunx disponibbli jkun jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Din l-entrata mhijiex applikabbli meta l-assi fil-karta bilanċjali li għalihom ikun miżmum il-kollateral ikunu self fuq poloz.</p>
C0080	Pajjiż ta' kustodja	<p>Kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż fejn l-assi tal-impriża jinżammu f'kustodja. Għall-identifikazzjoni ta' kustodji internazzjonali, bħal Euroclear, il-pajjiż ta' kustodja jkun dak fejn is-servizz tal-kustodja kien definit kuntrattwalment.</p> <p>F'każ li l-istess assi jkun miżmum f'kustodja f'aktar minn pajjiż wieħed, kull assi għandu jiġi rrapportat separatament f'kemm linji huma meħtieġa sabiex jiġi identifikati tajjeb il-pajjiżi ta' kustodja kollha.</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għall-kollateral b'kategorija CIC 8 – Ipoteki u Self, CIC 71, CIC 75 u għal CIC 95 – Impjanti u tagħmir.</p> <p>Fir-rigward tal-Kategorija CIC 9, minbarra CIC 95 — Impjanti u tagħmir (għall-użu proprju), il-pajjiż emittent huwa valutat skont l-indirizz tal-proprjetà.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0090	Kwantità	Għadd ta' assi, għall-assi kollha jekk rilevanti. Din l-entrata ma għandhiex tiġi rappurtata jekk hija rappurtata l-entrata ammont Par (C0100).
C0100	Ammont par	L-ammont pendenti mkejjejl bl-ammont par, għall-assi kollha meta din l-entrata tkun rilevanti, u bl-ammont nominali għal CIC = 72, 73, 74, 75, 79 u 8. Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 71 u 9. Din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata jekk tiġi rrapportata l-entrata Kwantità (C0090).
C0110	Metodu ta' valwazzjoni	Identifika l-metodu ta' valwazzjoni użat għal valwar tal-assi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — prezz ikkwotat fis-suq fi swieq attivi għall-istess assi 2 — prezz ikkwotati fis-suq fi swieq attivi għal assi simili 3 — metodi alternattivi ta' valwazzjoni 4 — metodi tal-ekwità aġġustata (applikabbli għall-valwazzjoni tal-parteċipazzjonijiet) 5 — metodi tal-ekwità IFRS (applikabbli għall-valwazzjoni tal-parteċipazzjonijiet) 6 — Valwazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35
C0120	Ammont totali	Il-valur ikkalkolat kif iddefinit mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, li jikkorrispondi għal: — il-multiplikazzjoni tal-"Ammont b'parità" (l-ammont prinċipali pendenti mkejjejl bl-ammont b'parità jew l-ammont nominali) bil-"Perċentwal tal-unità tal-prezz tas-Solvenza II b'ammont b'parità" miżjud bl-"Imgħax dovut", għal assi fejn l-ewwel żewġ entrati jkunu rilevanti; — il-multiplikazzjoni tal-"Kwantità" bil-"Prezz unitarju tas-Solvenza II", għal assi fejn dawn iż-żewġ entrati jkunu rilevanti; — Il-valur ta' Solvenza II tal-assi għal assi klassifikabbli taħt il-kategoriji 71 u 9 tal-assi.
C0130	Imgħax dovut	Ikkwantifika l-ammont tal-imgħax dovut wara l-aħħar data tal-kupun għal titoli li jrendu l-imgħax. Innota li dan il-valur huwa wkoll parti mill-entrata ammont Totali.
C0140	Tip ta' assi li għalih ikun miżmum kollateral	Identifika t-tip ta' assi li għalih ikun miżmum kollateral Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Bonds tal-Gvern 2 — Bonds Korporattivi 3 — Ekwitajiet 4 — Impriżi ta' Investiment Kollettiv 5 — Noti strutturati 6 — Titoli kollateralizzati 7 — Flus u depożiti 8 — Ipoteki u self 9 — Proprjetajiet

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>0 — Investimenti oħra (inklużi reċivibbli)</p> <p>X — Derivattivi</p> <p>Eż. l-għażla “0 – Investimenti oħrajn” għandha tintgħażel għall-kollateral li jkopri r-Riċevibbli tar-riassigurazzjoni</p>
	ENTRATA	STRUZZJONIJIET

Informazzjoni dwar l-assi

C0040	Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Kodiċi tal-ID tal-Assi skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jridu jkunu konsistenti maż-żmien <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jkun jeħtiġlu jiġi rappurtat għal assi li jkun maħruġ f'żewġ muniti differenti jew aktar, ikun meħtieġ li jiġi speċifikat il-kodiċi tal-ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, bħal fl-eżempju li ġej: “kodiċi+EUR”</p>
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tal-Assi	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata “Kodiċi tal-ID tal-Assi”. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — ISO/6166 għall-ISIN 2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tas-CUSIP lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi) 3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru tal-identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 — BBGID (l-ID Globali ta' Bloomberg) 7 – Reuters RIC (Kodiċi ta' Strument ta' Reuters) 8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju) 9 — Kodiċi oħrajn mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innummerar 99 — Kodiċi attribwit mill-impriża <p>Meta l-istess Kodiċi tal-ID tal-Assi jeħtieġlu jiġi rapportat għal assi wieħed li jinħareġ f'żewġ muniti differenti jew aktar u l-kodiċi f'C0040 ikun definit permezz tal-kodiċi ta' ID tal-Assi u l-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita, il-Kodiċi tat-Tip ta' ID tal-Assi għandu jirreferi għall-għażla 99 u l-għażla tal-Kodiċi tal-ID tal-Assi oriġinali, bħal fl-eżempju li ġej li għalih il-kodiċi rappurtat kien Kodiċi ISIN +munita: “99/1”.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150	Titolu tal-Entrata	<p>Identifika l-entrata rapportata billi timla l-isem tal-assi (jew l-indirizz f'każ ta' proprjetà), skont id-dettall stipulat mill-impriża.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-Kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, meta jkunu marbuta ma' ipoteki u self lil persuni fiżiċi, din l-entrata għandha tinkludi "Self lil membri AMSB" jew "Self lil persuni fiżiċi oħra", skont in-natura tiegħu, għax dawn l-assi mhumiex meħtieġa jkunu individwalizzati. Għoti ta' self lil oħrajn li mhumiex persuni fiżiċi għandu jiġi rrapurtat linja linja. — Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 95 — Impjanti u tagħmir (għal użu proprju) għax dawk l-assi mhumiex meħtieġa li jkunu individwalizzati, CIC 71 u CIC 75. — Meta l-kollateral jkun fih poloz tal-assigurazzjoni (fir-rigward ta' self kollateralizzat b'poloz tal-assigurazzjoni) mhuwiex meħtieġ li dawn il-poloz jiġu individwalizzati u din l-entrata mhijiex applikabbli. — Għall-proprjetà, għandu jiġi rrapportat il-pajjiż ISO Alfa-2 + kodiċi postali + belt + isem it-triq + numru tat-triq tal-proprjetà miżmuma jew il-latitudni u l-lonġitudni jew ir-reġjun CRESTA/NUTS tal-investment fil-proprjetà: il-konfini amministrattivi (eż. il-konfini tal-provinċja jew tal-kontea, eż. il-livell NUTS 3) jew iż-żoni tal-kodiċi postali magħquda (eż. iż-żoni tal-kodiċi postali bl-ewwel żewġ ċifri, simili għaż-żoni ta' riżoluzzjoni baxxa CRESTA 2019[2]).
C0160	Isem l-emittent	<p>Isem tal-emittent, definit bħala l-entità li toħroġ assi lill-investituri, li jirrappreżentaw parti mill-kapital tagħha, parti mid-dejn tagħha, derivattivi, eċċ.</p> <p>Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta mhux disponibbli, jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-kategorija CIC 4 — Impriżi ta' Investment Kollektiv, isem l-emittent huwa isem il-manijer tal-fond; — Rigward il-Kategorija CIC 7 — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), isem l-emittent huwa isem l-entità depożitarja — Rigward il-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, meta jkunu marbuta ma' ipoteki u self lil persuni fiżiċi, din l-entrata għandu jkun fiha "Self lil membri AMSB" jew "Self lil persuni fiżiċi oħra", skont in-natura tiegħu, għax dawk l-assi mhumiex meħtieġa jkunu individwalizzati; — Rigward CIC 8 — Ipoteki u Self, minbarra ipoteki u self lil persuni fiżiċi, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju; <p>Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u — l-kategorija CIC 9 — Proprjetà.</p>
C0170	Kodiċi tal-emittent	<p>Kodiċi tal-identifikazzjoni tal-kodiċi tal-emittent permezz tal-LEI, jekk disponibbli.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-kategorija CIC 4 — Impriżi ta' Investment Kollektiv, il-kodiċi tal-emittent huwa l-kodiċi tal-manijer tal-fond; — Rigward il-kategorija CIC 7 — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), il-kodiċi tal-emittent huwa l-kodiċi tal-entità depożitarja

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>— Rigward il-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, minbarra ipoteki u self lil persuni fiżiċi, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju;</p> <p>— Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija CIC 9 — Proprjetà;</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, meta jkunu hemm rabta ma' ipoteki u self lil persuni fiżiċi.</p>
C0180	Tip ta' kodiċi tal-emittent	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Emittent". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — LEI</p> <p>9 — L-ebda</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, meta jkun hemm rabta ma' ipoteki u self lil persuni fiżiċi.</p> <p>Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija CIC 9 — Proprjetà.</p>
C0190	Settur tal-emittent	<p>Identifika s-settur ekonomiku tal-emittent abbażi tal-aħħar verżjoni tal-kodiċi NACE (kif ippubblikat f'Regolament tal-KE). Għat-taqsimiet tan-NACE A sa N huwa meħtieġ rapportar sħiħ b'erba' ċifri tal-kodiċijiet tan-NACE, jiġifieri għandha tintuża l-ittra li tidentifika t-Taqsima segwita mill-kodiċi b'4 ċifri għall-klassi (eż. "K6411"). Għat-taqsimiet li jifdal, ir-referenza tal-ittra tal-kodiċi NACE li tidentifika t-Taqsima għandha tintuża bħala minimu għall-identifikazzjoni tas-setturi (eż. "P" jew "P8501" ikunu aċċettabbli).</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <p>— Rigward il-kategorija tas-CIC 4 — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, is-settur tal-emittent huwa s-settur tal-maniġer tal-fond;</p> <p>— Rigward il-Kategorija CIC 7 — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), is-settur tal-emittent huwa s-settur tal-entità depożitarja</p> <p>— Rigward il-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, minbarra ipoteki u self lil persuni fiżiċi, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju;</p> <p>— Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 71, CIC 75, CIC 09 u l-kategorija CIC 9 — Proprjetà;</p> <p>— Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, meta jkun hemm rabta ma' ipoteki u self lil persuni fiżiċi.</p>
C0200	Isem il-Grupp Emittenti	<p>Isem l-entità prinċipali aħharja tal-emittent.</p> <p>Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta mhux disponibbli, jkkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <p>— Rigward il-kategorija CIC 4 — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, ir-relazzjoni tal-grupp hija marbuta mal-manjiġer tal-fond;</p> <p>— Rigward il-kategorija CIC 7 — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), ir-relazzjoni tal-grupp hija marbuta mal-entità depożitarja</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, minbarra ipoteki u self lil persuni fiżiċi, ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self (għal ipoteki u self lil persuni fiżiċi) — Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija CIC 9 — Proprjeta.
C0210	Kodiċi tal-Grupp Emittenti	<p>Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-grupp tal-emittent permezz tal-LEI jekk disponibbli. Jekk mhux disponibbli din l-entrata ma tiġix rapportata.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-kategorija CIC 4 — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, ir-relazzjoni tal-grupp hija marbuta mal-manijer tal-fond; — Rigward il-Kategorija CIC 7 — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), ir-relazzjoni tal-grupp hija marbuta mal-entità depożitarja — Rigward il-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, minbarra ipoteki u self lil persuni fiżiċi, ir-relazzjoni tal-grupp hija relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self (għal ipoteki u self lil persuni fiżiċi) <p>Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija CIC 9 — Proprjeta.</p>
C0220	Tip ta' kodiċi tal-grupp emittent	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Grupp Emittenti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — LEI</p> <p>9 — L-ebda</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self, meta jkun hemm rabta ma' ipoteki u self lil persuni fiżiċi.</p> <p>Din l-entrata mhijiex applikabbli għal CIC 71, CIC 75 u l-kategorija CIC 9 — Proprjeta.</p>
C0230	Pajjiż Emittent	<p>Kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż fejn jinsab l-emittent.</p> <p>Il-lokalizzazzjoni tal-emittent tiġi valutata skont l-indirizz tal-entità li toħroġ l-assi.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rigward il-kategorija CIC 4 — Impriżi ta' Investiment Kollettiv, il-pajjiż emittent huwa l-pajjiż li huwa relattiv mal-manijer tal-fond; — Rigward il-kategorija CIC 7 — Flus u depożiti (esklużi CIC 71 u CIC 75), il-pajjiż emittent huwa l-pajjiż tal-entità depożitarja — Fir-rigward tal-kategorija 8 tas-CIC — Ipoteki u Self, minbarra CIC 87 u CIC 88, l-informazzjoni għandha tkun relatata mal-mutwatarju; — Din l-entrata ma tapplikax għal CIC 71, CIC 75, CIC 09 u l-kategorija CIC 9 — Proprjeta;

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		Għandha tintuża waħda minn dawn l-għażliet: — Kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 — XA: Emittenti supranazzjonali — EU: Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
C0240	Munita	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-ħruġ. Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej: — Din l-entrata ma tapplikax għall-kategorija CIC 8 — Ipoteki u Self (għal ipoteki u self lil persuni fiżiċi, minħabba li daww l-assi mhumiex meħtieġa li jkunu individwalizzati) CIC 75 u għal CIC 95 — Impjanti u tagħmir (għall-użu proprju) għall-istess raġuni. — Fir-rigward tal-Kategorija CIC 9, minbarra CIC 95 — Impjanti u tagħmir (għall-użu proprju), il-munita tikkorrispondi għal munita li sar fiha l-investment.
C0250	CIC	Kodiċi ta' Identifikazzjoni Komplementari użat għall-klassifikazzjoni tal-assi, kif stabbilit fl-Anness VI — tabella CIC ta' dan ir-Regolament. Meta assi jiġi klassifikat bl-użu tat-tabella CIC, l-impriża għandhom iqisu l-aktar riskju rappreżentattiv li l-assi jkun skopert għalih.
C0260	Prezz ta' unità	Prezz ta' unità tal-assi, jekk rilevanti. Din l-entrata ma għandhiex tiġi rapportata jekk l-entrata Perċentwal tal-unità tal-prezz tal-ammont par tas-Solvibbiltà II (C0270) tkun rapportata.
C0270	Perċentwal tal-unità tal-prezz tal-ammont par tas-Solvibbiltà II	Ammont f'perċentwali tal-valur par, prezz nadif mingħajr imgħax dovut, għall-assi, jekk rilevanti. Din l-entrata għandha tiġi rrapportata jekk tkun ġiet ipprovduta informazzjoni dwar l-"ammont b'parità" (C0100) fl-ewwel parti tal-formula ("Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma") ħlief għall-kategoriji CIC 71 u 9. Din l-entrata ma għandhiex tiġi rapportata jekk tiġi rapportata l-entrata Prezz unitarju tas-Solvenza II (C0260).
C0280	Data ta' maturità	Applikabbli biss għall-kategoriji CIC 1, 2, 5, 6 u 8 u CIC 74 u CIC 79. Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-maturità. Din tikkorrispondi dejjem għad-data tal-maturità, anke għal titoli eżerċitabbli. Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej: — Għal titoli perpetwi uża "9999-12-31" — Għall-kategorija CIC 8, fir-rigward ta' self u ipoteki lil individwi, għandha tiġi rrapportata l-maturità li jifdal ponderata (abbażi tal-ammont tas-self).

S.12.01 — Provvedimenti Tekniċi tal-Ħajja u s-Saħħa SLT

Kummenti ġenerali:

Din it-Taqsima hija marbut mas-sottomissjoni tal-informazzjoni trimestrali u annwali għall-entitajiet individwali, fondi delimitati, portafolli ta' aġġustament ta' korrisondenza u l-parti li jibqa'.

L-impriżi jistgħu japplikaw approssimazzjonijiet xierqa fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Barra minn hekk, l-Artikolu 59 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 jista' jiġi applikat biex jiġi kalkulati il-marġni ta' riskju matul is-sena finanzjarja.

Linja ta' Operazzjonijiet għal obbligi tal-ħajja: Il-linji operatorji, imsemmija fl-Artikolu 80 tad-Direttiva 2009/138/KE, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Is-segmentazzjoni għandha tirrifletti n-natura tar-riskji sottostanti l-kuntratt (sustanza) u mhux il-forma legali tal-kuntratt (forma). B'mod awtomatiku, meta kuntratt tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni jkopri riskji fil-linji operatorji kollha, l-impriżi għandhom, fejn possibbli, jaqsmu l-obbligi fil-linji operatorji xierqa (l-Artikolu 55 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35).

Linji operatorji "Marbuta ma' indiċi u marbuta ma' assicurazzjoni", "Assicurazzjoni oħra tal-ħajja" u "Assicurazzjoni tas-saħħa" huma maqsumin bejn "Kuntratti mingħajr opzjonijiet u garanziji" u "Kuntratti b'opzjonijiet jew garanziji". Għal din il-qasma għandu jiġi kkunsidrat dan li ġej:

- "Kuntratti mingħajr opzjonijiet u garanziji" għandhom jinkludu l-ammonti relatati ma' kuntratti mingħajr kwalunkwe garanzija finanzjarja jew opzjoni kuntrattwali, li jfisser li l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi ma jirriflettix l-ammont ta' kwalunkwe garanzija finanzjarja jew opzjoni kuntrattwali. Kuntratti b'opzjonijiet kuntrattwali mhux materjali jew garanziji finanzjarji li ma jkunux riflessi fil-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi għandhom jiġu rapportati f'din il-kolonna ukoll;
- "Kuntratti b'opzjonijiet jew garanziji" għandhom jinkludu kuntratti li jew għandhom garanziji finanzjarji, opzjonijiet kuntrattwali, jew it-tnejn li huma sakemm il-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi jirrifletti l-eżistenza ta' dawk il-garanziji finanzjarji u l-opzjonijiet kuntrattwali.

L-informazzjoni rappurtata għandha tkun gross bir-riassigurazzjoni peress li informazzjoni dwar Rekuperabbli mir-riassigurazzjoni/mir-riassigurazzjoni SPV u Finite hija mitlub fringieli speċifiċi.

Ir-referenzi kollha għall-valuri ta' ċediment ma għandhomx ikunu applikabbli għan-negozju tar-riassigurazzjoni.

L-informazzjoni li għandha tiġi rappurtata bejn R0010 u R0100 għandha tkun wara l-aġġustament għall-volatilità, l-aġġustament għall-korrispondenza u aġġustament tranżizzjonali għall-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju rilevanti jekk jiġu applikati iżda ma tinkludix it-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi. L-ammont ta' tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ separatament bejn ir-ringieli R0110 u R0130.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Z0020	Fond Delimitat(RFF)/Portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-parti li jibqa'	Identifika jekk iċ-ċifri rappurtati humiex dwar RFF, portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-parti li jibqa'. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — RFF/MAP 2 — Parti li jibqa'
Z0030	Numru tal-fond/portafoll	Numru ta' identifikazzjoni ta' fond delimitat jew portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza. Dan in-numru jingħata mill-impriża u jibqa' konsistenti tul iż-żmien u man-numru tal-fond/portafoll rapportat f'formoli oħrajn.

Provvedimenti tekniċi kalkolati fl-intier tagħhom

C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0110, C0120, C0130, C0140, C0160, C0190, C0200/R0010	Provvedimenti tekniċi kalkolati fl-intier tagħhom	L-ammont ta' provvedimenti tekniċi kkalkolati fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0010	Provvedimenti tekniċi kalkolati fl-intier tagħhom — Total (Tal-ħajja minbarra assicurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità)	Ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kalkolati fl-intier tagħhom għall-Ħajja minbarra assicurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210/R0010	Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	Ammont totali ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.
C0020, C0030, C0060, C0090, C0100 to C0140, C0160, C0190, C0200/R0020	Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjati mal-PT kalkulati fl-intier tagħhom	Ammont ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u riassigurazzjoni Finite ("Finite RE") wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjati mal-provvedimenti tekniċi ("PT") fl-intier tagħhom għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0020	Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjati mal-PT kalkulati bħala element wieħed — Total (Assigurazzjoni tal-ħajja li mhix tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjati mal-Providimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0020	Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti assoċjati mal-PT kalkulati bħala element wieħed — Total (Assigurazzjoni tas-saħħa simili għal tal-ħajja)	Ammont totali ta' rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti ta' provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.

Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-aħjar stima u marġni ta' riskju

C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100 to C0140, C0170, C0180, C0190, C0200/R0030	Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala somma tal-Aħjar Stima ("BE") u marġni ta' riskju ("RM"), l-Aħjar Stima Gross	L-ammont tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr tnaqqis tar-riassigurazzjoni, SPVs u Finite Re skont l-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0030	Provvedimenti tekniċi kalkulati bħala s-somma tal-Aħjar Stima u Marġni ta' riskju, l-Aħjar Stima Gross — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr tnaqqis ta' riassigurazzjoni, SPVs u Finite RE skont l-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għal Ħajja minbarra assigurazzjoni tal-ħajja, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210/R0030	Provedimenti tekniċi kalkulati bħala s-somma tal-Aħjar Stima u Marġni ta' riskju, l-Aħjar Stima Gross — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	Ammont totali tal-Aħjar Stima Gross (mingħajr tnaqqis ta' riassigurazzjoni, SPVs u Finite RE skont l-Artikolu 77(2) tad-Direttiva 2009/138/KE) għal Ħajja simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0040	Rekuperabbli totali minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE qabel l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti	L-ammont rekuperabbli qabel l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0040	Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite RE qabel l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (Assigurazzjoni tal-ħajja li mhijiex tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	L-ammont totali ta' rekuperabbli qabel l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intra grupp, għal Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0040	Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni/SPV u Finite Re qabel l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (Assigurazzjoni tas-saħħa simili għal tal-ħajja)	Ammont totali tar-rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPVs qabel l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0050	Rekuperabbli minn riassigurazzjoni (ħlief SPV u Finite RE) qabel l-aġġustament għal telf mistenni	L-ammont ta' rekuperabbli (qabel l-aġġustament għat-telf mistenni) minn riassigurazzjoni "tradizzjonali", jiġifieri, mingħajr SPVs u Riassigurazzjoni Finite, kalkulat b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti li jirrelataw magħhom, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0050	Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni (għajr SPV u Finite Re) qabel l-aġġustament għat-telf mistenni — Total (Assigurazzjoni tal-ħajja li mhijiex tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Total tal-Ammont ta' rekuperabbli (qabel l-aġġustament għat-telf mistenni) minn riassigurazzjoni "tradizzjonali", jiġifieri, mingħajr SPVs u Riassigurazzjoni Finite, kalkulat b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti li jirrelataw magħhom, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għal Assigurazzjoni tal-ħajja li mhijiex tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0210/R0050	Total ta' Rekuperabbli minn riassigurazzjoni (għajr SPV u Finite Re) qabel l-aġġustament għat-telf mistenni — Total (Assigurazzjoni tas-saħħa simili għal tal-ħajja)	Ammont totali ta' rekuperabbli minn tar-riassigurazzjoni (ħlief SPVs u Riassigurazzjoni Finite) qabel l-aġġustament għat-telf mistenni, kalkulat b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti li jirrelataw magghom, għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0060	Rekuperabbli minn SPV qabel l-aġġustament għat-telf mistenni	L-ammont ta' rekuperabbli minn SPVs qabel l-aġġustament għat-telf mistenni, kalkulat b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti li jirrelataw magghom, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għal kull linja operatorja.
C0150/R0060	Total ta' Rekuperabbli minn SPV qabel l-aġġustament għat-telf mistenni — Total (Assigurazzjoni tal-ħajja li mhijiex tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali ta' rekuperabbli minn SPVs qabel l-aġġustament għat-telf mistenni, kalkulat b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti li jirrelataw magghom, għal Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0060	Total ta' Rekuperabbli minn SPV qabel l-aġġustament għat-telf mistenni — Total (Assigurazzjoni tas-saħħa simili għal tal-ħajja)	Ammont totali ta' Rekuperabbli minn SPV qabel l-aġġustament għat-telf mistenni għas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0070	Rekuperabbli minn Finite Re qabel l-aġġustament għat-telf mistenni	L-ammont ta' rekuperabbli minn Finite Re qabel l-aġġustament għat-telf mistenni, kalkulat b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti li jirrelataw magghom, inkluża riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0070	Total ta' Rekuperabbli minn Finite Re qabel l-aġġustament għat-telf mistenni — Total (Assigurazzjoni tal-ħajja li mhijiex tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali ta' rekuperabbli minn Finite Re qabel l-aġġustament għat-telf mistenni, kalkulat b'mod konsistenti mal-limiti tal-kuntratti li jirrelataw magghom, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intra grupp, għal Ħajja għajr assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0070	Total ta' Rekuperabbli minn Finite Re qabel l-aġġustament għat-telf mistenni — Total (Assigurazzjoni tas-saħħa simili għal tal-ħajja)	Ammont totali ta' Rekuperabbli minn Riassigurazzjoni Finite qabel l-aġġustament għat-telf mistenni għas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100 to C0140, C0170, C0180, C0190, C0200/R0080	Rekuperabbli totali minn riasigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti	L-ammont tar-rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riasigurazzjoni ċeduta intragrupp, għal kull linja operattiva, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0080	Total ta' Rekuperabbli minn riasigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (Ħajja għajr assicurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	L-ammont totali ta' rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riasigurazzjoni ċeduta intra grupp, għal Ħajja għajr assicurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0080	Total ta' Rekuperabbli minn riasigurazzjoni/SPV u Finite RE wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti — Total (Saħħa simili għal assicurazzjoni tal-ħajja)	L-ammont totali ta' rekuperabbli wara l-aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2009/138/KE, inkluż riasigurazzjoni ċeduta intra grupp, għal Saħħa simili għal assicurazzjoni tal-ħajja.
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0090	L-aħjar stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riasigurazzjoni/SPV u Finite Re	L-ammont tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riasigurazzjoni SPV/ Finite Re wara aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Art.81 tad-Direttiva 2009/138/KE, għal kull linja operattiva.
C0150/R0090	L-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riasigurazzjoni SPV u Finite Re — Total (Ħajja għajr assicurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	L-ammont totali tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riasigurazzjoni/SPV u Finite Re wara aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Art.81 tad-Direttiva 2009/138/KE, għal Ħajja għajr assicurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0090	L-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riasigurazzjoni/SPV u Finite Re — Total (Saħħa simili għal assicurazzjoni tal-ħajja)	L-ammont totali tal-Aħjar Stima bit-tnaqqis tar-rekuperabbli minn riasigurazzjoni/SPV u Finite Re wara aġġustament għat-telf mistenni minħabba l-possibbiltà ta' inadempjenza tar-riassiguratur, kif definit fl-Art.81 tad-Direttiva 2009/138/KE, għal Saħħa simili għal assicurazzjoni tal-ħajja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020, C0030, C0060, C0090, C0100 to C0140, C0160, C0190, C0200/R0100	Marġni ta' riskju	L-ammont ta' marġni ta' riskju, kif definit fl-Artikolu 77(3) tad-Direttiva 2009/138/KE, għal kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0150/R0100	Marġni ta' Riskju — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità)	Ammont totali ta' Marġni ta' Riskju għall-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet.
C0210/R0100	Marġni ta' Riskju — Total (saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	Ammont totali ta' Marġni ta' Riskju għal Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja.

Ammont tat-tranżizzjonali fuq il-Provvedimenti Tekniċi

C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/R0110	Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom	Ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għal provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom, għal kull Linja Operatorja. Dan il-valur għandu jkun rappurtat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.
C0150/R0110	Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total (Talħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unità)	Ammont ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għal provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal tal-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet Dan il-valur għandu jkun rappurtat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.
C0210/R0110	Provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	Ammont ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għal provvedimenti tekniċi kalkulati fl-intier tagħhom għal tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja). Dan il-valur għandu jkun rappurtat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.
C0020, C0040, C0050, C0070, C0080, C0090, C0100, C0170, C0180, C0190, C0200/R0120	L-Aħjar Stima	Ammont tat-tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokat għall-aħjar stima, għal kull Linja Operatorja. Dan il-valur għandu jkun rappurtat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0150/R0120	L-Aħjar Stima — Total (Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet)	Ammont totali ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-aħjar stima għall-Ħajja minbarra assigurazzjoni tas-saħħa, inklużi Marbuta ma' Unitajiet Dan il-valur għandu jkun rappurtat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.
C0210/R0120	L-Aħjar Stima — Total (Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja)	Ammont totali ta' tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-aħjar stima għal tas-Saħħa simili għal assigurazzjoni tal-ħajja. Dan il-valur għandu jkun rappurtat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.
C0020, C0030, C0060, C0090, C0100, C0160, C0190, C0200/R0130	Marġni ta' riskju	Ammont tnaqqis tranżizzjonali fil-provvedimenti tekniċi allokati għall-marġni ta' riskju, għal kull Linja Operatorja. Dan il-valur għandu jkun rappurtat bħala valur negattiv meta jnaqqas il-provvedimenti tekniċi.
C0160/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja (gross), Dħul ta' flus — Dħul ta' flus ieħor	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk mhux inklużi fil-Primjums futuri u ma jinkludux ir-redditi fuq l-investimenti, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni, inklużi obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa.</p>
C0165/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja (gross), Flussi ta' flus — Ammonti rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni (wara l-aġġustament)	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus futuri mhux skontati mill-ammonti rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPVs/Finite Re, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, inklużi primjums tar-riassigurazzjoni futuri. L-ammont għandu jiġi rappurtat nett mill-aġġustament għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti.</p>
C0171/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni aċċettata (gross), Ħruġ ta' flus — Benefiċċji garantiti futuri	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu mill-Benefiċċji garantiti futuri fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni aċċettata.</p>
C0175/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni aċċettata (gross), Ħruġ ta' flus — Benefiċċji diskrezzjonali futuri	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu mill-Benefiċċji diskrezzjonali futuri fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni aċċettata.</p>
C0180/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni aċċettata (gross), Ħruġ ta' flus — Spejjeż futuri u ħruġ ta' flus ieħor	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk relatati mal-ispejjeż li se jiġġarrbu fis-servizzjar tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, u entrati oħrajn ta' flussi ta' flus bħal pagamenti tat-tassazzjoni li huma debitati, jew li mistennija jiġu debitati, lid-detenturi tal-poloż, jew li huma meħtieġa biex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni aċċettata.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		Ħruġ ta' flus minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li se jinbidel għal Annwalitajiet iżda għadu mhux saldat formalment bħala Annwalitajiet, u trattat fl-istess kumpanija għandu jiġi inkluż ukoll.
C0190/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni aċċettata (gross), Dħul ta' flus — Primjums futuri	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu minn primjums futuri u kwalunkwe flussi ta' flus addizzjonali li jirriżultaw minn dawk il-primjums, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni aċċettata.
C0200/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni aċċettata (gross), Dħul ta' flus — Dħul ta' flus ieħor	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus huma dawk mhux inklużi fil-Primjums futuri u ma jinkludux ir-redditi fuq l-investimenti, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni aċċettata.
C0205/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni aċċettata (gross), Flussi ta' flus — Ammont rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni (wara l-aġġustament)	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus futuri mhux skontati mill-ammonti rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPVs/Finite Re, inkluż riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, inklużi primjums tar-riassigurazzjoni futuri. L-ammont għandu jiġi rappurtat nett mill-aġġustament għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti.
C0211/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Assigurazzjoni tas-saħħa (gross), Ħruġ ta' flus — Benefiċċji garantiti futuri	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu mill-Benefiċċji garantiti futuri fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Assigurazzjoni tas-saħħa.
C0215/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Assigurazzjoni tas-saħħa (gross), Ħruġ ta' flus — Benefiċċji diskrezzjonali futuri	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu mill-Benefiċċji diskrezzjonali futuri fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Assigurazzjoni tas-saħħa (gross).
C0220/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Assigurazzjoni tas-saħħa (gross), Ħruġ ta' flus — Spejjeż futuri u ħruġ ta' flus ieħor	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus huma dawk marbuta mal-ispejjeż li se jiġġarbu fis-servizzjar tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, u entrati oħra ta' ħruġ ta' flus bħall-pagamenti tat-tassazzjoni li huma debitati, jew li mistennija jiġu debitati lid-detenturi ta' poloz, jew li huma meħtieġa biex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, assigurazzjoni tas-saħħa.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0230/R0010–R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Assigurazzjoni tas-saħħa (gross), Dħul ta' flus — Primjums futuri	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu minn primjums futuri u kwalunkwe flussi ta' flus addizzjonali li jirriżultaw minn dawk il-primjums, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, linja operatorja, kif definita fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Assigurazzjoni tas-saħħa.</p>
C0240/R0010–R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Assigurazzjoni tas-saħħa (gross), Dħul ta' flus — Dħul ta' flus ieħor	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk mhux inklużi fil-Primjums futuri u ma jinkludux ir-redditi fuq l-investimenti, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Assigurazzjoni tas-saħħa.</p>
C0245/R0010–R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Assigurazzjoni tas-saħħa (gross), Flussi ta' flus — Ammont rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni (wara l-aġġustament)	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus futuri mhux skontati mill-ammonti rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPVs/Finite Re, inklużi riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, inklużi primjums tar-riassigurazzjoni futuri. L-ammont għandu jiġi rappurtat nett mill-aġġustament għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti.</p>
C0251/R0010–R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni tas-saħħa (gross), Ħruġ ta' flus — Benefiċċji garantiti futuri	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu mill-Benefiċċji garantiti futuri fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni tas-saħħa.</p>
C0255/R0010–R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni tas-saħħa (gross), Ħruġ ta' flus — Benefiċċji diskrezzjonali futuri	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk li joħorġu mill-Benefiċċji diskrezzjonali futuri fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni tas-saħħa.</p>
C0260/R0010–R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni tas-saħħa (gross), Ħruġ ta' flus — Spejjeż futuri u ħruġ ta' flus ieħor	<p>Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50.</p> <p>Il-flussi ta' flus huma dawk marbuta mal-ispejjeż li se jiġġarrbu fis-servizzjar tal-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, u entrati oħra ta' ħruġ ta' flus bħal pagamenti tat-tassazzjoni li huma debitati, jew li mistennija jiġu debitati lid-detenturi ta' poloz, jew li huma meħtieġa biex jiġu saldati l-obbligi tal-assigurazzjoni, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, riassigurazzjoni tas-saħħa.</p> <p>Ħruġ ta' flus minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li se jinbidel għal Annwalitajiet iżda għadu mhux saldat formalment bħala Annwalitajiet, u trattat fl-istess kumpanija għandu jiġi inkluż ukoll.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0270/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni tas-saħħa (gross), Dħul ta' flus — Primjums futuri	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus huma dawk li jōhōrgu minn primjums futuri u kwalunkwe flussi ta' flus addizzjonali li jirriżultaw minn dawk il-primjums, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni tas-saħħa.
C0280/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni tas-saħħa (gross), Dħul ta' flus — Dħul ta' flus ieħor	Ammont tal-flussi ta' flus mhux skontati mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregat għall-interval tas-snin 31 sa 40, aggregat għall-interval tas-snin 41 sa 50 u aggregat għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus huma dawk mhux inklużi fil-Primjums futuri u ma jinkludux ir-redditi fuq l-investimenti, fir-rigward tal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, Riassigurazzjoni tas-saħħa.
C0285/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima, Riassigurazzjoni tas-saħħa (gross), Flussi ta' flus - Ammont rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni (wara l-aġġustament)	Ammont ta' flussi ta' flus mhux skontati mill-obbligi tal-assigurazzjoni tas-Saħħa SLT mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregati għall-intervall tas-snin minn 31 sa 40, aggregati għall-intervall tas-snin minn 41 sa 50 u aggregati għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus futuri mhux skontati mill-ammonti rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPVs/Finite Re, inklużi riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, inklużi primjums tar-riassigurazzjoni futuri. L-ammont għandu jiġi rapportat nett mill-aġġustament għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti.
C0290/R0010-R0330	Flussi ta' flus futuri użati fl-Aħjar Stima – Ammont rekuperabbli totali mir-riassigurazzjoni (wara l-aġġustament)	Ammont ta' flussi ta' flus mhux skontati tal-Ħajja u tas-Saħħa SLT mistennija għal kull sena mis-sena 1 sas-sena 30, aggregati għall-intervall tas-snin minn 31 sa 40, aggregati għall-intervall tas-snin minn 41 sa 50 u aggregati għas-snin kollha wara s-sena 50. Il-flussi ta' flus futuri mhux skontati mill-ammonti rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPVs/Finite Re, inklużi riassigurazzjoni ċeduta intragrupp, inklużi primjums tar-riassigurazzjoni futuri. L-ammont għandu jiġi rapportat nett mill-aġġustament għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti.

S.14.01 — Analiżi tal-obbligi tal-ħajja

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola tinkludi informazzjoni dwar il-kuntratti tal-assigurazzjoni tal-ħajja biss għal operat dirett u tinkludi wkoll l-obbligu tal-ħajja minn kuntratti mhux tal-ħajja, bħall-annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti mhux tal-ħajja (li huma analizzati wkoll f'S.16.01). Ma għandha tiġi pprovduta l-ebda informazzjoni għal negozju tar-riassigurazzjoni aċċettat. Kull kuntratt tal-assigurazzjoni għandu jiġi rapportat anke jekk ikun klassifikat bħala kuntratt ta' investiment fuq bażi ta' kontabbiltà. Fil-każ ta' prodotti diżaggregati, il-partijiet differenti tal-prodott għandhom jiġu rapportati fringieli differenti, bl-użu ta' kodiċijiet ta' ID differenti.

L-informazzjoni kollha għandha tiġi rapportata skont il-prodott, inklużi t-tabella dwar il-prodott tal-portafoll. Ir-rapportar skont in-numru tal-fond ma għandux ikun obligatorju, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali. Ir-rapportar ta' entrati speċifiċi relatati man-numru tal-fond jista' jiġi definit mill-awtorità superviżorja nazzjonali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Portafoll		
C0010	Kodiċi tal-ID tal-Prodott	Kodiċi intern ta' ID tal-prodott użat mill-impriża għall-prodott. Jekk kodiċi diġà jkun qiegħed jintuża jew ikun attribwit mill-awtorità kompetenti għall-finijiet superviżorji jintuża dak il-kodiċi.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>Il-kodiċi tal-ID għandu jkun konsistenti matul iż-żmien.</p> <p>Fil-każijiet fejn ikun hemm bżonn li l-istess prodott jiġi rrapportat faktar minn ringiela waħda, il-kontenut ta' C0010 (u C0090) għandu jsegwi l-mudell speċifiku: {{Kodiċi tal-ID tal-prodott}}/+/{{numru tal-verżjoni}}. Pereżempju, "AB222/+3".</p>
C0030	Linja operatorja	<p>linja operatorja kif definit fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <p>29 — Assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>30 — Assigurazzjoni b'kondiviżjoni tal-profitti</p> <p>31 — Assigurazzjoni marbuta mal-indiċi u assigurazzjoni marbuta mal-unitajiet</p> <p>32 — Assigurazzjoni tal-ħajja oħra</p> <p>33 — Annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>34 — Annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni għajr obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>35 — Riassigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>36 — Riassigurazzjoni tal-ħajja</p>
C0040	Għadd ta' kuntratti fi tmiem is-sena	<p>Għadd ta' kuntratti marbuta ma' kull prodott rrapportat. Kuntratti b'aktar minn detentur ta' polza wieħed jgħoddu bħala kuntratt wieħed biss.</p> <p>Fil-każ ta' detentur ta' polza inattiv (primjum mhux imħallas) il-kuntratt għandu jiġi rrapportat xorta waħda sakemm il-kuntratt ma jitħassarx. Billi f'dan il-każ ma jitħallas l-ebda primjum, dawn id-detenturi tal-poloż inattivi huma inklużi bi primjums ugwali għal żero.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn użu mhux tal-ħajja, l-għadd ta' obbligi tal-annwalitajiet.</p> <p>Għall-prodotti li jiġu sseparati faktar minn ringiela waħda, jekk jogħġbok irrapporta n-numru ta' kuntratti fir-ringieli kollha rrapportati.</p>
C0041	In-numru ta' kuntratti fl-aħħar tas-sena – li minnhom kuntratti b'opzjoni ta' ċediment	<p>In-numru ta' kuntratti fl-aħħar tas-sena li jinkludu opzjoni ta' ċediment għad-detentur ta' polza.</p> <p>Il-kuntratti fejn id-detenturi tal-poloż ma jkollhomx id-dritt li jċedu l-polza tagħhom, iżda li xorta jistgħu jittrasferixxu l-polza tagħhom lil assiguratatur ieħor, għandhom ikunu koperti f'din iċ-ċellola.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>
C0050	Għadd ta' kuntratti ġodda matul is-sena	<p>In-numru ta' kuntratti ġodda maħruġa matul is-sena tar-rapportar (għall-kuntratti ġodda kollha). Inkella uża l-istess struzzjonijiet taċ-ċellola C0040.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn użu mhux tal-ħajja, l-għadd ta' obbligi tal-annwalitajiet.</p> <p>Il-kuntratti jitqiesu bħala kuntratti ġodda, meta jiġu rikonoxxuti fil-valwazzjoni tal-provvedimenti tekniċi fi kwalunkwe ħin matul is-sena f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Delega. Għalhekk, il-kuntratti ġodda jinkludu tiġdid li ma kienx inkluż fil-limiti kuntrattwali qabel, kif ukoll bejgħ kummerċjali ġdid.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0051	In-numru ta' kuntratti ċeduti matul is-sena	<p>In-numru ta' kuntratti li ġew ċeduti matul is-sena tar-rapportar.</p> <p>Meta kuntratt ikun ġie ċedut biss parzjalment jew ikun inbidel fi status imħallas, dan ma għandux jingħadd bħala ċediment għall-fini ta' C0051, minħabba li l-kuntratt ikun għadu fil-ktieb tan-negozju.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>
C0054	L-għadd ta' assigurati fi tmiem is-sena	<p>L-għadd ta' persuni assigurati fi tmiem is-sena fir-rigward tal-kuntratti rrapportati f'C0040.</p> <p>L-għadd ta' assigurati għandu jikkorrespondi għan-numru ta' detenturi tal-poloż għal kuntratt. Fil-każ ta' politiki kollettivi/ta' grupp, fejn id-"detentur ta' polza" jaġixxi kemm bħala distributtur kif ukoll bħala detentur ta' polza, in-numru ta' assigurati għandu jikkorrespondi għan-numru ta' persuni assigurati li jissiehu fil-kuntratt kollettiv/ta' grupp.</p>
C0055	Trattament fiskali tal-prodotti	<p>Din l-entrata għandha tipprovdi informazzjoni dwar it-trattament fiskali tal-prodotti, b'mod partikolari meta t-trattament fiskali jista' jinfluwenza d-deċiżjoni dwar l-eżerċitar taċ-ċediment jew tal-kanċellazzjoni. Jenħtieġ li tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Fil-każ ta' skadenza/ċediment, ma hemm l-ebda telf relatat ma' taxxa jew sussidju 2 - Fil-każ ta' skadenza/ċediment, jintilfu l-benefiċċji tat-taxxa jew sussidji oħrajn tal-passat jew futuri 3 - Telf ieħor relatat mat-taxxa mhux kopert hawn fuq 4 - Mhux applikabbli <p>L-għażla 1 tinkludi każijiet fejn id-detenturi tal-poloż iġarrbu telf relatat ma' taxxa jew sussidju, sakemm assiguratatur simili ma jkunx lest li jaċċetta l-kuntratt.</p> <p>Il-benefiċċji tat-taxxa li huma relatati ma' primjums futuri, jiġifieri fejn il-primjums inaqqsu l-pagamenti futuri tat-taxxa fuq l-introjt, ma humiex rilevanti għall-fini tal-klassifikazzjoni ta' hawn fuq.</p> <p>Jekk għal kuntratt partikolari fi ħdan prodott fil-fatt iseħħx telf fiskali fid-data tal-valwazzjoni jista' jiddependi fuq parametri kuntrattwali individwali bħad-durata jew l-età tad-detentur tal-polza. Madankollu, għall-fini tar-rapportar f'C0210, ma hija meħtieġa l-ebda differenzjazzjoni skont tali parametri. Il-kriterji għandhom jintgħażlu meta tali telf fiskali jista' jseħħ għall-kuntratti ta' dak il-prodott.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>
C0080	Pajjiż	<p>Il-kodiċi ISO 3166 alfa-2 tal-pajjiż jew lista ta' kodiċijiet skont l-istruzzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 3166 alfa-2 tal-pajjiż fejn sar il-kuntratt, għall-pajjiżi li jirrappreżentaw aktar minn 10 % tal-provvedimenti tekniċi jew il-primjums sottomskritti għal prodott partikolari. — Għal pajjiżi li jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-provvedimenti tekniċi jew tal-primjums sottomskritti għal prodott partikolari, irrapporta lista ta' Kodiċijiet ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiżi konċernati.

Prodott tal-portafoll

C0020	Numru tal-fond	<p>Applikabbli għal prodotti li huma parti minn fondi delimitati jew fondi interni oħrajn - definiti fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' fondi (portafolli tal-assi) li jappoġġaw il-prodotti tal-ħajja.</p>
-------	----------------	---

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>Numru jew kodiċi, li jiġi attribwit mill-impriża, li jikkorrespondi għan-numru jew il-kodiċi uniku assenjat lil kull fond. Dan in-numru jew il-kodiċi għandu jkun konsistenti matul iż-żmien u għandu jintuża biex jidentifika l-istess fondi f'formoli oħrajn (eż. f'S.08.01). Ma għandux jerġa' jintuża għal fond differenti.</p> <p>In-numru tal-fond ma huwiex obligatorju, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità supervizzorja nazzjonali.</p>
C0060	L-ammont totali ta' primjums sottoskritti	<p>L-ammont totali tal-primjums grossi sottoskritti kif definiti fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn mhux tal-ħajja din iċ-ċellola mhijiex applikabbli.</p>
C0061	L-ammont totali ta' primjums miktuba – li minnhom miktuba direttament mill-impriża tal-assigurazzjoni	<p>L-ammont totali ta' primjums grossi miktuba kif definiti fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 miktuba direttament mill-impriża tal-assigurazzjoni.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn mhux tal-ħajja din iċ-ċellola mhijiex applikabbli.</p>
C0062	L-ammont totali ta' primjums miktuba – li minnhom miktuba permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu	<p>L-ammont totali ta' primjums grossi miktuba kif definiti fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 miktuba permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jaġixxu bħala distributuri tal-assigurazzjoni.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn mhux tal-ħajja din iċ-ċellola mhijiex applikabbli.</p>
C0063	L-ammont totali ta' primjums miktuba – li minnhom miktuba permezz ta' distributuri oħrajn tal-assigurazzjoni	<p>L-ammont totali ta' primjums grossi miktuba kif definiti fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 miktuba permezz ta' distributuri tal-assigurazzjoni għajr istituzzjonijiet ta' kreditu.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn mhux tal-ħajja din iċ-ċellola mhijiex applikabbli.</p>
C0070	Ammont totali ta' pretensjonijiet imħallsa matul is-sena	Ammont totali ta' pretensjonijiet grossi mħallsa matul is-sena, inkluż l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0071	L-ammont totali ta' kummissjonijiet imħallsin matul is-sena	<p>Il-kummissjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe forma ta' benefiċċji monetarji li jitħallsu lil distributur tal-assigurazzjoni minn kwalunkwe persuna oħra minbarra l-klijent jew parti terza li taġixxi f'isem il-klijent, b'rabta mal-attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-assigurazzjoni. Filwaqt li l-kummissjonijiet ġeneralment jiġu kkalkolati bħala perċentwal tal-primjum imħallas mill-klijent għall-kopertura tal-assigurazzjoni, dan japplika għal kwalunkwe tip ta' pagament li jsir lil distributur tal-assigurazzjoni (eż., imħallas/riċevut inizjalment abbażi tal-konklużjoni ta' kuntratt tal-assigurazzjoni jew imħallas/riċevut fuq bażi rikorrenti).</p> <p>Fejn din iċ-ċellola ma tkunx applikabbli, pereżempju, fil-każ ta' annwalitajiet minn spejjeż mhux tal-ħajja, iċ-ċellola għandha titħalla vojta.</p>
C0075	Primjums futuri mistennija	<p>Primjums totali għall-kuntratti kollha fis-seħħ fid-data tal-valwazzjoni mistennija għall-futur kif ipproġettati fil-kalkolu tal-Aħjar Stima. Il-primjums futuri pproġettati għandhom ikunu l-valur preżenti (li jirrifletti l-volum totali tal-primjum għad-durata mistennija tal-kuntratt).</p> <p>Il-primjums għandhom jiġu rikonoxxuti biss fil-limiti kuntrattwali.</p> <p>Billi l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ biss fil-livell tal-HRG, jistgħu jiġu applikati approssimazzjonijiet għad-diżaggregazzjoni tal-provvedimenti skont il-prodott.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0077	Kummissjonijiet futuri mistennija	<p>Kummissjonijiet futuri totali għall-kuntratti kollha fis-seħħ fid-data tal-valwazzjoni mistennija għall-futur kif ipproġettati fil-kalkolu tal-Aħjar Stima.</p> <p>Il-kummissjonijiet futuri pproġettati għandhom ikunu l-valur preżenti (li jirrifletti l-volum totali ta' kummissjonijiet futuri għad-durata mistennija tal-kuntratt). Għad-definizzjoni tal-kummissjonijiet, jekk jogħġbok aghthi C0071.</p> <p>Il-kummissjonijiet għandhom jiġu rikonoxxuti biss fil-limiti kuntrattwali.</p> <p>Billi l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ biss fil-livell tal-HRG, jistgħu jiġu applikati approssimazzjonijiet għad-diżaggregazzjoni tal-provvedimenti skont il-prodott.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>
C0180	L-Aħjar Stima u l-Provvedimenti Tekniċi fl-intier tagħhom	<p>L-ammont tal-aħjar stima gross u l-Provvedimenti Tekniċi bħala prodott ikkalkolat kollu.</p> <p>Billi l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ biss fil-livell tal-HRG, jistgħu jiġu applikati approssimazzjonijiet għad-diżaggregazzjoni tal-provvedimenti skont il-prodott.</p>
C0190	Kapital friskju	<p>Il-kapital friskju, kif definit fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.</p> <p>Billi l-kalkolu tal-provvedimenti tekniċi huwa meħtieġ biss fil-livell tal-HRG, jistgħu jiġu applikati approssimazzjonijiet għad-diżaggregazzjoni tal-provvedimenti skont il-prodott.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti mhux tal-ħajja din iċ-ċellola għandha timtela' b'zero sakemm l-annwalitajiet ma jkollhomx riskju pożittiv.</p>
C0200	Valur ta' ċediment	<p>Valur ta' ċediment (fejn applikabbli), kif imsemmi fl-Artikolu 185(3)(f) tad-Direttiva 2009/138/KE, nett mit-taxxi. ammont li għandu jitħallas lid-detentur ta' polza f'każ ta' terminazzjoni kmieni tal-kuntratt (jiġifieri qabel ma jsir pagabbli skont il-maturità jew għax iseħħ l-avveniment assigurat, bħal mewt), nett mill-imposti u s-self tal-polza. ma jikkonċernax kuntratti mingħajr opzjonijiet, minħabba li l-valur ta' ċediment huwa opzjoni.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>
C0260	Rata garantita - Rata garantita annwalizzata (fuq durata medja ta' garanzija)	<p>Ir-rata tal-imgħax annwali medja garantita lid-detentur tal-polza tul il-ħajja li jifdal tal-kuntratt espressa bħala perċentwal.</p> <p>Meta l-ebda rata tal-imgħax garantita ma tkun ipprovduta b'mod impliċitu jew espliciċitu fil-kuntratt, iċ-ċellola għandha titħalla vojta, filwaqt li meta rata tal-imgħax garantita tkun ipprovduta b'mod impliċitu jew espliciċitu, dan għandu jiġi rrapportat kif xieraq (eż. "0 %").</p> <p>Applikabbli meta rata tal-imgħax medja garantita tkun ipprovduta b'mod espliciċitu fil-kuntratt jew meta garanzija finanzjarja alternattiva tiġi pprovduta b'mod impliċitu, pereżempju, fil-forma ta' somma garantita assigurata, redditu garantit tal-primjums jew benefiċċju ta' annwalità garantit.</p> <p>Meta ma tiġi preskritta l-ebda garanzija tar-rata tal-imgħax annwali b'mod espliciċitu fil-kuntratt, għandha tiġi rrapportata r-rata impliċita (annwali) garantita mid-data tal-valwazzjoni sat-tmiem mistenni tal-garanzija.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0261	Rata garantita - Garanzija tar-rata tal-imgħax annwali għas-sena tar-rapportar	<p>Rata tal-imgħax annwali garantita lid-detentur ta' polza tal-kuntratt għas-sena tar-rapportar espressa bħala perċentwal.</p> <p>Meta l-ebda rata tal-imgħax garantita ma tkun ipprovduta b'mod implċitu jew espliċitu fil-kuntratt, iċ-ċellola għandha titħalla vojta, filwaqt li meta rata tal-imgħax garantita tkun ipprovduta b'mod implċitu jew espliċitu, dan għandu jiġi rrapportat kif xieraq (eż. "0 %").</p> <p>Applikabbli meta tiġi pprovduta b'mod espliċitu rata tal-imgħax medja garantita fil-kuntratt jew meta tiġi pprovduta b'mod implċitu garanzija finanzjarja alternattiva, pereżempju, fil-forma ta' somma garantita assicurata, redditu garantit tal-primjums.</p> <p>Meta ma tiġi preskritta l-ebda garanzija tar-rata tal-imgħax annwali b'mod espliċitu fil-kuntratt, għandha tiġi rrapportata r-rata garantita (annwali) implċita għas-sena tar-rapportar.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>
C0270	Kundizzjonijiet tal-ħruġ fid-data tar-rapportar	<p>Jekk jogħġbok ikklassifika l-prodott skont il-lista magħluqa li ġejja rigward il-kundizzjonijiet tal-ħruġ fis-sitwazzjoni tad-data tar-rapportar:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 – Valur ta' ċediment ugwali għall-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' inqas minn ġimgħa 2 – Valur ta' ċediment ugwali għall-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' aktar minn ġimgħa iżda inqas minn 3 xhur 3 – Valur ta' ċediment ugwali għall-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' aktar minn 3 xhur 4 – Valur ta' ċediment ta' bejn 100 % (esklużivament) u 80 % tal-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' inqas minn ġimgħa 5 – Valur ta' ċediment ta' bejn 100 % (esklużivament) u 80 % tal-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' aktar minn ġimgħa iżda inqas minn 3 xhur 6 – Valur ta' ċediment ta' bejn 100 % (esklużivament) u 80 % tal-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' aktar minn 3 xhur 7 – Valur ta' ċediment inqas minn 80 % tal-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' inqas minn ġimgħa 8 – Valur ta' ċediment inqas minn 80 % tal-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' aktar minn ġimgħa iżda inqas minn 3 xhur 9 – Valur ta' ċediment inqas minn 80 % tal-aħjar stima/riżervi statutorji lokali u avviż meħtieġ ta' aktar minn 3 xhur 10 – Oħrajn <p>Il-perjodu ta' avviż għandu jinftehem bħala l-perjodu ta' żmien (eż. jiem jew ġimgħat) mitlub mill-kumpanija tal-assigurazzjoni bejn in-notifika tad-detentur ta' polza tal-intenzjoni tiegħu li jittermina l-polza tal-assigurazzjoni u d-data tat-terminazzjoni attwali. Dan it-terminu ma jirreferix għall-perjodu ta' preklużjoni li għandu klijent biex jikkanċella l-polza mingħajr penali.</p> <p>Meta din iċ-ċellola ma tkunx applikabbli, jiġifieri kuntratt ma jkunx jista' jiġi ċedut, pereżempju, għal annwalitajiet minn kuntratti mhux tal-ħajja, din iċ-ċellola tista' titħalla vojta.</p> <p>Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0280	Ammont li fuqu hija garantita r-rata tal-imgħax	L-ammont monetarju li għalih jeħtieġ li tiġi applikata r-rata tal-imgħax garantita r-rapportata f'C0260. L-ammont għandu jiġi rrapportat bħala l-valur monetarju fid-data ta' referenza. Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.

Karatteristiċi ta' prodott

C0101	Klassifikazzjoni tal-prodott	Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1. tal-ħajja wieħed 2. tal-ħajja konġunt 3. kollettiv 4. oħrajn Jekk tkun applikabbli aktar minn karatteristika waħda, uża "4 – oħrajn". Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn użu ta' mhux ħajja "4 — oħrajn".
C0102	Intitolamenti tal-pensjoni	Speċifika jekk il-kategorija tal-prodott hijiex intitolament tal-pensjoni. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1. Iva 2. Nru Meta jiġi vvalutat jekk prodott għandux jiġi kklassifikat bħala intitolament tal-pensjoni taħt il-formola S.14, għandhom jitqiesu dawn li ġejjin: — Jekk il-prodott ikun prodott tal-pensjoni bbażat fuq regolament/liġi nazzjonali. Għal dan, tista' tiġi kkunsidrata l-"Bażi tad-data tal-pjanijiet u l-prodotti tal-pensjoni fiż-ŻEE" ippubblikata fuq is-sit web tal-EIOPA (bit-twissijiet imsem-mija fuq is-sit web); — Jekk prodott (eż. prodott marbut mal-unitajiet) jakkumula l-flus għall-irtirar bl-użu ta' vantaġġ tat-taxxa relatat mal-pensjonijiet; — Jekk il-pagamenti futuri jkunu espliċitament marbuta mal-irtirar innifsu; — Jekk il-prodott jikkonforma mal-karatteristiċi kollha identifikati, iżda jinkludi wkoll xi sitwazzjonijiet eċċezzjonali ħafna fejn il-flus jistgħu jiġu ċeduti, bħall-qgħad fit-tul jew mard serju, dan għandu jkompli jitqies bħala intitolament tal-pensjoni. Dawn li ġejjin ma għandhomx jinfluwenzaw id-deċiżjoni: — Jekk il-prodott jissostitwixxi jew ikun addizzjonali għas-sistema tas-sigurtà soċjali fis-seħħ; — Jekk il-prodott ikun obbligatorju (ġeneralment jekk ikun sostitut) jew mhux obbligatorju (ġeneralment jekk ikun addizzjonali); — Jekk il-ħlas fil-futur għandu jsir permezz ta' annwalitajiet jew permezz ta' somma f'daqqa, sakemm il-ħlas ikun fl-età tal-irtirar.
C0110	Tip ta' prodott	Deskrizzjoni kwalitattiva ġenerali tat-tip ta' prodott. Jekk huwa attribwit kodiċi lill-prodott mill-awtorità kompetenti għal skopijiet superviżorji, għandha tintuża d-deskrizzjoni tat-tip ta' prodott għal dak il-kodiċi.
C0120	Denominazzjoni tal-prodott	Isem kummerċjali tal-prodott (speċifiku għall-impriża).

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0130	Il-prodott għadu jiġi mibjugħ?	Speċifika jekk il-prodott għadux jinbiegħ jew jekk huwiex biss frun-off. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 – għadu kummerċjalizzat 2 – frun-off
C0141	Kondiviżjoni tal-profitti	Speċifika jekk il-kategorija tal-prodott tinkludix kondiviżjoni tal-profitti jew le. Għandha tintuża din il-lista magħluqa. 1 – Iva 2 – Le
C0142	Maturità kuntrattwali li jifdal	Din l-entrata għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-maturità medja kuntratt-walment definita li jifdal tal-kuntratti skont dik il-kategorija tal-prodott. L-għażla għandha ssir mis-sitt għażliet li ġejjin: 1- < 5 snin 2 - 5-10 snin 3 - 10-15 snin 4 - 15-20 snin 5 - > 20 sena 6 - Tul il-ħajja Id-determinazzjoni hija bbażata fuq is-suppożizzjonijiet li l-kuntratt ma jintemmx minħabba r-realizzazzjoni ta' riskju bijometriku, id-detentur ta' polza ma jeżerċita l-ebda opzjoni ta' ċediment/kanċellazzjoni u jeżerċita l-opzjonijiet kollha ta' tiġdid u l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ma teżerċita l-ebda opzjoni li tittermina l-kuntratt u teżerċita l-opzjonijiet kollha ta' tiġdid. Fil-każ ta' politika ta' allokkazzjoni, dan pereżempju jfisser li l-persuna assicurata ma tmutx u d-detentur tal-polza ma jikkanċellax il-kuntratt. Għad-determinazzjoni, għandha tiġi preżunta età tipika tad-detentur tal-polza meta jidħol fil-kuntratt. Ikkunsidra, bħala eżempju, politika ta' allokkazzjoni bil-possibbiltà li tikkanċella fi kwalunkwe ħin meta l-kuntratt tipiku jidħol fl-età ta' 30 sena u jintemm b'pagament ta' somma f'daqqa fl-età ta' 65 sena f'każ li l-persuna assicurata tkun għadha ħajja. Anki jekk il-kuntratt jista' jintemm qabel minħabba mewt jew kanċellazzjoni, għandha tintgħażel l-għażla "> 20 sena". Mhux applikabbli għall-annwalitajiet li joħorġu minn kuntratti mhux tal-ħajja.

S.14.02 — *Analiżi tal-obbligi mhux tal-ħajja*

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola tinkludi informazzjoni dwar kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja biss għal operat dirett. Ma għandha tiġi pprovduta l-ebda informazzjoni għal negozju tar-riassigurazzjoni aċċettat.

Il-kolonni minn C0010 sa C0120 għandhom jiġu rrapportati skont il-linja operatorja bl-eċċezzjonijiet indikati hawn taħt, fejn hija prevista diżaggregazzjoni ulterjuri skont il-kategoriji ta' prodotti kif definiti f'C0020.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Portafoll		
C0010	Linja Operatorja (minn 1 sa 12)	<p>Linja operatorja kif definita fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. L-informazzjoni dwar il-prodotti, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'C0020, ma għandhiex tiġi diżaggregata, iżda rrapportata taħt il-linja operatorja prinċipali. Il-prodotti kollha tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja kkummerċjalizzati għandhom jiġu rrapportati taħt il-linja operatorja li tikkorrespondi l-aħjar għall-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-prodott u r-riskji ewlenin koperti mill-prodott. Għall-prodotti modulari, il-prodotti għandhom jiġu sseparati u l-informazzjoni għal kull prodott li jiffirma l-grupp għandha tiġi rrapportata taħt il-linja operatorja li tikkorrespondi l-aħjar għall-karatteristiċi ewlenin:</p> <p>Għandha tintuża l-lista li ġejja:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 - Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu 3 - Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema 4 - Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur 5 - Assigurazzjoni oħra tal-vetturi bil-mutur 6 - Assigurazzjoni tal-baħar, tal-avjazzjoni u tat-trasport 7 - Assigurazzjoni kontra ħruq u hšarat oħra lill-proprjetà 8 - Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali 9 - Assigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija 10 - Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali 11 - Assistenza 12 - Telf finanzjarju mixxellanju
C0020	Li minnha, kategorija ta' prodotti	<p>Għal prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji ta' prodotti fil-lista magħluqa ta' hawn taħt, l-informazzjoni għandha tiġi rrapportata f'ringiela separata:</p> <p>7.1 Ħruq u hšarat oħra lill-proprjetà, li minnha Assigurazzjoni ta' katastrofi naturali: Prodotti li jkopru hšarat lill-proprjetajiet u lill-persuni kkawżati minn forzi naturali, inklużi terremot, għargħar, maltempata, silġ, ġlata, nixfa.</p> <p>11.1 Assistenza, li minnha Assigurazzjoni tal-ivvjaġġar: Prodotti li jkopru telf mhux previst imġarrab waqt l-ivvjaġġar, bħal kopertura għal kanċellazzjoni tal-vjaġġi, bagalji mitlufa, dewmien fit-titjiriet u/jew spejjeż mediċi waqt l-ivvjaġġar</p> <p>12.1 Telf finanzjarju mixxellanju, li minnu Interruzzjoni tan-Negozju: Prodotti li jkopru l-interruzzjoni tan-negozju, l-għeluq tan-negozju, jew kwalunkwe telf finanzjarju ta' tali natura, irrispettivament minn jekk humiex meħtieġa danni fiżiċi fuq proprjetà assicurata (eż. interruzzjoni tan-negozju li tirreferi għal kopertura għall-ħsara lill-proprjetà li tirriżulta minn maltempata jew għargħar; għeluq tan-negozju li jkopri d-danni għall-għeluq temporanju tal-ħwienet minħabba azzjonijiet amministrattivi jew deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tas-saħħa)</p> <p>12.2 Telf finanzjarju mixxellanju, li minnu Assigurazzjoni ta' protezzjoni tal-pagamenti: Prodotti li jkopru l-każ li ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi finanzjarji ta' ipoteka, self jew kwalunkwe faċilità ta' kreditu għal kwalunkwe raġuni, minbarra mewt.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030	Għall-prodotti kkummerċjalizzati taħt din il-kategorija ta' prodotti/LOB, liema proporzjon (imkejjel minn primjums grossi miktuba) ikopri perikli relatati mal-klima? (0-100)	Il-perikli relatati mal-klima jinkludu avvenimenti bħal, pereżempju, għargħar, mewġ ta' sħana, uqigħ tal-art, nixfiet jew nirien mhux ikkontrollati. Meta jitqies li taħt linja operatorja waħda jista' jkun hemm diversi prodotti, li xi wħud minnhom ikopru u oħrajn ma jkoprux perikli relatati mal-klima, jekk jogħġbok irrapporta hawnhekk il-perċentwal ta' prodotti f'din il-kategorija (imkejjel minn primjums grossi miktuba) li jkopri mill-inqas aspekk wieħed ta' perikli relatati mal-klima, bejn 0 u 100.
C0040	Jekk il-prodott ikopri perikli relatati mal-klima, id-disinn tal-prodott jagħmel provvediment għal miżuri ta' prevenzjoni tar-riskju? (Iva/Le/Mhux applikabbli)	Jekk din il-linja operatorja jkun fiha mill-inqas prodott wieħed li jkopri mill-inqas aspekk wieħed ta' perikli relatati mal-klima, jekk jogħġbok indika b'"Iva" jew "Le" jekk xi wħud minn dawn il-prodotti jinkludu miżuri ta' prevenzjoni tar-riskju fid-disinn tagħhom. Il-miżuri ta' prevenzjoni f'dan il-kuntest jirreferu għal affarijiet bħal inċentivi finanzjarji għad-detentur tal-polza biex jittaffa r-riskju assigurat sottostanti (eż. permezz ta' ribassi fuq primjums jew deduċibbli aktar baxxi) jew għarfien espert tar-riskju mfassal apposta pprovdut mill-assigurat biex jagħti pariri lid-detentur tal-polza dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju disponibbli biex jimplementa.
C0050	Għadd ta' kuntratti fi tmiem is-sena	L-għadd ta' kuntratti mehmuża ma' kull prodott li jaqgħu taħt il-linja operatorja rilevanti. Kuntratti b'aktar minn detentur ta' polza wieħed jgħoddu bħala kuntratt wieħed biss. Fil-każ ta' detenturi ta' poloz inattivi (ebda primjum imħallas), il-kuntratt għandu jiġi rrapportat xorta waħda, sakemm il-kuntratt ma jiġix ikkanċellat.
C0060	Għadd ta' kuntratti ġodda matul is-sena	L-għadd ta' kuntratti ġodda matul is-sena tar-rapportar (dan għall-kuntratti ġodda kollha, inklużi dawk li jiġġeddu). Kuntratt ġdid jirreferi għal kuntratt miktub matul is-sena fir-rigward ta' kuntratti oħrajn li għaddejjin miktuba fis-snin preċedenti. Kuntratti b'aktar minn detentur ta' polza wieħed jgħoddu bħala kuntratt wieħed biss. Fil-każ ta' detenturi ta' poloz inattivi (ebda primjum imħallas), il-kuntratt għandu jiġi rrapportat xorta waħda, sakemm il-kuntratt ma jiġix ikkanċellat.
C0070	L-ammont totali ta' Primjums Grossi Miktuba – miktuba direttament mill-impriża tal-assigurazzjoni	L-ammont totali ta' primjums grossi miktuba kif definiti fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 miktuba direttament mill-impriża tal-assigurazzjoni.
C0080	L-ammont totali ta' Primjums Grossi Miktuba – miktuba permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu	L-ammont totali ta' primjums grossi miktuba kif definiti fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 miktuba permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jaġixxu bħala distributuri tal-assigurazzjoni.
C0090	L-ammont totali ta' Primjums Grossi Miktuba – miktuba permezz ta' distributuri tal-assigurazzjoni għajr istituzzjonijiet ta' kreditu	L-ammont totali ta' primjums grossi miktuba kif definiti fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 miktuba permezz ta' distributuri tal-assigurazzjoni għajr istituzzjonijiet ta' kreditu.
C0100	L-ammont totali ta' kummissjonijiet imħallsin matul is-sena	Il-kummissjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe forma ta' benefiċċji monetarji li jitħallsu lil distributur tal-assigurazzjoni minn kwalunkwe persuna oħra minbarra l-klijent jew parti terza li taġixxi f'isem il-klijent, b'raba mal-attivitatiet ta' distribuzzjoni tal-assigurazzjoni. Filwaqt li l-kummissjonijiet ġeneralment jiġu kkalkolati bħala perċentwal tal-primjum imħallas mill-klijent għall-kopertura tal-assigurazzjoni, dan japplika għal kwalunkwe tip ta' pagament li jsir lil distributur tal-assigurazzjoni (eż., imħallas/riċevut inizjalment abbażi tal-konklużjoni ta' kuntratt tal-assigurazzjoni jew imħallas/riċevut fuq bażi rikorrenti).

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0110	L-ammont totali ta' pretensjonijiet imħallsa matul is-sena	Pretensjonijiet imħallsa matul is-sena relatati mas-somma tal-operat dirett. Dan ma għandux jinkludi bidliet fil-provvedimenti għal pretensjonijiet li jkunu għadhom ma tħallsux u jeskludi l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet u ċ-ċaqliq fil-provvedimenti fl-ispejjeż ta' ġestjoni tal-pretensjonijiet.
C0120	Pajjiż	Il-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alfa-2 jew lista ta' kodiċijiet skont l-istruzzjonijiet li ġejjin: — il-kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiż fejn ġie konkluż il-kuntratt, għal pajjiżi li jirrappreżentaw aktar minn 10 % tal-provvedimenti tekniċi jew tal-primjums miktuba għal prodott partikolari. — Għal pajjiżi li jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-Provvedimenti Tekniċi jew tal-primjums miktuba għal prodott partikolari, irrapporta lista ta' Kodiċijiet ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiżi kkonċernati.

Informazzjoni dwar l-għadd ta' assigurati

C0130	L-għadd ta' assigurati fi tmiem is-sena	Għall-prodotti li jaqgħu taħt il-linja operatorja 1 u l-kategoriji ta' prodotti 11.1 u 12.2, irrapporta l-għadd totali ta' assigurati għall-kuntratti rrapportati taħt C0050.
C0140	L-għadd ta' proprjetajiet assigurati fi tmiem is-sena	Għall-prodotti li jaqgħu taħt il-linji operatorji 4 u 5, irrapporta l-għadd totali ta' proprjetajiet assigurati għall-kuntratti rrapportati taħt C0050.

S.14.03 — Riskju ta' sottoskrizzjoni għaċ-ċibersigurtà

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola hija rilevanti għal impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja li jissottoskrivu l-prodotti li jkopru r-riskji ċibernetiċi kif definiti f'dawn l-istruzzjonijiet.

L-impriżi huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni relatata mar-riskju ċibernetiku sottoskritt bil-kodiċi tal-grupp ta' prodotti u bl-Identifikazzjoni tal-Prodott. Meta jiġu pprovduti aktar minn prodott kummerċjali wieħed għall-istess Identifikazzjoni tal-Prodott, għall-istess sett ta' LoB u għall-istess sett ta' Kopertura tar-Riskju, il-prodotti għandhom jiġu rrapportati bl-użu ta' linja waħda, billi jiġi pprovdut "Kodiċi tal-Grupp ta' Prodotti" definit mill-impriża sabiex jiġi identifikat il-grupp ta' prodotti rrapportati. Il-prodotti fl-istess Identifikazzjoni tal-Prodott li ma jikkondividux il-karatteristika msemmija ma jistgħux jiġu aggregati u, għalhekk, għandhom jiġu rrapportati bl-użu ta' linji individwali.

Meta tkun meħtieġa ġustifikazzjoni speċjali, l-ispjegazzjoni ma tridx tiġi sottomessa fil-formola tar-rapportar, iżda għandha tkun parti mid-djalogu bejn l-impriżi u l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs).

Il-formola għandha tkun soġġetta għall-applikazzjoni ta' livell limitu bbażat fuq dawn li ġejjin:

- Is-somma tal-primjums iggwadanjati għal politiki ċibernetiċi awtonomi u politiki b'kopertura ċibernetika supplimentari (fejn għandhom jitqiesu biss il-primjums (stmati) iggwadanjati għar-riskju ċibernetiku) hija akbar minn 5 % tan-negozju ġenerali mhux tal-ħajja segwit mill-impriża jew aktar minn EUR 5 miljun

JEW

- L-għadd ta' politiki li jinkludu l-kopertura ċibernetika (jiġifieri politiki ċibernetiċi awtonomi u/jew politiki b'kopertura ċibernetika supplimentari) jirrappreżentaw aktar minn 3 % tal-għadd totali ta' politiki tan-negozju mhux tal-ħajja).

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010	Kodiċi tal-Grupp ta' Prodotti	Kodiċi tal-ID intern tal-grupp ta' prodotti definit mill-impriża. Il-Kodiċi tal-Grupp ta' Prodotti għandu jkun konsistenti maż-żmien.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>Fil-każijiet fejn ikun hemm bżonn li l-istess prodott jiġi rrapportat f'aktar minn ringiela waħda, il-kontenut ta' C0010 għandu jsejwi l-mudell speċifiku:</p> <p>{Kodiċi tal-Grupp ta' Prodotti}/+/{numru kardinali}. Pereżempju, "AB222/+1".</p>
C0020	Suq fil-Mira	<p>L-identifikazzjoni tas-Suq fil-Mira. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1- B2B (minn negozju għal negozju) 2- Privati 3- It-tnejn <p>Minħabba l-granularità tar-Riskji identifikati fiċ-ċellola C0060, l-għażla 3 hija mistennija biss bħala każ eċċezzjonali tal-identifikazzjoni regolari tas-Suq fil-Mira għall-kategoriji ta' prodotti.</p>
C0800 sa C0950/R0300 sa R0450	L-Aħjar Stima Mhux Skontata tal-Provvedimenti għall-Preten- sionijiet — Ammont rekupe- rabbli mir-riassigurazzjoni — Triangolu	<p>Provvedimenti b'referenza għall-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigu- razzjoni u veikoli bi skop speċjali. Fit-triangolu huwa meħtieġ li tirrapporta d-<i>data</i> mhux skontata, filwaqt li l-kolonna "Tmiem is-sena" ikun fiha <i>data</i> fuq bażi skontata.</p> <p>L-ammonti għandhom jiġu kkunsidrati wara l-aġġustament għall-inadempjenza tal-kontroparti, netti mis-salvataġġ u mis-surroga u minbarra kwalunkwe spiża, kif ukoll kwalunkwe primjum futur.</p>
C0960/R0300 sa R0460	L-Aħjar Stima tal-Provvedi- menti għall-Pretensjonijiet — Ammont rekuperabbli mir- riassigurazzjoni — Tmiem is- sena (<i>data</i> skontata)	<p>It-total ta' "Tmiem is-sena" jirrifletti l-aħħar dijagonali iżda fuq bażi skontata (id- <i>data</i> kollha b'referenza għall-aħħar sena tar-rappor- tar) minn R0300 sa R0450.</p> <p>R0460 hija t-total ta' R0300 sa R0450.</p>
C1000 sa C1150/R0300 sa R0450	Pretensjonijiet RBNS tar-Rias- sigurazzjoni — Triangolu	<p>Triangoli għal kull waħda mis-snin ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N-14 (u qabel) u għall-perjodi tar-rappor- tar preċedenti kollha — inkluża — N (l-aħħar sena tar-rappor- tar) tas-sehem ta' provvedimenti tar-riassigurazzjoni, irrappor- tati fil-"Pretensjonijiet Grossi Rappor- tati iżda mhux Saldati (RBNS)", koperti minn kuntratt tar-riassigurazzjoni.</p> <p>L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jikkomponu l-pretensjoni nnifisha, iżda jeskludi kwalunkwe spiża u huwa nett mis-salvataġġ u mis-surroga.</p>
C1160/R0300 sa R0460	Pretensjonijiet RBNS tar-Rias- sigurazzjoni — Tmiem is-sena (<i>data</i> skontata)	<p>It-total ta' "Tmiem is-sena" jirrifletti l-aħħar dijagonali iżda fuq bażi skontata (id- <i>data</i> kollha b'referenza għall-aħħar sena tar-rappor- tar) minn R0300 sa R0450.</p> <p>R0460 hija t-total ta' R0300 sa R0450.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C1200 sa C1350/R0500 sa R0650	Pretensjonijiet Netti Mħallsa (mhux kumulattivi) — Triangolu	Triangoli għal kull waħda mis-snin ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N-14 (u qabel) u għall-perjodi tar-rapportar preċedenti kollha — inkluża — N (l-aħħar sena tar-rapportar) tal-pretensjonijiet imħallsa netti mis-salvataġġ/surroga u mir-riassigurazzjoni. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża.
C1360/R0500 sa R0660	Pretensjonijiet Netti Mħallsa (mhux kumulattivi) — Fis-sena kurrenti	It-total tas-“Sena kurrenti” jirrifletti l-aħħar dijagonali (id-data kollha b'referenza għall-aħħar sena tar-rapportar) minn R0500 sa R0650. R0660 hija t-total ta' R0500 sa R0650
C1370/R0500 sa R0660	Pretensjonijiet Netti Mħallsa — Somma tas-sena (kumulattiva)	Total tas-“Somma tas-snin” fiha s-somma tad-data kollha fir-ringieli (is-somma tal-pagamenti kollha b'referenza għas-sena tal-aċċident/sottoskrizzjoni), inkluż it-total.
C1400 sa C1550/R0500 sa R0650	L-Aħjar Stima Mhux Skontata Netta tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet — Triangolu	Triangoli għal kull waħda mis-snin ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N-14 (u qabel) u għall-perjodi tar-rapportar preċedenti kollha — inkluża — N (l-aħħar sena tar-rapportar) tal-Aħjar Stima tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet, netti mir-riassigurazzjoni, netti mis-salvataġġ/surroga u esklużi kwalunkwe spejjeż, kif ukoll kwalunkwe primjum futur.
C1560/R0500 sa R0660	L-Aħjar Stima Mhux Skontata Netta tal-Provvedimenti għall-Pretensjonijiet — Tmiem is-sena (data skontata)	It-total ta' “Tmiem is-sena” jirrifletti l-aħħar dijagonali iżda fuq bażi skontata (id-data kollha b'referenza għall-aħħar sena tar-rapportar) minn R0500 sa R0650. R0660 hija t-total ta' R0500 sa R0650
C1600 sa C1750/R0500 sa R0650	Pretensjonijiet RBNS Netti — Triangolu	Triangoli għal kull waħda mis-snin ta' aċċident/sottoskrizzjoni minn N-14 (u qabel) u għall-perjodi tar-rapportar preċedenti kollha — inkluża — N (l-aħħar sena tar-rapportar) ta' Pretensjonijiet Pendenti netti mis-salvataġġ/surroga u mir-riassigurazzjoni. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża.
C1760/R0500 sa R0660	Pretensjonijiet RBNS Netti – Tmiem is-sena (data skontata)	It-total ta' “Tmiem is-sena” jirrifletti l-aħħar dijagonali iżda fuq bażi skontata (id-data kollha b'referenza għall-aħħar sena tar-rapportar) minn R0500 sa R0650. R0660 hija t-total ta' R0500 sa R0650.

Rati tal-inflazzjoni (biss fil-każ li jintużaw metodi li jieħdu inkonsiderazzjoni l-inflazzjoni biex jaġġustaw id-data)

C1800 sa C1940/R0700	Rata tal-inflazzjoni storika — total	Fil-każ li jintużaw tekniki run-off li jqisu espliċitament l-inflazzjoni sabiex jaġġustaw ir-rapport tad-data, skont is-sena, u għall-15-il sena, ir-rata tal-inflazzjoni storika użata biex jiġu aġġustati t-triangoli storiċi tat-telf imħallas.
C1800 sa C1940/R0710	Rata tal-inflazzjoni storika — inflazzjoni esterna	Fil-każ li jintużaw tekniki run-off li jqisu espliċitament l-inflazzjoni biex jaġġustaw ir-rapport tad-data skont is-sena, u għal 15-il sena, ir-rata tal-inflazzjoni esterna storika: li hija l-inflazzjoni “ekonomika” jew “general”, jiġifieri ż-żieda fil-prezz tal-oġġetti u tas-servizzi f'ekonomija speċifika (eż. Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumaturi, Indiċi tal-Prezzijiet għall-Produtturi, eċċ.).
C1800 sa C1940/R0720	Rata tal-inflazzjoni storika — inflazzjoni endoġena	Fil-każ li jintużaw tekniki run-off li jqisu espliċitament l-inflazzjoni sabiex jaġġustaw ir-rapport tad-data, skont is-sena, u għall-15-il sena, l-inflazzjoni endoġena storika: li hija żieda fil-kostijiet tal-pretensjonijiet speċifiċi tal-linja operatorja kif definit fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, taħt kunsiderazzjoni.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C2000 sa C2140/R0730	Rata tal-inflazzjoni mistennija — total	Fil-każ li jintużaw tekniki run-off li jqisu espliċitament l-inflazzjoni biex jaġġustaw ir-rapport tad- <i>data</i> skont is-sena, u għal 15-il sena, ir-rata tal-inflazzjoni mistennija użata fit-triangoli tat-telf imħallas storiċi.
C2000 sa C2140/R0740	Rata tal-inflazzjoni mistennija — inflazzjoni esterna	Fil-każ li jintużaw tekniki run-off li jqisu espliċitament l-inflazzjoni biex jaġġustaw ir-rapport tad- <i>data</i> skont is-sena, u għal 15-il sena, ir-rata tal-inflazzjoni mistennija storika: li hija l-inflazzjoni “ekonomika” jew “ġenerali”, jiġifieri ż-żieda fil-prezz tal-oġġetti u tas-servizzi f'ekonomija speċifika (eż. Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumaturi, Indiċi tal-Prezzijiet għall-Produtturi, eċċ.).
C2000 sa C2140/R0750	Rata tal-inflazzjoni mistennija — inflazzjoni endoġena	Fil-każ li jintużaw tekniki run-off li jqisu espliċitament l-inflazzjoni biex jaġġustaw ir-rapport tad- <i>data</i> skont is-sena, u għal 15-il sena, ir-rata tal-inflazzjoni endoġena storika: li hija żieda fil-kostijiet tal-pretensjonijiet speċifiċi tal-linja operatorja kif definit fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, taħt kunsiderazzjoni.
C2200/R0760	Deskrizzjoni tar-rata tal-inflazzjoni użata	Fil-każ li jintużaw tekniki run-off li jqisu espliċitament l-inflazzjoni biex jaġġustaw id-deskrizzjoni tan-narrattiva tar-rapport tad- <i>data</i> tar-rata tal-inflazzjoni użata.

S.20.01 — Żvilupp tad-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet imġarrba

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali dwar ir-run-off/moviment tal-portafolli tal-pretensjonijiet mhux tal-ħajja, f'termini kemm ta' pretensjonijiet imħallas (maqsuma skont it-tip differenti ta' pretensjonijiet) u pretensjonijiet RBNS (kif definit f'S.19.01).

Il-pretensjonijiet tal-RBNS għandhom jiġu rrapportati mhux skontati.

Din il-formola trid timtela għal kull linja operatorja materjali mhux tal-ħajja għal negozju dirett, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, li tirrappreżenta kopertura ta' 90 % tal-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja. Il-linja operatorja għandha tintgħażel bl-użu ta' ordni dejjem tonqos ta' provvedimenti tekniċi.

Il-provvedimenti tekniċi negattivi fil-livell tal-linja operatorja għandhom jitqiesu b'valur assolut għall-fini tal-kalkolu tal-materjalità tal-livelli limiti ta' hawn fuq.

Fir-rigward tal-għadd ta' pretensjonijiet li jridu jiġu rrapportati, l-impriżi se jużaw id-definizzjoni speċifika tagħhom jew, jekk disponibbli, l-ispeċifikazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali (pereżempju rekwiżit stabbilit mill-Awtorità Superviżorja Nazzjonali). Madankollu, kull pretensjoni għandha tiġi rrapportata darba skont il-Linja Operatorja. Jekk xi pretensjoni tingħalaq u tintfetaħ mill-ġdid matul is-sena, din ma għandhiex tiġi rrapportata fil-kolonna “Pretensjonijiet Miftuħa mill-Ġdid matul is-sena”, iżda għandha tiġi rrapportata fil-kolonna rilevanti rigward il-“Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena” jew “Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena”.

L-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw *data* fuq il-bażi tas-sena ta' inċident jew sottoskrizzjoni, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit tal-Awtorità Superviżjora Nazzjonali. Jekk l-Awtorità Superviżorja Nazzjonali ma tkunx stipulat x'għandu jintuża, allura l-intrapriża tista' tuża s-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni skont kif timmaniġġja kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, sakemm tuża l-istess sena b'mod konsistenti, minn sena għal sena.

Għall-għadd ta' snin li jridu jiġu rrapportati, japplika l-istess rekwiżit ta' rappurtar introdott f'S.19.01.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Z0010	Linja operatorja	Identifikazzjoni tal-linja operatorja kif definit fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, rrapportata. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 — Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjt 3 — Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>4 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur</p> <p>5 — Assigurazzjoni oħra tal-vetturi bil-mutur</p> <p>6 — Assigurazzjoni tal-baħar, tal-avjazzjoni u tat-trasport</p> <p>7 — Assigurazzjoni kontra ħruq u ħsarat oħra lill-proprietà</p> <p>8 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali</p> <p>9 — Assigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija</p> <p>10 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali</p> <p>11 — Assistenza</p> <p>12 — Telf finanzjarju mixxellanju</p>
Z0020	Sena tal-aċċident/sena tas-sottoskrizzjoni	<p>Irrapporta l-istandard użat mill-impriżi għar-rappurtar tal-iżvilupp tal-pretensjonijiet. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Sena tal-aċċident</p> <p>2 — Sena tas-sottoskrizzjoni</p>
C0020/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — L-għadd ta' pretensjonijiet	<p>L-għadd ta' pretensjonijiet miftuħa fil-bidu tas-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena ta' rappurtar, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.</p>
C0030/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — RBNS Gross fil-bidu tas-sena	<p>L-ammont ta' Pretensjonijiet RBNS gross, nett mis-salvataġġ u surroga fil-bidu tas-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena ta' rappurtar, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.</p> <p>L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.</p>
C0040/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	<p>L-ammont ta' pagamenti gross, net mis-salvataġġ u surroga, li saru matul is-sena attwali dwar pretensjonijiet li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena ta' rappurtar, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.</p> <p>L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.</p>
C0050/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — RBNS gross fi tmiem il-perjodu	<p>L-ammont ta' Pretensjonijiet RBNS gross, net mis-salvataġġ u surroga fi tmiem il-perjodu dwar pretensjonijiet li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena ta' rappurtar, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.</p> <p>L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0060/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati bil-ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu b'pagamenti	L-għadd ta' Pretensjonijiet miftuħa fil-bidu tas-sena u magħluqa fi tmiem is-sena ta' rappurtar u saldati b'pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.
C0070/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati bil-ħlas — RBNS Gross fil-bidu tas-sena	L-ammont ta' Pretensjonijiet RBNS gross, nett mis-salvataġġ u s-surroga, miftuħa fil-bidu tas-sena u magħluqa fi tmiem is-sena ta' rappurtar u saldati b'pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0080/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati bil-ħlas — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	L-ammont ta' pagamenti gross, net mis-salvataġġ u surroga, li saru matul is-sena attwali dwar pretensjonijiet magħluqa fi tmiem is-sena ta' rappurtar u saldati b'pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi
C0090/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati mingħajr ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu mingħajr ħlas	L-għadd ta' Pretensjonijiet miftuħa fil-bidu tas-sena u magħluqa fi tmiem is-sena ta' rappurtar u saldati bla pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.
C0100/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet RBNS. Pretensjonijiet Miftuħa fil-bidu tas-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati mingħajr ħlas — RBNS Gross fil-bidu tas-sena b'referenza għall-pretensjonijiet saldati mingħajr ħlas	L-ammont ta' Pretensjonijiet RBNS gross, nett mis-salvataġġ u s-surroga, miftuħa fil-bidu tas-sena u magħluqa fi tmiem is-sena ta' rappurtar u saldati bla pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0110/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — L-għadd ta' pretensjonijiet	L-għadd ta' pretensjonijiet rapportati matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0120/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	L-ammont ta' pagamenti gross, net mis-salvataġġ u surroga, li saru matul is-sena attwali dwar pretensjonijiet rapportati matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena ta' rappurtar, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0130/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — RBNS gross fi tmiem il-perjodu	L-ammont ta' Pretensjonijiet RBNS gross, net mis-salvataġġ u surroga fi tmiem il-perjodu dwar pretensjonijiet rapportati matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena ta' rappurtar, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0140/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati bil-ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu b'pagamenti	L-għadd ta' Pretensjonijiet rapportati matul is-sena u magħluqa fi tmiem is-sena ta' rappurtar u saldati b'pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.
C0150/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati bil-ħlas — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	L-ammont ta' pagamenti gross, net mis-salvataġġ u surroga, li saru matul is-sena attwali dwar pretensjonijiet rapportati matul is-sena u magħluqa fi tmiem is-sena u saldati b'pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0160/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati mingħajr ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu mingħajr ħlas	L-għadd ta' Pretensjonijiet rapportati matul is-sena u magħluqa fi tmiem is-sena ta' rappurtar u saldati bla pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena ta' rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14.
C0170/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet miftuħa mill-ġdid matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — L-għadd ta' pretensjonijiet	L-għadd ta' Pretensjonijiet miftuħa mill-ġdid matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena, skont is-snin tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena tar-rappurtar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rappurtar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sa qabel is-sena N-14.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0180/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet miftuħa mill- ġdid matul is-sena, Pretensjo- nijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	L-ammont ta' pagamenti grossi, netti mis-salvataġġ u mis-surroga, li saru matul is- sena kurrenti rigward il-pretensjonijiet miftuħa mill-ġdid matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena, skont is-snin tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena tar-rapportar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rapportar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sa qabel is-sena N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0190/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet miftuħa mill- ġdid matul is-sena, Pretensjo- nijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — RBNS gross fi tmiem il- perjodu	L-ammont ta' Pretensjonijiet RBNS grossi, netti mis-salvataġġ u mis-surroga, fi tmiem il-perjodu rigward il-pretensjonijiet miftuħa mill-ġdid matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena, skont is-snin tal-aċċident/tas-sottoskr- krizzjoni mis-sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena tar-rapportar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rapportar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sa qabel is-sena N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0200/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet miftuħa mill- ġdid matul is-sena, Pretensjo- nijiet Magħluqa fi tmiem il- perjodu — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu b'pagamenti	L-għadd ta' Pretensjonijiet miftuħa mill-ġdid matul is-sena u magħluqa fi tmiem is- sena u li jintemmu b'pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni mis- sena N-1 (is-sena ta' qabel is-sena tar-rapportar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rapportar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sa qabel is-sena N-14.
C0210/R0010 sa R0160	Pretensjonijiet miftuħa mill- ġdid matul is-sena, Pretensjo- nijiet Magħluqa fi tmiem il- perjodu — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	L-ammont ta' pagamenti gross, net mis-salvataġġ u surroga, li saru matul is-sena attwali dwar pretensjonijiet miftuħin mill-ġdid matul is-sena u magħluqa fi tmiem is-sena b'pagamenti, skont is-snin tal-aċċident/sottoskrizzjoni mis-sena N-1 (is- sena ta' qabel is-sena ta' rapportar) sa N-14, l-ammont tal-perjodi ta' rapportar preċedenti kollha qabel N-14 u t-total tas-snin kollha minn N-1 sas-sena ta' qabel N-14. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0110/R0170	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — L- għadd ta' pretensjonijiet	L-għadd ta' pretensjonijiet rapportati matul is-sena u li kien għadhom miftuħa fi tmiem is-sena, għas-sena ta' aċċidenti/sottoskrizzjoni, rigward is-sena ta' rapportar N.
C0120/R0170	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	L-ammont ta' pagamenti grossi, netti mis-salvataġġ u mis-surroga, magħmula matul is-sena kurrenti fir-rigward tal-pretensjonijiet irrapportati matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena tar-rapportar, għas-sena tal-aċċident/ tas-sottoskrizzjoni, fir-rigward tas-sena tar-rapportar N. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0130/R0170	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — RBNS gross fi tmiem il-perjodu	L-ammont ta' Pretensjonijiet RBNS grossi, netti mis-salvataġġ u mis-surroga, fi tmiem il-perjodu fir-rigward tal-pretensjonijiet irrapportati matul is-sena u li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena tar-rapportar, għas-sena tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni, fir-rigward tas-sena tar-rapportar N. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0140/R0170	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, soldati bil-ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu b'pagamenti	L-għadd ta' Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena u magħluqa fi tmiem is-sena u soldati b'pagamenti, għas-sena tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni, fir-rigward tas-sena tar-rapportar N.
C0150/R0170	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, soldati bil-ħlas — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	L-ammont ta' pagamenti grossi, netti mis-salvataġġ u mis-surroga, magħmula matul is-sena kurrenti fir-rigward tal-pretensjonijiet irrapportati matul is-sena u magħluqa fi tmiem is-sena u soldati b'pagamenti, għas-sena tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni, fir-rigward tas-sena tar-rapportar N. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0160/R0170	Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, soldati mingħajr ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu mingħajr ħlas	L-għadd ta' Pretensjonijiet irrapportati matul is-sena u magħluqa fi tmiem is-sena u soldati mingħajr ħlas, għas-sena tal-aċċident/tas-sottoskrizzjoni, fir-rigward tas-sena tar-rapportar N.
C0110/R0180	Pretensjonijiet totali rrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — L-għadd ta' pretensjonijiet	Għadd totali ta' pretensjonijiet rrapportati matul is-sena, li kien għadhom miftuħa fi tmiem is-sena.
C0120/R0180	Pretensjonijiet totali rrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	Total ta' pagamenti grossi, netti mis-salvataġġ u mis-surroga, magħmula matul is-sena kurrenti b'rabta mal-għadd totali ta' pretensjonijiet irrapportati matul is-sena li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0130/R0180	Pretensjonijiet totali rrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Miftuħa fi tmiem is-sena — RBNS gross fi tmiem il-perjodu	Total ta' RBNS Gross, nett mis-salvataġġ u mis-surroga, fi tmiem il-perjodu b'rabta mal-għadd totali ta' pretensjonijiet irrapportati matul is-sena li jkunu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0140/R0180	Pretensjonijiet totali rrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati bil-ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu b'pagamenti	Għadd totali ta' pretensjonijiet rrapportati matul is-sena u magħluqa permezz ta' saldu b'pagamenti.
C0150/R0180	Pretensjonijiet totali rrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati bil-ħlas — Pagamenti grossi li saru matul is-sena kurrenti	Pagamenti gross, nett mis-salvataġġ u s-surroga, magħmula matul is-sena attwali fir-rigward ta' pretensjonijiet rrapportati matul is-sena u saldati b'pagamenti. L-ammont jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi.
C0160/R0180	Pretensjonijiet totali rrapportati matul is-sena, Pretensjonijiet Magħluqa fi tmiem is-sena, saldati mingħajr ħlas — L-għadd ta' pretensjonijiet li ntemmu mingħajr ħlas	Għadd totali ta' pretensjonijiet rrapportati matul is-sena u saldati bla pagamenti.

S.21.01 — Profil tar-riskju tad-distribuzzjoni tat-telf

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-impriżi individwali.

Din il-formola għandha tiġi rrapportata għal kull linja operatorja materjali mhux tal-ħajja għan-negozju dirett, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, li tirrappreżenta kopertura ta' 90 % tal-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja. Il-linja operatorja għandha tiġi rrapportata f'konformità mal-ammont ta' provvedimenti tekniċi, jiġifieri l-linja operatorja bl-ogħla ammont ta' provvedimenti tekniċi.

Il-provvedimenti tekniċi negattivi fil-livell tal-linja operatorja għandhom jitqiesu b'valur assolut għall-fini tal-kalkolu tal-materjalità tal-livell limitu.

Il-profil tad-distribuzzjoni tat-telf mhux tal-ħajja juri d-distribuzzjoni, f'kategoriji (predefiniti), tal-pretensjonijiet akkumulati mġarrba fit-tmiem tas-sena tar-rapportar.

Pretensjonijiet akkumulati mġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet grossi mħallsa u l-pretensjonijiet grossi rrapportati iżda mhux saldati (RBNS) fuq bażi ta' każ b'każ għal kull pretensjoni individwali, miftuħa jew magħluqa, li tappartjeni għal sena tal-aċċident ("AY") speċifika jew sena tas-sottoskrizzjoni ("UWY") speċifika (AY/UWY). L-ammont tal-pretensjonijiet imġarrba jinkludi l-elementi kollha li jiffurmaw il-pretensjoni nfisha imma teskludi kwalunkwe spiża għajr dawk attribwibbli għal pretensjonijiet speċifiċi. Id-*data* dwar il-pretensjonijiet għandha tiġi rrapportata nett mis-salvataġġ u s-surroga. Hija meħtieġa *data* storika, li tibda mill-ewwel applikazzjoni ta' Solvenza II.

L-impriżi huma meħtieġa jirrapportaw *data* fuq il-bażi tas-sena ta' inċident jew sottoskrizzjoni, f'konformità ma' kwalunkwe rekwiżit tal-Awtorità Superviżorja Nazzjonali. Jekk l-Awtorità Superviżorja Nazzjonali ma tkunx stipulat x'għandu jintuża, allura l-intrapriża tista' tuża s-sena ta' aċċident jew ta' sottoskrizzjoni skont kif timmaniġġja kull linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, sakemm tuża l-istess sena b'mod konsistenti, minn sena għal sena.

Il-parenteżi prestabbiliti li jridu jintużaw huma definiti f'euro. Għal muniti differenti ta' rappurtar, kull awtorità superviżorja rilevanti għandha tiddefinixxi l-għażliet ekwivalenti għall-ammonti li jridu jintużaw fl-20 parenteżi.

Impriża tista' tuża kategoriji speċifiċi ta' impriża, b'mod partikolari meta t-telf imġarrab ikun inqas minn EUR 100 000. Il-parenteżi magħżula għandhom jintużaw b'mod konsistenti matul il-perjodu tar-rappurtar, sakemm id-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet ma tinbidilx b'mod sinifikanti. F'dan il-każ l-impriża għandha tinnotifika lill-awtorità superviżorja minn qabel, sakemm dawn ma jkunux diġà speċifikati mill-awtorità superviżorja.

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
Z0010	Linja operatorja	<p>Identifikazzjoni tal-linja operatorja kif definit fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, rappurtata. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 — Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjt 3 — Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema 4 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur 5 — Assigurazzjoni oħra tal-vetturi bil-mutur 6 — Assigurazzjoni tal-baħar, tal-avjazzjoni u tat-trasport 7 — Assigurazzjoni kontra ħruq u ħsarat oħra lill-proprietà 8 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali 9 — Assigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija 10 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali 11 — Assistenza 12 — Telf finanzjarju mixxellanju
Z0020	Sena tal-aċċident/sena tas-sottoskrizzjoni	<p>Irrapporta l-istandard użat mill-impriżi għar-rapportar tal-fomula S.19.01. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Sena tal-aċċident 2 — Sena tas-sottoskrizzjoni
C0030/R0010 sa R0210	Pretensjonijiet imġarrba tal-bidu	<p>L-ammont tal-bidu tal-intervall tal-kategoriji korrispondenti.</p> <p>F'każ li l-munita tar-rapportar tkun l-euro, tista' tintuża waħda minn dawn il-5 għażliet ibbażati fuq id-distribuzzjoni tat-telf normali:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — 20 kategorija ta' 5000 flimkien ma' kategorija 1 oħra miftuħa għal telf imġarrab akkumulat > 100 000. 2 — 20 kategorija ta' 50000 flimkien ma' kategorija miftuħa żejda għat-telf imġarrab akkumulat > 1 miljun. 3 — 20 kategorija ta' 250 000 flimkien ma' kategorija miftuħa żejda għat-telf imġarrab akkumulat > 5 miljuni. 4 — 20 kategorija ta' 1 miljun flimkien ma' kategorija miftuħa żejda għat-telf imġarrab akkumulat > 20 miljun. 5 — 20 kategorija ta' 5 miljuni flimkien ma' kategorija miftuħa żejda għat-telf imġarrab akkumulat > 100 miljun. <p>Madankollu, impriża għandha tuża l-kategoriji speċifiċi ta' impriża, b'mod partikolari meta t-telf imġarrab akkumulat ikun < 100 000 biex tiggarrantixxi li l-livell ta' dettall ikun biżżejjed biex jiġi pprovdut għar-fien adegwat tad-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet akkumulati mġarrba, sakemm dan ma jkunx diġà speċifikat mill-awtorità superviżorja.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>L-għażla magħżula jeħtiġilha tintuża b'mod konsistenti matul il-perjodu tar-rappurtar, sakemm id-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet ma tinbidilx b'mod sinifi-kanti.</p> <p>Għal muniti differenti ta' rappurtar, l-Awtorità Superviżorja Nazzjonali trid tidde-finixxi l-għażliet ekwivalenti għall-ammonti li jridu jintużaw fl-20 parenteżi.</p>
C0040/R0010 sa R0200	Pretensjonijiet imġarrba tat-tmien	L-ammont tat-tmien tal-intervall tal-kategorija korrispondenti.
C0050, C0070, C0090, C0110, C0130, C0150, C0170, C0190, C0210, C0230, C0250, C0270, C0290, C0310, C0330/R0010 sa R0210	Għadd ta' pretensjonijiet AY/UWY sena N:N-14	L-għadd ta' pretensjonijiet attribwiti għal kull waħda mis-snin ta' aċċident/sottoskrizzjoni N sa N-14, li l-pretensjonijiet akkumulati tagħhom imġarrba fi tmiem is-sena tar-rappurtar jaqgħu bejn l-ammont tal-bidu u l-ammont tat-tmien tal-kategorija applikabbli. L-għadd ta' pretensjonijiet huwa s-somma tal-għadd akkumulat ta' pretensjonijiet miftuħa fi tmiem il-perjodu flimkien mal-għadd akkumulat ta' pretensjonijiet magħluqa li spiċċaw b'pagamenti.
C0060, C0080, C0100, C0120, C0140, C0160, C0180, C0200, C0220, C0240, C0260, C0280, C0300, C0320, C0340/R0010 sa R0210	Pretensjonijiet totali mġarrba AY/UWY sena N:N-14	<p>L-ammont akkumulat u aggregat ta' pretensjonijiet imġarrba tal-pretensjonijiet individwali kollha, attribwiti għal kull waħda mis-snin ta' aċċident/sottoskrizzjoni N sa N-14, li l-pretensjonijiet akkumulati tagħhom fi tmiem is-sena tar-rappurtar jaqgħu bejn l-ammont tal-bidu u l-ammont tat-tmien tal-kategorija applikabbli.</p> <p>Għal pretensjonijiet iżgħar, estimi (eż. ammont predefinit) huma permessi sakemm ikunu f'konformità mal-ammonti kunsidrati fit-triangoli run-off rapportati fl-Infommazzjoni tal-Pretensjonijiet tal-Assigurazzjoni Mhux tal-Ħajja (formola S.19.01).</p> <p>Pretensjonijiet akkumulati mġarrba tfisser is-somma tal-pretensjonijiet grossi mħallsa u l-pretensjonijiet grossi rrapportati iżda mhux saldati (RBNS) fuq bażi ta' każ b'każ għal kull pretensjoni unika, miftuħa u magħluqa, li tappartjeni għal sena ta' aċċident/sottoskrizzjoni speċifika (AY/UWY).</p>
C0050, C0070, C0090, C0110, C0130, C0150, C0170, C0190, C0210, C0230, C0250, C0270, C0290, C0310, C0330/R0300	L-għadd ta' pretensjonijiet AY/UWY sena N:N-14 — Total	Total tal-għadd ta' pretensjonijiet akkumulati u aggregati għall-parenteżi kollha għal kull sena N sa N-14.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0060, C0080, C0100, C0120, C0140, C0160, C0180, C0200, C0220, C0240, C0260, C0280, C0300, C0320, C0340/R0300	Pretensjonijiet totali mġarrba AY/UWY sena N:N-14 — Total	Total tal-pretensjonijiet akkumulati u aggregati mġarrba għall-parenteżi kollha għal kull sena N sa N-14.

S.21.02 — Riskji tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-impriżi individwali.

Din il-formola għandha timtela b'rabta ma' operazzjonijiet mhux tal-ħajja (inkluż Saħħa Mhux SLT) għall-operazzjonijiet diretti biss.

F'din il-formola għandhom jiġu rapportati l-20 l-akbar riskju ta' sottoskrizzjoni individwali, ibbażat fuq ir-ritenzjoni netta, fil-linja operatorji kollha, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Jekk l-aktar żewġ riskji ta' sottoskrizzjoni individwali għal kwalunkwe linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, ma jkunux koperti permezz tal-metodoloġija ta' hawn fuq, allura dawn għandhom jiġu rapportati magħhom. F'każ li riskju ta' sottoskrizzjoni individwali ta' linja operatorja speċifika tiffirma parti mill-akbar 20, l-istess riskju tal-linja operatorja affettwata jrid jimtela darba biss.

Ir-ritenzjoni netta tar-riskju tas-sottoskrizzjoni individwali tfisser l-obbligazzjoni massimu possibbli tal-impriża wara r-rekuperabbli minn riassiguraturi (inkluż SPV u Riassigurazzjoni Finite) u li jkunu tqiesu d-deduċibbli oriġinali tad-detentur tal-polza. Fil-każ li r-ritenzjoni netta tkun ugwali għal wisq riskji, il-polza bl-ikbar Somma assicurata għandha tintuża bħala t-tieni kriterju. F'każ li s-Somma assicurata tkun ukoll l-istess u l-aktar riskju adattat meta wieħed iqis il-profil tar-riskju tal-impriża jrid jintuża bħala l-kriterju aħħari.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża	Il-kodiċi huwa numru ta' identifikazzjoni uniku assenjat mill-impriża li jidentifika r-riskju u għandu jibqa' l-istess fir-rapporti annwali sussegwenti.
C0020	Identifikazzjoni tal-kumpanija/persuna li r-riskju huwa relatat magħha	Jekk ir-riskju jirrelata ma' kumpanija, identifika isem il-kumpanija li r-riskju huwa relatat magħha. Jekk ir-riskju jirrelata ma' persuna fiżika, ippsewdonimizza n-numru tal-polza oriġinali u rrapporta informazzjoni psewdonimizzata. <i>Data</i> psewdonima tirreferi għal <i>data</i> li ma tistax tiġi attribwita lil individwu speċifiku mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali, sakemm din l-informazzjoni addizzjonali tinżamm separata. Għandha tiġi żgurata l-konsistenza tul iż-żmien. Dan jimplika li jekk riskju ta' sottoskrizzjoni individwali jidher minn sena għal oħra, dan għandu jirċievi l-istess format psewdonimizzat.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030	Deskrizzjoni tar-riskju	Id-deskrizzjoni tar-riskju. Skont il-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, irrapporta t-tip ta' kumpanija, bini jew okkupazzjoni tar-riskju speċifiku assigurat.
C0040	Linja operatorja	Identifikazzjoni tal-linja operatorja, kif definita fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 — Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjt 3 — Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema 4 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur 5 — Assigurazzjoni oħra tal-vetturi bil-mutur 6 — Assigurazzjoni tal-baħar, tal-avjazzjoni u tat-trasport 7 — Assigurazzjoni kontra ħruq u ħsarat oħra lill-proprietà 8 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali 9 — Assigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija 10 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali 11 — Assistenza 12 — Telf finanzjarju mixxellanju
C0050	Deskrizzjoni tal-kategorija tar-riskju kopert	Id-deskrizzjoni tal-kategorija tar-riskju kopert hija speċifika għall-entità u mhijiex obligatorja. Barra minn hekk it-terminu "kategorija tar-riskju" mhuwiex ibbażat fuq terminoloġiji tal-Livell 1 u 2 iżda jista' jitqies bħala possibbiltà addizzjonali li tingħata aktar informazzjoni dwar ir-riskju/i tas-sottoskrizzjoni.
C0060	Perjodu ta' validità (data tal-bidu)	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-bidu tal-kopertura speċifika, jiġifieri d-data meta daħlet fis-seħħ il-kopertura.
C0070	Perjodu ta' validità (data tal-iskadenza)	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-iskadenza finali tal-kopertura speċifika.
C0080	Munita	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita oriġinali.
C0090	Somma assigurata	L-ogħla ammont li l-assigurat jista' jkun obligat iħallas skont il-polza. Is-somma assigurata marbuta mar-riskju tas-sottoskrizzjoni. Meta l-polza tkopri għadd ta' skoperturi/riskji madwar il-pajjiż, għandu jiġi speċifikat ir-riskju ta' sottoskrizzjoni individwali bl-ogħla ritenzjoni netta. Jekk ir-riskju kien aċċettat fuq bażi ta' koassigurazzjoni, is-somma assigurata tindika l-obbligazzjoni massima tal-assigurat mhux tal-ħajja li qed jirrapporta. F'każ ta' obbligazzjoni in solidum, il-parti li tkun tappartjeni lil koassigurat inadempijenti trid tiġi inkluża wkoll.
C0100	Detentur tal-polza oriġinali deduċibbli	Parti tas-somma assigurata li tinżamm mid-detentur tal-polza.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0110	Tip ta' mudell ta' sottoskrizzjoni	<p>Tip ta' mudell ta' sottoskrizzjoni li jintuża biex issir stima tal-iskopertura tar-riskju tas-sottoskrizzjoni u l-ħtieġa ta' protezzjoni ta' riassigurazzjoni. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Somma Assigurata:</p> <p>l-ogħla ammont li l-assiguratur jista' jkun obligat iħallas skont il-polza oriġinali. Is-somma assicurata trid timentela wkoll meta tip ta' mudell ta' sottoskrizzjoni mhux applikabbli</p> <p>2 — Telf Massimu Possibbli:</p> <p>telf li jista' jseħħ meta fl-aktar ċirkostanzi sfavorevoli, li xi ftit jew wisq ikun mħallta b'mod eċċezzjonali, in-nar jitrażżan biss b'ostakli li ma jingħelbux jew b'nuqqas ta' sustanza.</p> <p>3 — Telf Massimu Probabbli:</p> <p>definit bħala l-istima tal-akbar telf minn ħruq jew periklu wieħed mistenni, jekk wieħed jassumi l-agħar ħsara singola tas-sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar privati primarji iżda bis-sistemi jew l-organizzazzjonijiet ta' protezzjoni sekondarji (bħalma huma l-organizzazzjonijiet ta' emerġenza u dipartiment ta rispons privati u/jew pubbliċi tat-tifi tan-nar) li jiffunzjonaw kif maħsub. Kundizzjonijiet katas-trofiċi bħal splużjonijiet li jirriżultaw minn rilaxx kbir ta' gassijiet f'ammabbli, li jistgħu jinvolvu żoni kbar tal-impjant, detonazzjoni ta' splussivi qawwija, ċaqliq siżmiku, mewġ mill-marea jew għargħar, waqgħa ta' inġenji tal-ajru, u ħruq volontarju li jitqabbd f'aktar minn żona waħda huma esklużi f'din l-istima. Din id-definizzjoni hija l-forma ibrida bejn it-Telf Massimu Possibbli u Telf Massimu Stmat li hija ġeneralment aċċettata u ta' spiss użata mill-assiguraturi, ir-riassiguraturi u l-intermedjarji tar-riassigurazzjoni</p> <p>4 — Telf Massimu Stmat:</p> <p>telf li jista' raġonevolment jiġi sostnut mill-kontinġenzi taħt konsiderazzjoni, bħala riżultat ta' inċident wieħed li jitqies li jkun fi ħdan l-isferi tal-probabbiltà u billi jitqiesu l-fatturi kollha li x'aktarx iżidu jew inaqqsu l-qies tat-telf, iżda bl-esklużjoni ta' dawn il-koinċidenzi u l-katastrofi li jistgħu jkunu possibbli imma jibqgħu improbabbli.</p> <p>5 — Oħrajn:</p> <p>definiti bħala mudelli ta' sottoskrizzjoni possibbli oħrajn użati. It-tip ta' mudell ta' sottoskrizzjoni "ieħor" applikat irid jiġi spjegat fir-Rapport Superviżorju Regolari</p> <p>Għalkemm id-definizzjonijiet imsemmija hawn fuq jintużaw għal-linja operatorja, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, "Assigurazzjoni kontra ħruq u ħsarat oħra lill-proprjetà", jista' jkun hemm fis-seħħ definizzjonijiet simili għal linji operatorji oħrajn.</p>
C0120	Ammont mill-mudell ta' sottoskrizzjoni	<p>L-ammont tat-telf massimu ta' riskju ta' sottoskrizzjoni individwali li huwa r-riżultat tal-mudell ta' sottoskrizzjoni applikat. Fil-każ li ma jintuża l-ebda tip speċifiku ta' mudell ta' sottoskrizzjoni, l-ammont irid ikun daqs is-somma assicurata rappurtata f'C0090 bit-tnaqqis tad-deduċibbli oriġinali rappurtat f'C0100.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0130	Is-somma riassicurata fuq bażi fakultattiva, mar-riassiguraturi kollha	Parti mis-somma assicurata li l-assiguratur ikun riassigura fuq bażi fakultattiva (skont it-trattat u/jew skont kopertura individwali) mar-riassiguraturi. Meta l-kopertura fakultattiva ma titqiegħedx għal 100 %, iżda biss għal 80 %, l-20 % li ma jitqiegħdux għandhom jitqiesu bħala ritenzjoni.
C0140	Is-somma riassicurata, għajr fuq bażi fakultattiva, mar-riassiguraturi kollha	Il-parti mis-somma assicurata li l-assiguratur ikun riassigurat permezz ta' trattati ta' riassicurazzjoni tradizzjonali jew fuq bażi oħra (inkluż SPV u Riassicurazzjoni Finite) minbarra r-riassicurazzjoni fakultattiva.
C0150	Ritenzjoni netta tal-assiguratur	L-ammont nett li għalih l-assiguratur iġorr ir-riskju, jiġifieri: parti mis-somma assicurata li taqbeż id-deduċibbli oriġinali tad-detentur tal-polza u li mhijiex riassicurata.

S.21.03 — Distribuzzjoni tar-riskji tas-sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja — skont is-somma assicurata

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-impriżi individwali.

Din il-formola għandha tiġi rrapportata għal kull linja operatorja materjali mhux tal-ħajja għan-negozju dirett, kif definit fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, li tirrappreżenta kopertura ta' 90 % tal-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja. Il-linja operatorja għandha tiġi rrapportata f'konformità mal-ammont ta' provvedimenti tekniċi, jiġifieri l-linja operatorja bl-ogħla ammont ta' provvedimenti tekniċi.

Il-provvedimenti tekniċi negattivi fil-livell tal-linja operatorja għandhom jitqiesu b'valur assolut għall-fini tal-kalkolu tal-materjalità tal-livell limitu.

Il-portafoll tar-riskju tas-sottoskrizzjoni huwa d-distribuzzjoni, f'parenteżi (predefiniti), tas-somma assicurata ta' kull riskju ta' sottoskrizzjoni individwali li ġie aċċettat mill-impriża. Il-portafoll tar-riskju tas-sottoskrizzjoni huwa għal kull linja operatorja. Madankollu, billi xi linji operatorji huma rappurtabbli fuq bażi obbligatorja għall-Istati Membri kollha, l-Istati Membri individwali jistgħu wkoll jeħtieġu rappurtar fuq bażi obbligatorja għal aktar linji operatorji fejn meqjus rilevanti. Għal ċerti linji operatorji, il-formola ma tkunx applikabbli. (Ara wkoll l-entrata linja operatorja).

Il-parenteżi prestabbiliti li jridu jintużaw huma definiti feuro. Għal muniti differenti ta' rappurtar, kull awtorità superviżorja rilevanti għandha tiddefinixxi l-għażliet ekwivalenti għall-ammonti li jridu jintużaw fl-20 parenteżi.

Impriża tista' tuża kategoriji speċifiċi ta' impriża, b'mod partikolari meta s-somma assicurata tkun inqas minn EUR 100 000. Il-parenteżi magħżula għandhom jintużaw b'mod konsistenti matul il-perjodu tar-rappurtar, sakemm id-distribuzzjoni tal-pretensjonijiet ma tinbidilx b'mod sinifikanti. F'dan il-każ l-impriża għandha tinnotifika lill-awtorità superviżorja minn qabel, sakemm dawn ma jkunux diġà speċifikati mill-awtorità superviżorja.

B'mod awtomatiku, id-data ta' referenza għandha tkun l-aħħar tas-sena tar-rappurtar, madankollu jekk ġustifikat kif dovut, l-impriża tista' tagħżel id-data ta' referenza tal-ġbir tal-informazzjoni mill-amministrazzjoni tal-poloż. Dan ifisser li l-portafoll tar-riskju tas-sottoskrizzjoni jista' jkun ibbażat, pereżempju, fuq l-istess data ta' referenza li tintuża għall-ġbir ta' informazzjoni simili għat-tiġdid ta' trattati ta' riassicurazzjoni u kopertura fakultattiva.

Is-somma assicurata tirrigwarda kull riskju ta' sottoskrizzjoni individwali, li tqis biss il-kopertura prinċipali tal-polza għal kull linja operatorja, u jfisser l-ogħla ammont li l-assiguratur jista' jkun obligat iħallas. Dan ifisser:

- Jekk is-somma assicurata tal-kopertura addizzjonali għal "Serq" tkun aktar baxxa mis-somma assicurata tal-kopertura prinċipali għal "Ħruq u ħsarat oħra" (li t-tnejn jappartjenu għall-istess linja operatorja), trid tittieħed l-ogħla somma assicurata.
- Polza ta' kopertura li tinkludi għadd ta' binjiet madwar il-pajjiż/flotta ta' karożżi, eċċ. trid tiġi diżaggregata.

- Jekk ir-riskju kien aċċettat fuq bażi ta' koassigurazzjoni, is-somma assicurata tindika l-obbligazzjoni massima tal-assiguratur mhux tal-ħajja li qed jirrapporta.
- F'każ ta' obbligazzjoni in solidum permezz ta' koassigurazzjoni, il-parti li tkun tappartjeni lil koassiguratur inadempjenti trid tiġi inkluża fis-somma assicurata wkoll.

	ENTRATI	STRUZZJONIJIET
Din il-formola għandha tiġi rrapportata abbażi tad-disponibbiltà tad-*data* skont l-arkitettura tal-mudell intern u l-profil tar-riskju, meta jkun possibbli bi sforz raġonevoli. Id-*data* li għandha tiġi rrapportata għandha tiġi miftiehma bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
<i>Skoperturi tat-tip 1 f'termini tal-impatt fuq ir-RKS</i>		
C0010/R0020-R0110	Isem ta' skopertura b'isem individwali	Iddeskrivi l-isem tal-10 l-akbar skoperturi individwali.
C0020/R0020-R0110	Kodiċi tal-iskopertura b'isem wieħed	Kodiċi ta' identifikazzjoni permezz tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI), jekk disponibbli. Jekk ma tkunx disponibbli, din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata
C0030/R0010	Is-somma tat-Telf kollu fil-Każ ta' Inadempjenza	Is-somma tat-Telf fil-Każ ta' Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 1.
C0030/R0020-R0110	Skoperturi tat-Tip 1 — Skopertura X b'isem wieħed — Telf fil-Każ ta' Inadempjenza	Il-valur tat-Telf fil-Każ ta' Inadempjenza għal kull waħda mill-akbar 10 skoperturi b'isem wieħed.
C0030/R0120	Telf aggregat fil-Każ ta' Inadempjenza tat-Tip 1, esklużi l-akbar 10 skoperturi tal-isem wieħed	Telf fil-Każ ta' Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 1, esklużi l-akbar 10 skoperturi b'isem wieħed.
C0040/R0010	Somma tal-Iskoperturi kollha f'Inadempjenza	Is-somma tal-Iskopertura f'Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 1.
C0040/R0020-R0110	Skoperturi tat-Tip 1 — Skopertura X b'isem wieħed — Telf fil-Każ ta' Inadempjenza	Il-valur tat-Telf fil-Każ ta' Inadempjenza għal kull waħda mill-akbar 10 skoperturi b'isem wieħed.
C0040/R0120	Skopertura aggregata f'Inadempjenza tat-Tip 1, esklużi l-akbar 10 skoperturi b'isem wieħed	Il-valur tal-Iskopertura f'Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 1, esklużi l-akbar 10 skoperturi b'isem wieħed.
C0050/R0010	Probabbiltà medja ponderata ta' Inadempjenza għall-iskoperturi tat-Tip 1	Medja ponderata tal-Probabbiltà ta' Inadempjenza għall-iskoperturi tat-Tip 1 fejn il-piż ikun Skopertura f'Inadempjenza.
C0050/R0020-R0110	Skoperturi tat-tip 1 — Skopertura X b'isem wieħed — Probabbiltà ta' Inadempjenza	Il-Probabbiltà ta' Inadempjenza għal kull waħda mill-akbar 10 skoperturi b'isem wieħed.
<i>Skoperturi tat-tip 2 f'termini ta' impatt fuq ir-RKS</i>		
C0030/R0130	Is-somma tat-Telf kollu fil-Każ ta' Inadempjenza	Is-somma tat-Telf fil-Każ ta' Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 2.
C0030/R0140-R0180	Skoperturi tat-Tip 2 – Telf fil-Każ ta' Inadempjenza	Telf fil-Każ ta' Inadempjenza għall-iskoperturi differenti. Għal R0160 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0150. Għal R0170 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0160. Għal R0180 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0170.

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030/R0190	Telf aggregat fil-Każ ta' Inadempjenza tat-Tip 2 esklużi R0140–R0180	Telf fil-Każ ta' Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 2 esklużi R0140–R0180.
C0040/R0130	Somma tal-Iskoperturi kollha f'Inadempjenza	Is-somma tal-Iskopertura f'Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 2.
C0040/R0140–R0180	Skoperturi tat-Tip 2 – Skopertura f'Inadempjenza	Skopertura f'Inadempjenza għall-iskoperturi differenti: Għal R0160 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0150. Għal R0170 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0160. Għal R0180 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0170.
C0040/R0190	Skopertura aggregata f'Inadempjenza tat-Tip 2 esklużi R0140–R0180	Skopertura f'Inadempjenza għall-iskoperturi kollha tat-Tip 2 esklużi R0140–R0180.
C0050/R0130	Probabbiltà medja ponderata ta' Inadempjenza għall-iskoperturi tat-Tip 2	Medja ponderata tal-Probabbiltà ta' Inadempjenza għall-iskoperturi tat-Tip 2 fejn il-piż ikun Skopertura f'Inadempjenza.
C0050/R0140–R0180	Skoperturi tat-tip 2 – Probabbiltà ta' Inadempjenza	Il-Probabbiltà ta' Inadempjenza għal kull waħda minn R0140–R0180. Għal R0140 u R0150 għandha tkun il-medja ponderata tal-Probabbiltajiet ta' Inadempjenza fejn il-piż ikun Skopertura f'Inadempjenza.
C0060/R0140–R0180	Deskrizzjoni tal-iskopertura	Deskrizzjoni qasira tal-iskopertura tat-Tip 2. Għal R0160 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0150. Għal R0170 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0160. Għal R0180 inkludi l-ogħla skopertura ewlenija oħra esklużi R0140–R0170.

Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza

C0070/R0200	Riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti mhux diversifikat totali	Dan huwa l-ammont totali tal-imposta kapitali għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti qabel kwalunkwe effett ta' diversifikazzjoni.
C0070/R0210	Diversifikazzjoni: riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti	Dan huwa l-ammont gross tal-effetti tad-diversifikazzjoni permessi f'aggregazzjoni tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju ta' inadempjenza ta' kontroparti għal skoperturi tat-Tip 1 u tat-Tip 2. Dan l-ammont għandu jiġi rrapportat bħala valur negattiv.
C0070/R0220	Riskju diversifikat: riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti	Dan huwa l-ammont totali tal-imposta kapitali għar-riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti.

S.26.13 – Mudell intern: Riskju ta' sottoskrizzjoni Mhux tal-Ħajja u tas-Saħħa NSLT

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola għandha tiġi rrapportata abbażi tad-disponibbiltà tad-data skont l-arkitettura tal-mudell intern u l-profil tar-riskju, meta jkun possibbli bi sforz raġonevoli. Id-data li għandha tiġi rrapportata għandha tiġi miftiehma bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

Din il-formola tiġbor informazzjoni dwar ir-riskju ta' sottoskrizzjoni Mhux tal-Ħajja u tas-Saħħa NSLT fil-granularitajiet tar-riskju differenti li ġejjin, gross u nett mir-riassigurazzjoni:

- Riskju tal-Primjums u ta' Riżerva: *Data* dwar ir-Riskju tal-Primjums u ta' Riżerva, inkluża l-Kat.
- Riskju ta' Katastrofi (Kat.): *Data* dwar ir-Riskju ta' Katastrofi.
- Riskju tal-Primjums u ta' Riżerva (Eskluża Kat. espliċita): *Data* dwar ir-Riskju tal-Primjums u ta' Riżerva, eskluża l-Kat. espliċita
- Riskju tal-Primjums: Id-distribuzzjoni tar-riskju tal-primjums għandha tkun tali li l-medja tagħha tirrifletti profitt jew telf mistenni, inkluż il-moviment tal-Provvedimenti tal-Primjum matul is-sena. Ir-riżultati għandhom jeskludu l-Kat.
- Riskju ta' Riżerva: Id-distribuzzjoni tar-Riskju ta' Riżerva għandha tkun tali li l-medja tagħha tkun bejn wieħed u ieħor żero, billi ma hemm l-ebda profitt mistenni fl-Aħjar Stima. Ir-riżultati għandhom jeskludu l-Kat.
- Fi ħdan ir-Riskju tal-Primjums u ta' Riżerva, jintalbu ż-żewġ segmentazzjonijiet li ġejjin:
 - Linji Operatorji ta' Solvenza 2 (S2LoB): Kif definiti fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega, abbażi tal-linji operatorji (LoBs) definiti fl-Anness I.
 - Mudell Intern tal-Linji Operatorji (IntLoB): Huwa mifhum bħala l-aktar livell granulari mill-outputs diretti tal-mudell intern li fih ikunu disponibbli l-funzjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tat-telf u r-RKS. L-IntLoBs huma mistennija li jintużaw għar-rapportar intern, kif ukoll għall-ġestjoni tal-pożizzjonijiet kapitali mill-impriża. L-IntLoBs tipikament ikunu qrib il-livell ta' parametrizzazzjoni. Dawn għandhom jippermettu li tintfiehmed l-imġiba speċifika tal-mudell intern.

Fil-każ ta' koassigurazzjoni fuq in-negozju dirett, għal impriża tal-assigurazzjoni ewlenin, il-proporzjon sħiħ tan-negozju jintfiehmed li jiġi rrapportat bħala negozju dirett gross, fejn il-proporzjon kondiviż ma' assiguratari mhux ewlenin jitqies li huwa ttrattat bħala riassigurazzjoni endoġena.

B'mod ġenerali japplika dan li ġej:

- L-ammonti monetarji ta' dan il-mudell huma skontati.
- Il-perċentili għoljin jirrappreżentaw ir-riżultati negattivi għall-impriża, minħabba li d-distribuzzjoni sottostanti hija distribuzzjoni tat-telf (jiġifieri tintuża 99,5 għall-kalkolu tar-RKS).
- B'mod ġenerali, huwa mistenni li ċ-ċifri mitluba jkunu disponibbli fiż-żewġ granularitajiet (LoBs interni jew ta' Solvenza 2) u rrapportati b'mod konsistenti għal kull waħda minn dawn iż-żewġ granularitajiet sa fejn ikun possibbli (jiġifieri żieda, eċċ.).
- F'din il-formola, il-kelma "diversifikata" tintuża biex issir distinzjoni bejn livelli differenti ta' granularità (pereżempju, riskju ta' riżerva diversifikat huwa r-riskju ta' riżerva aggregat ġenerali meta mqabbel mas-somma ta' S2LoBs mhux diversifikati).

Minħabba li hemm modi differenti ta' mmudellar ta' dawn ir-riskji, l-impriża ma humiex mitluba jbiddu l-mudell intern tagħhom biex ikunu jistgħu jsegwu l-istruttura tal-kodiċijiet. Għalhekk, jekk l-impriża jimmudellaw ir-riskju ta' katastrofi flimkien mar-riskju tal-primjums u/jew ta' riżervi, allura dawn ma għandhomx jimlew it-taqsim "Distribuzzjoni tat-telf mill-perikli ta' katastrofi". Barra minn hekk, jekk l-impriża jiksbu distribuzzjoni speċifika tar-riskji tal-primjums u ta' riżerva għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-Saħħa NSLT u waħda separata għar-riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja mingħajr ma jaggregaw it-tnejn flimkien, l-informazzjoni se tiġi inkluża fit-taqsimiet "Saħħa NSLT ġenerali grossa mir-riassigurazzjoni" – "Saħħa NSLT ġenerali netta mir-riassigurazzjoni" u fit-taqsimiet "Mhux tal-Ħajja ġenerali grossa mir-riassigurazzjoni" – "Mhux tal-Ħajja ġenerali netta mir-riassigurazzjoni", rispettivament. Inkella, it-taqsimiet "Mhux tal-Ħajja ġenerali grossa mir-riassigurazzjoni" – "Mhux tal-Ħajja ġenerali netta mir-riassigurazzjoni" ma għandhomx jiġu rrapportati.

Il-Probabbiltà ta' Eċċedenza tal-Okkorrenza (OEP) hija l-probabbiltà li l-livell ta' telf assoċjat jinqabeż minn kwalunkwe avveniment fi kwalunkwe sena partikolari. Din tintuża meta l-programm tal-assigurazzjoni jinkiteb fuq bażi ta' okkorrenza, jew meta t-telf assoċjat ma' avveniment wieħed ikun importanti.

Il-Probabbiltà ta' Eċċedenza Aggregata (AEP) hija l-probabbiltà li l-livell ta' telf assoċjat jinqabeż mit-telf aggregat fi kwalunkwe sena partikolari u tintuża meta l-programm tal-assigurazzjoni jinkiteb fuq bażi aggregata.

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
<i>Data tal-mudell tar-riskju</i>		
C0010/R0010	Il-kejl tar-riskju tar-RKS għar-riskju tal-Primjums huwa ċċentrat?	<p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>Iva – ir-RKS jitkejjel bħala devjazzjoni mir-riżultat mistenni (riskju ċċentrat). Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0020. Le – ir-RKS jitkejjel bħala devjazzjoni minn zero (riskju mhux iċċentrat). Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0020.</p> <p>Oħrajn – Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0020.</p>
C0010/R0020	Deskrizzjoni qasira tal-kejl tar-riskju tar-RKS użat għar-riskju tal-Primjums	<p>Iddeskrivi l-mod li bih jiġi derivat il-kejl tar-riskju tar-RKS tal-Mudell Intern għar-riskju tal-Primjums (pereżempju, mid-distribuzzjoni “ekonomika” tal-Profitt u t-Telf).</p> <p>Uża bħala punt ta' referenza l-metrika definita għar-RKS fl-Artikolu 101 tad-Direttiva dwar Solvenza II u eżamina l-aspetti kollha fejn l-approċċ tiegħek jista' jkun differenti (eż. devjazzjonijiet mill-VaR 1/200, il-perjodu ta' żmien ta' sena tar-riskju, ir-riskju bħala devjazzjoni mir-riżultat mistenni, eċċ.).</p> <p>Jekk il-kejl tar-riskju tal-Mudell Intern approvat jikkonforma mal-kejl tar-riskju kif definit mill-Artikolu 101 tad-Direttiva dwar Solvenza II, jekk jogħġbok ikkonferma billi ddaħħal “Kejl tar-riskju tal-Mudell Intern kif definit fl-Artikolu 101 tad-direttiva dwar Solvenza II”.</p>
C0010/R0030	Il-kejl tar-riskju tar-RKS għar-riskju ta' Riżerva huwa ċċentrat?	<p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>Iva – il-Kapital tar-Riskju jinkludi devjazzjoni mir-riżultat mistenni (riskju ċċentrat). Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0040.</p> <p>Le – il-Kapital tar-Riskju jinkludi devjazzjoni minn zero (riskju mhux iċċentrat). Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0040.</p> <p>Oħrajn – Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0040.</p>
C0010/R0040	Deskrizzjoni qasira tal-kejl tar-riskju tar-RKS użat għar-riskju ta' Riżerva	<p>Iddeskrivi l-mod li bih jiġi derivat il-kejl tar-riskju tar-RKS tal-Mudell Intern għar-riskju ta' Riżerva (eż. mid-distribuzzjoni ekonomika tal-Profitt u t-Telf).</p> <p>Uża bħala punt ta' referenza l-metrika standard użata għar-RKS skont is-Subtaqsijiet 1 u 2 tat-Taqsima 4 tad-Direttiva dwar Solvenza II (Iffoka b'mod partikolari fuq l-Artikoli 101, 104, 105, 108) skont Solvenza II u eżamina l-aspetti kollha fejn l-approċċ tiegħek jista' jkun differenti (eż. devjazzjonijiet mill-VaR 1/200, il-perjodu ta' żmien ta' sena tar-riskju, ir-riskju bħala devjazzjoni mir-riżultat mistenni, negozju avvjat, eċċ.).</p> <p>Jekk il-kejl tar-riskju tal-Mudell Intern approvat jikkonforma mas-suppożizzjonijiet kollha tas-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 4, jekk jogħġbok ikkonferma billi ddaħħal “kejl tar-riskju tal-Mudell Intern f'konformità mad-definizzjoni tal-kejl tar-riskju tal-Formula standard”</p>
C0010/R0050	Il-kejl tar-riskju tar-RKS għar-riskju ta' Katastrofi huwa ċċentrat?	<p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>Iva – il-Kapital tar-Riskju jinkludi devjazzjoni mir-riżultat mistenni (riskju ċċentrat). Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0060.</p>

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>Le – il-Kapital tar-Riskju jinkludi devjazzjoni minn żero (riskju mhux iċċentrat). Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0060.</p> <p>Oħrajn – Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-kodiċi C0010/R0060.</p>
C0010/R0060	Deskrizzjoni qasira tal-kejl tar-riskju tar-RKS użat għar-riskju ta' Katastrofi	<p>Iddeskrivi l-mod li bih huwa derivat il-kejl tar-riskju tar-RKS tal-Mudell Intern għar-riskju ta' Katastrofi. (pereżempju, mid-distribuzzjoni ekonomika tal-Profitt u t-Telf).</p> <p>Uża bħala punt ta' referenza l-metrika standard użata għar-RKS skont is-Subtaqsimiet 1 u 2 tat-Taqsima 4 tad-Direttiva dwar Solvenza II (Iffoka b'mod partikolari fuq l-Artikoli 101, 104, 105, 108) skont Solvenza II u eżamina l-aspetti kollha fejn l-approċċ tiegħek jista' jkun differenti (eż. devjazzjonijiet mill-VaR 1/200, il-perjodu ta' żmien ta' sena tar-riskju, ir-riskju bħala devjazzjoni mir-riżultat mistenni, negozju avvjat, eċċ.).</p> <p>Jekk il-kejl tar-riskju tal-Mudell Intern approvat jikkonforma mas-suppożizzjonijiet kollha tas-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 4, jekk jogħġbok ikkonferma billi ddaħħal "Kejl tar-riskju tal-Mudell Intern f'konformità mad-definizzjoni tal-kejl tar-riskju tal-Formula standard".</p>

Immappjar intern tal-LoB

C0020	Linja operatorja interna	L-isem tal-linja operatorja interna użata fil-mudell intern. Dan għandu jkun konsistenti fil-formola kollha.
C0030	Linja operatorja ta' Solvenza II	<p>Identifikazzjoni tal-linja operatorja Mhux tal-Ħajja kif definita fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, irrapportata. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 – Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 – Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu 3 – Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema 4 – Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur 5 – Assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur oħra 6 – Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport 7 – Assigurazzjoni kontra nirien u ħsarat oħra lil proprjetà 8 – Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali 9 – Assigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija 10 – Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali 11 – Assistenza 12 – Telf finazarju mixxellanju 13 – Riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi proporzjonali 14 – Riassigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu proporzjonali 15 – Riassigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema proporzjonali 16 – Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur proporzjonali 17 – Riassigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur oħra proporzjonali 18 – Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport proporzjonali

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>19 – Riassigurazzjoni kontra nieren u ħsarat oħra lil proprjetà proporzjonali</p> <p>20 – Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali proporzjonali</p> <p>21 – Riassigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija proporzjonali</p> <p>22 – Riassigurazzjoni tal-ispejjeż legali proporzjonali</p> <p>23 – Riassigurazzjoni tal-assistenza proporzjonali</p> <p>24 – Riassigurazzjoni tat-telf finazjarju mixxellanju proporzjonali</p> <p>25 – Riassigurazzjoni tas-saħħa mhux proporzjonali</p> <p>26 – Riassigurazzjoni tad-disgrazzji mhux proporzjonali</p> <p>27 – Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport mhux proporzjonali</p> <p>28 – Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali</p> <p>Huwa mistenni li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jindikaw f'liema LoB ta' Solvenza II hija inkluża kull LoB interna.</p> <p>Jekk LoB Interna waħda tidentifika żewġ LoBs ta' Solvenza II jew aktar, allura C0040 jirrapporta l-proporzjon korrispondenti (bħala valur bejn 0 u 1) tal-LoB interna għal kull LoB ta' Solvenza II identifikata. Dawn il-valuri għandhom iżidu sa 1 għal kull LoB interna li tidentifika żewġ LoBs ta' Solvenza II jew aktar. Jekk ikun hemm identifikazzjoni waħda għal waħda, allura C0040 għandha tkun 1.</p>
C0040	Indikatur tar-riskju tal-primjums	<p>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Assenjati għar-riskju tal-primjums — Mhux assenjati għar-riskju tal-primjums
C0050	Indikatur tar-riskju ta' riżerva	<p>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Assenjati għar-riskju ta' riżerva — Mhux assenjati għar-riskju ta' riżerva
C0060	Il-proporzjon tal-Linja Operatorja Interna allokata għal-Linja Operatorja ta' SII	Il-proporzjon tal-linja operatorja interna allokata għal-linja operatorja ta' SII bħala numru deċimali, pereżempju, jekk ikun 10 %, allura uża 0.1.

Data tal-mudell tar-riskju ta' Riżerva Grossa

Z0010	Linja Operatorja ta' SII	<p>Identifikazzjoni tal-linja operatorja Mhux tal-Ħajja kif definita fl-Anness I tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, irrapportata. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 – Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 – Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjt 3 – Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema 4 – Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur 5 – Assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur oħra 6 – Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport 7 – Assigurazzjoni kontra nieren u ħsarat oħra lil proprjetà 8 – Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali 9 – Assigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija
-------	--------------------------	--

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		10 – Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali 11 – Assistenza 12 – Telf finazjarju mixxellanju 13 – Riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi proporzjonali 14 – Riassigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu proporzjonali 15 – Riassigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema proporzjonali 16 – Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur proporzjonali 17 – Riassigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur oħra proporzjonali 18 – Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport proporzjonali 19 – Riassigurazzjoni kontra nirien u ħsarat oħra lil proprjetà proporzjonali 20 – Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali proporzjonali 21 – Riassigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija proporzjonali 22 – Riassigurazzjoni tal-ispejjeż legali proporzjonali 23 – Riassigurazzjoni tal-assistenza proporzjonali 24 – Riassigurazzjoni tat-telf finazjarju mixxellanju proporzjonali 25 – Riassigurazzjoni tas-saħħa mhux proporzjonali 26 – Riassigurazzjoni tad-disgrazzji mhux proporzjonali 27 – Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport mhux proporzjonali 28 – Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali
Z0020	Tip ta' riskju	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – Riskju ta' riżerva tas-saħħa mhux tal-ħajja u NSLT aggregat b'mod konġunt ma' riskju ta' katastrofi impliċitu 2 – Riskju ta' riżerva tas-saħħa mhux tal-ħajja u NSLT aggregat b'mod konġunt 3 – Riskju ta' riżerva ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja b'riskju ta' katastrofi impliċitu 4 – Riskju ta' riżerva ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja
C0070	Riskju ta' riżerva diversifikat minbarra Riskju ta' Katastrofi impliċitu	Riskju ta' riżerva aggregat gross/nett mir-riassigurazzjoni wara l-applikazzjoni tal-effetti ta' diversifikazzjoni fost riskji differenti. Dan se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju ta' riżerva, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kampijiet separati deskritti fit-taqsimha "Distribuzzjoni tat-telf mill-perikli ta' katastrofi" ta' dan ir-reġistru.
C0080	Linja Operatorja ta' SII	Riskju ta' riżerva gross/nett mir-riassigurazzjoni għal kull LoB ta' Solvenza II. Dan se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju ta' riżerva, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kampijiet separati deskritti fit-taqsimha "Distribuzzjoni tat-telf mill-perikli ta' katastrofi" ta' dan ir-reġistru.

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0090	Linja Operatorja Interna	<p>Riskju ta' riżerva gross/nett mir-riassigurazzjoni għal kull LoB interna.</p> <p>Dan se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju ta' riżerva, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kampijiet separati deskritti fit-taqsimha "Distribuzzjoni tat-telf mill-perikli ta' katastrofi" ta' dan ir-reġistru.</p>
R0070	Provdiment għal pretensjonijiet pendenti - skontati	<p>L-aħjar stima tal-pretensjonijiet (grossi mir-riassigurazzjoni) li ma ġewx saldati. Dan jinkludi l-pretensjonijiet kollha li għadhom ma ġewx saldati, irrapportati u mhux irrapportati. Abbażi tal-Artikolu 77 tad-Direttiva dwar Solvenza II, l-aħjar stima tikkorrespondi għall-medja ponderata bil-probabbiltà tal-flussi tal-flus futuri, filwaqt li jitqies il-valur fiż-żmien tal-flus (il-valur preżenti mistenni tal-flussi tal-flus futuri), bl-użu tal-istruttura tat-terminu rilevanti tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.</p>
R0080	Provdiment għall-Primjums - skontat (biss jekk il-provdiment għall-primjums ikun allokat għar-riskju ta' riżerva)	<p>Is-somma skontata ta' flussi tal-flus futuri li jinkludu l-provdimenti għall-primjums, grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u riassigurazzjoni finita rigward operat dirett u aċċettat. Din iċ-ċellola għandha timtela jekk il-provdiment għall-primjums fid-data ta' referenza tar-rapportar jiġi allokat għar-riskju ta' riżerva.</p>
R0090	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	<p>Dan huwa l-ammont ta' fondi li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jeħtieġu biex jiffaċċjaw ir-riskji tagħhom. Huwa meħtieġ li jiġi identifikat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal kull linja operatorja interna, LoB ta' SII u livell aggregat abbażi tad-data grossa tar-riassigurazzjoni.</p> <p>Din iċ-ċellola tirrappreżenta r-riskju awtonomu tal-granularità rispettiva bil-kejl tar-riskju approvat tal-Mudell Intern.</p>
R0100	Medja simulata (output)	<p>Din hija l-medja tal-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-qligħ u t-telf skont il-forma tal-mudell approvat, jiġifiri skont kif rilevanti għall-kalkolu tal-RKS uffiċjali. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi mhux skontata).</p>
R0110	Devjazzjoni standard simulata (output)	<p>Din hija d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-ħruġ ta' flus futuri (bi stil ta' proporzjon ikkombinat) relatata ma' avvenimenti ta' pretensjonijiet fuq bażi ta' perjodu ta' żmien ta' sena bħal fid-data ta' referenza tar-rapportar. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).</p>
R0120-R0330	Perċentili minn 0,001 sa 0,999	<p>L-impriża hija mistennija tindika l-ammonti tal-perċentili meħtieġa fit-tabella relatata mad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-ħruġ ta' flus futuri relatati ma' avvenimenti ta' pretensjonijiet fuq bażi ta' perjodu ta' żmien ta' sena mid-data ta' referenza tar-rapportar miksuba abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).</p> <p>Jekk id-definizzjoni tal-kejl tar-riskju tkun konformi mad-definizzjoni tal-kejl tar-riskju tal-Artikolu 101 tad-Direttiva dwar Solvenza II, il-perċentil ta' 99,5 se jvarja skont il-medja Simulata (output) mir-RKS.</p>

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
--------	---------	----------------

Data tal-mudell tar-riskju ta' Riżerva netta

R0340	Provvediment għal pretensjonijiet pendenti - skontati	L-aħjar stima tal-pretensjonijiet (netti mill-ammonti rekuperabbli tar-riassigurazzjoni) li ma ġewx saldati. Dan jinkludi l-pretensjonijiet kollha li għadhom ma ġewx saldati, irrapportati u mhux irrapportati. Abbażi tal-Artikolu 77 tad-Direttiva dwar Solvenza II, l-aħjar stima tikkorrespondi għall-medja ponderata bil-probabbiltà tal-flussi ta' flus futuri, filwaqt li jitqies il-valur fiż-żmien tal-flus (il-valur preżenti mistenni tal-flussi ta' flus futuri), bl-użu tal-istruttura tat-terminu rilevanti tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju.
R0350	Provvediment għall-Primjums - skontat (biss jekk il-provvediment għall-primjums ikun allokat għar-riskju ta' riżerva)	Is-somma skontata tal-flussi ta' flus futuri li jinkludu l-provvedimenti għall-primjums netti mill-ammonti rekuperabbli tar-riassigurazzjoni. Din iċ-ċellola għandha timtela jekk il-provvediment għall-primjums fid-data ta' referenza tar-rapportar jiġi allokat għar-riskju ta' riżerva.
R0360	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Dan huwa l-ammont ta' fondi li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jeħtieġu biex jiffaċċjaw ir-riskji tagħhom. Huwa meħtieġ li jiġi identifikat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal kull linja operatorja interna, LoB ta' SII u livell aggregat abbażi tad-data netta mir-riassigurazzjoni.
R0370	Medja simulata (output)	Din hija l-medja tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R0380	Devjazzjoni standard simulata (output)	Din hija d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R0390-R0600	Perċentili minn 0,001 sa 0,999	L-impriża hija mistennija tindika l-ammonti tal-perċentili meħtieġa fit-tabella relatata mad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).

Data tal-mudell tar-riskju tal-Primjum gross

Z0020	Tip ta' riskju	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – Riskju tal-primjum mhux tal-ħajja u tas-saħħa NSLT aggregat b'mod konġunt ma' riskju ta' katastrofi impliċitu 2 – Riskju tal-primjum mhux tal-ħajja u tas-saħħa NSLT aggregat b'mod konġunt 3 – Riskju tal-primjum ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja ma' riskju ta' katastrofi impliċitu 4 – Riskju tal-primjum ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja
C0100	Riskju tal-primjum diversifikat eskluż ir-Riskju ta' Katastrofi espliċitu	Riskju tal-primjum aggregat gross/nett mir-riassigurazzjoni wara l-applikazzjoni tal-effetti ta' diversifikazzjoni fost riskji differenti. Dan se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju tal-primjum, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kodiċijiet separati deskritti fit-taqsimha "DISTRIBUZZJONI TAT-TELF MILL-PERIKLI TA' KATASTROFI" ta' dan ir-reġistru.
C0110	Linja Operatorja ta' SII	Riskju tal-primjum gross/nett mir-riassigurazzjoni għal kull LoB ta' Solvenza II.

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		Dan se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju tal-primjum, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kodiċijiet separati deskritti fit-taqsimha "DISTRIBUZZJONI TAT-TELF MILL-PERIKLI TA' KATASTROFI" ta' dan ir-reġistru.
C0120	Linja Operatorja Interna	Riskju tal-primjum gross/nett mir-riassigurazzjoni għal kull LoB interna. Dan se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju tal-primjum, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kodiċijiet separati deskritti fit-taqsimha "DISTRIBUZZJONI TAT-TELF MILL-PERIKLI TA' KATASTROFI" ta' dan ir-reġistru.
R0610	Primjum Gross Miktub	Primjums grossi miktuba għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward ta' kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operazzjonijiet diretti, minkejja l-fatt li ammonti bħal dawn jistgħu jkunu relatati kompletament jew parzjalment ma' sena finanzjarja iktar tard.
R0620	Primjum Gross Gwadanjat	Dan huwa s-somma tal-primjums grossi miktuba nieqsa l-bidla fil-provvediment gross għall-primjums mhux gwadanjati relatati ma' negozju ta' assigurazzjoni diretta.
R0630	Primjum gross miktub ipplanat fit-12-il xahar wara d-Data ta' Referenza tar-rapportar	Il-primjum gross ipplanat li jinkiteb fi żmien it-12-il xahar wara d-data ta' referenza tar-rapportar permezz ta' ftehimiet vinkolanti ffirmati qabel jew wara d-data ta' referenza.
R0640	Primjum gross mhux gwadanjat miktub fid-Data ta' Referenza (biss jekk il-provvediment għall-primjums ikun allokat għar-riskju tal-primjum)	Primjum mhux gwadanjat miktub gross mir-riassigurazzjoni. Din iċ-ċellola għandha timtela jekk il-provvediment għall-primjums fid-data ta' referenza tar-rapportar ikun allokat għar-riskju tal-primjum.
R0650	Provvediment għall-Primjums - skontat (biss jekk il-provvediment għall-primjums ikun allokat għar-riskju tal-primjum)	Is-somma skontata ta' flussi tal-flus futuri li jinkludu l-provvedimenti għall-primjums, grossi mill-ammonti rekuperabbli minn kuntratti tar-riassigurazzjoni, veikoli bi skop speċjali u riassigurazzjoni finita rigward operat dirett u aċċettat. Din iċ-ċellola għandha timtela jekk il-provvediment għall-primjums fid-data ta' referenza tar-rapportar ikun allokat għar-riskju tal-primjum.
R0660	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Dan huwa l-ammont ta' fondi li l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jeħtieġu biex jiffaċċjaw ir-riskji tagħhom. Huwa meħtieġ li jiġi identifikat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal kull linja operatorja interna, LoBs ta' SII u livell aggregat abbażi ta' data grossa mir-riassigurazzjoni.
R0670	Medja simulata (output)	Dan huwa l-proporzjon medju tat-telf tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R0680	Devjazzjoni standard simulata (output)	Din hija d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R0690-R0900	Perċentili minn 0,001 sa 0,999	L-impriża hija mistennija tindika l-ammonti tal-perċentili meħtieġa fit-tabella relatata mad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
<i>Data tal-mudell tar-riskju tal-Primjum nett</i>		
R0910	Primjum Nett Miktub	Il-primjums netti miktuba għandhom jinkludu l-ammonti kollha dovuti matul is-sena finanzjarja fir-rigward tal-kuntratti tal-assigurazzjoni, li jirriżultaw minn operat dirett, irrispettivament mill-fatt li tali ammonti jistgħu jkunu relatati kompletament jew parzjalment ma' sena finanzjarja aktar tard.
R0920	Primjum Nett Gwadanjat	Hija s-somma tal-primjums netti miktuba nieqsa l-bidla fil-provvediment nett għall-primjums mhux gwadanjati relatati ma' negozju ta' assigurazzjoni diretta.
R0930	Primjum nett miktub ippjanat fit-12-il xahar wara d-Data ta' Referenza	Il-primjum nett ippjanat li jinkiteb fi żmien it-12-il xahar wara d-data ta' referenza tar-rapportar permezz ta' ftehimiet vinkolanti ffirmati qabel jew wara d-data ta' referenza.
R0940	Primjum nett mhux gwadanjat miktub fid-Data ta' Referenza (biss jekk il-provvediment għall-primjums ikun allokat għar-riskju tal-primjum)	Primjum mhux gwadanjat miktub nett mir-riassigurazzjoni. Din iċ-ċellola għandha timtela jekk il-provvediment għall-primjums fid-data ta' referenza tar-rapportar ikun allokat għar-riskju tal-primjum.
R0950	Provvediment għall-Primjums - skontat (biss jekk il-provvediment għall-primjums ikun allokat għar-riskju tal-primjum)	Is-somma skontata tal-flussi ta' flus futuri li jinkludu l-provvedimenti għall-primjums netti mill-ammonti rekuperabbli tar-riassigurazzjoni. Din iċ-ċellola għandha timtela jekk il-provvediment għall-primjums fid-data ta' referenza tar-rapportar ikun allokat għar-riskju tal-primjum.
R0960	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Dan huwa l-ammont ta' fondi li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jeħtieġu biex jiffaċċjaw ir-riskji tagħhom. Huwa meħtieġ li jiġi identifikat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal kull linja operatorja interna, LoBs ta' SII u livell aggregat abbażi ta' data netta mir-riassigurazzjoni.
R0970	Medja simulata (output)	Din hija l-medja tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R0980	Devjazzjoni standard simulata	Din hija d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R0990-R1200	Perċentili minn 0,001 sa 0,999	L-impriża hija mistennija tindika l-ammonti tal-perċentili meħtieġa fit-tabella relatata mad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).

Mhux tal-Ħajja u tas-Saħħa NSLT ġenerali grossi mir-riassigurazzjoni

Z0020	Tip ta' riskju	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – Riskju tal-primjum mhux tal-ħajja u tas-saħħa NSLT u riskju ta' riżerva aggregati b'mod konġunt ma' riskju ta' katastrofi impliċitu 2 – Riskju tal-primjum mhux tal-ħajja u tas-saħħa NSLT u riskju ta' riżerva aggregati b'mod konġunt
-------	----------------	--

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>3 – Riskju tal-primjum ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja u riskju ta' riżerva b'riskju ta' katastrofi impliċitu</p> <p>4 – Riskju tal-primjum ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja u riskju ta' riżerva</p> <p>5 – Riskju tal-primjum ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT u riskju ta' riżerva aggregati separatament ma' riskju ta' katastrofi impliċitu</p> <p>6 – Riskju tal-primjum ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa NSLT u riskju ta' riżerva aggregati separatament</p>
C0130	Total mhux diversifikat	L-ammont totali ta' riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja u tas-saħħa NSLT qabel l-applikazzjoni tal-effetti ta' diversifikazzjoni fost riskji mhux tal-ħajja differenti. Dan l-ammont se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju tal-primjum u ta' riżerva, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kodiċijiet separati deskritti fit-taqsimha "DISTRIBUZZJONI TAT-TELF MILL-PERIKLI TA' KATASTROFI" ta' dan ir-reġistru.
C0140	Diversifikazzjoni	Id-differenza bejn ir-riskju ta' sottoskrizzjoni totali mhux tal-ħajja u tas-saħħa NSLT awtonomu u mhux diversifikat u r-riskju ta' sottoskrizzjoni totali mhux tal-ħajja diversifikat. Dan l-ammont huwa l-effett ta' diversifikazzjoni u għandu jiġi rrapportat bħala valur negattiv.
C0150	Diversifikat	L-ammont totali ta' sottoskrizzjoni tar-riskju mhux tal-ħajja u tas-saħħa NSLT wara l-applikazzjoni tal-effetti ta' diversifikazzjoni fost riskji differenti. Dan l-ammont se jinkludi r-riskju ta' katastrofi jekk ikun immudellat b'mod konġunt mar-riskju tal-primjum u ta' riżerva, inkella r-riskju ta' katastrofi jiġi rrapportat bl-użu ta' kodiċijiet separati deskritti fit-taqsimha "DISTRIBUZZJONI TAT-TELF MILL-PERIKLI TA' KATASTROFI" ta' dan ir-reġistru.
R1210	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Dan huwa l-ammont ta' fondi li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jeħtieġu biex jiffaċċjaw ir-riskji tagħhom. Huwa meħtieġ li jiġi identifikat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal kull linja operatorja interna, LoBs ta' SII u livell aggregat abbażi ta' data grossa mir-riassigurazzjoni.
R1220	Medja simulata (output)	Din hija l-medja tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R1230	Devjazzjoni standard simulata (output)	Din hija d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R1240-R1450	Perċentili minn 0,001 sa 0,999	L-impriża hija mistennija tindika l-ammonti tal-perċentili meħtieġa fiċ-ċart relatata mad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (gross mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).

Mhux tal-Ħajja u tas-Saħħa NSLT ġenerali netti mir-riassigurazzjoni

R1460	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza	Dan huwa l-ammont ta' fondi li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jeħtieġu biex jiffaċċjaw ir-riskji tagħhom. Huwa meħtieġ li jiġi identifikat ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal kull linja operatorja interna, LoBs ta' SII u livell aggregat abbażi ta' data netta mir-riassigurazzjoni.
-------	--------------------------------	--

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R1470	Medja simulata (output)	Din hija l-medja tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R1480	Devjazzjoni standard simulata (output)	Din hija d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).
R1490-R1700	Perċentili minn 0,001 sa 0,999	L-impriża hija mistennija tindika l-ammonti tal-perċentili meħtieġa fiċ-ċart relatata mad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni (nett mir-riassigurazzjoni u fuq bażi skontata).

Id-distribuzzjoni tat-telf mill-Perikli ta' Katastrofi

C0020	Klassijiet affettwati mill-avveniment ta' katastrofi	Lista tal-klassijiet kollha affettwati mill-avveniment ta' katastrofi għall-periklu rilevanti.
C0160	Katastrofi	L-isem tal-katastrofi naturali jew tal-periklu magħmul mill-bniedem għal kull reġjun immudellat. Jekk jogħġbok inkludi l-isem tar-reġjun u tal-periklu. Tinkludix ismijiet ġeneriċi bħal reġjun1 jew periklu1. Huwa rrakkomandat li l-ismijiet tal-perikli u tar-reġjuni jkunu bl-Ingliż.
C0170	Il-mudell tal-bejjiegħ disponibbli kummerċjalment użat (jekk applikabbli)	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: — Iva — Nru
C0180	L-isem u l-verżjoni tal-mudell tal-bejjiegħ disponibbli kummerċjalment użat (jekk applikabbli)	Jekk mudell tal-bejjiegħ disponibbli kummerċjalment jintuża fil-mudell intern għall-periklu, dan il-kamp għandu jkun fih l-isem tal-mudell u l-verżjoni tal-mudell li fuqu huma bbażati s-simulazzjonijiet.
C0190	Informazzjoni ta' spjegazzjoni (jekk it-telf tal-AEP ma jkunx disponibbli)	Ipprovdi informazzjoni qasira u konċiża dwar il-mudell u r-raġunijiet, jekk il-kamp "telf tal-AEP" ma jkunx disponibbli. Jekk ikun hemm qbil mas-superviżur responsabbli, dan il-kamp jista' jintuża wkoll biex jipprovdi informazzjoni dwar l-approċċi ta' mmudellar f'każijiet oħrajn.
C0200	Somma assicurata totali	L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija mistennija tirrapporta s-somma totali tagħha assicurata għal operat dirett skont il-periklu u r-reġjun.
C0210	Ammont ta' skoperturi	L-ammont ta' skoperturi użat mill-impriża li jkun ġie miftiehem mas-superviżur rispettiv. Il-metrika użata tista' tkun differenti fost il-perikli u r-reġjuni.
C0220	Metrika tal-iskopertura	Deskrizzjoni qasira tal-metrika tal-iskopertura użata fil-kolonna preċedenti (C6).

Id-distribuzzjoni tat-telf mill-Perikli ta' Katastrofi - negozju totali (proprjetà u mhux proprjetà)

Z0010	Linja operatorja interna	L-isem tal-linja operatorja interna użata mill-impriża.
C0230-C0400/ R1710	Medja simulata mill-mudell għan-negozju totali (proprjetà u mhux proprjetà)	Din hija l-medja tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà li tikkorrespondi għal kull periklu u l-aggregazzjoni tal-perikli. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta' simulazzjoni. Il-medja għandha tiġi rrapportata bil-qasmiet li ġejjin: — Medja tal-OEP għan-negozju kollu gross mir-riassigurazzjoni — Medja tal-AEP għan-negozju kollu gross mir-riassigurazzjoni

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<ul style="list-style-type: none"> — Medja tat-telf Annwali għan-negozju kollu gross mir-riassigurazzjoni — Medja tal-OEP għan-negozju kollu nett mir-riassigurazzjoni — Medja tal-AEP għan-negozju kollu nett mir-riassigurazzjoni — Medja tat-telf Annwali għan-negozju kollu nett mir-riassigurazzjoni <p>“Telf annwali” ma huwiex espliċitament “Telf Annwali Medju” (‘Average Annual Loss’ - AAL), iżda t-telf iddeterminat skont il-miżura ta’ statistika, jiġifieri medja, devjazzjoni standard jew perċentil. L-AAL jikkorrispondi għat-telf annwali medju.”</p>
C0230-C0400/ R1720	Devjazzjoni standard simulata għan-negozju totali (proprjetà u mhux proprjetà)	Din hija d-devjazzjoni standard tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà li tikkorrispondi għal kull periklu u l-aggregazzjoni tal-perikli. Hija l-output miksub abbażi tal-proċess ta’ simulazzjoni. Id-devjazzjoni standard għandha tiġi rrapportata bl-istess qasma bħall-medja Simulata.
C0230- C0400/R1730- R1810	Perċentili simulati għan-negozju totali (proprjetà u mhux proprjetà)	Il-perċentili tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà miksuba abbażi tal-proċess ta’ simulazzjoni għal kull periklu u l-aggregazzjoni tal-perikli. Il-perċentili rrapportati huma 0.75, 0.9, 0.96, 0.98, 0.99, 0.995, 0.996, 0.998 u 0.999. L-informazzjoni għal kull perċentil separat għandha tiġi rrapportata bl-istess qasma bħall-medja Simulata.

Data tal-primjum u tas-somom assigurati

C0410/R1820- R1950	Primjum Gross Annwali – Assigurazzjoni diretta	<p>Qasma tal-primjum annwali gross miktub għal operat dirett skont ir-reġjun ġeografiku. Ir-reġjuni ġeografiċi li għandhom jintużaw huma l-Ewropa, l-Afrika, il-Grigal tal-Istati Uniti, ix-Xlokk tal-Istati Uniti, il-Punent Nofsani tal-Istati Uniti, il-Punent tal-Istati Uniti, l-Amerika ta’ Fuq (minbarra l-Istati Uniti), il-Karibew u l-Amerika Ċentrali, l-Amerika ta’ Isfel, l-Awstralja, il-Ġappun, l-Asja (minbarra l-Ġappun) u l-Bqija tad-Dinja. Kwalunkwe primjum mhux allokat għandu jitqiegħed fil-bucket mhux allokat.</p> <p>Id-definizzjoni ta’ dawn iż-żoni ġeografiċi tista’ tinstab fl-Anness III tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/35. Meta wieħed mir-reġjuni ġeografiċi ta’ hawn fuq ikun supersett tar-reġjuni definiti fir-regolament delegat, allura l-pajjiżi kollha fis-subsettijiet għandhom jiġu kkunsidrati għal dan ir-reġjun. L-unika eċċezzjoni hawnhekk hija l-Ġappun, li huwa distint mill-bqija tal-Asja.</p>
C0420/R1820- R1950	Somma Totali Assigurata – Assigurazzjoni diretta	<p>Qasma tas-somma totali assigurata għal operat dirett skont ir-reġjun ġeografiku. Ir-reġjuni ġeografiċi li għandhom jintużaw huma l-Ewropa, l-Afrika, il-Grigal tal-Istati Uniti, ix-Xlokk tal-Istati Uniti, il-Punent Nofsani tal-Istati Uniti, il-Punent tal-Istati Uniti, l-Amerika ta’ Fuq (minbarra l-Istati Uniti), il-Karibew u l-Amerika Ċentrali, l-Amerika ta’ Isfel, l-Awstralja, il-Ġappun, l-Asja (minbarra l-Ġappun) u l-Bqija tad-Dinja. Kwalunkwe primjum mhux allokat għandu jitqiegħed fil-bucket mhux allokat.</p> <p>Id-definizzjoni ta’ dawn iż-żoni ġeografiċi tista’ tinstab fl-Anness III tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/35. Meta wieħed mir-reġjuni ġeografiċi ta’ hawn fuq ikun supersett tar-reġjuni definiti fir-regolament delegat, allura l-pajjiżi kollha fis-subsettijiet għandhom jiġu kkunsidrati għal dan ir-reġjun. L-unika eċċezzjoni hawnhekk hija l-Ġappun, li huwa distint mill-bqija tal-Asja.</p>

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0410/R1960-R1990	Primjum Gross Annwali - Riassigurazzjoni	L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija mistennija taqşam il-primjum gross annwali miktub tagħha għar-riassigurazzjoni skont ir-reġjun ġeografiku. Ir-reġjuni ġeografiċi li għandhom jintużaw huma l-Ewropa, l-Amerika ta' Fuq u l-Bqija tad-Dinja. Kwalunkwe primjum mhux allokat għandu jitqiegħed fil-bucket mhux allokat.
C0420/R1960-R1990	Somma Totali Assigurata – Riassigurazzjoni	L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni hija mistennija taqşam is-somma totali assicurata tagħha għar-riassigurazzjoni skont ir-reġjun ġeografiku. Ir-reġjuni ġeografiċi li għandhom jintużaw huma l-Ewropa, l-Amerika ta' Fuq u l-Bqija tad-Dinja. Kwalunkwe primjum mhux allokat għandu jitqiegħed fil-bucket mhux allokat.

QSIM TAL-INTROJTU MILL-PRIMJUM

C0430/R2000	Assigurazzjoni diretta	Introjtu mill-primjum (primjum gross allokat miktub imbassar għat-12-il xahar li jmiss kif użat fil-mudell) għall-operat dirett tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.
C0430/R2010	Riassigurazzjoni	Introjtu mill-primjum (primjum gross allokat miktub imbassar għat-12-il xahar li jmiss kif użat fil-mudell) għan-negozju tar-riassigurazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.
C0430/R2020	Retroċessjoni	Introjtu mill-primjum (primjum gross allokat miktub imbassar għat-12-il xahar li jmiss kif użat fil-mudell) għar-retroċessjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

PERIKLI SINIFIKANTI OĦRAJN

C0440/R2030	Perikli sinifikanti oħrajn	L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tindika hawnhekk jekk in-negozju tagħha fihx perikli sinifikanti oħrajn mhux inklużi fil-perikli NatCat jew fil-perikli magħmula mill-bniedem billi timmarka hawn fuq b'Iva, inkella din iċ-ċellola għandu jkun fiha Le.
C0440/R2040	Deskrizzjoni ta' perikli oħrajn	Jekk iċ-ċellola ta' hawn fuq tkun Iva, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għandha tipprovdi hawnhekk deskrizzjoni testwali ta' dak jew dawk il-perikli sinifikanti l-oħrajn.

AGGREGAZZJONI TAR-RKS TA' KATASTROFI – Irrapportata netta mir-riassigurazzjoni

C0450/R2050	Total tar-riskju NatCat mhux diversifikat	Is-somma ta' RKS separati għall-perikli tar-riskji NatCat kollha.
C0450/R2060	Diversifikazzjoni bejn il-perikli NatCat	L-effett tad-diversifikazzjoni fuq ir-RKS bejn il-perikli NatCat. Ikkalkolat bħala RKS għall-perikli tar-riskji NatCat - Is-somma ta' RKS separati għall-perikli tar-riskji NatCat kollha.
C0450/R2070	Total tar-riskju magħmul mill-bniedem mhux diversifikat	Is-somma tar-RKS għall-perikli tar-riskji kollha magħmula mill-bniedem.
C0450/R2080	Diversifikazzjoni bejn perikli magħmula mill-bniedem	L-effett tad-diversifikazzjoni fuq ir-RKS bejn perikli magħmula mill-bniedem. Ikkalkolat bħala RKS għall-perikli tar-riskji magħmula mill-bniedem - Is-somma ta' RKS separati għall-perikli tar-riskji kollha magħmula mill-bniedem.
C0450/R2090	Riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja ieħor	RKS għal riskju ieħor ta' Katastrofi mhux tal-ħajja.

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0450/R2100	Id-diversifikazzjoni bejn perikli oħrajn ta' katastrofi mhux tal-ħajja	L-effett tad-diversifikazzjoni fuq ir-RKS bejn perikli Oħrajn. Ikkalkolat bħala RKS għal perikli ta' riskji Oħrajn - Is-somma ta' RKS separati għall-perikli tar-riskji l-Oħrajn kollha.
C0450/R2110	Riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja - diversifikazzjoni totali	L-effett tad-diversifikazzjoni fuq ir-RKS bejn il-perikli NatCat, dawk magħmula mill-bniedem u perikli Oħrajn. Ikkalkolat bħala RKS għar-riskju ta' Katastrofi - RKS għall-perikli tar-riskji NatCat - RKS għall-perikli tar-riskji kollha magħmula mill-bniedem - RKS għall-perikli tar-riskji l-Oħrajn kollha.
C0450/R2120	Total tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja - diversifikat	RKS għar-riskju ta' Katastrofi.

S.26.14 – Mudell intern: Riskju ta' sottoskrizzjoni tal-Ħajja u tas-Saħħa

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola għandha tiġi rrapportata abbażi tad-disponibbiltà tad-*data* skont l-arkitettura tal-mudell intern u l-profil tar-riskju, meta jkun possibbli bi sforz raġonevoli. Id-*data* li għandha tiġi rrapportata għandha tiġi miftiehma bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

F'din il-formola jiġu rrapportati r-riżultati tal-mudelli interni għar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-Ħajja u tas-Saħħa SLT. Jekk l-assiguraturi jintegraw ukoll ir-riskju ta' sottoskrizzjoni tas-Saħħa NSLT fl-istruttura tal-mudell tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-Ħajja u tas-Saħħa SLT, ir-riżultati tal-mudell tas-Saħħa NSLT għandhom jiġu rrapportati wkoll f'din il-formola.

Skont l-istruttura tal-immudellar tar-riskju ta' sottoskrizzjoni tal-Ħajja u tas-Saħħa SLT, għandu jintuża wieħed miż-żewġ approċċi għar-riskji ta' lonġevità u mortalità. Jekk l-istruttura tal-mudell intern tkun tali li r-riskji ta' Mortalità u Lonġevità jiġu mmudellati flimkien, allura għal dawn ir-riskji għandha tiġi rrapportata biss R0270, meta dawn ir-riskji jkun kkombinati.

B'mod ġenerali, jekk iċ-ċelloli ma jkunux jistgħu jiġu rrapportati b'mod sensibbli, għandha tintgħażel alternattiva. Pereżempju, jekk impriża ma tkunx tista' tissepara l-immudellar tat-tendenzi, tal-livell jew tal-volatilità fi ħdan submodulu, allura l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-livell aggregat korrispondenti.

KODIĊI	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
--------	---------	----------------

GĦAŻLA 1 – RISKJU TAL-ĦAJJA

C0220	ECAI nominata	Identifika l-istituzzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) li tagħti l-klassifikazzjoni esterna f'C0210, billi tuża l-isem tal-ECAI kif ippubblikat fuq is-sit web tal-ESMA. F'każ ta' klassifikazzjonijiet maħruġa minn sussidjarji tal-ECAI, jekk jogħġbok irrapporta l-ECAI prinċipali (ir-referenza hija għal-lista tal-ESMA tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu). —

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0230	Skala tal-kwalità kreditizja	<p>Identifika l-iskala tal-kwalità kreditizja attribwita lir-riassigurat. L-iskala tal-kwalità kreditizja għandha tirrifletti kwalunkwe aġġustament fil-kwalità tal-kreditu li sar internament mill-impriża li jużaw il-formula standard.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>0 — Skala tal-kwalità kreditizja 0</p> <p>1 – Skala tal-kwalità kreditizja 1</p> <p>2 – Skala tal-kwalità kreditizja 2</p> <p>3 – Skala tal-kwalità kreditizja 3</p> <p>4 – Skala tal-kwalità kreditizja 4</p> <p>5 – Skala tal-kwalità kreditizja 5</p> <p>6 – Skala tal-kwalità kreditizja 6</p> <p>9 — Ebda klassifikazzjoni disponibbli</p>
C0240	Klassifikazzjoni interna	<p>Klassifikazzjoni interna tar-riassigurat għal impriża li jużaw mudell intern sal-punt li jużaw klassifikazzjonijiet interni fil-mudelli interni tagħhom. Jekk impriża li tuża mudell intern qed tuża biss klassifikazzjonijiet esterni din l-entrata ma għandhiex tiġi rappurtata.</p>

S.31.02 — Veikoli bi Skop Speċjali

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-entitajiet individwali.

Din il-formola hija rilevanti għal kull impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni li tittrasferixxi riskju/i ġo Veikolu bi Skop Speċjali (Special Purpose Vehicle - SPV), biex jiġi żgurat li tkun saret divulgazzjoni suffiċjenti meta minflok trattati ta' riassigurazzjoni tradizzjonali jintużaw SPVs bħala metodi alternattivi għat-trasferiment tar-riskji.

Il-formola tapplika għall-użu ta':

- SPVs definiti fl-Artikolu 13(26) u awtorizzati skont l-Artikolu 211(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;
- SPVs li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 211(3) tad-Direttiva 2009/138/KE.
- SPVs regolati minn superviżuri ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw miżuri ekwivalenti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;
- SPVs oħra, li ma jissodisfawx id-definizzjonijiet ta' hawn fuq, fejn ir-riskji jkunu trasferiti skont arranġamenti b'sustanza ekonomika ta' kuntratt ta' riassigurazzjoni.

Il-formola tkopri t-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji (rikonoxxuti jew le) inwettqa mill-impriża ta' (ri)assigurazzjoni li permezz tagħhom veikolu bi skop speċjali jassumi r-riskji mill-impriża tar-rapportar permezz ta' kuntratt ta' riassigurazzjoni; jew jassumi riskji ta' assigurazzjoni mill-impriża li qed tirrapporta, trasferiti permezz ta' arranġament simili li "jixbah riassigurazzjoni".

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030	Kodiċi intern tal-SPV	<p>Il-kodiċi intern attribwit lill-SPV mill-impriża skont din l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (Legal Entity Identifier — "LEI"); — Kodiċi speċifiku <p>Dan il-kodiċi għandu jkun uniku għal kull SPV u jibqa' kostanti fir-rapporti sussegwenti.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0040	Kodiċi ID ta' noti SPV jew mekkaniżmu ieħor ta' finanzjament maħruġ	Għan-noti jew mekkaniżmu ieħor ta' finanzjament maħruġ mill-SPV u miżmuma mill-impriża tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, identifika l-kodiċi tal-ID skont din l-ordni ta' prijorità, jekk jeżistu: <ul style="list-style-type: none"> — ISO 6166 ISIN meta disponibbli; — Kodiċijiet "rikonoxxuti" oħrajn (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC); — il-Kodiċi attribwit mill-impriża meta l-opzjonijiet t'hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jrid ikun konsistenti matul iż-żmien.
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID ta' noti SPV jew mekkaniżmu ieħor ta' finanzjament maħruġ	Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-Assi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: <ol style="list-style-type: none"> 1 — ISO 6166 għall-kodiċi ISIN 2 — CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli - numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tal-CUSIP għal kumpaniji Amerikani u Kanadiżi) 3 — SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 — BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 — Reuters RIC (Kodiċi ta' strument ta' Reuters) 8 — FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju) 9 — Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tan-Numerazzjoni 99 — Kodiċi attribwit mill-impriża
C0060	Linji operatorji titolizzazzjoni tal-SPV jirrelataw	Identifikazzjoni tal-linja operatorja kif definit fl-Anness 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, rappurtata. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: <ol style="list-style-type: none"> 1 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 — Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjt 3 — Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema 4 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur 5 — Assigurazzjoni oħra tal-vetturi bil-mutur 6 — Assigurazzjoni tal-baħar, tal-avjazzjoni u tat-trasport 7 — Assigurazzjoni kontra ħruq u hserat oħra lill-proprietà 8 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali 9 — Assigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija 10 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali 11 — Assistenza 12 — Telf finanzjarju mixxellanju

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>13 — Riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi proporzjonali</p> <p>14 — Riassigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu proporzjonali</p> <p>15 — Riassigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema proporzjonali</p> <p>16 — Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur proporzjonali</p> <p>17 — Riassigurazzjoni oħra tal-vetturi bil-mutur proporzjonali</p> <p>18 — Riassigurazzjoni tal-baħar, tal-avjazzjoni u tat-trasport proporzjonali</p> <p>19 — Riassigurazzjoni kontra ħruq u ħsarat oħra lill-proprjetà proporzjonali</p> <p>20 — Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali proporzjonali</p> <p>21 — Riassigurazzjoni tal-kreditu u tal-garanzija proporzjonali</p> <p>22 — Riassigurazzjoni tal-ispejjeż legali proporzjonali</p> <p>23 — Riassigurazzjoni tal-assistenza proporzjonali</p> <p>24 — Riassigurazzjoni tat-telf finanzjarju mixxellanju proporzjonali</p> <p>25 — Riassigurazzjoni tas-saħħa mhux proporzjonali</p> <p>26 — Riassigurazzjoni tad-diżgrazzji mhux proporzjonali</p> <p>27 — Riassigurazzjoni tal-baħar, tal-avjazzjoni u tat-trasport mhux proporzjonali</p> <p>28 — Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali</p> <p>29 — Assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>30 — Assigurazzjoni b'kondivizzjoni tal-profitti</p> <p>31 — Assigurazzjoni marbuta mal-indiċi u assigurazzjoni marbuta mal-unitajiet</p> <p>32 — Assigurazzjoni tal-ħajja oħra</p> <p>33 — Annwalitajiet li jgħorġu minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>34 — Annwalitajiet li jgħorġu minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u relatati ma' obbligi tal-assigurazzjoni għajr obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>35 — Riassigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>36 — Riassigurazzjoni tal-ħajja</p> <p>37 — Multilinji</p> <p>1) Meta t-trattat tar-riassigurazzjoni jew arranġament simili jipprovdi kopertura lil aktar minn linja operatorja waħda u t-termini tal-kopertura bejn il-linji operatorji jkunu differenti allura t-trattat jeħtieġli jiġi speċifikat fuq diversi linji. L-entrata tal-ewwel ringiela għat-trattat jeħtieġ li tiddaħħal bħala "Multilinji" li ttiprovdi dettalji tat-termini kumplessivi tat-trattat, bir-ringieli sussegwenti jipprovdu dettalji tat-termini individwali tat-trattat tar-riassigurazzjoni għal kull linja operatorja rilevanti. Fejn it-terminu tal-kopertura ma jvarjax skont il-linja operatorja tkun meħtieġ biss il-linja operatorja dominanti tas-Solvibbiltà II.</p>
C0070	Tip ta' skattatur(i) fl-SPV	<p>Identifika l-mekkaniżmi ta' skattar użati mill-iSPV bħala avvenimenti ta' skattar li jobligaw lill-iSPV tħallas lill-impriża ta' (ri)assigurazzjoni ċedenti. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Indennizz</p> <p>2 — Telf tal-Mudell</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		<p>3 — Indiċi jew Parametriku</p> <p>4 — Ibridi (inklużi komponenti mit-tekniki msemmija hawn fuq)</p> <p>5 — Oħrajn</p>
C0080	Avveniment ta' Skattar kuntrattwali	Deskrizzjoni tal-iskattatur speċifiku li jobbliga lill-iSPV tħallas lill-impriża ta' (ri) assigurazzjoni ċedenti. Din l-informazzjoni għandha tkun komplementari għall-informazzjoni dwar "it-Tip ta' Skattatur(i) fl-SPV" u għandha tkun deskrittiva biżżejjed biex tippermetti lis-superviżuri jidentifikaw l-iskattatur konkret, pereżempju, indiċijiet ta' temp/maltempati speċifiċi għal riskji ta' katastrofi jew tabelli tal-mortalità ġenerali għar-riskji tal-lonġevità.
C0090	L-istess skattatur bħal fil-portafoll taċ-ċedent sottostanti	<p>Identifika jekk l-iskattatur definit fil-polza sottostanti tar-(ri)assigurazzjoni li għandha l-iskattatur tal-ħlas definit fit-trattat huwiex l-istess bħal dak definit fl-SPV. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — L-istess skattatur</p> <p>2 — Skattatur differenti</p>
C0100	Riskju ta' bażi li jirriżulta mill-istruttura tat-trasferiment tar-riskju	<p>Identifika l-kawżi tar-riskju ta' bażi (jiġifieri li l-iskopertura koperta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ma tikkorrispondix għall-iskopertura għar-riskju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni). Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Ebda riskju ta' bażi</p> <p>2 — Subordinazzjoni insuffiċjenti għad-detenturi tan-noti,</p> <p>3 — Rikors addizzjonali tal-investituri kontra ċ-ċedent,</p> <p>4 — Ġew titolizzati riskji addizzjonali wara l-awtorizzazzjoni,</p> <p>5 — Iċ-ċedenti għandhom skopertura għan-noti maħruġa,</p> <p>9 — Oħrajn</p>
C0110	Riskju ta' bażi li jirriżulta mit-termini kuntrattwali	<p>Identifika r-riskju ta' bażi li jirriżulta mit-termini kuntrattwali</p> <p>1 — Ebda riskju ta' bażi</p> <p>2 — Parti sostanzjali mir-riskji assigurati ma ġietx ittrasferita</p> <p>3 — Skattatur insuffiċjenti biex jikkorrispondi għall-iskopertura għar-riskju taċ-ċedent</p>
C0120	Assi SPV delimitati għas-saldu tal-obbligi speċifiċi skont iċ-ċedent	L-ammont ta' assi SPV delimitati għaċ-ċedent li qed jirrapporta, li huma disponibbli biex jiġu saldati l-obbligazzjonijiet kuntrattwali riassigurati mill-SVP għal dak iċ-ċedent speċifiku biss (assi kollaterali speċifikament rikonoxxuti fil-karta bilanċjali tal-SPV fir-rigward tal-obbligu assunt).
C0130	Assi SPV oħrajn mhux speċifiċi skont iċ-ċedent li għalihom jista' jkun hemm rikors	L-ammont ta' assi SPV (rikonoxxut fil-karta bilanċjali tal-iSPV), mhux direttament relatat maċ-ċedent li qed jirrapporta iżda li għalih jeżisti rikors. Dan jinkludi kwalunkwe "assi ħielsa" tal-SPV, li jistgħu jkunu disponibbli għas-saldu tal-obbligazzjonijiet taċ-ċedent li jkun qed jirrapporta.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0140	Rikors ieħor li jirriżulta minn titolizzazzjoni	L-ammont ta' assi kontinġenti tal-SPV (li jidherx fil-karta bilanċjali), mhux direttament relatat maċ-ċedent li qed jirrapporta iżda li għalih jeżisti rikors. Dan jinkludi rikors kontra kontropartijiet oħra tal-SPV, inklużi garanziji, kuntratti ta' riassigurazzjoni u l-impenji ta' derivattivi lill-SPV magħmula mill-isponsor tal-iSPV, id-detenturi ta' nota, jew partijiet terzi oħra.
C0150	Obbligi possibbli massimi totali minn SPV skont il-polza tar-riassigurazzjoni	L-ammont totali ta' obbligi possibbli massimi minn kuntratt ta' riassigurazzjoni (speċifiċi skont iċ-ċedent).
C0160	SPV kompletament ifffinanzjat fir-rigward tal-obbligi taċ-ċedent matul il-perjodu kollu tar-rappurtar	Identifika jekk il-protezzjoni offruta mit-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tistax tiġi rikonossuta biss parzjalment meta kontroparti għal kuntratt tar-riassigurazzjoni ma tibqax kapaċi tipprovdi trasferiment tar-riskju effettiv u kontinwu. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 — SPV ifffinanzjat bis-sħiħ b'rabta mal-obbligi ta' ċedent 2 — SPV mhux ifffinanzjat bis-sħiħ b'rabta mal-obbligi ta' ċedent
C0170	Rekuperabbli attwali minn SPV	L-ammont ta' rekuperabbli minn SPV rikonossut fil-karta bilanċjali tas-Solvibbiltà II tal-impriża li qed tirrapporta (qabel l-aġġustamenti li jsiru għat-telf mistenni minħabba inadempjenza ta' kontroparti). Dan għandu jiġi kalkulat skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 41 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
C0180	Identifikazzjoni ta' investimenti materjali miżmuma minn ċedent f'SPV	Identifika jekk jeżistux investimenti materjali miżmuma miċ-ċedent fl-SPV, skont l-Artikolu 210 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. 1 — Mhux applikabbli 2 — Investimenti ta' SPV ikkontrollati minn ċedent u/jew sponsor (fejn dan ikun differenti miċ-ċedent); 3 — Investimenti ta' SPV miżmuma minn ċedent (ekwità, noti jew dejn subordinat ieħor tal-SPV); 4 — Iċ-ċedent ibiġh riassigurazzjoni jew protezzjoni oħra tal-mitigazzjoni tar-riskji lill-SPV; 5 — Iċ-ċedent ikun ipprova garanzija jew tisħiħ tal-kreditu ieħor lill-SPV jew lid-detenturi tan-noti; 6 — Riskju ta' bażi suffiċjenti miżmum miċ-ċedent; 9 — Oħrajn. Jekk din tiġi rappurtata allura ċelloli C0030 u C0040 ikollhom bżonn jidentifikaw l-istrument.
C0190	Hemm assi ta' titolizzazzjoni relatati ma' ċedent miżmuma fi trust ma' parti terza oħra li ma hijiex iċ-ċedent/l-isponsor?	Identifika jekk hemmx assi ta' titolizzazzjoni relatati maċ-ċedent miżmuma fi trust ma' parti terza oħra li ma hijiex iċ-ċedent/l-isponsor, b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 214(2) u 326 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Miżmuma fi trust ma' parti terza oħra li ma hijiex iċ-ċedent/l-isponsor 2 — Mhux miżmuma fi trust ma' parti terza oħra li ma hijiex iċ-ċedent/l-isponsor
Informazzjoni dwar l-iSPV		

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0200	Kodiċi intern tal-SPV	<p>Il-kodiċi intern attribwit lill-SPV mill-impriża skont din l-ordni ta' priorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridka (Legal Entity Identifier — "LEI"); — Kodiċi speċifiku <p>Dan il-kodiċi għandu jkun uniku għal kull SPV u jibqa' kostanti fir-rapporti sussegwenti.</p>
C0210	Tip ta' kodiċi tal-SPV	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat fl-entrata "kodiċi intern tal-SPV". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 — LEI 2 — Kodiċi speċifiku
C0220	In-natura ġuridika tal-SPV	<p>Identifika n-natura ġuridika tat-titolizzazzjoni tal-SPV, skont l-Artikolu 13(26) tad-Direttiva 2009/138/KE.</p> <p>Lista magħluqa</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 — Trusts 2 — Soċjetajiet 3 — Kumpaniji b'responsabbiltà limitata 4 — Forma ta' entità ġuridika oħra mhux imsemmija hawn fuq 5 — Mhux inkorporati
C0230	Isem tal-SPV	Identifika isem l-SPV
C0240	Nru ta' inkorporazzjoni tal-SPV	In-numru ta' reġistrazzjoni rċevut mal-inkorporazzjoni tal-SPV. Għal SPVs mhux inkorporati, l-impriża għandha tirrapporta n-numru regolatorju jew numru ekwivalenti miksub mill-awtorità superviżorja fil-mument tal-awtorizzazzjoni.
C0250	Pajjiż tal-awtorizzazzjoni tal-SPV	Identifika l-kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiż fejn ikun stabbilit u rċieva awtorizzazzjoni l-SPV, fejn applikabbli.
C0260	Kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-SPV	<p>Identifika l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-iSPV skont l-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE jew strument legali ekwivalenti. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 — SPV awtorizzat skont l-Artikolu 211(1) tad-Direttiva 2009/138/KE 2 — SPV awtorizzat skont l-Artikolu 211(3) tad-Direttiva 2009/138/KE (b'antepreżentazzjoni) 3 — SPV regolat minn awtorità superviżorja ta' pajjiż terz fejn ir-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 211(2) tad-Direttiva 2009/138/KE jiġu ssodisfati mill-veikolu bi skop speċjali 4 — SPV mhux kopert hawn fuq
C0270	Valutazzjoni ta' klassifikazzjoni esterna minn ECAI nominata	<p>Klassifikazzjoni tal-SPV (jekk ikun hemm) li titqies mill-impriża u li tiġi pprovduta minn aġenzija tal-klassifikazzjoni esterna.</p> <p>Jekk il-klassifikazzjoni ma tkunx disponibbli, l-entrata għandha titħalla vojta u l-SPV għandu jiġi identifikat bħala "9 - ebda klassifikazzjoni disponibbli" fil-kolonna C0290 (Skala tal-kwalità kreditizja).</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
		Din l-entrata ma tapplikax għal SPVs li għalihom l-impriżi li jużaw formola interna jużaw klassifikazzjonijiet interni. Jekk l-impriżi li jużaw mudell intern ma jużawx klassifikazzjoni interna, din l-entrata għandha tiġi rapportata.
C0280	ECAI nominata	Identifika l-istituzzjoni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) li tagħti l-klassifikazzjoni esterna f'C0270, billi tuża l-isem tal-ECAI kif ippubblikat fuq is-sit web tal-ESMA. F'każ ta' klassifikazzjonijiet maħruġa minn sussidjarji tal-ECAI, jekk jogħġbok irrapporta l-ECAI prinċipali (ir-referenza hija għal-lista tal-ESMA tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu).
C0290	Skala tal-kwalità kreditizja	Identifika l-iskala tal-kwalità kreditizja attribwita lill-SVP. L-iskala tal-kwalità kreditizja għandha tirrifletti kwalunkwe aġġustament fil-kwalità tal-kreditu li sar internament mill-impriżi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 0 — Skala tal-kwalità kreditizja 0 1 – Skala tal-kwalità kreditizja 1 2 – Skala tal-kwalità kreditizja 2 3 – Skala tal-kwalità kreditizja 3 4 – Skala tal-kwalità kreditizja 4 5 – Skala tal-kwalità kreditizja 5 6 – Skala tal-kwalità kreditizja 6 9 — Ebda klassifikazzjoni disponibbli
C0300	Klassifikazzjoni interna	Klassifikazzjoni interna tal-SPV għal impriżi li jużaw mudell intern sal-punt li jużaw klassifikazzjonijiet interni fil-mudelli interni tagħhom. Jekk impriża li tuża mudell intern qed tuża biss klassifikazzjonijiet esterni din l-entrata ma għandhiex tiġi rapportata.

S.36.01 — TIG — *Tranżazzjonijiet tat-tip ta' ekwità, trasferiment ta' dejn u assi*

Kummenti ġenerali:

Din il-formola tirrigwarda s-sottomissjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

Din il-formola għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet intragrupp kollha (tranżazzjonijiet sinifikanti, sinifikanti ħafna u meħtieġa li jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha) bejn entitajiet ta' grupp relatati ma' ekwità, dejn, finanzjament reċiproku ⁽¹⁾ u trasferimenti ta' assi.

Dawn jinkludu, imma ma humiex limitati għal:

- entrati ta' ekwità u ta' kapital oħra inklużi parteċipazzjonijiet f'entitajiet relatati u sehem fi trasferimenti ta' entitajiet relatati tal-grupp;
- dejn, inklużi bonds, self, dejn kollateralizzat u tranżazzjonijiet oħrajn ta' natura simili, pereżempju, b'imgħax predeterminat perjodiku jew kupuni jew pagamenti ta' primjums għal perjodu ta' żmien predeterminat;
- trasferiment ta' assi oħra bħal trasferiment ta' proprjetajiet u trasferiment ta' ishma ta' kumpaniji oħra mhux relatati mal-grupp (jiġifieri barra minnu).

Din il-formola għandha tinkludi t-tranżazzjonijiet intragrupp li kienu:

- fis-seħħ fil-bidu tal-perjodu tar-rappurtar.
- inbdew waqt il-perjodu ta' rappurtar u pendenti fid-data tar-rappurtar.
- inbdew u skadew/immaturaw matul il-perjodu ta' rappurtar.

⁽¹⁾ Kif stabbilit fl-Artikolu 223 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni

Meta żewġ tranżazzjonijiet jew aktar bejn entitajiet tal-grupp li, minn perspettiva ekonomika, jikkontribwixxu għall-istess riskju, jew iservu l-istess skop/objettiv jew ikunu konnessi temporanjament fi pjan, dawn għandhom jitqiesu bħala operazzjoni ekonomika waħda.

Bħala tali, kull tranżazzjoni li hija parti minn operazzjoni ekonomika waħda għandha tiġi rrapportata kull meta kollettivament ikunu fil-livell limitu korrispondenti jew ogħla għal tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, anki jekk individwalment it-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt il-livell limitu.

Kwalunkwe element miżjud ma' tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti għandu jiġi rrapportat bħala tranżazzjoni intragrupp separata, anki jekk l-element fih innifsu jaqa' taħt il-livell limitu sinifikanti. Pereżempju, jekk impriża żżid l-ammont tas-self inizjali lil impriża relatata oħra, iż-żieda mas-self għandha tiġi rreġistrata bħala entrata separata bid-data tal-ħruġ tagħha tkun id-data taż-żieda.

Meta l-valur tat-tranżazzjoni jkun differenti għal żewġ partijiet fi tranżazzjoni (pereżempju tranżazzjoni ta' EUR 10 m bejn A u B fejn A jirreġistra EUR 10 m iżda B jirċievi biss EUR 9,5 m minħabba l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, li minnhom EUR 0,5 m tħallsu fi spejjeż) il-formola għandha tirreġistra l-ammont massimu bħala l-ammont tat-tranżazzjoni, f'dan il-każ EUR 10 m.

It-tranżazzjonijiet indiretti għandhom jiġu definiti bħala kwalunkwe tranżazzjoni li tittrasferixxi l-iskoperturi għar-riskju bejn l-entitajiet fil-grupp, inklużi iżda mhux limitati għal tranżazzjonijiet b'veikolu bi skop speċjali, impriżi ta' investiment kollettiv, entitajiet anċillari jew entitajiet mhux regolati; jew entitajiet barra mill-grupp, iżda fl-aħħar mill-aħħar l-iskopertura għar-riskju tinġieb lura jew tibqa' fi ħdan il-grupp. Meta jkun hemm katina ta' tranżazzjonijiet intragrupp relatati (eż. A tinvesti f'B u B tinvesti f'Ċ), din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata bħala tranżazzjoni indiretta. Għalhekk, għandha tiġi rrapportata tranżazzjoni minn A lil Ċ u l-kummenti għandhom isemmu l-pass intermedjarju. Fil-każ ta' kaskata ta' tranżazzjonijiet, eż. jekk "A" -> "B" -> "Ċ" -> "D", fejn kemm "B" kif ukoll "Ċ" ikunu kemm fil-grupp kif ukoll entitajiet mhux regolati, din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata wkoll.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0010	ID ta' tranżazzjoni intragrupp	Kodiċi ta' identifikazzjoni intern uniku għal kull tranżazzjoni intragrupp. Għandu jkun konsistenti matul iż-żmien.
C0020	Isem l-Investitur/il-Mutwanti	L-isem tal-entità li qed tixtri l-ekwità jew tislef lil impriża relatata fi ħdan il-grupp, jiġifieri l-entità li tirrikonoxxi t-tranżazzjoni bħala assi fil-karta bilanċjali tagħha (debitu – karta bilanċjali).
C0030	Kodiċi ta' identifikazzjoni għal investitur/mutwanti	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku mehmuż mal-investitur/max-xerrej/ma ċ-ċessjonarju skont din l-ordni ta' prijorità, jekk ikun jeżisti:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika ('Legal Entity Identifier' — "LEI"); — Kodiċi speċifiku <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi fiż-ŻEE regolati għajr impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi ħdan il-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi li ma humiex fiż-ŻEE u impriżi li ma humiex regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jiġi pprovdut mill-grupp. Meta jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux fiż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri
C0031	Tip ta' kodiċi għall-investitur/mutwanti	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni għall-investitur/mutwanti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 – LEI 2 - Kodiċi speċifiku

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
NC0040	Is-settur tal-investitur/mutwanti	<p>Jekk l-investitur/il-mutwanti jkun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: “settur bankarju”, “settur tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni”, “settur tas-servizzi tal-investimenti”.</p> <p>Jekk l-investitur/il-mutwanti ma jkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: “impriża oħra tal-grupp”.</p>
C0050	Isem l-emittenti/mutwatarju	L-isem tal-entità li qed toħroġ l-entrata ta’ ekwità/kapital, jew tissellef il-flus (toħroġ id-dejn), jiġifieri l-entità li tirrikonoxxi t-tranżazzjoni bħala obbligazzjoni jew kapital fil-karta bilanċjali tagħha (kreditu – karta bilanċjali).
C0060	Kodiċi ta’ identifikazzjoni għall-emittent/mutwatarju	<p>Il-kodiċi ta’ identifikazzjoni uniku mehmuż mal-investitur/max-xerrej/ma ċ-ċessjonarju skont din l-ordni ta’ prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta’ Entità Ġuridika (LEI), obligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku f’każ tan-nuqqas ta’ kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi fiż-ŻEE regolati għajr impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi ħdan il-grupp: il-kodiċi ta’ identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi li ma humiex fiż-ŻEE u impriżi li ma humiex regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta’ identifikazzjoni għandu jiġi pprovdut mill-grupp. Meta jkun qed jalloka kodiċi ta’ identifikazzjoni lil kull impriża mhux fiż-ŻEE jew mhux regolata, il-konglomerat finanzjarju għandu jikkonforma mal-format li ġej b’mod konsistenti: kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri
C0061	Tip ta’ kodiċi għall-emittent/mutwatarju	<p>Tip ta’ Kodiċi ta’ ID użat għall-entrata “Kodiċi ta’ identifikazzjoni għall-emittent/mutwatarju”. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f’din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 – LEI 2 - Kodiċi speċifiku
NC0070	Is-settur tal-emittent/mutwatarju	<p>Jekk l-emittent/il-mutwatarju jkun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: “settur bankarju”, “settur tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni”, “settur tas-servizzi tal-investimenti”.</p> <p>Jekk l-emittent/il-mutwatarju ma jkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika “impriża oħra tal-grupp”.</p>
NC0080	Tranżazzjonijiet indiretti	<p>Jekk tranżazzjoni intragrupp irrapportata tkun parti minn tranżazzjoni indiretta (ara l-Kummenti ġenerali supra), irrapporta l-“ID tat-tranżazzjoni intragrupp” (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f’din iċ-ċellola. Jekk aktar minn żewġ tranżazzjonijiet ikunu relatati, il-kodiċi tal-ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-TIG irrapportata ma tkunx parti minn tranżazzjoni indiretta, indika Le.</p>

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
NC0090	Operazzjoni ekonomika unika	<p>Jekk it-TIG irrapportata tkun parti minn operazzjoni ekonomika waħda (ara l-Kummenti ġenerali supra), irrapporta l-“ID tat-tranżazzjoni intragrupp” (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f'din iċ-ċellola. Jekk aktar minn żewġ tranżazzjonijiet ikunu relatati, il-kodiċi tal-ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat b'halha referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-TIG irrapportata ma tkunx parti minn operazzjoni ekonomika waħda, indika Le</p>
NC0100	Kodiċi tal-ID tal-istrument	<p>Dan huwa l-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument (kapital, dejn eċċ) bejn iż-żewġ kontropartijiet identifikati, skont din il-prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħrajn (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — il-Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-għażliet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli. Dan il-kodiċi għandu jkun konsistenti maż-żmien. <p>Dan jista' jkun differenti mill-kodiċi ta' tranżazzjoni intragrupp mogħti fiċ-ċellola C0010.</p>
NC0101	Tip ta' kodiċi tal-ID tal-istrument	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata “Kodiċi tal-ID tal-istrument”. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - ISO 6166 għall-kodiċi ISIN 2 - CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli - numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tal-CUSIP għal kumpaniji Amerikani u Kanadiżi) 3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 - Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 - BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 - Reuters RIC (Kodiċi ta' strument ta' Reuters) 8 - FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju) 9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tan-Numrazzjoni 99 - Kodiċi attribwit mill-impriża
NC0110	Tip ta' strument	<p>Identifika t-tip ta' strument.</p> <p>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Bonds/Dejn 2 - Tip ta' ekwità 3 - Trasferiment ieħor ta' assi
NC0120	Strument	<p>Identifika l-istrument. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Bonds/Dejn – kollateralizzati 2 - Bonds/Dejn – mhux kollateralizzati

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
		3 - Tip ta' ekwità — ishma/parteċipazzjonijiet 4 - Tip ta' ekwità – oħrajn 5 - Trasferiment ieħor ta' assi — proprjetajiet 6 - Trasferiment ieħor ta' assi — oħrajn
NC0130	Data tal-ħruġ	Din hija l-aktar data bikrija tal-ħruġ tat-tranżazzjoni/tad-dejn jew id-data minn meta ssir effettiva t-tranżazzjoni intragrupp, jekk tkun differenti mid-data tal-ħruġ. Id-data għandha tkun skont il-format tal-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj).
NC0140	Data ta' maturità	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data ta' meta t-tranżazzjoni tiskadi/tilħaq il-maturità, jekk applikabbli. — Għal tranżazzjoni intragrupp mingħajr data ta' maturità, uża "9999-12-31". — Għal titoli perpetwi "9999-12-31"
NC0150	Munita tat-tranżazzjoni	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita li fiha seħħet it-tranżazzjoni.
NC0160	Ammont fid-data tat-tranżazzjoni	Ammont tat-tranżazzjoni fid-data tat-tranżazzjoni rrapportata.
NC0170	Ammont fid-data tar-rapportar	L-ammont pendenti tat-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar jekk applikabbli, eż. għal ħruġ ta' dejn, rapportat fil-munita tar-rapportar tal-grupp. Jekk ikun sar saldu/prepagament sħiħ bikri, il-bilanċ tal-ammont kuntrattwali għandu jkun żero.
NC0180	Valur tal-kollateral	Il-valur tal-kollateral għad-dejn kollateralizzat jew il-valur tal-assi għal tranżazzjoni intragrupp li tinvolvi trasferiment ta' assi.
NC0190	Ammont ta' dividendi/imgħaxxijiet/kupuni u ta' pagamenti oħrajn li saru matul il-perjodu ta' rapportar	Din iċ-ċellola għandha tkopri kwalunkwe pagament li jkun sar b'rabta mat-tranżazzjoni intragrupp irreġistrata f'din il-formola għall-perjodu ta' rapportar (6 xhur sad-data tar-rapportar). Dan jinkludi, imma mhux limitat għal: — Id-dividendi għas-sena attwali inklużi dividendi mħallsa jew dikjarati iżda mhux imħallsa. — Kwalunkwe dividend differit minn snin preċedenti mħallas matul il-perjodu tar-rapportar (jiġifieri kwalunkwe dividend differit imħallas li ħalla impatt fuq il-P&L għall-perjodu tar-rapportar). — Pagamenti ta' mghaxxijiet li saru b'rabta ma' strumenti ta' dejn. — Kwalunkwe pagament ieħor li jkun sar b'rabta mat-tranżazzjonijiet intragrupp li huma rrapportati f'din il-formola, pereżempju, imposti fuq trasferimenti ta' assi. — L-ammont ta' supplementazzjonijiet totali, jekk applikabbli, jiġifieri l-flus addizzjonali totali investiti matul il-perjodu ta' rapportar bħal pagamenti addizzjonali fuq ishma parzjalment imħallsa jew żieda fl-ammont ta' self matul il-perjodu (meta s-supplementazzjonijiet jiġu rrapportati bħala entrata separata).
C0200	Rata tal-kupun/tal-imgħax	Ir-rata tal-imgħax jew tal-kupun bħala perċentwali, jekk applikabbli. Għal rata tal-imgħax varjabbli, din għandha tinkludi r-rata ta' referenza u r-rata tal-imgħax ogħla minnha.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0210	Kummenti	Il-kummenti għandu jkun fihom: <ul style="list-style-type: none"> — notifika jekk it-tranżazzjoni ma tkunx twettqet abbażi tal-prinċipju ta' distakkament — kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra rigward in-natura ekonomika tal-operazzjoni

S.36.02 — TIG — Derivattivi

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha tirrigwarda s-sottomissjoni annwali tal-informazzjoni għal entitajiet individwali.

Din il-formola għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet intragrupp kollha (tranżazzjonijiet sinifikanti, sinifikanti ħafna u meħtieġa li jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha) bejn l-impriża individwali u l-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'attività mħallta u l-impriżi relatati tagħha relatati mad-derivattivi. It-tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti relatati mad-derivattivi għandhom jiġu rrapportati meta l-ammont riportat tad-derivattiva jaqbeż il-livell limitu. Dawn jinkludu, imma ma humiex limitati għal:

- Kuntratti tar-rati tal-imgħax, inklużi swaps, ftehimiet forward, futuri u opzjonijiet;
- Kuntratti ta' kambju, inklużi swaps, ftehimiet forward, futuri u opzjonijiet;
- Kuntratti ta' natura simili għal dawk imsemmija fil-punti 1(a) sa (e) u 2(a) sa (d) ta' dan l-Anness dwar entrati jew indiċijiet ta' referenza oħrajn.

Din il-formola għandha tinkludi t-tranżazzjonijiet intragrupp li kienu:

- fis-seħħ fil-bidu tal-perjodu tar-rapportar.
- inbdew waqt il-perjodu ta' rappurtar u pendenti fid-data tar-rappurtar.
- inbdew u skadew/immaturow matul il-perjodu ta' rappurtar.

Meta żewġ tranżazzjonijiet jew aktar bejn entitajiet tal-grupp li, minn perspettiva ekonomika, jikkontribwixxu għall-istess riskju, jew iservu l-istess skop/objettiv jew ikunu konnessi temporanjament fi pjan, dawn għandhom jitqiesu bħala operazzjoni ekonomika waħda.

Bħala tali, kull tranżazzjoni li hija parti minn operazzjoni ekonomika waħda għandha tiġi rrapportata kull meta kollettivament ikunu fil-livell limitu korrispondenti jew ogħla għal tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, anki jekk individwalment it-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt il-livell limitu.

Kwalunkwe element miżjud ma' tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti għandu jiġi rrapportat bħala tranżazzjoni intragrupp separata, anki jekk l-element fih innifsu jaqa' taħt il-livell limitu sinifikanti. Pereżempju, jekk impriża żżid l-ammont tas-self inizjali lil impriża relatata oħra, iż-żieda mas-self għandha tiġi rreġistrata bħala entrata separata bid-data tal-ħruġ tagħha tkun id-data taż-żieda.

Meta l-valur tat-tranżazzjoni jkun differenti għal żewġ partijiet fi tranżazzjoni (pereżempju tranżazzjoni ta' EUR 10 m bejn A u B fejn A jirreġistra EUR 10 m iżda B jirċievi biss EUR 9,5 m minħabba l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, li minnhom EUR 0,5 m tħallsu fi spejjeż) il-formola għandha tirreġistra l-ammont massimu bħala l-ammont tat-tranżazzjoni, f'dan il-każ EUR 10 m.

It-tranżazzjonijiet indiretti għandhom jiġu definiti bħala kwalunkwe tranżazzjoni li tittrasferixxi l-iskoperturi għar-riskju bejn l-entitajiet fil-grupp, inklużi iżda mhux limitati għal tranżazzjonijiet b'veikolu bi skop speċjali, impriżi ta' investiment kollettiv, entitajiet anċillari jew entitajiet mhux regolati; jew entitajiet barra mill-grupp, iżda fl-aħħar mill-aħħar l-iskopertura għar-riskju tinġieb lura jew tibqa' fi ħdan il-grupp. Meta jkun hemm katina ta' tranżazzjonijiet intragrupp relatati (eż. A tinvesti f'B u B tinvesti f'C), din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata bħala tranżazzjoni indiretta. Għalhekk, għandha tiġi rrapportata tranżazzjoni minn A lil C u l-kummenti għandhom isemmu l-pass intermedjarju. Fil-każ ta' kaskata ta' tranżazzjonijiet, eż. jekk "A" -> "B" -> "C" -> "D", fejn kemm "B" kif ukoll "C" ikunu kemm fil-grupp kif ukoll entitajiet mhux regolati, din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata wkoll.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0010	ID ta' tranżazzjoni intragrupp	Kodiċi ta' identifikazzjoni intern uniku għal kull tranżazzjoni intragrupp. Għandu jkun konsistenti maż-żmien.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0020	Isem l-investitur/ix-xerrej	Isem l-entità li qed tinvesti/tixtri d-derivattiv, jew il-kontroparti bil-pożizzjoni twila. Għal swaps min iħallas huwa dak li jħallas ir-rata fissa li tirċievi r-rata varjabbli.
C0030	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-investitur/ix-xerrej	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku meħmuż mal-investitur/max-xerrej/ma ċ-ċessjonarju skont din l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI), obbligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku f'każ tan-nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi fiż-ŻEE regolati għajr impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi ħdan il-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi li ma humiex fiż-ŻEE u impriżi li ma humiex regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jiġi pprovdut mill-grupp. Meta jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux fiż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri
C0031	Tip ta' kodiċi tal-investitur/tax-xerrej	<p>It-tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-investitur/tax-xerrej". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 - LEI 2 - Kodiċi speċifiku
NC0040	Is-settur tal-investitur/tax-xerrej	<p>Jekk l-investitur/ix-xerrej ikun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: "settur bankarju", "settur tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni", "settur tas-servizzi tal-investimenti".</p> <p>Jekk l-investitur/ix-xerrej ma jkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) indika: "impriża oħra tal-grupp".</p>
C0050	Isem l-Emittent/il-Bejjiegħ	Isem l-entità li qed toħroġ/tbigħ id-derivattiv, jew il-kontroparti bil-pożizzjoni qasira. Għal swaps ir-riċevitur, jirċievi r-rati fissi u jħallas ir-rata varjabbli.
C0060	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent/ix-xerrej	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku meħmuż mal-investitur/max-xerrej/ma ċ-ċessjonarju skont din l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI), obbligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku f'każ tan-nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi fiż-ŻEE regolati għajr impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi ħdan il-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi li ma humiex fiż-ŻEE u impriżi li ma humiex regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jiġi pprovdut mill-grupp. Meta jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux fiż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alfa-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0061	Tip ta' kodiċi tal-emittent/bejjiegħ	<p>It-tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent/bejjiegħ". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - LEI 2 - Kodiċi speċifiku
NC0070	Is-settur finanzjarju tal-emittent/bejjiegħ	<p>Jekk l-emittent/il-bejjiegħ ikun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: "settur bankarju", "settur tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni", "settur tas-servizzi tal-investimenti".</p> <p>Jekk l-emittent/il-bejjiegħ ma jkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) indika: "impriża oħra tal-grupp".</p>
NC0080	Tranżazzjonijiet indiretti	<p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp irrapportata tkun parti minn tranżazzjoni indiretta (ara l-Kummenti ġenerali supra), irrapporta l-ID tat-tranżazzjoni intragrupp" (C0010) tat-tranżazzjoni relatata fiċ-ċellola. Jekk aktar minn żewġ tranżazzjonijiet ikunu relatati, il-kodiċi tal-ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp irrapportata ma tkunx parti minn tranżazzjoni indiretta, indika Le.</p>
NC0090	Operazzjoni ekonomika unika	<p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp irrapportata tkun parti minn operazzjoni ekonomika waħda (ara l-Kummenti ġenerali supra), irrapporta l-ID tat-tranżazzjoni intragrupp" (C0010) tat-tranżazzjoni relatata fiċ-ċellola. Jekk aktar minn żewġ tranżazzjonijiet ikunu relatati, il-kodiċi tal-ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp irrapportata ma tkunx parti minn operazzjoni ekonomika waħda, indika Le.</p>
NC0100	Kodiċi tal-ID tal-istrument	<p>Dan huwa l-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument (kapital, dejn eċċ) bejn iż-żewġ kontropartijiet identifikati, skont din il-prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħrajn (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — il-Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-għażliet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli. Dan il-kodiċi għandu jkun konsistenti maż-żmien. <p>Dan jista' jkun differenti mill-kodiċi ta' tranżazzjoni intragrupp mogħti fiċ-ċellola C0010.</p>
NC0101	Tip ta' kodiċi tal-ID tal-istrument	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tal-istrument". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - ISO 6166 għall-kodiċi ISIN 2 - CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli - numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tal-CUSIP għal kumpaniji Amerikani u Kanadiżi) 3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 - Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
		6 - BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 - Reuters RIC (Kodiċi ta' strument ta' Reuters) 8 - FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrument Finanzjarju) 9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tan-Numerazzjoni 99 - Kodiċi attribwit mill-impriża
NC0110	Tip ta' strument	Identifika t-tip ta' tranżazzjoni. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 - Derivattivi – futuri 2 - Derivattivi – forwards 3 - Derivattivi – opzjonijiet 4 - Derivattivi – oħrajn 5 - Garanziji – protezzjoni tal-kreditu 6 - Garanziji – oħrajn 7 - Swaps 8 - Oħrajn Ftehim ta' riakkwist għandu jitqies bħala tranżazzjoni fi flus flimkien ma' kuntratt forward.
NC0120	Tip ta' protezzjoni	Identifika t-tip ta' tranżazzjoni. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 - inadempjenza tal-kreditu 2 - rata tal-imgħax 3 - munita 4 - oħrajn
NC0130	L-iskop tal-istrument	Iddeskrivi l-użu tad-derivattivi (ħeġġ mikro/makro, immaniġġjar effiċjenti tal-portafoll). Ħeġġ mikro jirreferi għal derivattivi li jkopru strument finanzjarju wieħed, tranżazzjoni prevista jew obbligazzjoni. Ħeġġ makro jirreferi għal derivattivi li jkopru sett ta' strumenti finanzjarji, tranżazzjonijiet previsti jew obbligazzjonijiet. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 - Ħeġġ mikro 2 - Ħeġġ makro 3 - Fluss ta' flus ta' assi u obbligazzjonijiet ta' korrispondenza 4 - Ġestjoni effiċjenti tal-portafoll, għajr "Flussi ta' flus ta' assi u obbligazzjonijiet ta' korrispondenza" 5 - Oħrajn
NC0140	Data tal-bidu	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tat-tranżazzjoni/tal-kummerċ tal-kuntratt tad-derivattivi. Għal kuntratti riportati uża d-data inizjali tan-negozju.
NC0150	Data ta' maturità	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-għeluq definita kuntrattwalment tal-kuntratt tad-derivattivi, jekk hux fid-data tal-maturità, fid-data tal-iskadenza għall-opzjonijiet (Ewropej jew Amerikani), eċċ.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
NC0160	Munita tat-tranżazzjoni	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita li fiha sehhiet it-tranżazzjoni.
NC0170	Ammont nozzjonali	<p>L-ammont kopert jew skopert għad-derivattiv fid-data tar-rapportar, jiġiferi l-bilanċ tal-għeluq, irrapportat fil-munita tar-rapportar tal-grupp.</p> <p>Għal futuri u opzjonijiet, jikkorrispondi għad-daqs tal-kuntratt multiplikat bl-għadd ta' kuntratti. Għal swaps u forwards, jikkorrispondi għall-ammont tal-kuntratt. Meta tranżazzjoni tkun immaturat/skadiet matul il-perjodu tar-rapportar qabel id-data tar-rapportar, l-ammont nozzjonali fid-data tar-rapportar għandu jkun zero.</p>
NC0180	Ammont riportat	<p>Il-valur tad-derivattiv fid-data tar-rapportar kif irrapportat fil-karta bilanċjali tal-entità.</p> <p>Meta tranżazzjoni tkun immaturat/skadiet matul il-perjodu tar-rapportar qabel id-data tar-rapportar, l-ammont riportat fid-data tar-rapportar għandu jkun l-ammont riportat massimu tad-derivattivi qabel il-maturità tat-tranżazzjoni.</p>
NC0190	Valur tal-kollateral	Il-valur tal-kollateral mirhun fid-data tar-rapportar (żero jekk id-derivattiv ikun ingħalaq), jekk applikabbli.
NC0200	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-assi/obligazzjoni sottostanti għad-derivattiva	<p>Kodiċi tal-ID tal-assi jew l-obbligazzjoni sottostanti għall-kuntratt tad-derivattivi. Din l-entrata għandha timtela għal derivattivi li jkollhom strument jew indiċi sottostanti wieħed fil-portafoll tal-impriża.</p> <p>Indiċi huwa meqjus bħala strument wieħed u għandu jiġi rrapportat.</p> <p>Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument sottostanti d-derivattiv, skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Il-kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-għażliet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u għandu jkun konsistenti maż-żmien — "Assi/obligazzjonijiet multipli", jekk l-assi jew l-obbligazzjonijiet sottostanti jkunu aktar minn waħda/wieħed <p>Jekk is-sottostanti huwa indiċi, allura għandu jiġi rrapportat il-kodiċi tal-indiċi.</p>
NC0201	Tip ta' kodiċi tal-Assi/Obligazzjoni sottostanti għad-derivattiv	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-Assi/Obligazzjoni sottostanti għad-derivattiv". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - ISO 6166 għall-kodiċi ISIN 2 - CUSIP (Il-Kumitat għall-Proċeduri tal-Identifikazzjoni Uniformi tat-Titoli - numru assenjat mill-Bureau tas-Servizz tal-CUSIP għal kumpaniji Amerikani u Kanadiżi) 3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 - Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
		6 - BBGID (L-ID Globali ta' Bloomberg) 7 - Reuters RIC (Kodiċi ta' strument ta' Reuters) 8 - FIĠI (Financial Instrumaent Global Identifier) 9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tan-Numerazzjoni 99 - Kodiċi attribwit mill-impriża. Din l-opzjoni għandha tintuża wkoll għall-każijiet ta' "Diversi assi/obbligazzjonijiet" u indiċijiet
NC0210	Isem tal-kontroparti li għaliha tinxtara l-protezzjoni tal-kreditu	Isem il-kontroparti li għaliha tkun inxtrat protezzjoni għall-inadempjenza tagħha.
NC0220	Rata tal-imgħax fornuta bl-iswap (għax-xerrej)	Ir-rata tal-imgħax fornuta skont il-kuntratt tal-iswap (għal swaps tar-rati tal-imgħax biss).
NC0230	Rata tal-imgħax riċevuta bl-iswap (għax-xerrej)	Ir-rata tal-imgħax irċevuta skont il-kuntratt tal-iswap (għal swaps tar-rati tal-imgħax biss).
NC0240	Munita fornuta bl-iswap (għax-xerrej)	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-prezz ta' swap (għal swaps tal-munita biss).
C0250	Munita riċevut bl-iswap (għax-xerrej)	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-ammont nozzjonali ta' swap (għal swaps tal-munita biss).
C0260	Dħul li ġej minn derivattivi	Dħul nett li ġej mill-investiment jew mix-xiri ta' derivattivi. Wara l-profitt u t-telf ibbażati fuq l-IFRS, kemm ir-riżultati realizzati kif ukoll dawk mhux realizzati huma mistennija hawnhekk. L-ammonti għandhom jiġu ppreżentati bil-valur nadif tagħhom (meta mqabbla ma' QRT S.09.01. SII). L-imgħaxijiet se jiġu rrapportati fi S. 36.05 IGT P&L.
C0270	Kummenti	Il-kummenti għandu jkun fihom: — notifika jekk it-tranżazzjoni ma tkunx twettqet abbażi tal-prinċipju ta' distakkament — kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra rigward in-natura ekonomika tal-operazzjoni

S.36.03 — TIG — Obligazzjonijiet kontinġenti u li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali

Kummenti ġenerali:

Din il-formola hija relatata mal-informazzjoni li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jipprovdu mill-inqas darba fis-sena.

Din il-formola għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet intragrupp kollha (sinifikanti, sinifikanti ħafna u meħtieġa li jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha) bejn l-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tas-superviżjoni tal-grupp relatati ma' garanziji li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali.

Dawn jinkludu, imma ma humiex limitati għal:

- Garanziji li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali;
C0100	Tip ta' kodiċi tal-assi jew l-obbligazzjoni sottostanti d-derivattiv.	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Strumenti sottostanti d-derivattivi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — ISO/6166 għall-ISIN</p> <p>2 — CUSIP (numru tal-Committee on Uniform Securities Identification Procedures assenjat mis-CUSIP Service Bureau lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi)</p> <p>3 — SEDOL (Stock Exchange Daily Official List għall-Borża ta' Londra)</p> <p>4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)</p> <p>5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
		<p>6 — BBGID (The Bloomberg Global ID)</p> <p>7 — Reuters RIC (Reuters instrument code)</p> <p>8 — FIĠI (Financial Instrument Global Identifier)</p> <p>9 — Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumerar</p> <p>99 — Kodiċi attribwit mill-impriża meta l-ebda opzjoni minn dawn t'hawn fuq ma tkun disponibbli. Din l-opzjoni għandha tintuża wkoll għall-każijiet ta' "Diversi assi/obligazzjonijiet" u indiċijiet.</p>
C0110	Użu tad-derivattiv	<p>Iddeskrivi l-użu tad-derivattiv (ħeġġ mikro/makro, ġestjoni effiċjenti tal-portafoll).</p> <p>Ħeġġ mikro jirreferi għal derivattivi li jkopru strument finanzjarju wieħed (assi jew obligazzjoni), tranżazzjoni prevista jew obligazzjoni oħra.</p> <p>Ħeġġ makro jirreferi għal derivattivi li jkopru sett ta' strumenti finanzjarji (assi jew obligazzjonijiet), tranżazzjonijiet previsti jew obligazzjonijiet oħra.</p> <p>Ġestjoni effiċjenti tal-portafoll normalment tirreferi għal operazzjonijiet fejn il-maniġer jixtieq ittejjeb l-introjt ta' portafoll billi jiskambja xejra (baxxa) ta' fluss ta' flus ma' oħra b'valur ogħla, billi juża derivattiv jew sett ta' derivattivi, mingħajr ma jbidel il-kompożizzjoni tal-assi tal-portafoll, b'kontenut aktar baxx ta' ammont ta' investment u inqas kostijiet tat-tranżazzjonijiet.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Ħeġġ mikro</p> <p>2 — Ħeġġ makro</p> <p>3 — Pariġġar tal-flussi tal-flus tal-assi u l-obbligazzjonijiet użati fil-kuntest ta' portafolli ta' aġġustament ta' korrispondenza</p> <p>4 — Ġestjoni effiċjenti tal-portafoll, minbarra "Pariġġar tal-flussi tal-flus tal-assi u l-obbligazzjonijiet" użati fil-kuntest ta' portafolli ta' aġġustament ta' korrispondenza</p>
C0131	Ammont nozzjonali tad-derivattiv	<p>L-ammont kopert jew skopert għad-derivattiv, irrapporat fil-munita oriġinali.</p> <p>Għal futuri u opzjonijiet, jikkorrispondi għad-daqs tal-kuntratt multiplikat bil-valur skattanti u bl-għadd ta' kuntratti rapportati f'dik il-linja. Għal swaps u forwards jikkorrispondi għall-ammont tal-kuntratti rapportati f'dik il-linja. Meta l-valur skattanti jikkorrispondi għal firxa, għandu jintuża l-valur medju tal-firxa.</p> <p>L-ammont nozzjonali jirreferi għall-ammont li qed jiġi ħħeġġjat/investit (meta ma jkunx qed ikopri riskji). Jekk iseħħ ħafna negozju, dan għandu jkun l-ammont nett fid-data tar-rapporat.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
C0140	Xerrej/bejgiegh	<p>Għal futuri u opzjonijiet, swaps u kuntratti ta' derivattivi ta' kreditu biss.</p> <p>Identifika jekk il-kuntratt tad-derivattivi nxtarax jew inbieghx.</p> <p>Il-pożizzjoni tax-xerrej u l-bejgiegh għal swaps hija definita b'mod relattiv għat-titolu jew l-ammont nozzjonali u l-flussi tal-iswap.</p> <p>Bejgiegh ta' swap huwa s-sid ta' titolu jew ammont nozzjonali fil-bidu tal-kuntratt u jaqbel li jikkonsenja matul it-terminu tal-kuntratt dak it-titolu jew l-ammont nozzjonali, inkluż kwalunkwe ħruġ ieħor relatat mal-kuntratt, meta applikabbli.</p> <p>Xerrej ta' swap għandu jkun sid it-titolu jew l-ammont nozzjonali fi tmiem il-kuntratt tad-derivattivi u għandu jirċievi matul it-terminu tal-kuntratt dak it-titolu jew l-ammont nozzjonali, inkluż kwalunkwe ħruġ ieħor relatat mal-kuntratt, meta applikabbli.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa, bl-eċċezzjoni għall-iswaps tar-Rata tal-Imgħax:</p> <p>1 — Xerrej</p> <p>2 — Bejgiegh</p> <p>Għall-iswaps tar-rata tal-imgħax għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>3 — FX-FL: Jikkonsenja fiss-għal-varjabbli</p> <p>4 — FX-FX: Jikkonsenja fiss-għal-fiss</p> <p>5 — FL-FX: Jikkonsenja varjabbli-għal-fiss</p> <p>6 — FL-FL: Jikkonsenja varjabbli-għal-varjabbli</p>
C0150	Primjum imħallas sal-lum	<p>Il-pagament li sar (jekk inxtraw), għall-opzjonijiet u l-ammonti ta' primjum bil-quddiem u perjodiċi mħallsa għal swaps, mill-mument li l-impriża tkun daħlet fil-kuntratt derivattiv.</p>
C0160	Primjum irċevut sal-lum	<p>Il-pagament riċevut (jekk mibjugħa), għall-opzjonijiet u l-ammonti ta' primjum bil-quddiem u perjodiċi riċevuti għal swaps, mill-mument li l-impriża tkun daħlet fil-kuntratt derivattiv.</p>
C0170	Għadd ta' kuntratti	<p>Għadd ta' kuntratti derivattivi simili rapportati fil-linja. Għandu jkun l-għadd ta' kuntratti ffirmati. Għal derivattivi Barra l-Borża, eż. kuntratt wieħed ta' swap, għandu jiġi rapportat "1", jekk għaxar swaps bl-istess karatteristiċi, għandu jiġi rapportat "10".</p> <p>L-għadd ta' kuntratti jista' ma jkunx numru sħiħ, meta jkun hemm bżonn li l-kuntratti jinqasmu.</p> <p>L-għadd ta' kuntratti għandu jkun ta' dawk pendenti fid-data tar-rapportar.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
C0180	Daqs tal-kuntratt	<p>L-għadd ta' assi sottostanti fil-kuntratt (pereżempju għal futuri ta' ekwità huwa l-għadd ta' ekwitajiet li għandhom jiġu konsenjati għal kull kuntratt ta' derivattivi fil-maturità, għall-futuri tal-bonds huwa l-ammont ta' referenza sottostanti kull kuntratt).</p> <p>Il-mod li bih id-daqs tal-kuntratt huwa definit ivarja skont it-tip ta' strument. Għall-futuri tal-ekwitajiet huwa komuni li wieħed isib id-daqs tal-kuntratt definit bħala funzjoni tal-għadd ta' ishma sottostanti l-kuntratt.</p> <p>Għal futuri tal-bonds, huwa l-ammont nominali tal-bond sottostanti l-kuntratt.</p> <p>Applikabbli biss għal futuri u opzjonijiet.</p>
C0190	Telf massimu f'event ta' riżoluzzjoni.	<p>Ammont massimu ta' telf f'każ ta' event ta' riżoluzzjoni. Applikabbli għall-Kategorija CIC F.</p> <p>Meta derivattivi ta' kreditu jkun kollateralizzat 100 %, it-telf massimu f'event ta' riżoluzzjoni jkun żero.</p>
C0200	Ammont ta' ħruġ ta' swaps	<p>Ammont konsenjat taħt il-kuntratt ta' swap (minbarra primjums), matul il-perjodu ta' rapportar. Jikkorrispondi għal imgħax imħallas għal IRS u l-ammonti konsenjati għal swaps tal-muniti, swaps tal-kreditu, swaps tar-redditu totali u swaps oħra.</p> <p>Fil-każijiet li fihom is-saldu jsir fuq bażi netta, għandha tiġi rrapportata waħda biss mill-entrati C0200 u C0210.</p>
C0210	Ammont ta' influż ta' swaps	<p>Ammont riċevut taħt il-kuntratt ta' swap (minbarra primjums), matul il-perjodu ta' rapportar. Jikkorrispondi għal imgħax irċevut għal IRS u l-ammonti riċevuti għal swaps ta' munita, swaps tal-kreditu, swaps tar-redditu totali u swaps oħra.</p> <p>Fil-każijiet li fihom is-saldu jsir fuq bażi netta, għandha tiġi rrapportata waħda biss mill-entrati C0200 u C0210.</p>
C0220	Data inizjali	<p>Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data ta' meta l-obbligi taħt il-kuntratt jidħlu fis-seħħ.</p> <p>Meta jseħħu diversi dati għall-istess derivattivi, għandha tiġi rrapportata biss dik li tirrigwarda l-ewwel data ta' negozju tad-derivattivi u ringiela waħda biss għal kull derivattivi (mhux ringiela waħda għal kull negozju) li jirriflettu l-ammont totali investit f'dak id-derivattivi b'konsiderazzjoni tad-dati differenti ta' negozju.</p> <p>F'każ ta' novazzjoni, id-data tan-novazzjoni ssir id-data tan-negozju għal dak id-derivattivi.</p>
C0230	Durata	<p>Durata ta' derivattivi, definita bħala d-durata residwa modifikata, għal derivattivi li għalihom hija applikabbli miżura ta' durata.</p> <p>Kalkulata bħala d-durata netta bejn l-influssi u l-ħruġ mid-derivattiva, meta applikabbli.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
C0240	Valur tas-Solvenza II	Valur tad-derivattivi fid-data tar-rapportar ikkalkolat kif definit mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE. Jista' jkun pożittiv, negattiv jew żero.
C0250	Metodu ta' valwazzjoni	Identifika l-metodu ta' valwazzjoni użat biex jiġu valwati d-derivattivi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — prezzijiet ikkwotati fis-suq fi swieq attivi għall-istess assi jew obligazzjonijiet 2 — prezzijiet ikkwotati fis-suq fi swieq attivi għal assi jew obligazzjonijiet simili 3 — metodi alternattivi ta' valwazzjoni 6 — valwazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35

Informazzjoni dwar derivattivi

C0040	Kodiċi tal-ID tad-derivattivi	Kodiċi tal-ID tad-derivattivi skont din il-prijorità: — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli, u jridu jkunu konsistenti maż-żmien
C0050	Tip ta' Kodiċi tal-ID tad-derivattivi	Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi tal-ID tad-Derivattivi". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — ISO/6166 għall-ISIN 2 — CUSIP (numru tal-Committee on Uniform Securities Identification Procedures assenjat mis-CUSIP Service Bureau lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi) 3 — SEDOL (Stock Exchange Daily Official List għall-Borża ta' Londra) 4 — WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 — Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 — BBGID (The Bloomberg Global ID) 7 — Reuters RIC (Reuters instrument code) 8 — FIĠI (Financial Instrument Global Identifier) 9 — Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumerar 99 — Kodiċi attribwit mill-impriża

Informazzjoni dwar derivattivi

C0260	Isem il-Kontroparti	<p>Isem il-kontroparti tad-derivattiv. Meta disponibbli, din l-entrata għandha tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-<i>data</i> tal-LEI. Meta mhux disponibbli, għandu jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p> <p>Għandu jiġi kunsidrat dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Isem is-suq tal-kambju għal derivattivi nnegozjati skambjati; jew — Isem il-Kontroparti Ċentrali (CCP) għal derivattivi Barra l-Borża meta jiġu kklerjati permezz ta' CCP; jew — Isem il-kontroparti kuntrattwali għad-derivattivi l-oħrajn barra l-borża.
C0270	Kodiċi tal-kontroparti	<p>Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kontroparti, skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — LEI, meta disponibbli; — Il-kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-LEI ma jkunx disponibbli, li għandu jkun konsistenti matul iż-żmien. <p>Din l-entrata hija applikabbli għall-kontropartijiet kollha, inkluż għal derivattivi kklerjati permezz ta' kontroparti ċentrali, f'liema każ il-Kodiċi tal-kontroparti jirreferi għal dik il-kontroparti ċentrali.</p>
C0280	Tip ta' kodiċi tal-kontroparti	<p>Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Kontroparti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — LEI 2 — Kodiċi speċifiku
C0290	Klassifikazzjoni esterna	<p>Applikabbli biss għal derivattivi barra l-borża.</p> <p>Il-klassifikazzjoni tal-kontroparti tad-derivattiv fid-<i>data</i> ta' referenza tar-rapportar maħruġa mill-istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) nominata.</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għal derivattivi li għalihom l-impriżi li jużaw mudell intern jużaw klassifikazzjonijiet interni. Jekk l-impriżi li jużaw mudell intern ma jużawx klassifikazzjoni interna, din l-entrata għandha tiġi rapportata.</p> <p>Jekk il-klassifikazzjoni tal-emittent ma tkunx disponibbli, l-entrata għandha titħalla vojta.</p> <p>Fil-każ li f'C0300 tiġi rapportata "ECAI multipli", għandha tiġi rapportata l-aktar klassifikazzjoni esterna rappreżentattiva.</p>
C0300	ECAI nominata	<p>Identifika l-istituzzjoni eseterna tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAI) li tagħti l-klassifikazzjoni esterna f'C0290, billi tuża isem l-ECAI kif publikat fuq is-sit web tal-ESMA. F'każ ta' klassifikazzjonijiet maħruġa minn sussidjarji tal-ECAI, għandha tiġi rapportata l-ECAI prinċipali (issir ir-referenza għal-lista tal-ESMA tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu).</p> <ul style="list-style-type: none"> — Din l-entrata għandha tiġi rapportata meta tiġi rapportata l-entrata Klassifikazzjoni esterna (C0290).

Informazzjoni dwar derivattivi

C0310	Skala tal-kwalità kreditizja	<p>Identifika l-iskala tal-kwalità kreditizja attribwita lill-kontroparti, kif definit mill-Artikolu 109a(1) tad-Direttiva 2009/138/KE. L-iskala tal-kwalità kreditizja għandha tirrifletti kwalunkwe riaġġustament fil-kwalità tal-kreditu li sar internament mill-impriżi li jużaw il-formula standard.</p> <p>Din l-entrata ma tapplikax għal derivattivi li għalihom l-impriżi li jużaw mudell intern jużaw klassifikazzjonijiet interni. Jekk l-impriżi li jużaw mudell intern ma jużawx klassifikazzjoni interna, din l-entrata għandha tiġi rrapportata.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 0 — Skala tal-kwalità kreditizja 0 1 — Skala tal-kwalità kreditizja 1 2 — Skala tal-kwalità kreditizja 2 3 — Skala tal-kwalità kreditizja 3 4 — Skala tal-kwalità kreditizja 4 5 — Skala tal-kwalità kreditizja 5 6 — Skala tal-kwalità kreditizja 6 9 — L-ebda klassifikazzjoni disponibbli
C0320	Klassifikazzjoni interna	<p>Klassifikazzjoni interna tad-derivattivi għall-impriżi li jużaw klassifikazzjonijiet interni.</p> <p>Għall-impriżi li japplikaw aġġustament ta' korrispondenza, il-klassifikazzjoni interna għandha tiġi rrapportata sal-punt li l-klassifikazzjonijiet interni jintużaw biex tiġi kkalkolata l-firxa fundamentali msemmija fl-Artikolu 77c (2).</p>
C0330	Grupp tal-kontroparti	<p>Applikabbli biss għal derivattivi barra l-borża, fir-rigward ta' kontropartijiet kuntrattwali oħra minbarra suq tal-kambju u Kontroparti Ċentrali (CCP).</p> <p>Isem l-entità prinċipali aħħarija ta' kontroparti. Meta disponibbli, din l-entrata għandha tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-<i>data</i> tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridka (LEI). Meta mhux disponibbli, għandu jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.</p>
C0340	Kodiċi tal-Grupp tal-kontroparti	<p>Applikabbli biss għal derivattivi barra l-borża, fir-rigward ta' kontropartijiet kuntrattwali oħra minbarra suq tal-kambju u Kontroparti Ċentrali (CCP).</p> <p>Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kontroparti, skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — LEI meta disponibbli — Il-kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-LEI ma jkunx disponibbli, li għandu jkun konsistenti matul iż-żmien <p>Meta ma tkunx applikabbli, din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata.</p>

Informazzjoni dwar derivattivi

C0350	Tip ta' kodiċi tal-grupp tal-kontroparti	Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-grupp tal-Kontroparti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — LEI 2 — Kodiċi speċifiku
C0360	Isem il-kuntratt	Isem il-kuntratt tad-derivattivi.
C0370	Munita	Għandu jiġi identifikat il-kodiċi ISO 4217 alfabetiku tal-munita tad-derivattiv, jiġifieri l-munita tal-ammont nozzjonali tad-derivattiv (eż. opzjoni sabiex jinżamm ammont sottostanti f'USD, munita li għaliha l-ammont nozzjonali jkun espress kuntrattwalment għal swap FX).
C0371	Munita tal-prezz	Il-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-prezz tad-derivattiv għandu jiġi identifikat, jiġifieri l-munita tal-ammont skambjat mal-ammont nozzjonali tad-derivattiv. Pereżempju, jekk l-impriża tkun qed tħallas (jew tirċievi) il-munita A għall-ammont nozzjonali (munita B), il-munita tal-prezz tkun A. Il-munita tal-ammont nozzjonali tkun B, irrapportata f'(C0370).
C0380	CIC	Kodiċi ta' Identifikazzjoni Komplementari użat għall-klassifikazzjoni tal-assi, kif stabbilit fl-Anness — VI Tabella tas-CIC ta' dan ir-Regolament. Meta derivattivi jiġu klassifikat bl-użu tat-tabella CIC, l-impriżi għandhom iqisu l-aktar riskju rappreżentattiv li d-derivattiv ikun skopert għalih.
C0390	Valur skattanti	Prezz ta' referenza għal futuri, prezz tal-eżerċitar għall-opzjonijiet (għall-bonds, il-prezz għandu jkun perċentwali tal-ammont par), rata tal-kambju tal-munita jew rata tal-imgħax għal forwards, eċċ. Mhux applikabbli għal CIC D3 — Rata tal-imgħax u swaps tal-munita. Għal CIC F1 — Swaps tal-inadampjenza tal-kreditu din ma għandhiex tintela jekk mhux possibbli. Fil-każ ta' aktar minn skattatur wieħed matul iż-żmien, irrapporta l-iskattatur li jmiss. Meta d-derivattiv ikollu medda ta' valuri skattaturi, irrapporta s-sett separat b'virgola "," jekk il-medda ma tkunx kontinwa, u rrapporta l-medda separata bi "-" jekk tkun kontinwa.
C0400	Skattatur tal-unwinding tal-kuntratt	Għandu jiġi identifikat l-event li jikkawża r-riżoluzzjoni tal-kuntratt, lil hinn mill-iskadenza regolari jew it-termini u l-kundizzjonijiet. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Falliment tal-entità sottostanti jew referenzjarja 2 — Waqgħa avversa fil-valur tal-assi ta' referenza sottostanti 3 — Bidla avversa fil-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-assi jew l-entità sottostanti 4 — Novazzjoni, jiġifieri l-att ta' bdil ta' obbligu skont id-derivattiv ma' obbligu ġdid, jew bidla ta' parti fid-derivattiv ma' parti ġdida 5 — Eventi multipli jew taħlita ta' eventi 6 — Eventi oħra mhux koperti mill-opzjonijiet t'hawn fuq 9 — Ma hemmx skattatur tar-riżoluzzjoni

Informazzjoni dwar derivattivi

C0430	Data ta' maturità	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj), definit kuntrattwalment tad-data tal-għeluq tal-kuntratt tad-derivattiv, jekk hux fid-data tal-maturità, data tal-iskadenza tal-opzjonijiet (Ewropea jew Amerikana), eċċ.
C0440	Swap imwassal	Identifika x'tipprovdi l-impriża skont il-kuntratt ta' swap (Eż.: Euribor+0,5 %; 2,3 %; EUR).
C0450	Swap riċevut	Identifika x'tirċievi l-impriża skont il-kuntratt ta' swap (Eż.: Euribor+0,5 %; 2,3 %; EUR).

S.09.01 — Informazzjoni fuq il-qligħ/introjtu u telf fil-perjodu*Kummenti ġenerali:*

Din it-taqsimha hija relatata mas-sottomissjoni annwali ta' informazzjoni għall-gruppi.

Din il-formola fiha informazzjoni fuq il-qligħ/introjtu u telf skont il-kategorija tal-assi (inklużi derivattivi). Jiġifieri mhux meħtieġ rapportar entrata b'entrata. Il-kategoriji tal-assi kkunsidrati f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi.

Fil-livell ta' grupp, il-formola hija applikabbli għall-metodu 1 (il-metodu abbażi tal-konsolidazzjoni kontabilistika), il-metodu 2 (il-Metodu tat-tnaqqis u l-aggregazzjoni) u kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2.

Fejn jintuża biss il-metodu 1, ir-rapportar għandu jirrifletti l-pożizzjoni konsolidata tal-portafolli (jiġifieri netti mit-TIG) fl-ambitu tas-supervizzjoni tal-grupp. Ir-rapportar isir kif ġej:

- L-entrati "L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010" u "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża — C0020" ma għandhomx jiġu rrapportati;
- Qligħ/introjtu u telf ta' portafolli miżmuma minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta' portafolli miżmuma mill-impriżi konsolidati skont l-Artikolu 335, paragrafu 1, (a), (b) u (c) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta' portafolli miżmuma minn impriżi oħra relatati m'għandhomx jiġu inklużi;

Fejn jintuża biss il-metodu 2, ir-rapportar għandu jinkludi l-lista dettaljata tal-portafolli minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u s-sussidjarji tagħha u l-profittabilità tagħhom skont il-kategorija tal-assi. Ir-rapportar isir kif ġej:

- L-entrati "L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010" u "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża — C0020" għandhom jiġu rrapportati;
- Qligħ/introjtu u telf ta' portafolli miżmuma minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta' portafolli miżmuma minn sussidjarji (taż-ŻEE, mhux ŻEE ekwivalenti, mhux ŻEE mhux ekwivalenti) għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta' portafolli miżmuma minn impriżi oħra relatati m'għandhomx jiġu inklużi;

Meta tintuża kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2, parti waħda mir-rapportar tirrefletti l-pożizzjoni konsolidata tal-portafolli (jiġifieri netta minn TIG) fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp li jridu jiġu rrapportati u l-parti l-oħra għandha tinkludi l-lista dettaljata tal-portafolli miżmuma minn sussidjarji u l-profittabilità tagħhom skont il-kategorija tal-assi.

L-ewwel parti tar-rapportar issir kif ġej:

- L-entrati “L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010” u “Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża — C0020” ma għandhomx jiġu rrapportati;
- Qligħ/introjtu u telf ta’ portafolli miżmuma minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta’ portafolli miżmuma mill-impriżi konsolidati skont l-Artikolu 335, paragrafu 1, (a), (b) u (c) tar-Regolament ta’ Delega (UE) 2015/35 għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta’ portafolli miżmuma minn impriżi oħra relatati m’għandhomx jiġu inklużi;

It-tieni parti tar-rapportar issir kif ġej:

- L-entrati “L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010” u “Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża — C0020” għandhom jiġu rrapportati;
- Qligħ/introjtu u telf ta’ portafolli miżmuma minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta’ portafolli miżmuma minn sussidjarji (taż-ŻEE, mhux ŻEE ekwivalenti, mhux ŻEE mhux ekwivalenti) għandhom jiġu rrapportati portafoll portafoll, kull wieħed skont il-kategorija tal-assi;
- Qligħ/introjtu u telf ta’ portafolli miżmuma minn impriżi oħra relatati m’għandhomx jiġu inklużi;

L-entrati għandhom jiġu rrapportati b’valuri pożittivi sakemm l-istruzzjonijiet rispettivi ma jgħidux mod ieħor.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010	L-isem ġuridiku tal-impriża	<p>Identifika l-isem ġuridiku tal-impriża fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp li r-redditu fuq l-investment jirrelata għaliha.</p> <p>Din l-entrata għandha timtela biss meta tirrelata mar-redditu fuq l-investment skont il-kategorija tal-assi għal assi miżmuma minn sussidjarji konsolidati taħt il-metodu ta’ tnaqqis u aggregazzjoni.</p> <p>Iċ-ċellola għandha timtela biss meta tirrelata mal-lista tal-assi portafoll b’portafoll, irrapportati kollha skont il-kategorija tal-assi, miżmuma minn sussidjarji skont il-metodu 2.</p> <p>Meta timtela iċ-ċellola, il-portafolli miżmuma minn sussidjarji taħt il-metodu 2 ma jistgħux jiġu rrikonċiljati mal-formola S.06.02.</p> <p>Meta iċ-ċellola tkun vojta, il-portafolli miżmuma mill-grupp jistgħu jiġu rrikonċiljati mal-formola S.06.02.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0020	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża	<p>Kodiċi ta' identifikazzjoni skont dan l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) obligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku fil-każ ta' nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi li ma humiex regolati fi ħdan l-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni se jkun ipprovdut mill-grupp. Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux fiż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: <p>kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri</p>
C0030	Tip ta' kodiċi ta' ID tal-impriża	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — LEI 2 — Kodiċi speċifiku
C0040	Kategorija tal-assi	<p>Identifika l-kategoriji tal-assi preżenti fil-portfoll.</p> <p>Uża l-kategoriji definiti fl-Anness IV — Kategoriji tal-Assi.</p>
C0050	Portafoll	<p>Distinzjoni bejn tal-ħajja, mhux tal-ħajja, fondi tal-azzjonisti, ġenerali (l-ebda qsim) u fondi delimitati.</p> <p>Il-qliġh/l-introjtu u t-telf fir-rigward tal-assi sottostanti l-provvedimenti tekniċi tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll tal-ħajja u l-qliġh/introjtu u t-telf fir-rigward tal-assi sottostanti l-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja għandhom jiġu assenjati lill-portafoll mhux tal-ħajja (billi jiġi applikat l-aktar qsim preċiż disponibbli).</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Tal-ħajja 2 — Mhux tal-ħajja 3 — Fondi delimitati 4 — Fondi interni oħra 5 — Fondi tal-azzjonisti 6 — Ġenerali <p>Il-qsim ma huwiex obligatorju, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali, ħlief għall-identifikazzjoni ta' fondi delimitati, iżda għandu jiġi rrapportat jekk l-impriża tużah internament. Meta impriża ma tapplikax qsim, għandha tintuża "ġenerali".</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0060	Assi miżmum f'kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi	<p>Identifika l-assi li huma miżmuma minn kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 – Marbuta ma' indiċi jew marbuta ma' unitajiet</p> <p>2 — La marbuta ma' indiċi u lanqas marbuta ma' unitajiet</p>
C0070	Dividendi	<p>L-ammont ta' dividendi gwadanjati matul il-perjodu tar-rappurtar, jiġifieri dividendi rċevuti bit-tnaqqis tad-dritt li tirċievi dividend diġà rikonoxxut fil-bidu tal-perjodu tar-rappurtar, bl-addizzjoni tad-dritt li tirċievi dividend rikonoxxuti fi tmiem il-perjodu tar-rappurtar. Applikabbli għal assi li jrendu dividendi bħal ekwità, titoli privileġġati u impriżi ta' investiment kollettiv.</p> <p>Tinkludi wkoll dividendi rċevuti minn assi li ġew mibjugħa jew li mmaturaw.</p>
C0080	Imgħax	<p>L-ammont ta' mgħax gwadanjat, jiġifieri l-imgħax irċevut bit-tnaqqis tal-imgħax dovut fil-bidu tal-perjodu bl-addizzjoni tal-imgħax dovut fi tmiem il-perjodu tar-rappurtar.</p> <p>Jinkludi l-imgħax irċevut meta l-assi nbiegħ/immatūra jew meta ġie rċevut il-kupun.</p> <p>Applikabbli għall-kupuni u l-assi li jrendu imgħax bħal bonds, self u depożiti.</p>
C0090	Kera	<p>L-ammont ta' kera gwadanjat, jiġifieri l-kera rċevuta bit-tnaqqis tal-kera dovuta fil-bidu tal-perjodu bl-addizzjoni tal-kera dovuta fi tmiem il-perjodu tar-rappurtar.</p> <p>Tinkludi wkoll kirjiet irċevuti meta l-assi nbiegħ jew immatura.</p> <p>Applikabbli biss għal proprjetajiet, irrispettivament mill-funzjoni.</p>
C0100	Qligħ u telf nett	<p>Qligħ u telf nett li jirriżulta minn assi mibjugħa jew li mmaturaw matul il-perjodu tar-rappurtar.</p> <p>Il-qligħ u t-telf huma kalkolati bħala d-differenza bejn il-bejgħ jew valur tal-maturità u l-valur skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE fi tmiem is-sena tar-rappurtar ta' qabel (jew, fil-każ ta' assi akkwistati matul il-perjodu tar-rappurtar, il-valur tal-akkwiżizzjoni).</p> <p>Il-valur nett jista' jkun pożittiv, negattiv jew zero.</p> <p>Dan il-kalkolu għandu jsir mingħajr l-imgħax dovut.</p>
C0110	Qligħ u telf mhux realizzati	<p>Qligħ u telf mhux realizzati li jirriżulta minn assi la mibjugħa u li lanqas ma mmaturaw matul il-perjodu tar-rappurtar.</p> <p>Il-qligħ u t-telf mhux realizzati huma kalkolati bħala d-differenza bejn il-valur skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE fi tmiem is-sena tar-rappurtar ta' qabel u l-valur skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE fi tmiem is-sena tar-rappurtar ta' qabel (jew, fil-każ ta' assi akkwistati matul il-perjodu tar-rappurtar, il-valur tal-akkwiżizzjoni).</p> <p>Il-valur nett jista' jkun pożittiv, negattiv jew zero.</p> <p>Dan il-kalkolu għandu jsir mingħajr l-imgħax dovut.</p>

S.10.01 — Self ta' titoli u repos

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija relatata mas-sottomissjoni annwali ta' informazzjoni għall-gruppi.

Din il-formola tinkludi lista entrata entrata ta' kuntratti ta' arranġamenti ta' għoti ta' self ta' titoli u ftehimiet ta' riakkwist (xerrej u bejjiegħ), li jinkludu wkoll l-iswaps tal-likwidità msemmija fl-Artikolu 309(2)(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.

Għandha tiġi rrapportata biss meta l-valur tat-titoli sottostanti tal-karta bilanċjali u barra l-karta bilanċjali involuti fi ftehimiet ta' għoti b'self jew ta' riakkwist, b'data ta' maturità li tiġi wara d-data ta' referenza tar-rapportar jirrappreżenta aktar minn 5 % tal-investimenti totali kif rapportat f'C0010/R0070 u C0010/R0220 tal-formola S.02.01. meta jintuża biss il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Meta jintuża l-metodu 1 flimkien mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE jew jintuża biss il-metodu 2, il-proporzjon għandu jiġi aġġustat sabiex jiġbor l-entrati tal-entitajiet kollha inklużi fl-ambitu tal-formola S.06.02.

Għandhom jiġu rrapportati l-kuntratti kollha li huma fil-karta bilanċjali u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali. L-informazzjoni għandha tinkludi l-kuntratti kollha fil-perjodu ta' rapportar irrispettivament minn jekk kinux miftuħa jew magħluqa fid-data tar-rapportar. Għal kuntratti li huma parti minn strateġija ta' riportament, meta dawn sostanzjalment ikunu l-istess tranżazzjoni, il-pożizzjonijiet miftuħa biss għandhom jiġu rrapportati.

Ftehim ta' riakkwist (repo) huwa definit b'hal l-bejgħ ta' titoli flimkien ma' ftehim li l-bejjiegħ jixtri lura t-titoli f'data aktar tard. Is-self ta' titoli huwa definit b'hal self ta' titoli minn parti waħda lil oħra, li jirrikjedi li l-mutwatarju jipprovi lill-mutwanti b'kollateral.

L-entrati għandhom jiġu rrapportati b'valuri pożittivi sakemm l-istruzzjonijiet rispettivi ma jgħidux mod ieħor.

Il-kategoriji tal-assi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għall-Anness VI — tabella tas-CIC ta' dan ir-Regolament.

Kull kuntratt ta' self repo u ta' titoli għandu jiġi rrapportat f'kemm ringieli huma meħtieġa biex tingħata l-informazzjoni mitluba. Jekk għal entrata waħda, għażla waħda tkun tgħodd għal parti waħda tal-istrument li jkun qed jiġi rrapportat, u għażla differenti tkun tgħodd għall-parti l-oħra, allura l-kuntratt ikun jeħtieġ li jiġi diżaggregat sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-istruzzjonijiet.

Il-formola hija applikabbli għall-metodu 1 (il-metodu abbażi tal-konsolidazzjoni kontabilistika), il-metodu 2 (il-Metodu tat-tnaqqis u l-aggregazzjoni) u kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2.

Fejn jintuża biss il-metodu 1, ir-rapportar għandu jirrifletti l-pożizzjoni konsolidata tal-kuntratti ta' tranżazzjoni repo u ta' self ta' titoli netti minn tranżazzjonijiet intragrupp li saru fl-ambitu tas-supervizzjoni tal-grupp. Ir-rapportar isir kif ġej:

- L-entrati “L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010” u “Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża — C0020” ma għandhomx jiġu rrapportati;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) konsolidati skont l-Artikolu 335, paragrafu 1, (a), (b) u (c) tar-Regolament ta’ Delega (UE) 2015/35 għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma minn impriżi oħra relatati m’għandhomx jiġu inklużi.

Fejn jintuża biss il-metodu 2, ir-rapportar għandu jinkludi l-lista dettaljata tal-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli mill-impriżi parteċipi, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u sussidjarji, u irrispettivament mis-sehem proporzjonali użat. Ir-rapportar isir kif ġej:

- L-entrati “L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010” u “Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża — C0020” għandhom jiġu rrapportati;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) minn impriżi ta’ assicurazzjoni u riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, impriżi ta’ servizzi anċillari u veikoli bi skop speċjali li huma sussidjarji (Żona Ekonomika Ewropea, ekwivalenti mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma minn impriżi oħra relatati m’għandhomx jiġu inklużi.

Meta tintuża kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2, parti waħda mir-rapportar tirrefletti l-pożizzjoni konsolidata tal-kuntratti repo u tas-self ta’ titoli, netta minn tranżazzjonijiet intragrupp, miżmuma fl-ambitu tas-supervizzjoni tal-grupp li trid tiġi rrapportata u l-parti l-oħra għandha tinkludi l-lista dettaljata tal-kuntratti repo u tas-self ta’ titoli miżmuma mill-impriżi parteċipi, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u sussidjarji, irrispettivament mis-sehem proporzjonali użat.

L-ewwel parti tar-rapportar isir kif ġej:

- L-entrati “L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010” u “Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża — C0020” ma għandhomx jiġu rrapportati;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) konsolidati skont l-Artikolu 335, paragrafu 1, (a), (b) u (c) tar-Regolament ta’ Delega (UE) 2015/35 għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma minn impriżi oħra relatati m’għandhomx jiġu inklużi.

It-tieni parti tar-rapportar issir kif ġej:

- L-entrati “L-isem ġuridiku tal-impriża — C0010” u “Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża — C0020” għandhom jiġu rrapportati;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) minn impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta taħt il-metodu 2 għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta’ trasparenza) minn impriżi ta’ assicurazzjoni u riassigurazzjoni, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, impriżi ta’ servizzi anċillari u veikoli bi skop speċjali li huma sussidjarji taħt il-metodu 2 (Żona Ekonomika Ewropea, ekwivalenti mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti mhux miż-Żona Ekonomika Ewropea) għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- Il-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti ta’ self ta’ titoli miżmuma minn impriżi oħra relatati taħt il-metodu 2 m’għandhomx jiġu inklużi.

	ENTRATA	STRUZZONIJET
C0010	L-isem ġuridiku tal-impriża	<p>Identifika l-isem ġuridiku tal-impriża fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp li żżomm ir-repo u s-self ta’ titoli.</p> <p>Din l-entrata għandha biss timtela’ meta tirrelata mal-ftehimiet ta’ riakkwist u kuntratti tas-self ta’ titoli miżmuma minn impriżi parteċipi, kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u sussidjarji skont il-metodu ta’ tnaqqis u aggregazzjoni.</p>
C0020	Kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża	<p>Kodiċi ta’ identifikazzjoni skont dan l-ordni ta’ prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta’ Entità Ġuridika (LEI) obbligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku fil-każ ta’ nuqqas ta’ kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp: il-kodiċi ta’ identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi li ma humiex regolati fi ħdan l-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp, il-kodiċi ta’ identifikazzjoni se jkun ipprovdut mill-grupp. Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta’ identifikazzjoni lil kull impriża mhux fiż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b’mod konsistenti: <p>kodiċi ta’ identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0030	Tip ta' kodiċi ta' ID tal-impriża	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — LEI 2 — Kodiċi speċifiku
C0040	Portafoll	<p>Distinzjoni bejn tal-ħajja, mhux tal-ħajja, fondi tal-azzjonisti, ġenerali (l-ebda qsim) u fondi delimitati. L-assi sottostanti tal-provvedimenti tekniċi tal-ħajja għandhom jiġu assenjati għall-portafoll tal-ħajja u l-assi sottostanti tal-provvedimenti tekniċi mhux tal-ħajja għandhom jiġu assenjati għall-portafoll mhux tal-ħajja (billi jiġi applikat l-aktar qsim preċiż disponibbli).</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Ħajja 2 — Mhux tal-ħajja 3 — Fondi delimitati 4 — Fond intern ieħor 5 — Fondi tal-azzjonisti 6 — Ġenerali <p>Il-qsim ma huwiex obligatorju, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali, ħlief għall-identifikazzjoni ta' fondi delimitati, iżda għandu jiġi rrapportat jekk l-impriża tużah internament. Meta impriża ma tapplikax qsim, għandha tintuża "ġenerali".</p> <p>Għal assi miżmuma barra l-karta bilanċjali din l-entrata ma għandhiex tiġi rrapportata.</p>
C0050	Numru tal-fond	<p>Applikabbli għal assi miżmuma f'fondi separati jew fondi interni oħra definiti skont is-swieq nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' fondi (portafolli tal-assi) li jsostnu l-prodotti tal-ħajja.</p> <p>Numru jew kodiċi li huwa attribwit mill-impriża, li jikkorrispondi man-numru jew il-kodiċi uniku assenjat lil kull fond. Dan in-numru jew il-kodiċi għandu jkun konsistenti matul iż-żmien u għandu jintuża biex jidentifika l-istess fondi f'formoli oħrajn (eż. fS.06.02). Ma għandux jerġa' jintuża għal xi fond ieħor.</p> <p>In-Numru tal-Fond ma huwiex obligatorju, sakemm ma jkunx meħtieġ mod ieħor mill-awtorità superviżorja nazzjonali.</p>
C0060	Kategorija tal-assi	<p>Identifika l-kategoriji tal-assi sottostanti misluf/provdut bħala parti minn tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli jew ftehimiet ta' riakkwist.</p> <p>Uża l-kategoriji definiti fl-Anness IV — Kategoriji tal-Assi ta' dan ir-Regolament.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0070	Isem il-Kontroparti	Isem il-kontroparti tal-kuntratt. Meta disponibbli, din l-entrata tikkorrispondi għall-isem tal-entità fil-bażi tad-dejta LEI. Meta mhux disponibbli, jikkorrispondi għall-isem ġuridiku.
C0080	Kodiċi tal-kontroparti	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kontroparti permezz tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI), jekk disponibbli. Jekk mhux disponibbli din l-entrata ma tiġix rapportata.
C0090	Tip ta' kodiċi tal-kontroparti	Identifikazzjoni tal-kodiċi użat għall-entrata "Kodiċi tal-Kontroparti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — LEI 9 — L-ebda
C0100	Kategorija ta' assi tal-kontroparti	Identifika l-kategorija l-aktar sinifikanti tal-assi misluf/provdut bħala parti minn tranżazzjonijiet ta' self ta' titoli jew ftehimiet ta' riakkwist. Uża l-kategoriji tal-assi definiti fl-Anness IV — Kategoriji tal-Assi ta' dan ir-Regolament.
C0110	Assi miżmuma f'kuntratti marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet	Identifika jekk l-assi sottostanti identifikati f'C0060 humiex miżmuma minn kuntratti marbuta ma' unitajiet u marbuta ma' indiċi. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Marbuta ma' indiċi jew marbuta ma' unitajiet 2 — La marbuta ma' indiċi u lanqas marbuta ma' unitajiet
C0120	Pożizzjoni fil-kuntratt	Identifika jekk l-impriża hiex xerrej jew bejjiegħ f'repo jew mutwatarju jew mutwanti fis-self ta' titoli. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Xerrej f'repo 2 — Bejjiegħ f'repo 3 — Mutwanti f'self ta' titoli 4 — Mutwatarju f'self ta' titoli
C0130	Ammont tal-komponent prossimu (near leg)	Jirrappreżenta l-ammonti li ġejjin: — Xerrej f'repo: ammont irċevut fil-bidu tal-kuntratt — Bejjiegħ f'repo: ammont ċedut fil-bidu tal-kuntratt — Mutwanti f'self ta' titoli: ammont irċevut bħala garanzija fil-bidu tal-kuntratt — Mutwatarju f'self ta' titoli: ammont jew valur tas-suq tat-titoli rċevut fil-bidu tal-kuntratt inizjali

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0140	Ammont tal-komponent 'il bogħod	Din l-entrata hija applikabbli biss għal repos u tirrappreżenta l-ammonti li ġejjin: — Xerrej f'repo: ammont ċedut fil-maturità tal-kuntratt — Bejjiegħ f'repo: ammont irċevut fil-maturità tal-kuntratt
C0150	Data tal-bidu	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-bidu tal-kuntratt. Id-data tal-bidu tal-kuntratt tirreferi għad-data meta l-obbligi fil-kuntratt isru effettivi.
C0160	Data ta' maturità	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-għeluq tal-kuntratt. Anke jekk il-kuntratt ikun fuq bażi eżerċitabbli miftuħa, normalment ikun hemm data meta jiskadi l-kuntratt. F'dawn il-każijiet din id-data trid tiġi rapportata jekk ma jiġix eżerċitat qabel. Ftehim huwa meqjus magħluq meta jimmatūra, jiġi eżerċitat jew il-ftehim jiġi kkanċellat. Għal kuntratti mingħajr data definita ta' maturità rrapporta "9999-12-31".
C0170	Valur tas-Solvenza II	Din l-entrata hija applikabbli biss għal kuntratti li jkunu għadhom miftuħa fid-data tar-rapportar. Il-valur tal-kuntratt repo jew ta' self ta' titoli, skont ir-regoli tal-valwazzjoni ta' kuntratti fl-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan il-valur jista' jkun pożittiv, negattiv jew zero.

S.11.01 — Assi miżmumin bħala kollateral

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija relatata mas-sottomissjoni annwali ta' informazzjoni għall-gruppi.

Din il-formola għandha tiġi rapportata kull sena meta l-proporzjon tal-valur tal-assi miżmuma bħala kollateral mal-karta bilanċjali totali jaqbeż l-10 %.

Il-pula ta' assi li jiggarantixxu l-investment (eż. il-pula ta' assi li huma kollateral għal bonds koperti) ma għandhiex tiġi rrapportata f'din il-formola. Il-kollateral li jkopri r-riċevibbli tar-riassigurazzjoni għandu jiġi rrapportat fil-formola S.11.01.

Din il-formola fiha lista entrata entrata ta' assi mhux fil-karta bilanċjali miżmuma bħala kollateral biex tiġi koperta l-karta bilanċjali fi tmiem il-perjodu ta' rapportar. Il-kollaterali jitqiesu "miżmuma" meta l-impriżi inklużi fl-ambitu deskritt hawn taħt jew waħda mill-impriżi li jkunu parti mill-grupp ikollha d-"dritt ta' aċċess dirett għall-kollateral", u għalhekk il-kollateral ikun ġie impenjat lill-entità u jkun identifikabbli individwalment.

Din tikkonsisti f'informazzjoni dettaljata mill-perspettiva tal-assi miżmuma bħala kollateral u mhux mill-perspettiva tal-arranġament kollaterali.

Jekk ikun hemm pula ta' kollaterali jew arranġamenti kollaterali li jinkludi assi multipli, għandhom jiġu rrapportati ringieli daqs kemm hemm assi fil-pula jew l-arranġament.

Din il-formola fiha żewġ tabelli: Informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma u informazzjoni dwar l-assi.

Fit-tabella tal-informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet miżmuma, kull assi miżmum bħala kollateral għandu jiġi rrapportat separatament f'kemm ringieli huma meħtieġa biex jimtew kif xieraq il-varjabbli kollha mitluba f'dik it-tabella. Jekk għall-istess assi jkunu jistgħu jiġu attribwiti żewġ valuri għal varjabbli wieħed, allura dan l-assi għandu jiġi rrapportat fiktur minn linja waħda. Proprietà immobbli miżmuma bħala kollateral ta' ipoteki relatati ma' individwi għandha tiġi rrapportata flinja waħda unika.

Fit-tabella tal-informazzjoni dwar l-assi, kull assi miżmum bħala kollateral għandu jiġi rrapportat separatament, b'ringiela waħda għal kull assi u għandhom jimtew il-varjabbli kollha mitluba f'dik it-tabella.

L-entrati kollha minbarra l-entrati "Tip ta' assi li għalih huwa miżmum kollateral" (C0140), "Isem il-kontroparti li tirhan il-kollateral" (C0060) u "Isem il-grupp tal-kontroparti li jirhan il-kollateral" (C0070) huma relatati ma' informazzjoni dwar l-assi miżmuma bħala kollateral. L-entrata C0140 tikkonċerna l-assi fil-karta bilanċjali li għalih huwa miżmum il-kollateral filwaqt li entrati C0060 u C0070 jirrigwardaw il-kontroparti li tirhan il-kollateral.

Il-kategoriji tal-assi msemmijin f'din il-formola huma dawk definiti fl-Anness IV — Kategoriji ta' Assi ta' dan ir-Regolament u r-referenzi għall-kodiċijiet CIC jirreferu għall-Anness VI — tabella tas-CIC ta' dan ir-Regolament.

Il-formola S.11.01 tinkludi l-assi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali miżmuma bħala kollateral biex jiġu koperti l-assi tal-karta bilanċjali miżmuma direttament mill-impriża u dawn l-ammonti għandhom fil-fatt jiġu rrapportati wkoll f'S.03.01 f'C0020/R0100 sa R0130.

Il-formola hija applikabbli għall-metodu 1 (il-metodu abbażi tal-konsolidazzjoni kontabilistika), il-metodu 2 (il-Metodu tat-tnaqqis u l-aggregazzjoni) u kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2.

Fejn jintuża biss il-metodu 1, ir-rapportar għandu jirrifletti l-pożizzjoni konsolidata tal-assi miżmuma bħala kollateral fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp netti minn tranżazzjonijiet intragrupp. Ir-rapportar isir kif ġej:

- L-entrati "L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010" u "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża — C0020" ma għandhomx jiġu rrapportati;
- L-assi miżmumin direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza) bħala kollateral mill-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- L-assi miżmumin direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza) bħala kollateral minn impriżi konsolidati f'konformità mal-Artikolu 335, paragrafu 1(a), (b) u (c) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- L-assi miżmuma bħala kollateral minn impriżi relatati oħrajn m'għandhomx jiġu inklużi.

Fejn jintuża biss il-metodu 2, ir-rapportar għandu jinkludi l-lista dettaljata tal-assi miżmuma bħala kollateral mill-impriżi parteċipi, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, irrISPettivament mis-sehem proporzjonali użat. Ir-rapportar isir kif ġej:

- L-entrati "L-Isem ġuridiku tal-impriża — C0010" u "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża — C0020" għandhom jiġu rrapportati;
- L-assi miżmumin direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza) bħala kollateral mill-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni parteċipi jew il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta skont il-metodu 2 għandhom jiġu rrapportati entrata entrata;
- L-assi miżmumin direttament (jiġifieri mhux fuq bażi ta' trasparenza) bħala kollateral mill-impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni, l-impriżi tas-servizzi anċillari u l-veikoli bi skop speċjali li huma sussidjarji (Żona Ekonomika Ewropea, mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea iżda ekwivalenti u mhux taż-Żona Ekonomika Ewropea u mhux ekwivalenti) għandhom jiġu rrapportati entrata entrata mill-impriża;

— L-assi miżmuma bħala kollateral minn impriżi relatati oħrajn m'għandhomx jiġu inklużi.

Meta tintuża kombinazzjoni tal-metodi 1 u 2, parti waħda mir-rapportar tirrefletti l-pożizzjoni konsolidata tal-assi miżmuma bħala kollateral fl-ambitu tas-supervizzjoni tal-grupp, netta minn tranżazzjonijiet intragrupp, miżmuma fil-grupp li trid tiġi rapportata u l-parti l-oħra għandha tinkludi l-lista dettaljata tal-assi miżmuma bħala kollateral mill-impriżi parteċipi, il-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u sussidjarji, irrispettivament mis-sehem proporzjonali użat.

L-ewwel parti tar-rapportar issir kif ġej:

Din it-Taqsima hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-gruppi, fondi delimitati, portafolli ta' aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jibqa'.

Il-formula SR.25.01 għandha timtela għal kull fond delimitat (RFF), għal kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza (matching adjustment portfolio - MAP) u għall-parti li jifdal. Madankollu, meta RFF/MAP jinkludi MAP/RFF inkorporat, il-fond għandu jiġi trattat bħala fondi differenti. Din il-formola għandha tiġi rapportata għas-subfondi kollha ta' RFF/MAP materjali kif identifikati fit-tieni tabella tal-formula S.01.03.

Il-formola SR.25.01 tapplika biss b'rabta mal-RFF/MAP minn impriżi konsolidati skont l-Artikolu 335, paragrafu 1, (a) u (c) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, meta l-metodu 1 (il-metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni kontabilistika), jew esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 (il-metodu ta' tnaqqis u aggregazzjoni).

Meta l-entità jkollha MAP jew RFF (ħlief dawk li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE) meta jsir rapportar fil-livell tal-imprima fl-intier tagħha, ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza nozzjonali ("RKS_n") fil-livell tal-modulu tar-riskju u l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf (loss-absorbing capacity — LAC) tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti li għandhom jiġu rapportati, għandhom jiġu kalkulati kif ġej:

- Meta l-impreża tapplika l-aġġustament sħiħ minħabba l-aggregazzjoni tar-RKS_n tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità, ir-RKS_n jiġi kalkulat bħallikieku ma jeżistix telf tad-diverżifikazzjoni u l-LAC għandu jiġu kalkulat bħala s-somma tal-LAC fl-RFF/MAP kollha u l-parti li jibqa’;
- Meta l-impreża tapplika s-Simplifikazzjoni fil-livell tas-submodulu tar-riskju biex taggrega r-RKS_n tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità, ir-RKS_n jiġi kkalkolat billi jitqies il-metodu tas-sommazzjoni diretta fil-livell tas-submodulu u l-LAC għandu jiġi kkalkolat bħala s-somma tal-LAC fl-RFF/MAP kollha u l-parti li jibqa’;
- Meta l-impreża tapplika s-simplifikazzjoni fil-livell tal-modulu tar-riskju biex taggrega r-RKS_n tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità, ir-RKS_n jiġi kalkulat billi jitqies il-metodu tas-sommazzjoni diretta fil-livell tal-modulu u l-LAC għandu jiġi kalkulat bħala s-somma tal-LAC fl-RFF/MAP kollha u l-parti li jibqa’.

L-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKS_n tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità għandu jiġi allokat (C0050) fil-moduli tar-riskju rilevanti (jiġifieri riskju tas-suq, riskju ta’ inadempjenza tal-kontroparti, riskju ta’ sottoskrizzjoni tal-ħajja, riskju ta’ sottoskrizzjoni tas-saħħa u riskju ta’ sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja). L-ammont li jiġi allokat għal kull modulu ta’ riskju rilevanti għandu jiġi kalkulat kif ġej:

$$\text{Calculation of q factor} = \frac{\text{adjustment}}{\text{BSCR}' - \text{nSCR}_{\text{int}}},$$

fejn

—	<i>aġġustament</i>	=	Aġġustament ikkalkolat skont wieħed mit-tliet metodi msemmijin hawn fuq
—	BSCR’	=	Rekwiżit kapitali bażiku tas-solvenza kkalkolat skont l-informazzjoni rrapportata f’din il-formola (C0040/R0100)
—	<i>nSCR_{int}</i>	=	RKS _n għar-riskju tal-assi intanġibbli skont l-informazzjoni rrapportata f’din il-formola (C0040/R0070)

- Il-multiplikazzjoni ta’ dan il-“fattur q” bir-RKS_n ta’ kull modulu ta’ riskju rilevanti (jiġifieri, riskju tas-suq, riskju ta’ inadempjenza tal-kontroparti, riskju ta’ sottoskrizzjoni tal-ħajja, riskju ta’ sottoskrizzjoni tas-saħħa u riskju ta’ sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja)

Għar-rapportar ta’ grupp ir-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

- a) L-informazzjoni sa R0460 hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew waħdu jew flimkien mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE;
- b) Meta jintuża l-metodu mħallat, l-informazzjoni sa R0460 għandha tiġi ppreżentata biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Z0010	Artikolu 112	<p>Jidentifika jekk iċ-ċifri rapportati ntabx skont l-Artikolu 112(7) ta' Solvenza II, biex tiġi pprovduta stima tar-RKS bl-użu tal-formula standard.</p> <p>Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — Rapportar skont l-Artikolu 112(7)</p> <p>2 — Rapportar regolari</p>
Z0020	Fond delimitat, portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-parti li jibqa'	<p>Identifika jekk iċ-ċifri rapportati humiex dwar RFF, portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-parti li jibqa'. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 — RFF/MAP</p> <p>2 — Parti li jibqa'</p>
Z0030	Numru tal-fond/portafoll	<p>Meta l-entrata Z0020 = 1, in-numru ta' identifikazzjoni għal fond delimitat jew għal portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza. Dan in-numru jingħata mill-impriża fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp u jibqa' konsistenti tul iż-żmien u man-numru tal-fond/portafoll rapportat f'formoli oħrajn.</p>
R0010–R0050/ C0030	Rekwiżit kapitali tas-solvenza nett	<p>L-ammont tal-imposta kapitali netta għal kull modulu ta' riskju, kif kalkulat bl-użu tal-formula standard.</p> <p>Id-differenza bejn ir-RKS nett u dak gross hija l-korrispettiv tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 205 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.</p> <p>Dan l-ammont għandu jikkunsidra bis-sħiħ l-effetti tad-diversifikazzjoni stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta applikabbli.</p> <p>Dawn iċ-ċelloli ma jinkludux l-allokazzjoni tal-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKS tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw ir-RKS daqsliekku ma kienx hemm telf ta' diversifikazzjoni.</p>
R0010–R0050/ C0040	Rekwiżit kapitali tas-solvenza gross	<p>L-ammont tal-imposta kapitali gross għal kull modulu ta' riskju, kif kalkulat bl-użu tal-formula standard.</p> <p>Id-differenza bejn ir-RKS nett u dak gross hija l-korrispettiv tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri kif stabbiliti fl-Artikolu 206 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.</p> <p>Dan l-ammont għandu jikkunsidra bis-sħiħ l-effetti tad-diversifikazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta applikabbli.</p> <p>Dawn iċ-ċelloli ma jinkludux l-allokazzjoni tal-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKS tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw ir-RKS daqsliekku ma kienx hemm telf ta' diversifikazzjoni.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0010–R0050/ C0050	Allokazzjoni tal-aġġustament RFF minħabba l-RFF u l-portafolli tal-aġġustamenti ta' korrispondenza	Parti mill-aġġustament allokat lil kull modulu ta' riskju skont il-proċedura deskritta fil-kummenti ġenerali. Dan l-ammont għandu jkun pożittiv.
R0060/C0030	Rekwiżit kapitali tas-solvenza nett - Diversifikazzjoni	L-ammont tal-effetti tad-diversifikazzjoni bejn ir-RKS Bażiku tal-moduli tar-riskju netti, inkluża d-diversifikazzjoni f'kull modulu tar-riskju, minħabba l-applikazzjoni tal-matriċi ta' korrelazzjoni definita fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan l-ammont għandu jiġi rappurtata bħala valur negattiv.
R0060/C0040	Rekwiżit kapitali tas-solvenza gross - Diversifikazzjoni	L-ammont tal-effetti tad-diversifikazzjoni bejn ir-RKS Bażiku tal-moduli tar-riskju gross, inkluża d-diversifikazzjoni f'kull modulu tar-riskju, minħabba l-applikazzjoni tal-matriċi ta' korrelazzjoni definita fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan l-ammont għandu jiġi rappurtata bħala valur negattiv.
R0070/C0030	Rekwiżit kapitali tas-solvenza nett - Riskju tal-assi intanġibbli	L-ammont tal-imposta kapitali, wara l-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi, għal riskju tal-assi intanġibbli, kif kalkulat bil-formula standard.
R0070/C0040	Rekwiżit kapitali tas-solvenza gross - Riskju tal-assi intanġibbli	Benefiċċji diskrezzjonali futuri f'konformità mal-Artikolu 205 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 għar-riskju tal-assi intanġibbli huwa żero skont formola standard, u għalhekk R0070/C0040 ugwali għal R0070/C0030.
R0100/C0030	Rekwiżit kapitali tas-solvenza nett — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bażiku	L-ammont tar-rekwiżiti kapitali bażiċi, wara l-korrispettiv tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri kif stabbiliti fl-Artikolu 206 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, kif ikkalkolat bl-użu tal-formula standard. Dan l-ammont għandu jikkunsidra bis-sħiħ l-effetti tad-diversifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta applikabbli. Din iċ-ċellola ma tinkludix l-allokazzjoni tal-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKS tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw ir-RKS daqslikieku ma kienx hemm telf ta' diversifikazzjoni. Dan l-ammont għandu jiġi kalkulat bħala s-somma tal-imposti kapitali netti għal kull modulu ta' riskju fil-formula standard, inkluż l-aġġustament għall-effett tad-diversifikazzjoni fil-formula standard.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0100/C0040	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza gross — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bażiku	<p>L-ammont tar-rekwiżiti kapitali bażiċi, qabel il-korrispettiv tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri msemmi fl-Artikolu 205 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, kif ikkalkolat bl-użu tal-formola standard.</p> <p>Dan l-ammont għandu jikkunsidra bis-sħiħ l-effetti tad-diversifikazzjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta applikabbli.</p> <p>Din iċ-ċellola ma tinkludix l-allokkazzjoni tal-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw ir-RKS daqsli-kieku ma kienx hemm telf ta' diversifikazzjoni.</p> <p>Dan l-ammont għandu jiġi kalkulat bħala s-somma tal-imposti kapitali gross għal kull modulu ta' riskju fil-formola standard, inkluż l-aġġustament għall-effett tad-diversifikazzjoni fil-formola standard.</p>
<i>Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza</i>		
R0120/C0100	Aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF/MAP	<p>Aġġustament biex jikkoreġi l-preġudizzju fil-kalkolu tar-RKS minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF/MAP fil-livell tal-modulu tar-riskju.</p> <p>Dan l-ammont għandu jkun pożittiv.</p>
R0130/C0100	Riskju operazzjonali	L-ammont tar-rekwiżiti kapitali għal modulu tar-riskju operazzjonali kif kalkulat bil-formola standard.
R0140/C0100	Kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi	<p>L-ammont tal-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi ikkalkolat f'konformità mal-formola standard.</p> <p>Dan l-ammont għandu jiġi rappurtata bħala valur negattiv.</p> <p>Fil-livell tal-RFF/MAP u fil-livell tal-entità fejn m'hemmx RFF (għajr dawk skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE) u lanqas MAP, dan l-ammont huwa l-massimu bejn zero u l-ammont li jikkorrispondi għall-minimu bejn l-ammont tal-provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju b'rabta mal-benefiċċji diskrezzjonali futuri netti mir-riassigurazzjoni u d-differenza bejn il-gross u n-nett tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku.</p> <p>Fejn hemm RFF (għajr dawk skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE) jew MAP, dan l-ammont għandu jiġi kalkulat bħala s-somma ta' kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi ta' kull RFF/MAP u l-parti li jibqa', b'kont meħud tal-benefiċċji diskrezzjonali futuri netti bħala l-ogħla limitu.</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0150/C0100	Kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti	L-ammont tal-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti kalkulat skont il-formula standard. Dan l-ammont għandu jkun negattiv.
R0160/C0100	Rekwiżit kapitali għal operazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE	L-ammont tar-rekwiżit kapitali, ikkalkolat f'konformità mar-regoli ddikjarati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/41/KE, għall-fondi delimitati relatati ma' operazzjonijiet tal-pensjonijiet operati skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE li għalihom huma applikati miżuri tranżizzjonali. Din l-entrata tiġi rappurtata biss matul il-perjodu tranżizzjonali.
R0200/C0100	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkolat fuq il-bażi tal-Artikolu 336(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, eskluża s-supplimentazzjoni kapitali	L-ammont tar-RKS, qabel kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 336(a), jiġifieri fuq il-bażi ta' data konsolidata kif imsemmi fl-Artikolu 335 (1) fil-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 inkluża data ta' impriżi ta' investment kollettiv ikkontrollati u investimenti aggregati bħala fondi.
R0210/C0100	Supplimentazzjoni kapitali diġà stabbilita	Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li għie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-data lill-awtorità superviżorja.
R0211/C0100	li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti – l-Artikolu 37 (1) Tip a	Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li għie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-data lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad-data.
R0212/C0100	li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti - l-Artikolu 37 (1) Tip b	Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li għie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-data lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad-data.
R0213/C0100	li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti - l-Artikolu 37 (1) Tip c	Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li għie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-data lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad-data.
R0214/C0100	li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti — l-Artikolu 37(1) Tip d	Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li għie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad-data lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad-data.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0220/C0100	RKS tal-Grupp Konsolidat	L-ammont tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal impriżi taħt il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Għandu jinkludi l-komponenti kollha tar-RKS tal-grupp konsolidat; Ir-RKS ikkalkolat fuq il-bażi ta' <i>data</i> konsolidata (R0200), inklużi supplimentazzjonijiet kapitali (R0210), u inklużi r-rekwiżiti kapitali tal-impriżi minn setturi finanzjarji oħra (R0500), ir-rekwiżit kapitali għar-rekwiżit għall-parteċipazzjoni mhux ikkontrollata (R0540), ir-rekwiżit kapitali għall-impriżi residwi (R0550) u r-rekwiżiti kapitali għall-impriżi ta' investment kollettiv jew investimenti aggregati bħala fondi (R0555).
Informazzjoni oħra dwar ir-RKS		
R0400/C0100	Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità fuq il-bażi tad-durata	Ammont tar-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwità fuq il-bażi tad-durata
R0410/C0100	Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-parti li jibqa'	Ammont tar-RKS nozzjonali tal-parti li jibqa' meta grupp ikollu RFF.
R0420/C0100	Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għal fondi delimitati	Ammont tas-somma tar-RKS nozzjonali tal-fondi delimitati kollha meta l-grupp ikollu RFF (għajr dawk relatati ma' operazzjonijiet li li jaħdmu f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE (tranżizzjonali)).
R0430/C0100	Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Nozzjonali għall-portofolli ta' aġġustament ta' korrisondenza	Ammont tas-somma tar-RKS nozzjonali tal-portafolli tal-aġġustament ta' korrisondenza kollha.
R0440/C0100	Effetti tad-diversifikazzjoni minħabba aggregazzjoni tar-RKS tal-RFF għall-Artikolu 304	Ammont tal-aġġustament għal effett tad-diversifikazzjoni bejn fondi delimitati skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-parti li jibqa' meta applikabbli.
R0450/C0100	Metodu użat biex jiġi kalkulat l-aġġustament minħabba aggregazzjoni tar-RKS tal-RFF/MAP	Metodu użat biex jiġi kalkulat l-aġġustament minħabba aggregazzjoni tar-RKS tal-RFF Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Rikalkolazzjoni sħiħa 2 — Simplifikazzjoni fil-livell tas-submodulu tar-riskju 3 — Simplifikazzjoni fil-livell tal-modulu tar-riskju 4 — Bla aġġustament Meta l-grupp ma jkollux RFF (jew ikollu biss RFF skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE) jagħżel l-għażla 4.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0460/C0100	Benefiċċji diskrezzjonali futuri netti	Ammont ta' provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju b'rabta mal-benefiċċji diskrezzjonali futuri netti mir-riassigurazzjoni.
R0470/C0100	Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat minimu	L-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza minimu tal-grupp konsolidat kif iddik-jarat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE.
R0500/C0100	Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni)	L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal setturi finanzjarji oħra. R0500 hija mistennija li tkun ugwali għas-somma ta' R0510, R0520 u R0530. Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp jinkludi impriża li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni, bħalma hu bank, u huwa r-rekwiżit ta' kapital ikkalkolat skont ir-rekwiżiti xierqa.
R0510/C0100	Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżit ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni) — Istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers tal-fondi tal-investment alternattiv, kumpaniji tal-maniġment tal-UCITS.	L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investment u istituzzjonijiet finanzjarji. Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp ikun jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investment u istituzzjonijiet finanzjarji, maniġers ta' fondi ta' investment alternattiv, kumpaniji maniġerjali tal-UCITS u huma soġġetti għal rekwiżiti tal-kapital, ikkalkolati b'konformità mar-regoli settorjali rilevanti.
R0520/C0100	Ir-rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħra (rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali	L-ammont tar-rekwiżit tal-kapital għal istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Din l-entrata hija applikabbli biss għar-rapportar tal-gruppi fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali u soġġetti għal rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni kkalkolati skont ir-regoli settorjali rilevanti.
R0530/C0100	Rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħra (Rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) — Rekwiżit kapitali għal impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji	L-ammont tar-rekwiżit kapitali għall-impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. Din iċ-ċifra tirrappreżenta rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali, ikkalkulat daqs li kieku r-regoli settorjali rilevanti jiġu applikati. Din l-entrata hija applikabbli biss għar-rapportar tal-grupp fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0540/C0100	Rekwiżit kapitali għal parteċipazzjonijiet mhux ikkontrollati	L-ammont tas-sehem proporzjonali tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni relatati u tal-kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni jew tal-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta li ma humiex sussidjarji, f'konformità mal-Artikolu 336(1)(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. Din l-entrata tapplika biss għar-rapportar tal-grupp u tikkorrespondi, għal dawk l-entitajiet li mhumiex sussidjarji, għar-rekwiżit kapitali kkalkulat skont is-Solvenza II.
R0550/C0100	Rekwiżit kapitali għal impriżi residwi	Ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 336(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0555/C0100	Rekwiżit kapitali għal impriżi ta' investiment kollettiv jew investimenti aggregati bħala fondi	L-ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 336(1)(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.
R0560/C0100	RKS għal impriżi inklużi permezz tal-metodu ta' D&A	L-ammont tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal impriżi inklużi skont il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE meta tintuża t-taħlita tal-metodi.
R0570/C0100	Rekwiżit kapitali tas-solvenza totali tal-grupp	Ir-RKS kumplessiv għall-impriżi kollha irrispettivament mill-metodu użat. Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza totali tal-grupp huwa mistenni jkun ugwali għas-somma ta' R0220 u R0560. F'każ li r-RKS minimu tal-grupp konsolidat (R0470) ikun ogħla mir-RKS tal-grupp konsolidat (R0220), ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp totali huwa mistenni jkun ugwali għas-somma ta' R0470 u R0560.

S.25.05 – Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza - għal gruppi li jużaw mudell intern (parzjali jew sħiħ)

Kummenti ġenerali:

Dan l-Anness fih struzzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-formoli inklużi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. L-ewwel kolonna tat-tabella li jmiss tidentifika l-entrati li għandhom jiġu rrapportati billi tidentifika l-kolonna u l-linji kif murija fil-formola fl-Anness I.

Dan l-anness huwa marbut mal-ftuħ u s-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-gruppi, fondi delimitati, portafolli ta' aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jibqa'.

Din il-formola għandha tiġi rrapportata abbażi tad-disponibbiltà tad-data skont l-arkitettura tal-mudell intern u l-profil tar-riskju meta jkun possibbli bi sforz raġonevoli. Id-data li għandha tiġi rrapportata għandha tiġi miftiehma bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-gruppi.

L-għan ta' din il-formola huwa li tinġabar data fuq livell aggregat u li jintwerew il-benefiċċji tad-diversifikazzjoni bejn moduli tar-riskju separati. Il-valuri kollha għandhom jiġu rrapportati qabel kwalunkwe effett tat-taxxa sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

Għar-rapportar ta' grupp ir-reqwiziti speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

- (a) L-informazzjoni sa R0470 (S.25.05.04.02) hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew waħdu jew flimkien mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE;
- (b) Meta jintuża l-metodu mħallat, l-informazzjoni sa R0470 (S.25.05.04.02) għandha tiġi ppreżentata biss għall-parti tal-grupp ikkalkolata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE.

Il-formola SR.25.05 tapplika biss b'rabta mal-RFF/MAP minn impriżi konsolidati skont l-Artikolu 335, paragrafu 1, (a) u (c) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, meta jintuża l-metodu 1 (il-metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni kontabilistika), jew esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 (il-metodu ta' tnaqqis u aggregazzjoni).

Mudell intern parzjali:

Ir-ringieli kollha għal C0010 jirreferu għall-ammont tal-imposta kapitali għal kull komponent irrispettivament mill-metodu tal-kalkolu (jew formola standard jew mudell intern parzjali), wara l-aġġustamenti għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvediment tekniku u/jew taxxi differiti meta jkunu inkorporati fil-kalkolu tal-komponent.

Għall-komponenti Kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew taxxi differiti meta rrapportati bħala komponent separat għandu jkun l-ammont tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf (dawn l-ammonti għandhom jiġu rrapportati bħala valuri negattivi)

Għal komponenti kalkulati bl-użu tal-formula standard din iċ-ċellola tirrappreżenta r-RKSn gross. Għal komponenti kkalkolati bl-użu tal-mudell intern parzjali, dan jirrappreżenta l-valur li jikkunsidra l-azzjonijiet tal-ġestjoni futuri li huma inkorporati fil-kalkolu, iżda mhux dawk li huma mmudellati bħala komponent separat.

Dawn l-ammonti għandhom jikkunsidraw bis-sħiħ l-effetti tad-diversifikazzjoni skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE, meta applikabbli.

Meta applikabbli, dawn iċ-ċelloli ma jinkludux l-allokazzjoni tal-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità.

Il-formola SR.25.05 għandha tiġi rrapportata skont il-fond delimitat, il-portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jibqa' għal kull grupp b'mudell intern parzjali. Dan jinkludi impriżi fejn jiġi applikat mudell intern parzjali għal fond delimitat u/jew portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza sħiħ filwaqt li l-fondi delimitati u/jew il-portafolli tal-aġġustament ta' korrispondenza l-oħra jkunu skont il-formola standard. Din il-formola għandha tiġi rrapportata għas-subfondi kollha ta' RFF/MAP materjali kif identifikati fit-tieni tabella ta' S.01.03.

Għal dawk il-gruppi taħt mudell intern parzjali li għalih huwa applikabbli l-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn ta' RFF/MAP, fejn l-entità għandha MAP jew RFF (ħlief dawk taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE) meta r-rapportar isir fil-livell tal-impriża sħiħa, ir-RKSn fil-livell tal-modulu tar-riskju u l-kapaċità tal-assorbiment tat-telf (LAC) tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti li għandhom jiġu rrapportati għandhom jiġu kkalkolati kif ġej:

- Meta l-impriża tapplika l-aġġustament sħiħ minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn ta' RFF/MAP fil-livell tal-entità: ir-RKS jiġi kalkulat bħallikieku ma hemmx RFF u l-LAC għandu jiġi kalkulat bħala s-somma tal-LAC fl-RFF/MAP kollha u l-parti li jibqa';
- Meta l-impriża tapplika s-Simplifikazzjoni fil-livell tas-submodulu tar-riskju biex taggrega r-RKSn tal-RFF/MAP fil-livell tal-entità, ir-RKSn u LAC jiġu kkalkolati b'kunsiderazzjoni ta' metodu ta' sommazzjoni diretta fil-livell tas-submodulu,
- Meta l-impriża tapplika s-simplifikazzjoni fil-livell tal-modulu tar-riskju biex taggrega r-RKSn ta' RFF/MAP fil-livell tal-entità r-RKSn u LAC jiġu kalkolati b'kunsiderazzjoni ta' metodu ta' sommazzjoni diretta fil-livell ta' modulu.

L-aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn ta' RFF/MAP fil-livell tal-entità għandhom jiġu allokat (C0050) fil-moduli tar-riskju rilevanti (jiġifieri riskju tas-suq, riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa u riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja) meta kkalkolat skont il-formola standard. L-ammont li jiġi allokat għal kull modulu ta' riskju rilevanti għandu jiġi kalkulat kif ġej:

$$\text{Kalkolu tal "fattur q"} = \frac{\text{aġġustament}}{\text{BSCR}' - \text{nSCR}_{\text{int}}}, \text{ fejn}$$

- aġġustament = Aġġustament ikkalkolat skont wieħed mit-tliet metodi msemmijin hawn fuq
- BSCR' = Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku kkalkolat skont l-informazzjoni rapportata f'din il-formola
- nSCR_{int} = RKSn għar-riskju tal-assi intanġibbli skont l-informazzjoni rapportata f'din il-formola
- Il-multiplikazzjoni ta' dan il-"fattur q" bir-RKSn ta' kull modulu ta' riskju rilevanti (jiġifieri, riskju tas-suq, riskju ta' inadempjenza tal-kontroparti, riskju ta' sottoskrizzjoni tal-ħajja, riskju ta' sottoskrizzjoni tas-saħħa u riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja)

Mudell intern sħiħ:

Il-formola SR.25.05 għandha timtela għal kull fond delimitat (RFF), għal kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza (MAP) u għall-parti li jibqa' għal kull grupp b'mudell intern sħiħ. Madankollu, meta RFF/MAP jinkludi MAP/RFF inkorporat, il-fond għandu jiġi trattat bħala fondi differenti. Din il-formola għandha tiġi rapportata għas-subfondi kollha ta' RFF/MAP materjali kif identifikati fit-tieni tabella ta' S.01.03.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Z0020	Fond delimitat, portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-Parti li Jibqa'	Identifika jekk iċ-ċifri rapportati humiex dwar RFF, portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-parti li jibqa'. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – RFF/MAP 2 – Parti li tibqa'
Z0030	Numru tal-fond/portafoll	Meta l-entrata Z0020 = 1, in-numru ta' identifikazzjoni għal fond delimitat jew għal portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza. Dan in-numru jingħata mill-impriża u jibqa' konsistenti tul iż-żmien u man-numru tal-fond/portafoll rapportat f'formoli oħrajn. Meta l-entrata Z0020 = 2, irrapporta "0"

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0020	Diversifikazzjoni totali	L-ammont tal-effetti tad-diversifikazzjoni bejn il-moduli tar-riskju. Dan l-ammont għandu jiġi rrapportat bħala valur negattiv.
C0010/R0030	Riskju diversifikat totali qabel it-taxxa	L-ammont ta' imposti kapitali diversifikati qabel it-taxxa. L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0030.
C0010/R0040	Riskju diversifikat totali wara t-taxxa	L-ammont ta' imposti kapitali diversifikati wara t-taxxa. L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0040.
C0010/R0070	Riskju totali tas-suq u ta' kreditu	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0070.
C0010/R0080	Riskju tas-Suq u ta' Kreditu - diversifikat	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0080.
C0010/R0190	Riskju ta' event ta' kreditu mhux kopert f'riskju tas-suq u ta' kreditu	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0190.
C0010/R0200	Riskju ta' event ta' kreditu mhux kopert fir-riskju tas-suq u ta' kreditu - diversifikat	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0200.
C0010/R0270	Riskju totali tan-Negozju	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0270.
C0010/R0280	Riskju totali tan-Negozju - diversifikat	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0280.
C0010/R0310	Riskju nett totali ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0310.
C0010/R0320	Riskju nett totali ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja - diversifikat	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0320.
C0010/R0400	Riskju totali ta' sottoskrizzjoni tal-Ħajja u s-Saħħa	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0400.
C0010/R0410	Riskju totali ta' sottoskrizzjoni tal-Ħajja u s-Saħħa - diversifikat	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0410.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010/R0480	Riskju Operazzjonali Totali	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0480.
C0010/R0490	Riskju Operazzjonali Totali - diversifikat	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0490.
C0010/R0500	Riskju ieħor	L-istess bħal S.26.08.04 C0010/R0500.
C0050/R0020-R0530	Allokazzjoni mill-aġġustamenti minħabba l-RFF u l-portafolli tal-aġġustamenti ta' korrispondenza	Meta applikabbli, parti mill-aġġustament allokat lil kull modulu u submodulu tar-riskju skont il-proċedura deskritta fil-kummenti ġenerali. Dan l-ammont għandu jkun pożittiv. Applikabbli biss għal mudelli interni parzjali.
C0060/R0020-R0530	Konsiderazzjoni tal-azzjonijiet tal-ġestjoni fil-futur fir-rigward tal-provvedimenti tekniċi u/jew taxxi differiti	Biex jiġi identifikat jekk l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri marbuta mal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u/jew tat-taxxi differiti humiex inkorporati fil-kalkolu. Għandha tintuża din il-lista magħluqa ta' għażliet: 1 – Azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi inkorporati fil-komponent 2 – Azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti inkorporati fil-komponent 3 – Azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti inkorporati fil-komponent 4. — Mhix inkorporata konsiderazzjoni tal-azzjonijiet tal-ġestjoni futuri.
C0070/R0020-R0530	Ammont mudellat	Għal kull komponent, din iċ-ċellola tirrappreżenta l-ammont ikkalkolat skont il-mudell intern parzjali. Applikabbli biss għal mudelli interni parzjali.
R0110/C0100	Total ta' komponenti mhux diversifikati	Somma tal-komponenti kollha.
R0060/C0100	Diversifikazzjoni	L-ammont totali ta' diversifikazzjoni fost il-komponenti rapportati f'C0030. Dan l-ammont ma jinkludix l-effetti tad-diversifikazzjoni f'kull komponent, li għandu jiġi inkorporat fil-valuri rapportati f'C0030. Dan l-ammont għandu jiġi rrapportat bħala valur negattiv.
R0120/C0100	Aġġustament minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF/MAP	Meta applikabbli aġġustament biex jikkoreġi l-preġudizzju fil-kalkolu tar-RKS minħabba l-aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF/MAP fil-livell tal-modulu tar-riskju. Applikabbli biss għal mudelli interni parzjali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
R0160/C0100	Rekwiżit kapitali għal operazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE	L-ammont tar-rekwiżit kapitali, ikkalkolat f'konformità mar-regoli ddikjarati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/41/KE, għall-fondi delimitati relatati ma' operazzjonijiet tal-pensjonijiet operati skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE li għalihom huma applikati miżuri tranżizzjonali. Din l-entrata tiġi rappurtata biss matul il-perjodu tranżizzjonali.
R0200/C0100	Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkolat fuq il-bażi tal-Artikolu 336(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, eskluża s-supplimentazzjoni kapitali	L-ammont tar-RKS, qabel kwalunkwe supplimentazzjoni kapitali, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 336(a), jiġifieri fuq il-bażi ta' data konsolidata kif imsemmi fl-Artikolu 335 (1) fil-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 inkluża <i>data</i> ta' impriżi ta' investiment kollettiv ikkontrollati u investimenti aggregati bħala fondi.
R0210/C0100	Supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti	Ammont ta' supplimentazzjoni kapitali li ġie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad- <i>data</i> lill-awtorità superviżorja.
R0211/C0100	Li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti - l-Artikolu 37 (1) Tip a	L-ammont tas-supplimentazzjoni kapitali tat-tip (a) f'konformità mal-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/138/KE (2014/51/UE) li kien ġie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad- <i>data</i> lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad- <i>data</i> .
R0212/C0100	Li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti - l-Artikolu 37 (1) Tip b	L-ammont tas-supplimentazzjoni kapitali tat-tip (b) f'konformità mal-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/138/KE (2014/51/UE) li kien ġie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad- <i>data</i> lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad- <i>data</i> .
R0213/C0100	Li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti - l-Artikolu 37 (1) Tip c	L-ammont tas-supplimentazzjoni kapitali tat-tip (c) f'konformità mal-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/138/KE (2014/51/UE) li kien ġie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad- <i>data</i> lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad- <i>data</i> .
R0214/C0100	Li minnhom, supplimentazzjonijiet kapitali diġà stabbiliti — l-Artikolu 37(1) Tip d	L-ammont tas-supplimentazzjoni kapitali tat-tip (d) f'konformità mal-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/138/KE (2014/51/UE) li kien ġie stabbilit fid-data ta' referenza tar-rapportar. Ma jinkludix supplimentazzjonijiet kapitali stabbiliti bejn dik id-data u s-sottomissjoni tad- <i>data</i> lill-awtorità superviżorja, u lanqas kwalunkwe sett wara s-sottomissjoni tad- <i>data</i> .

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0220/C0100	RKS tal-Grupp Konsolidat	Ir-rekwiżit kapitali kumplessiv inkluż is-supplimentazzjoni kapitali għal impriżi taħt il-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Dan għandu jinkludi l-komponenti kollha tar-RKS konsolidat, inklużi r-rekwiżiti kapitali tal-impriżi minn setturi finanzjarji oħra, ir-rekwiżit kapitali għar-rekwiżit kapitali għall-parteċipazzjoni mhux ikkontrollata għall-impriżi residwi u r-rekwiżit kapitali għall-impriżi ta' investiment kollettiv jew investimenti aggregati bħala fondi.

Informazzjoni oħra dwar ir-RKS

R0300/C0100	Ammont/Stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi	Ammont/Stima tal-kapaċità kumplessiva ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi, inkluża l-parti inkorporata fil-komponenti u l-parti rapportata bħala komponent singolu. Dan l-ammont għandu jiġi rapportat bħala ammont negattiv.
R0310/C0100	Ammont/stima tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf għat-taxxi differiti	Ammont/Stima tal-aġġustament kumplessiv għat-taxxi differiti, inkluża l-parti inkorporata fil-komponenti u l-parti rapportata bħala komponent singolu. Dan l-ammont għandu jiġi rapportat bħala ammont negattiv.
R0400/C0100	Ir-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwiwità fuq il-bażi tad-durata	Ammont tar-rekwiżit kapitali għas-submodulu tar-riskju tal-ekwiwità fuq il-bażi tad-durata. Applikabbli biss għal mudelli interni parzjali.
R0410/C0100	Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza nozzjonali għall-parti li jibqa'	Ammont tar-RKS nozzjonali tal-parti li jibqa' meta l-impriża jkollha RFF.
R0420/C0100	Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Nozzjonali għal fondi delimitati	Ammont tas-somma tar-RKS nozzjonali tal-fondi delimitati kollha meta l-impriża jkollha RFF (għajr dawk relatati ma' operazzjonijiet li jaħdmu f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/41/KE (tranżizzjonali)).
R0430/C0100	Ammont totali ta' Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza Nozzjonali għall-portofolli ta' aġġustament ta' korrisondenza	Ammont tas-somma tar-RKS nozzjonali tal-portafolli tal-aġġustament ta' korrisondenza kollha. Din l-entrata ma għandhiex għalfejn tiġi rapportata meta jiġi rapportat il-kalkolu tal-RKS fil-livell tal-RFF jew tal-portafoll tal-aġġustament ta' korrisondenza.
R0440/C0100	Effetti tad-diversifikazzjoni minħabba aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF għall-Artikolu 304	Ammont tal-aġġustament għal effett tad-diversifikazzjoni bejn fondi delimitati skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE u l-parti li jibqa' meta applikabbli. Dan għandu jkun ugwali għad-differenza bejn is-somma tar-RKSn għal kull RFF/MAP/RP u r-RKS rapportati f'R0200/C0100.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0450/C0100	Metodu użat biex jiġi kalkulat l-aġġustament minħabba aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF	Metodu użat biex jiġi kalkulat l-aġġustament minħabba aggregazzjoni tar-RKSn tal-RFF Għandha tintuża waħda minn dawn l-għażliet: 1 - Rikalkolazzjoni sħiħa 2 - Simplifikazzjoni fil-livell tas-submodulu tar-riskju 3 - Simplifikazzjoni fil-livell tal-modulu tar-riskju 4 - Bla aġġustament Meta l-impriża ma jkollhiex RFF (jew ikollha biss RFF skont l-Artikolu 304 tad-Direttiva 2009/138/KE) għandha tagħżel l-għażla 4. Applikabbli biss għal mudelli interni parzjali.
R0460/C0100	Benefiċċji diskrezzjonali futuri netti	Ammont ta' provvedimenti tekniċi mingħajr marġni ta' riskju b'rabta mal-benefiċċji diskrezzjonali futuri netti mir-riassigurazzjoni.
R0470/C0100	Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp konsolidat minimu	L-ammont tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza minimu tal-grupp konsolidat kif iddikjarat fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE. Din l-entrata hija applikabbli għar-rapportar ta' grupp biss.
R0500/C0100	Rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti kapitali li mhumiex tal-assigurazzjoni)	L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal setturi finanzjarji oħra. Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp jinkludi impriża li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' kapital mhux tal-assigurazzjoni, bħalma hu bank, u huwa r-rekwiżit ta' kapital ikkalkolat skont ir-rekwiżiti xierqa.
R0510/C0100	Rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti kapitali li ma humiex tal-assigurazzjoni) - Istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investment u istituzzjonijiet finanzjarji, manijers ta' fondi ta' investment alternattivi, kumpaniji manijerjali tal-UCITS	L-ammont ta' rekwiżit ta' kapital għal istituzzjonijiet tal-kreditu, ditti tal-investment u istituzzjonijiet finanzjarji. Din l-entrata hija biss applikabbli għar-rapportar tal-grupp meta l-grupp ikun jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investment u istituzzjonijiet finanzjarji, manijers ta' fondi ta' investment alternattivi, kumpaniji manijerjali tal-UCITS u huma soġġetti għal rekwiżiti tal-kapital, ikkalkolati b'konformità mar-regoli settorjali relevanti.
R0520/C0100	Rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħrajn (rekwiżiti kapitali li mhumiex tal-assigurazzjoni) — Istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali	L-ammont tar-rekwiżit tal-kapital għal istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali. Din l-entrata hija applikabbli biss għar-rapportar tal-gruppi fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali u soġġetti għal rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni kkalkolati skont ir-regoli settorjali relevanti.

	ENTRATA	STRUZZJONIJET
R0530/C0100	Rekwiżit kapitali għal setturi finanzjarji oħra (Rekwiżiti kapitali mhux tal-assigurazzjoni) - Rekwiżit kapitali għal impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji	L-ammont tar-rekwiżit kapitali għall-impriżi mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji. Din iċ-ċifra tirrappreżenta rekwiżit kapitali tas-solvenza nozzjonali, ikkalkulat daqs li kieku r-regoli settorjali rilevanti jiġu applikati. Din l-entrata hija applikabbli biss għar-rapportar tal-grupp fejn il-grupp jinkludi impriżi li huma entitajiet mhux regolati li jwettqu attivitajiet finanzjarji.
R0540/C0100	Rekwiżit kapitali għal parteċipazzjonijiet mhux ikkontrollati	L-ammont tas-sehem proporzjonali tar-Rekwiżiti Kapitali tas-Solvenza tal-impriżi ta' assicurazzjoni u riassicurazzjoni u kumpaniji b'parteċipazzjoni assicurattiva jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta relatati li ma humiex sussidjarji.
R0550/C0100	Rekwiżit kapitali għal impriżi residwi	Ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 336(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.
R0555/C0100	Rekwiżit kapitali għal impriżi ta' investiment kollettiv jew investimenti aggregati bħala fondi	L-ammont iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 336(1)(e) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35.
R0560/C0100	RKS għal impriżi inklużi permezz tal-metodu ta' D&A	L-ammont tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza għal impriżi inklużi skont il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE meta tintuża t-taħlita tal-metodi.
R0570/C0100	Rekwiżit kapitali tas-solvenza totali tal-grupp	Ir-RKS kumplessiv għall-impriżi kollha irrISPETTIVAMENT mill-metodu użat. Ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza totali tal-grupp huwa mistenni jkun ugwali għas-somma ta' R0220 u R0560. F'każ li r-RKS minimu tal-grupp konsolidat (R0470) ikun ogħla mir-RKS tal-grupp konsolidat (R0220), ir-rekwiżit kapitali tas-solvenza tal-grupp totali huwa mistenni jkun ugwali għas-somma ta' R0470 u R0560.

S.26.01 — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — Riskju tas-suq

Kummenti ġenerali:

Din it-Taqsima hija marbuta mas-sottomissjoni tal-informazzjoni annwali għall-gruppi, fondi delimitati, portafolli ta' aġġustament ta' korrispondenza u l-parti li jibqa'.

Il-formola S.26.01 għandha timtela għal kull fond delimitat (RFF), għal kull portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza (MAP) u għall-parti li jibqa'. Madankollu, meta RFF/MAP jinkludi MAP/RFF inkorporat, il-fond għandu jiġi trattat bħala fondi differenti. Din il-formola għandha tiġi rapportata għas-subfondi kollha ta' RFF/MAP materjali kif identifikati fit-tieni tabella ta' S.01.03.

Il-formola S.26.01 tapplika biss b'rabta mal-RFF/MAP minn impriżi konsolidati skont l-Artikolu 335, paragrafu 1, (a), (b) u (c) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, meta jintuża l-metodu 1 (Il-metodu bbażat fuq il-konsolidazzjoni kontabilistika), jew esklussivament jew flimkien mal-metodu 2 (Il-metodu ta' tnaqqis u aggregazzjoni).

L-ammonti qabel u wara x-xokk għandhom jimtlew bl-ammont tal-assi u l-obbligazzjonijiet sensitivi għal dak ix-xokk. Għall-obbligazzjonijiet il-valutazzjoni għandha ssir fl-iktar livell granulari disponibbli bejn il-kuntratt u l-grupp ta' riskji omoġenji. Dan ifisser li jekk kuntratt/HRG ikun sensitiv għal xokk l-ammont tal-obbligazzjonijiet assoċjati ma' dak il-kuntratt/HRG għandu jiġi rapportat bħala ammont sensitiv għal dak ix-xokk.

Għar-rapportar ta' grupp ir-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

- a) Din l-informazzjoni hija applikabbli meta jintuża l-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE, jew waħdu jew flimkien mal-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE.
- b) Meta jintuża l-metodu mħallat, din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata biss għall-parti tal-grupp ikkalkulata bil-metodu 1 kif definit fl-Artikolu 230 tad-Direttiva 2009/138/KE.
- c) Din l-informazzjoni ma tapplikax għall-gruppi meta jkun intuża biss il-metodu 2 kif definit fl-Artikolu 233 tad-Direttiva 2009/138/KE.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
Z0010	Artikolu 112	Identifika jekk iċ-ċifri rapportati ntabx skont l-Artikolu 112(7), biex jipprovdu stima tar-RKS bl-użu tal-formula standard. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — Rapportar skont l-Artikolu 112(7) 2 — Rapportar regolari
Z0020	Fond delimitat, portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-parti li jibqa'	Identifika jekk iċ-ċifri rapportati humiex dwar RFF, portafoll ta' aġġustament ta' korrispondenza jew il-parti li jibqa'. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 — RFF/MAP 2 — Parti li jibqa'
Z0030	Numru tal-fond/portafoll	Meta l-entrata Z0020 = 1, in-numru ta' identifikazzjoni għal fond delimitat jew għal portafoll tal-aġġustament ta' korrispondenza. Dan in-numru jingħata mill-impriża fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp u jibqa' konsistenti tul iż-żmien u man-numru tal-fond/portafoll rapportat f'formoli oħrajn.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
R0012/C0010	Simplifikazzjonijiet tar-riskju tal-firxa — bonds u self	Għandhom jintużaw l-għażliet fil-lista magħluqa li ġeja: 1 – Simplifikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 104 2 – Simplifikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 105a 9 – Ma ntużawx simplifikazzjonijiet L-għażliet 1 u 2 jistgħu jintużaw fl-istess ħin. Jekk R0012/C0010 = 1, għandhom jimtlew biss C0060 u C0080 għal R0410
R0014/C0010	Simplifikazzjonijiet tal-konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq – simplifikazzjonijiet użati	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – Simplifikazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 105a 9 – Ma ntużawx simplifikazzjonijiet
R0020/C0010	Simplifikazzjonijiet tar-ristretti — riskju tar-rata tal-imgħax	Identifika jekk impriża ristretta fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp użatx simplifikazzjonijiet għall-kalkolu tar-riskju tar-rata tal-imgħax. Għandhom jintużaw l-għażliet li ġejjin: 1 — Intużaw simplifikazzjonijiet 2 — Ma ntużawx simplifikazzjonijiet Fejn R0020/C0010 = 1, għandhom jimtlew biss C0060 u C0080 għal R0100–R0120
R0030/C0010	Simplifikazzjonijiet tar-ristretti — riskju tal-firxa fuq bonds u self	Identifika jekk impriża ristretta fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp użatx simplifikazzjonijiet għall-kalkolu tar-riskju tal-firxa fir-rigward ta' bonds u self. Għandhom jintużaw l-għażliet li ġejjin: 1 — Intużaw simplifikazzjonijiet 2 — Ma ntużawx simplifikazzjonijiet
R0040/C0010	Simplifikazzjonijiet tar-ristretti — konċentrazzjoni tar-riskju tas-suq	Identifika jekk impriża ristretta fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp użatx simplifikazzjonijiet għall-kalkolu tal-konċentrazzjoni ta' riskju tas-suq. Għandhom jintużaw l-għażliet li ġejjin: 1 — Intużaw simplifikazzjonijiet 2 — Ma ntużawx simplifikazzjonijiet

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
<i>Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax</i>		
R0100/C0060	Valur assolut wara x-xokk — Rekwiżit kapitali tas-solvenza nett — riskju tar-rata tal-imgħax	Din hija l-imposta kapitali netta għar-riskju tar-rata tal-imgħax, jiġifieri wara l-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi. Jekk R0020/C0010 = 1, din l-entrata tirrappreżenta l-imposta kapitali netta għar-riskju tar-rata tal-imgħax kalkulata bl-użu ta' kalkoli simplifikati għal impriżi ristretti fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp.
R0100/C0080	Valur assolut wara x-xokk — Rekwiżit kapitali tas-solvenza gross — riskju tar-rata tal-imgħax	Din hija l-imposta kapitali grossa għar-riskju tar-rata tal-imgħax, jiġifieri qabel il-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi. Jekk R0020/C0010 = 1, din l-entrata tirrappreżenta l-imposta kapitali grossa għar-riskju tar-rata tal-imgħax kalkulata bl-użu ta' kalkoli simplifikati għal impriżi ristretti fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp.
R0110–R0120/ C0020	Il-valuri inizjali assoluti qabel xokk — Assi — Riskju tar-rata tal-imgħax — xokk 'il fuq/l isfel fir-rata tal-imgħax	Dan huwa l-valur totali tal-assi sensitivi għar-riskju tar-rata tal-imgħax 'l isfel/il fuq, qabel ix-xokk. Rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPV ma għandhomx jiġu inklużi f'din iċ-ċellola.
R0110–R0120/ C0030	Il-valuri inizjali assoluti qabel xokk — Obligazzjonijiet — Riskju tar-rata tal-imgħax — xokk 'il fuq/l isfel fir-rata tal-imgħax	Dan huwa l-valur totali tal-obbligazzjonijiet sensitivi għar-riskju tar-rata tal-imgħax 'l isfel/il fuq, qabel ix-xokk. L-ammont ta' provvedimenti tekniċi ("PT") għandu jkun nett mir-riassigurazzjoni u r-rekuperabbli SPV.
R0110–R0120/ C0040	Il-valuri assoluti wara xokk — Assi — Riskju tar-rata tal-imgħax — xokk 'il fuq/l isfel fir-rata tal-imgħax	Dan huwa l-valur assolut tal-assi sensitivi għar-riskji tar-rata tal-imgħax 'l isfel/il fuq, wara x-xokk. Rekuperabbli minn riassigurazzjoni u SPV ma għandhomx jiġu inklużi f'din iċ-ċellola.
NC0080	Tranżazzjonijiet indiretti	<p>Jekk tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn tranżazzjoni indiretta (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-“ID tat-tranżazzjoni intragrupp” (C0010) tat-tranżazzjoni relatata fiċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-tranżazzjonijiet intragrupp rapportata ma tkunx parti minn tranżazzjoni indiretta, indika Le.</p>
NC0090	Operazzjoni ekonomika individwali	<p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn operazzjoni ekonomika individwali (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-“ID tat-tranżazzjoni intragrupp” (C0010) tat-tranżazzjoni relatata fiċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha</p> <p>Jekk it-tranżazzjonijiet intragrupp rapportat ma jkunx parti minn operazzjoni ekonomika waħda, indika Le.</p>
NC0100	Kodiċi tal-ID tal-istrument	<p>Dan huwa l-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-istrument (kapital, dejn eċċ) bejn iż-żewġ kontropartijiet identifikati, skont din il-prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Il-kodiċi attribwit mill-impriża, meta l-opzjonijiet ta' hawn fuq ma jkunux disponibbli. Dan il-kodiċi għandu jkun konsistenti tul iż-żmien. <p>Dan jista' jkun differenti mill-kodiċi ta' tranżazzjoni intragrupp mogħti fiċ-ċellola C0010.</p>
NC0101	Tip ta' kodiċi tal-ID tal-istrument	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata “Kodiċi tal-ID tal-istrument”. Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - ISO 6166 għall-kodiċi ISIN 2 - CUSIP (numru tal-Committee on Uniform Securities Identification Procedures assenjat mis-CUSIP Service Bureau lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi) 3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra) 4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż) 5 - Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji) 6 - BBGID (The Bloomberg Global ID) 7 - Reuters RIC (kodiċi tal-istrumenti ta' Reuters) 8 - FIĠI (Identifikatur Globali tal-Istrumenti Finanzjarji) 9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumerar 99 - Kodiċi attribwit mill-impriża

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
NC0110	Tip ta' strument	<p>Identifika t-tip ta' transazzjoni. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Derivattivi – futuri 2 - Derivattivi – forwards 3 - Derivattivi – opzjonijiet 4 - Derivattivi – oħra 5 - Garanziji – protezzjoni tal-kreditu 6 - Garanziji – oħrajn 7 - Swaps 8 – Oħrajn <p>Ftehim ta' riakkwist għandu jitqies bħala tranżazzjoni fi flus flimkien ma' kuntratt forward.</p>
NC0120	Tip ta' protezzjoni	<p>Identifika t-tip ta' transazzjoni. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - inadempjenza ta' kreditu 2 - rata tal-imgħax 3 - munita 4 - oħrajn
NC0130	Skop tal-istrument	<p>Iddeskrivi l-użu tad-derivattivi (ħeġġ mikro/makro, immaniġġjar effiċjenti tal-portafoll). Ħeġġ mikro jirreferi għal derivattivi li jkopru strument finanzjarju wieħed, tranżazzjoni prevista jew obbligazzjoni. Ħeġġ makro jirreferi għal derivattivi li jkopru sett ta' strumenti finanzjarji, tranżazzjonijiet previsti jew obbligazzjonijiet. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Ħeġġ Mikro 2 - Ħeġġ Makro 3 - Flussi ta' flus ta' assi u obbligazzjonijiet ta' korrispondenza 4 - Ġestjoni effiċjenti tal-portafoll, minbarra "Flussi ta' flus ta' assi u obbligazzjonijiet ta' korrispondenza" 5 – Oħrajn
NC0140	Data tal-bidu	<p>Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tat-tranżazzjoni/negozju tal-kuntratt tad-derivattivi. Għal kuntratti riportati uża d-data inizjali tan-negozju.</p>

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
NC0150	Data ta' maturità	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-yy) tad-data tal-għeluq definita kuntrattwalment, tal-kuntratt tad-derivattivi, jekk hux fid-data tal-maturità, data tal-iskadenza tal-opzjonijiet (Ewropea jew Amerikana), eċċ.
NC0160	Munita tat-tranżazzjoni	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita li biha seħħet it-tranżazzjoni.
NC0170	Ammont nozzjonali	<p>L-ammont kopert jew skopert għad-derivattiv fid-data tar-rapportar, jiġiferi l-bilanċ tal-għeluq, irrapportat fil-munita tar-rapportar tal-grupp.</p> <p>Għal futuri u opzjonijiet, jikkorrispondi għad-daqs tal-kuntratt multiplikat bl-għadd ta' kuntratti. Għal swaps u forwards, jikkorrispondi għall-ammont tal-kuntratt. Meta tranżazzjoni tkun immaturat/skadiet matul il-perjodu tar-rapportar qabel id-data tar-rapportar, l-ammont nozzjonali fid-data tar-rapportar għandu jkun żero.</p>
NC0180	Ammont riportat	<p>Il-valur tad-derivattiv fid-data tar-rapportar kif irrapportat fil-karta bilanċjali tal-entità.</p> <p>Meta tranżazzjoni tkun immaturat/skadiet matul il-perjodu tar-rapportar qabel id-data tar-rapportar, l-ammont riportat fid-data tar-rapportar għandu jkun l-ammont riportat massimu tad-derivattivi qabel il-maturità tat-tranżazzjoni</p>
NC0190	Valur tal-kollateral	Il-valur tal-kollateral mirhun fid-data tar-rapportar (żero jekk id-derivattiv ikun ingħalaq), jekk applikabbli, irrapportat fil-munita tar-rapportar tal-konglomerat finanzjarju.
NC0200	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-assi/obbligazzjoni sottostanti għad-derivattiva	<p>Kodiċi tal-ID tal-assi jew l-obbligazzjoni sottostanti l-kuntratt tad-derivattivi. Din l-entrata għandha timtela għal derivattivi li jkollhom strument jew indiċi sottostanti wieħed fil-portafoll tal-impriża.</p> <p>Indiċi huwa meqjus bħala strument wieħed u għandu jiġi rrapportat.</p> <p>Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istrument sottostanti d-derivattiv, skont il-prijorità li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kodiċi ISO 6166 tal-ISIN meta disponibbli — Kodiċijiet rikonoxxuti oħra (eż.: CUSIP, Bloomberg Ticker, Reuters RIC) — Il-Kodiċi attribwit mill-impriża meta l-opzjonijiet t'hawn fuq ma jkunux disponibbli, u għandu jkun konsistenti matul iż-żmien — "Diversi assi/obbligazzjonijiet", jekk l-assi jew l-obbligazzjonijiet sottostanti jkunu aktar minn wieħed <p>Fil-każ li s-sottostanti jkun indiċi, għandu jiġi rrapportat il-kodiċi tal-indiċi.</p>

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
NC0201	Tip ta' kodiċi tal-Assi/Obbligazzjoni sottostanti d-derivattiv	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-Assi/Obbligazzjoni sottostanti d-derivattiv". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 - ISO 6166 għall-kodiċi ISIN</p> <p>2 - CUSIP (numru tal-Committee on Uniform Securities Identification Procedures assenjat mis-CUSIP Service Bureau lil kumpaniji mill-Istati Uniti u Kanadiżi)</p> <p>3 - SEDOL (Lista Uffiċjali ta' Kuljum tal-Borża għall-Borża ta' Londra)</p> <p>4 - WKN (Wertpapier Kenn-Nummer, in-numru ta' identifikazzjoni alfanumeriku Ġermaniż)</p> <p>5 - Bloomberg Ticker (kodiċi alfabetiku ta' Bloomberg li jidentifika t-titoli tal-kumpaniji)</p> <p>6 - BBGID (The Bloomberg Global ID)</p> <p>7 - Reuters RIC (kodiċi tal-istrumenti ta' Reuters)</p> <p>8 - FIĠI (Financial Instrument Global Identifier)</p> <p>9 - Kodiċi ieħor mill-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Aġenziji Nazzjonali tal-Innumerar</p> <p>99 - Kodiċi attribwit mill-impriża. Din l-opzjoni għandha tintuża wkoll għall-każijiet ta' "Diversi assi/obbligazzjonijiet" u indiċijiet</p>
NC0210	Isem tal-kontroparti li għaliha tinxtra l-protezzjoni tal-kreditu	Isem il-kontroparti li għaliha tkun inxtrat protezzjoni għall-inadempjenza tagħha
NC0220	Rata tal-imgħax fornita bl-iswap (għax-xerrej)	Ir-rata tal-imgħax fornita skont il-kuntratt tal-iswap (għal swaps tar-rati tal-imgħax biss).
NC0230	Rata tal-imgħax riċevuta bl-iswap (għax-xerrej)	Ir-rata tal-imgħax riċevuta skont il-kuntratt tal-iswap (għal swaps tar-rati tal-imgħax biss).
NC0240	Munita fornita bl-iSwap (għax-xerrej)	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-prezz tal-iswap (għal swaps tal-munita biss).
C0250	Munita riċevut bl-iswap (għax-xerrej)	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-ammont nozzjonali tal-iswap (għal swaps tal-munita biss).
C0260	Dħul li ġej minn derivattivi	Dħul nett li jirriżulta mill-investiment jew mix-xiri ta' derivattivi. Wara l-P&L ibbażati fuq l-IFRS, kemm ir-riżultati realizzati kif ukoll dawk mhux realizzati huma mistennija hawnhekk. L-ammonti għandhom jiġu ppreżentati bil-valur nadif tagħhom (meta mqabbla ma' QRT S. 09.01. SII). L-interessi se jiġu rrapportati f'S.36.05 P&L.
C0270	Kummenti	<p>Il-kummenti għandu jkun filhom:</p> <ul style="list-style-type: none"> — notifika jekk it-tranżazzjoni ma twettqitx fuq il-bażi tal-prinċipju ta' distakkament — kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar in-natura ekonomika tal-operazzjoni.

S.36.03 — TIG — Obligazzjonijiet li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u obligazzjonijiet kontinġenti

Kummenti ġenerali:

Din il-formola hija relatata mal-informazzjoni li l-gruppi għandhom jipprovdu tal-anqas darba fis-sena.

Din il-formola għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet kollha (sinifikanti, sinifikanti ħafna u t-tranżazzjonijiet meħtieġa li jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha) bejn l-entitajiet fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp b'rabta mal-garanziji li ma jidhrux fil-karta bilanċjali.

Dawn jinkludu, imma m'humiex limitati għal:

- Garanziji li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali;
- faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevati
- assi mixtrija taħt ftehimiet ta' xiri forward diretti (munita jew oħrajn)
- ftehimiet ta' bejgħ u xiri mill-ġdid ta' assi kif imsemmi fl-Artikolu 12(3) u (5) tad-Direttiva 86/635/KEE
- Obligazzjonijiet kontinġenti

Din il-formola għandha tinkludi tranżazzjonijiet intragrupp li kienu:

- fis-seħħ fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar.
- inbdew waqt il-perjodu ta' rappurtar u pendenti fid-data tar-rappurtar.
- inbdew u skadew/immaturow matul il-perjodu ta' rapportar.

Meta żewġ tranżazzjonijiet jew aktar bejn entitajiet tal-grupp li, minn perspettiva ekonomika, jikkontribwixxu għall-istess riskju, jew, iservu l-istess skop/objettiv jew ikunu konnessi temporanjament fi pjan, għandhom jitqiesu bħala operazzjoni ekonomika waħda.

Għaldaqstant, kull tranżazzjoni li hija parti minn operazzjoni ekonomika waħda għandha tiġi rrapportata kull meta, b'mod kollettiv, tkun fil-limitu korrispondenti jew oġġla minnu għal tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, anki jekk b'mod individwali t-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt il-limitu.

Kwalunkwe element miżjud ma' tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti għandu jiġi rrapportat bħala tranżazzjoni intragrupp separata, anki jekk l-element minnu nnifsu jaqa' taħt il-limitu sinifikanti. Pereżempju, jekk impriża żżid l-ammont tas-self inizjali lil impriża relatata oħra, iż-żieda fis-self għandha tiġi reġistrata bħala entrata separata bid-data tal-ħruġ tiegħu li tkun id-data taż-żieda.

Meta l-valur tat-tranżazzjoni jkun differenti għal żewġ partijiet fi tranżazzjoni (pereżempju tranżazzjoni ta' EUR 10 m bejn A u B fejn A jirreġistra EUR 10 m iżda B jirċievi biss EUR 9.5 m minħabba l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, li minnhom EUR 0,5 m tħallsu fi spejjeż) il-formola għandha tirreġistra l-ammont massimu bħala l-ammont tat-tranżazzjoni, f'dan il-każ EUR 10 m.

Tranżazzjonijiet indiretti għandhom jiġu ddefiniti bħala kwalunkwe tranżazzjoni li tittrasferixxi l-iskoperturi għar-riskju bejn entitajiet fi ħdan il-grupp, inklużi iżda mhux limitati għal tranżazzjonijiet b'veikolu bi skop speċjali, impriżi ta' investiment kollettiv, entitajiet anċillari jew entitajiet mhux regolati; jew entitajiet barra mill-grupp iżda fl-aħħar mill-aħħar l-iskopertura għar-riskju tinġieb lura jew tibqa' fi ħdan il-grupp. Meta jkun hemm katina ta' tranżazzjonijiet intragrupp relatati (eż. A tinvesti f'B u B tinvesti f'C), din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata bħala tranżazzjoni indiretta. Għalhekk għandha tiġi rrapportata tranżazzjoni minn A għal C u l-kummenti għandhom isemmu l-pass intermedjarju. Fil-każ ta' kaskata ta' tranżazzjonijiet, eż. jekk "A"-> "B" -> "C"-> "D", meta kemm "B" kif ukoll "C" it-tnejn ikunu fil-grupp iżda jkunu entitajiet mhux regolati, din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata wkoll.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0010	ID ta' tranżazzjoni intragrupp	Kodiċi ta' identifikazzjoni intern uniku għal kull tranżazzjoni intragrupp. Għandu jkun konsistenti matul iż-żmien.
C0020	Isem il-fornitur	L-isem tal-entità li qed tipprovdi l-garanzija li ma tidhirx fil-karta bilanċjali.
C0030	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-fornitur	<p>Il-kodiċi uniku ta' identifikazzjoni marbut mal-fornitur b'din l-ordni ta' prijorità jekk ikun hemm:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI); — Kodiċi speċifiku <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi mhux regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni se jkun ipprovdut mill-konglomerat finanzjarju. <p>Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux taż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri</p>
C0031	Tip ta' kodiċi tal-fornitur	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-fornitur". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 - LEI 2 - Kodiċi speċifiku
C0040	Settur finanzjarju tal-fornitur	<p>Jekk il-fornitur ikun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: "settur bankarju", "settur tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni" "settur tas-servizzi tal-investimenti".</p> <p>Jekk il-fornitur ma jkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8), indika: "impriża oħra tal-grupp".</p>
C0050	Isem il-benefiċjarju	L-isem tal-entità li tibbenefika mill-garanzija li ma tidhirx fil-karta bilanċjali.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0060	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-benefiċjarju	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku marbut mal-benefiċjarju skont din l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) obbligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku fil-każ ta' nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi mhux regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun ipprovdut mill-grupp. <p>Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux taż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri</p>
C0061	Tip ta' kodiċi tal-benefiċjarju	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-benefiċjarju". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 - LEI 2 - Kodiċi speċifiku
C0070	Settur finanzjarju tal-benefiċjarju	<p>Jekk il-benefiċjarju jkun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: "settur bankarju", "settur tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni" "settur tas-servizzi tal-investimenti".</p> <p>Jekk il-benefiċjarju ma jkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8), indika: "impriża oħra tal-grupp".</p>
C0080	Tranżazzjonijiet indiretti	<p>Jekk tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn tranżazzjoni indiretta (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-"ID tat-tranżazzjoni intragrupp" (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f'din iċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-tranżazzjonijiet intragrupp rapportata ma tkunx parti minn tranżazzjoni indiretta, indika Le.</p>
C0090	Operazzjoni ekonomika individwali	<p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn operazzjoni ekonomika individwali (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-"ID tat-tranżazzjoni intragrupp" (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f'din iċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha</p> <p>Jekk it-tranżazzjonijiet intragrupp rapportat ma jkunx parti minn operazzjoni ekonomika waħda, indika Le</p>

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0100	Tip ta' Tranżazzjoni	Identifika t-tip ta' tranżazzjoni. Għandha tintuża din il-lista magħluqa: 1 - garanziji 2 - impenn 3 - ittra ta' kreditu 4 - faċilitajiet ta' kreditu mhux prelevati 5 - assi mixtrija taħt ftehimiet ta' xiri forward diretti (munita jew oħrajn); 6 - ftehimiet ta' bejgħ u riakkwist ta' assi kif imsemmi fl-Artikolu 12(3) u (5) tad-Direttiva 86/635/KEE; 7 - Obligazzjonijiet kontinġenti 8 - oħrajn;
C0110	Data tal-ħruġ tat-tranżazzjoni	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data ta' meta t-tranżazzjoni/l-emissjoni tidħol fis-seħħ.
C0120	Data tal-iskadenza tal-ftehim/kuntratt sottostanti t-tranżazzjoni	Meta applikabbli, identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data ta' meta jintemm il-ftehim/kuntratt. Jekk id-data ta' skadenza tkun perpetwa, uża "9999-12-31".
C0130	Munita tat-tranżazzjoni	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita li biha seħħet it-tranżazzjoni. Jekk ikun hemm żewġ muniti involuti, jekk jogħġbok identifika hom it-tnejn li huma fiċ-ċellola Kummenti C0200
C0140	Event ta' Skattar	Fejn applikabbli, deskriżzjoni qasira tal-event li jiskatta t-tranżazzjoni/pagament/obligazzjoni/xejn pereż. event li jwassal biex isseħħ obligazzjoni kontinġenti.
C0150	Valur tat-tranżazzjoni fid-data tal-bidu	Valur tat-tranżazzjoni jew tal-kollateral mirhun. Din l-entrata trid tiġi rapportata fil-munita tar-rapportar tal-grupp.
C0160	Valur tat-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar	Valur tat-tranżazzjoni, il-kollateral mirhun. Din l-entrata għandha tiġi rapportata fil-munita tar-rapportar tal-grupp.
C0170	Valur massimu possibbli ta' obligazzjonijiet kontinġenti	Il-valur massimu possibbli, jekk ikun possibbli, irrispettivament mill-probabbiltà (jiġifieri flussi ta' flus fil-futur meħtieġa biex tiġi saldata l-obbligazzjoni kontinġenti tul il-ħajja ta' dik l-obbligazzjoni kontinġenti, imraħħsa bl-istruttura tat-terminu tar-rata tal-imġax mingħajr riskju relevanti) ta' obligazzjonijiet kontinġenti inklużi fil-karta bilanċjali tal-grupp. Is-somma tal-flussi ta' flus kollha possibbli li kieku l-eventi li jiskattaw il-garanziji kellhom iseħħu kollha fir-rigward tal-garanziji provduti mill-"fornitur" (ċellola C0020) lill-"benefiċjarju" (ċellola C0050) biex jiggarantixxu l-ħlas tal-obbligazzjonijiet dovuti mill-impriża (inklużi ittri ta' kreditu, faċilitajiet ta' teħid ta' self impenjati mhux prelevati). Din l-entrata ma għandhiex tinkludi ammonti diġà rapportata f'C0150 u C0160.

	ENTRATA	STRUZZJONIJIET
C0180	Valur tal-assi garantiti	Valur tal-assi garantiti li għalihom ġew riċevuti garanzji. F'dan il-każ jistgħu jkunu rilevanti prinċipji ta' valwazzjoni settorjali.
C0190	Dħul li jirriżulta mill-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali	Dħul assoċjat mal-provvedimenti tat-tranżazzjoni li ma tidhirx fil-karta bilanċjali
C0200	Kummenti	Il-kummenti għandu jkun fihom: — notifika jekk it-tranżazzjoni ma twettqitx fuq il-bażi tal-prinċipju ta' distakkament — kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar in-natura ekonomika tal-operazzjoni.

S.36.04 — TIG — Assigurazzjoni u Riassigurazzjoni

Kummenti ġenerali:

Din il-formola hija relatata mal-informazzjoni li l-gruppi huma mitluba jipprovdu ta' kull sena.

Din il-formola għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet intragrupp kollha (sinifikanti, sinifikanti ħafna u t-tranżazzjonijiet meħtieġa li jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha) bejn l-entitajiet fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp b'rabta mal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni interni fi ħdan il-grupp.

Dawn jinkludu, imma m'humiex limitati għal:

- Kuntratti tal-assigurazzjoni ta' entitajiet fl-ambitu tal-grupp ma' kumpaniji tal-assigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp
- trattati tar-riassigurazzjoni bejn impriżi relatati ta' grupp;
- riassigurazzjoni fakultattiva bejn impriżi relatati ta' grupp; u
- kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tirriżulta fit-trasferiment ta' riskji ta' sottoskrizzjoni (riskju tal-assigurazzjoni) bejn impriżi relatati ta' grupp.

Din il-formola għandha tinkludi tranżazzjonijiet intragrupp li kienu:

- fis-seħħ fil-bidu tal-perjodu ta' rapportar.
- inbdew waqt il-perjodu ta' rapportar u pendenti fid-data tar-rappurtar.
- inbdew u skadew/immaturaw matul il-perjodu ta' rapportar.

Meta żewġ tranżazzjonijiet jew aktar bejn entitajiet tal-grupp li, minn perspettiva ekonomika, jikkontribwixxu għall-istess riskju, jew, iservu l-istess skop/objettiv jew ikunu konnessi temporanjament fi pjan, għandhom jitqiesu bħala operazzjoni ekonomika waħda.

Għaldaqstant, kull tranżazzjoni li hija parti minn operazzjoni ekonomika waħda għandha tiġi rrapportata kull meta, b'mod kollettiv, tkun fil-limitu korrispondenti jew ogħla minnu għal tranżazzjonijiet intragrapp sinifikanti, anki jekk b'mod individwali t-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt il-limitu.

Kwalunkwe element miżjud ma' tranżazzjonijiet intragrapp sinifikanti għandu jiġi rrapportat bħala tranżazzjoni intragrapp separata, anki jekk l-element minnu nnifsu jaqa' taħt il-limitu sinifikanti. Pereżempju, jekk impriża żżid l-ammont tas-self inizjali lil impriża relatata oħra, iż-żieda fis-self għandha tiġi reġistrata bħala entrata separata bid-data tal-ħruġ tiegħu li tkun id-data taż-żieda.

Meta l-valur tat-tranżazzjoni jkun differenti għal żewġ partijiet fi tranżazzjoni (pereżempju tranżazzjoni ta' EUR 10 m bejn A u B fejn A jirreġistra EUR 10 m iżda B jirċievi biss EUR 9.5 m minħabba l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, li minnhom EUR 0,5 m tħallsu fi spejjeż) il-formula għandha tirreġistra l-ammont massimu bħala l-ammont tat-tranżazzjoni, f'dan il-każ EUR 10 m.

Tranżazzjonijiet indiretti għandhom jiġu ddefiniti bħala kwalunkwe tranżazzjoni li tittrasferixxi l-iskoperturi għar-riskju bejn entitajiet fi ħdan il-grupp, inklużi iżda mhux limitati għal tranżazzjonijiet b'veikolu bi skop speċjali, impriżi ta' investiment kollettiv, entitajiet anċillari jew entitajiet mhux regolati; jew entitajiet barra mill-grupp iżda fl-aħħar mill-aħħar l-iskopertura għar-riskju tinġieb lura jew tibqa' fi ħdan il-grupp. Meta jkun hemm katina ta' tranżazzjonijiet intragrapp relatati (eż. A tinvesti f'B u B tinvesti f'C), din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata bħala tranżazzjoni indiretta. Għalhekk għandha tiġi rrapportata tranżazzjoni minn A għal C u l-kummenti għandhom isemmu l-pass intermedjarju. Fil-każ ta' kaskata ta' tranżazzjonijiet, eż. jekk "A" -> "B" -> "C" -> "D", meta kemm "B" kif ukoll "C" it-tnejn ikunu fil-grupp iżda jkunu entitajiet mhux regolati, din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata wkoll.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0010	ID ta' tranżazzjoni intragrapp	Kodiċi ta' identifikazzjoni intern uniku għal kull tranżazzjoni intragrapp. Għandu jkun konsistenti matul iż-żmien.
C0020	Isem il-parti assicurata/ċedenti	Isem legali tal-entità li tkun trasferiet ir-riskju ta' sottoskrizzjoni għand assicuratur jew riassicuratur ieħor fil-grupp.
C0030	Kodiċi ta' identifikazzjoni għall-parti assicurata/ċedenti	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku marbut mal-investitur/xerrej/ċessionarju skont din l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) obbligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku fil-każ ta' nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassicurazzjoni fl-ambitu tal-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi mhux regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun ipprovdut mill-grupp. <p>Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux taż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri</p>

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0031	Tip ta' kodiċi għall-parti assigurata/ċedent	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni għall-investitur/mutwanti". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 – LEI</p> <p>2 - Kodiċi speċifiku</p>
C0040	Settur tal-parti assigurata/ċedent	<p>Jekk il-parti assigurata/ċedent ikun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: "settur bankarju", "settur tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni" "settur tas-servizzi tal-investimenti".</p> <p>Jekk il-parti assigurata/ċedent ma jkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8), indika: "impriża oħra tal-grupp".</p>
C0050	Isem l-assiguratur/riassiguratur	Isem ġuridiku tal-assiguratur jew tar-riassiguratur għand min ikun ġie ttrasferit ir-riskju ta' sottoskrizzjoni.
C0060	Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-assiguratur/riassiguratur	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku marbut mal-investitur/xerrej/ċessionarju skont din l-ordni ta' prijetà:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) obligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku fil-każ ta' nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi mhux regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun ipprovdut mill-grupp. <p>Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux taż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri.</p>
C0061	Tip ta' kodiċi tal-assiguratur/riassiguratur	<p>Tip ta' Kodiċi tal-ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tal-assiguratur/riassiguratur". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <p>1 – LEI</p> <p>2 - Kodiċi speċifiku</p>
C0070	Settur tal-assiguratur/riassiguratur	<p>Is-settur finanzjarju tal-fornitur skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, jiġifieri s-"settur tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni".</p> <p>Din il-kolonna nżammet allinjata mal-formoli użati fil-livell ta' konglomerati finanzjarji.</p>

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0080	Tranżazzjonijiet indiretti	<p>Jekk tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn tranżazzjoni indiretta (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-“ID tat-tranżazzjoni intragrupp” (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f'din iċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-tranżazzjonijiet intragrupp rapportata ma tkunx parti minn tranżazzjoni indiretta, indika Le.</p>
C0090	Operazzjoni ekonomika individwali	<p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn operazzjoni ekonomika individwali (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-“ID tat-tranżazzjoni intragrupp” (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f'din iċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-tranżazzjonijiet intragrupp rapportat ma jkunx parti minn operazzjoni ekonomika waħda, indika Le</p>
C0100	Tip ta' tranżazzjoni	<p>Identifika t-tip ta' kuntratt/trattat. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - assigurazzjoni 2 - riassigurazzjoni
C0110	Tranżazzjoni	<p>Jekk C0100 = riassigurazzjoni, imbagħad identifika t-tip ta' kuntratt/trattat ta' riassigurazzjoni. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - sehem tal-kwota 2 - sehem tal-kwota varjabbli 3 - surplus 4 - eċċess ta' telf (għal kull event u għal kull riskju) 5 - eċċess ta' telf (għal kull riskju) 6 - eċċess ta' telf (għal kull event) 7 - riżerva tal-eċċess ta' telf (protezzjoni kontra eventi ta' segwitu li ċerti katastrofi jistgħu jikkawżaw bħal għargħar jew nirien) 8 - eċċess ta' telf b'riskju ta' bażi 9 - kopertura ta' rikostituzzjoni 10 - eċċess ta' telf aggregat 11 - eċċess ta' telf bla limitu 12 - waqfien ta' telf 13 - trattati proporzjonali oħra

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
		<p>14 - trattati mhux proporzjonali oħra</p> <p>15 – Riassigurazzjoni finanzjarja</p> <p>16 - Fakultattivi proporzjonali</p> <p>17 - Fakultattivi mhux proporzjonali</p> <p>Trattati proporzjonali oħra (kodiċi 13) u Trattati mhux proporzjonali oħra (kodiċi 14) jistgħu jintużaw għal tipi ibridi ta' trattati ta' riassigurazzjoni.</p>
C0120	Data tal-bidu	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-bidu tal-kuntratt/trattat speċifiku tar-riassigurazzjoni.
C0130	Data ta' skadenza	Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data ta' skadenza tal-kuntratt/trattat speċifiku ta' riassigurazzjoni (jiġifieri l-aħħar data li fiha jkun fis-seħħ il-kuntratt/trattat speċifiku ta' riassigurazzjoni). Din l-entrata ma tiġix rapportata jekk ma jkunx hemm data ta' skadenza (pereżempju, il-kuntratt ikun kontinwu u jintemm permezz ta' notifika minn waħda mill-partijiet).
C0140	Munita tat-tranżazzjoni	Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-pagamenti għall-kuntratt/trattat speċifiku tar-riassigurazzjoni.
C0150	Kopertura massima skont it-tranżazzjoni	<p>Għal trattat ta' sehem ta' kwota jew surplus, hawn jiġi dikjarat 100 % tal-ammont massimu li għie stabbilit għal kuntratt/trattat kollu (eż. EUR 10miljun). F'każ ta' kopertura mingħajr limitu, hawn irid jintjela b"“-1".</p> <p>Din l-entrata trid tiġi rapportata fil-munita tat-tranżazzjoni.</p>
C0160	Riċevibbli netti	<p>L-ammont li jirriżulta minn: pretensjonijiet imħallsa mill-assiguratur (jew mir-riassiguratur) iżda li għadhom ma għewx rimborżati mill-assiguratur (jew mir-riassiguratur) + il-kummissjonijiet li jridu jitħallsu mill-assiguratur (jew mir-riassiguratur) + riċevibbli oħra bit-tnaqqis tad-djun mal-assiguratur (jew mar-riassiguratur). Depożiti ta' flus huma esklużi u għandhom jitqiesu bħala garanziji riċevuti.</p> <p>Din l-entrata trid tiġi rapportata fil-munita tal-grupp.</p>
C0170	Total tar-riassigurazzjoni tar-riassigurazzjoni	<p>L-ammont totali dovut mir-riassiguratur fid-data tar-rapportar li jinkludi:</p> <p>Provvediment għall-primjums għal parti mill-primjum tar-riassigurazzjoni futura li diġà tħallset lir-riassiguratur;</p> <p>Provvediment għal pretensjonijiet pendenti għall-assiguratur li jridu jitħallsu mir-riassiguratur; u/jew</p> <p>Provvedimenti tekniċi għall-ammont li jirrifletti s-sehem tar-riassiguratur fil-provvedimenti tekniċi gross. Din l-entrata trid tiġi rapportata fil-munita tar-rapportar tal-grupp.</p>

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0180	Riżultat tekniku tar-riassigurazzjoni (għar-riassigurazzjoni)	<p>Riżultat tar-riassigurazzjoni (għal entità riassigurata):</p> <p>Il-kummissjonijiet totali tar-riassigurazzjoni riċevuti mill-entità riassigurata li minnhom jitnaqqsu l-Primjums gross tar-riassigurazzjoni mħallsa mill-entità riassigurata flimkien mal-Pretensjonijiet imħallsa mir-riassiguratur matul il-perjodu tar-rapportar miżjuda bit-</p> <p>Total tar-riassigurazzjoni fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar inqas rekuperabbli tar-riassigurazzjoni totali fil-bidu tal-perjodu tar-rapportar</p> <p>Din l-entrata trid tiġi rapportata fil-munita tar-rapportar tal-grupp.</p>
C0190	Primjums (għall-assigurazzjoni)	<p>L-ammont totali tal-primjums grossi sottoskritti kif definit fl-Artikolu 1(11) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.</p> <p>Għal annwalitajiet li jirriżultaw minn mhux tal-ħajja, din iċ-ċellola ma hijiex applikabbli.</p>
C0200	Pretensjonijiet (għall-assigurazzjoni)	<p>Ammont totali ta' pretensjonijiet grossi mħallsa matul is-sena, inklużi spejjeż tal-ġestjoni tal-pretensjonijiet</p>
C0210	Linja operatorja	<p>Identifika l-linja operatorja, kif definita fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35, li qiegħda tiġi riassigurata.</p> <p>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi 2 — Assigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu 3 — Assigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema 4 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur 5 — Assigurazzjoni ta' vetturi oħra 6 — Assigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport 7 — Assigurazzjoni kontra nirien u ħsarat oħra fuq proprjetà 8 — Assigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali 9 — Assigurazzjoni tal-kreditu u l-garanzija 10 — Assigurazzjoni tal-ispejjeż legali 11 — Assistenza 12 — Telf finanzjarju mixxellanju 13 — Riassigurazzjoni tal-ispejjeż mediċi proporzjonali 14 — Riassigurazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu proporzjonali 15 — Riassigurazzjoni tal-kumpens tal-ħaddiema proporzjonali

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
		<p>16 — Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi bil-mutur proporzjonali</p> <p>17 — Riassigurazzjoni ta' magni oħra proporzjonali</p> <p>18 — Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport proporzjonali</p> <p>19 — Riassigurazzjoni kontra nirien u ħsarat oħra lil proprjetà proporzjonali</p> <p>20 — Riassigurazzjoni tar-responsabbiltà ġenerali proporzjonali</p> <p>21 — Riassigurazzjoni tal-kreditu u l-garanzija proporzjonali</p> <p>22 — Riassigurazzjoni tal-ispejjeż legali proporzjonali</p> <p>23 — Riassigurazzjoni tal-assistenza proporzjonali</p> <p>24 — Riassigurazzjoni tat-telf finazjarju mixxellanju proporzjonali</p> <p>25 — Riassigurazzjoni tas-saħħa mhux proporzjonali</p> <p>26 — Riassigurazzjoni tal-emerġenza mhux proporzjonali</p> <p>27 — Riassigurazzjoni marittima, tal-avjazzjoni u tat-trasport mhux proporzjonali</p> <p>28 — Riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali</p> <p>29 — Assigurazzjoni b'kondivizzjoni tal-profitti</p> <p>30 — Assigurazzjoni marbuta ma' indiċi u marbuta ma' unitajiet</p> <p>31 — Assigurazzjoni tal-ħajja oħra</p> <p>32 — Annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u li jirrelataw ma' obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>33 — Annwalitajiet li jirriżultaw minn kuntratti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja u li jirrelataw ma' obbligi tal-assigurazzjoni li ma humiex obbligi tal-assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>34 — Riassigurazzjoni tal-ħajja</p> <p>35 — Assigurazzjoni tas-saħħa</p> <p>36 — Riassigurazzjoni tas-saħħa Jekk arranġament ta' riassigurazzjoni jkopri aktar minn linja operatorja waħda, allura agħżel l-aktar linja operatorja sinifikanti mil-lista ta' hawn fuq.</p>
C0220	Kummenti	<p>Il-kummenti għandu jkun fihom:</p> <ul style="list-style-type: none"> — notifika jekk it-tranżazzjoni ma twettqitx fuq il-bażi tal-prinċipju ta' distakkament — kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar in-natura ekonomika tal-operazzjoni

S.36.05 — TIG — P&L

Kummenti ġenerali:

Dan l-Anness huwa relatat mal-informazzjoni li l-gruppi huma mitluba jipprovdu ta' kull sena.

Din il-formola għandha tirrapporta l-P&L assoċjati mat-tranżazzjonijiet intragrupp kollha (sinifikanti, sinifikanti ħafna u t-tranżazzjonijiet meħtieġa li jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha) bejn entitajiet fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp jew tat-tranżazzjoni P&L meqjusa bħala tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti jew sinifikanti ħafna jew tranżazzjonijiet meħtieġa li jiġu rrapportati fiċ-ċirkostanzi kollha. Dawn jinkludu, imma m'humiex limitati għal:

- Tariffi;
- Kummissjonijiet;
- Imgħaxijiet;
- Dividendi;
- Kostijiet jew dħul minn esternalizzazzjoni intragrupp, kondiviżjoni interna tal-kostijiet jew ftehimiet ta' kiri.

Għandhom jiġu rrapportati l-esternalizzazzjoni intragrupp jew il-kondiviżjoni interna tal-kostijiet li jwasslu għal tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti.

Għalkemm l-imgħax, id-dividendi huma rrapportati f'S.36.01, S.36.02, iridu jiġu rrapportati wkoll f'S.36.05 P&L.

Din il-formola għandha tinkludi tranżazzjonijiet intragrupp li kienu:

- fis-seħħ fil-bidu tal-perjodu ta' rrapportar.
- inbdew waqt il-perjodu ta' rrapportar u pendenti fid-data tar-rappurtar.
- inbdew u skadew/immaturow matul il-perjodu ta' rrapportar.

Meta żewġ tranżazzjonijiet jew aktar bejn entitajiet tal-grupp li, minn perspettiva ekonomika, jikkontribwixxu għall-istess riskju, jew, iservu l-istess skop/objettiv jew ikunu konnessi temporanjament fi pjan, għandhom jitqiesu bħala operazzjoni ekonomika waħda.

Għaldaqstant, kull tranżazzjoni li hija parti minn operazzjoni ekonomika waħda għandha tiġi rrapportata kull meta, b'mod kollettiv, tkun fil-limitu korrispondenti jew ogħla minnu għal tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti, anki jekk b'mod individwali t-tranżazzjonijiet jaqgħu taħt il-limitu.

Kwalunkwe element miżjud ma' tranżazzjonijiet intragrupp sinifikanti għandu jiġi rrapportat bħala tranżazzjoni intragrupp separata, anki jekk l-element minnu nnifsu jaqa' taħt il-limitu sinifikanti. Pereżempju, jekk impriża żżid l-ammont tas-self inizjali lil impriża relatata oħra, iż-żieda fis-self għandha tiġi reġistrata bħala entrata separata bid-data tal-ħruġ tiegħu li tkun id-data taż-żieda.

Meta l-valur tat-tranżazzjoni jkun differenti għal żewġ partijiet fi tranżazzjoni (pereżempju tranżazzjoni ta' EUR 10 m bejn A u B fejn A jirreġistra EUR 10 m iżda B jirċievi biss EUR 9.5 m minħabba l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, li minnhom EUR 0,5 m tħallsu fi spejjeż) il-formola għandha tirreġistra l-ammont massimu bħala l-ammont tat-tranżazzjoni, f'dan il-każ EUR 10 m.

Tranżazzjonijiet indiretti għandhom jiġu ddefiniti bħala kwalunkwe tranżazzjoni li tittrasferixxi l-iskoperturi għar-riskju bejn entitajiet fi ħdan il-grupp, inklużi iżda mhux limitati għal tranżazzjonijiet b'veikolu bi skop speċjali, impriżi ta' investiment kollettiv, entitajiet anċillari jew entitajiet mhux regolati; jew entitajiet barra mill-grupp iżda fl-aħħar mill-aħħar l-iskopertura għar-riskju tinġieb lura jew tibqa' fi ħdan il-grupp. Meta jkun hemm katina ta' tranżazzjonijiet intragrupp relatati (eż. A tinvesti f'B u B tinvesti f'C), din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata bħala tranżazzjoni indiretta. Għalhekk għandha tiġi rrapportata tranżazzjoni minn A għal C u l-kummenti għandhom isemmu l-pass intermedjarju. Fil-każ ta' kaskata ta' tranżazzjonijiet, eż. jekk "A"-> "B" -> "C"-> "D", meta kemm "B" kif ukoll "C" it-tnejn ikunu fil-grupp iżda jkunu entitajiet mhux regolati, din it-tranżazzjoni għandha tiġi rrapportata wkoll.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0010	ID ta' tranżazzjoni intragrupp	Kodiċi ta' identifikazzjoni intern uniku għal kull tranżazzjoni intragrupp. Għandu jkun konsistenti matul iż-żmien. Fil-każ relatat mat-tranżazzjonijiet diġà msemmija, uża l-istess ID.
C0020	Isem tan-naħa tad-dħul	L-isem ġuridiku tal-entità li rċeviet id-dħul minn entità oħra fi ħdan il-grupp.
C0030	Kodiċi ta' identifikazzjoni għan-naħa tad-dħul	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku marbut mal-entità li rċeviet id-dħul skont din l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) obligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku fil-każ ta' nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi mhux regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun ipprovdut mill-grupp. <p>Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux taż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri</p>
C0031	Tip ta' kodiċi għan-naħa tad-dħul	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni għan-naħa tad-dħul". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 - LEI 2 - Kodiċi speċifiku
C0040	Settur tan-naħa tad-dħul	<p>Jekk l-entità li rċeviet id-dħul mingħand entità oħra fi ħdan il-grupp tkun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: "settur bankarju", "settur tal-assigurazzjoni/riassigurazzjoni" "settur tas-servizzi tal-investimenti".</p> <p>Jekk l-entità li rċeviet id-dħul mingħand entità oħra fi ħdan il-grupp ma tkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8), indika: "impriża oħra tal-grupp".</p>
C0050	Isem tan-naħa tal-ispejjeż	L-isem ġuridiku tal-entità li pprovdiet id-dħul lil entità oħra fi ħdan il-grupp.

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0060	Kodiċi ta' identifikazzjoni għan-naħa tal-ispejjeż	<p>Il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku marbut mal-entità li pprovdiet id-dħul skont din l-ordni ta' prijorità:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) obligatorju jekk jeżisti; — Kodiċi speċifiku fil-każ ta' nuqqas ta' kodiċi LEI. <p>Kodiċi speċifiku:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Għal impriżi regolati taż-ŻEE għajr impriżi tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fl-ambitu tal-grupp: il-kodiċi ta' identifikazzjoni użat fis-suq lokali, mogħti mill-awtorità superviżorja kompetenti tal-impriża; — Għal impriżi mhux taż-ŻEE u impriżi mhux regolati fi ħdan il-grupp, il-kodiċi ta' identifikazzjoni għandu jkun ipprovdut mill-grupp. <p>Meta jkun qiegħed jalloka kodiċi ta' identifikazzjoni lil kull impriża mhux taż-ŻEE jew mhux regolata, il-grupp għandu jikkonforma mal-format li ġej b'mod konsistenti: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-impriża prinċipali + il-kodiċi ISO 3166-1 alpha-2 tal-pajjiż tal-impriża + 5 ċifri.</p>
C0061	Tip ta' kodiċi għan-naħa tal-ispejjeż	<p>Tip ta' Kodiċi ta' ID użat għall-entrata "Kodiċi ta' identifikazzjoni tan-naħa tal-ispejjeż". Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa:</p> <ul style="list-style-type: none"> 1 – LEI 2 - Kodiċi speċifiku
C0070	Settur tan-naħa tal-ispejjeż	<p>Jekk l-entità li pprovdiet id-dħul lil entità oħra fi ħdan il-grupp tkun parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2002/87/KE, indika: "settur bankarju", "settur tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni" "settur tas-servizzi tal-investimenti".</p> <p>Jekk l-entità li pprovdiet id-dħul lil entità oħra fi ħdan il-grupp ma tkunx parti mis-settur finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(8), indika: "impriża oħra tal-grupp".</p>
C0080	Tranżazzjonijiet indiretti	<p>Jekk tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn tranżazzjoni indiretta (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-"ID tat-tranżazzjoni intragrupp" (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f'din iċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha. Jekk it-tranżazzjoni intragrupp rapportata ma tkunx parti minn tranżazzjoni indiretta, indika LE.</p>
C0090	Operazzjoni ekonomika individwali	<p>Jekk it-tranżazzjoni intragrupp rapportata tkun parti minn operazzjoni ekonomika individwali (ara l-Kummenti ġenerali aktar 'il fuq), irrapporta l-"ID tat-tranżazzjoni intragrupp" (C0010) tat-tranżazzjoni relatata f'din iċ-ċellola. Jekk ikunu relatati aktar minn żewġ tranżazzjonijiet, il-kodiċi ta' ID tal-ewwel tranżazzjoni relatata jeħtieġ li jiġi rrapportat bħala referenza biex jiġu marbuta t-tranżazzjonijiet interkonnessi kollha.</p> <p>Jekk it-tranżazzjonijiet intragrupp rapportat ma jkunx parti minn operazzjoni ekonomika waħda, indika LE</p>

ENTRATA		STRUZZJONIJIET
C0100	Tip ta' tranżazzjoni	<p>Identifika t-tip tat-tranżazzjoni tal-P&L. Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Tariffi; 2 - Kummissjoni; 3 - Imgħax; 4 - Dividendi; 5. Spejjeż jew dħul 6 – Oħrajn
C0110	Tranżazzjoni	<p>Meta applikabbli, l-istrument li miegħu huma marbuta d-dħul jew l-ispejjeż.</p> <p>Għandha tintuża din il-lista magħluqa:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1 - Bonds/Dejn; 2 - Tip ta' ekwità; 3 - Trasferiment ta' assi oħrajn 4 - Derivattiv; 5 - Entrati barra l-karta bilanċjali; 6 ETERNALIZZAZZJONI intragrupp, kondivizzjoni interna tal-kostijiet jew ftehim ta' kiri 7- Oħrajn
C0120	Munita tat-tranżazzjoni	<p>Identifika l-kodiċi alfabetiku ISO 4217 tal-munita tal-pagamenti għat-tranżazzjoni tal-P&L speċifika.</p>
C0130	Data tat-tranżazzjoni	<p>Identifika l-kodiċi ISO 8601 (ssss-xx-jj) tad-data tal-bidu tat-tranżazzjoni tal-P&L.</p>
C0140	Ammont	<p>Ammont tat-tranżazzjoni jew prezz kif fil-ftehim/kuntratt, irrapportat fil-munita tar-rapportar tal-grupp.</p>
C0150	Kummenti	<p>Il-kummenti għandu jkun fihom:</p> <ul style="list-style-type: none"> — notifika jekk it-tranżazzjoni ma twettqitx fuq il-bażi tal-prinċipju ta' distakkament — kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar in-natura ekonomika tal-operazzjoni

S.37.01 — Konċentrazzjoni tar-riskju – Skopertura għall-Kontropartijiet

Kummenti ġenerali:

Din it-taqsimha hija relatata mas-sottomissjoni tal-anqas darba fis-sena ta' informazzjoni għall-gruppi.

Din il-formola għandha tinkludi l-konċentrazzjonijiet tar-riskju sinifikanti kollha bejn entitajiet fl-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp u partijiet terzi li jistgħu jżidu mal-iskoperturi tar-riskju msemmija fil-formola, irrispettivament mill-għażla tal-metodu ta' kalkolu jew jekk intużawx regoli ta' solvenza settorjali għall-finijiet tal-kalkolu tas-solvenza tal-grupp.

L-għan huwa li jiġu elenkati l-iskoperturi sinifikanti (il-valur tal-iskoperturi f'kull tip ta' strument elenkat fil-formola) minn kontroparti waħda barra mill-ambitu tal-grupp. Jekk tkun involuta aktar minn entità waħda tal-grupp, tkun neċessarja linja separata għal kull entità.

Tista' tintfiehmed bħala l-ogħla skopertura possibbli fuq bażi kuntrattwali u mhux neċessarjament tkun riflessa fil-karta bilanċjali, kemm fuq bażi gross kif ukoll fuq bażi netta filwaqt li jittieħed kont ta' kwalunkwe strument jew teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju. Il-limiti jiġu stabbiliti mis-superviżur tal-grupp wara li jikkonsulta mal-grupp innifsu u mal-kulleġġ.

Id-data għandha tiġi rrapportata mill-entità ġuridika.

Entrata		STRUZZJONIJIET
C0010	Isem il-kontroparti esterna	Dan huwa l-isem tal-kontroparti esterna tal-grupp.
